# Festa titulari ta'

# SANTA MARIJA

## L-Imqabba 2016






(+356) 9999 0470 www.atcs.com.mt info@atcs.com.mt





*Editorjal*

# Soċjetà ħabrieka b'għeruq sodi: Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V

**Remenda Borg Grech, f'isem il-Bord Editorjali, tintroduċi d-diversi artikli li jinstabu f'din il-pubblikazzjoni filwaqt li tagħti ħarsa wkoll lejn uħud mill-anniversarji mfakkra matul din is-sena.**

Ta' kull sena l-Kumitat Eżekuttiv fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, flimkien mal-bosta partitarji u attivisti li flimkien jagħmlu parti mill-kummissjonijiet u għaqdiet fi ħdan l-istess soċjetà, jaħdmu id f'id sena sħiħa bl-għan ewlieni jkun li ssir festa kif xieraq għal Ommna Marija, l-Omm tagħna fis-sema. U hekk kif tgħaddi l-festa nkunu nistgħu nħarsu lura bi kburija li rnexxielna nilħqu livell dejjem iktar għoli ta' festa, ċċelebrajna u kabbarna mhux biss isem is-soċjetà iżda fl-aħħar mill-aħħar isem raħalna u pajjiżna f'dak kollu li nagħmlu.

U hekk kif tgħaddi l-festa nkunu nistgħu nħarsu lura bi kburija li rnexxielna nilħqu livell dejjem iktar għoli ta' festa, ċċelebrajna u kabbarna mhux biss isem is-soċjetà iżda fl-aħħar mill-aħħar isem raħalna u pajjiżna f'dak kollu li nagħmlu

Hekk kif tidħol il-vara Titulari ta' Santa Marija, Patruna tal-Imqabbin li ilha ssebbaħ raħalna għal dawn l-aħħar 180 sena, jinħaraq in-nar li jimpressjona lil kull min iżurna, jieqaf l-eku tal-marċi brijużi li jferrħu t-toroq Mqabbin permezz tal-bandisti abbli u żgħażagħ kapaċi, jidħol l-armar li jpaxxi l-għajn tad-dilettanti numerużi, tħares ħarsa madwarek u bla ma trid issaqsi, x'fadal li jista' jfakkarna fil-mumenti tant għeżież li għexna flimkien? Ir-ritratti, vidjos u l-użu tas-siti soċjali kollha jservu biex ifakkru dak li sar, pero zgur li taqblu miegħi li element importanti fil-preservazzjoni tal-festa ta' kull sena huwa proprju din il-pubblikazzjoni li għandkom f'idejkom u li jsir xogħol intensiv sabiex tkun pubblikazzjoni ta' wirt storiku, dokumentazzjoni ta' ġrajjiet l-Imqabbin u ġrajjet is-Soċjetà għażiża għalina.

Dawn il-programmi huma sors ta' informazzjoni dwar dak kollu relatat mal-festi Maltin u jservu ta' referenza għal diversi dilettanti, kollezzjonisti, arkivisti u storiċi. Huma programmi li ta' kull sena jiġu depożitati fil-libreriji pubbliċi u issa wkoll permezz tal-mezzi soċjali u huma disponibbli għall-pubbliku ġenerali.

Bħal snin preċedenti, ma jistax jonqos li f'din il-pubblikkazzjoni nagħtu ħarsa lejn id-diversi anniversarji li s-soċjetà dinamika tagħna qed tiċċelebra. Kienu bosta s-suċċessi li nkisbu matul iż-żminijiet u għalhekk huwa d-dover tagħna lejn dawk li ġew qabilna u lejn il-ġenerazzjoni ġdida li nfakkru l-kisbiet li ġabu missirijietna, diversi drabi fis-skiet u bl-għaraq ta' ġbinhom. L-anniversarju ewlieni li nfakkru din is-sena huwa bla dubju l-180 sena mill-miġja tal-istatwa Titulari ta' Santa Marija, mnaqqxa fl-injam mill-iskultur Alessandro Farrugia fl-1836 fuq kuntratt tal-parroċċa Mqabbija u mogħnija b'pedestall tal-fidda fl-1928 miġbur mill-Imqabbin. Statwa sabiħa u artistika li xbieha tagħha tgħinha niftakru f'Ommna Marija li tant hija devota mhux biss fl-Imqabba iżda wkoll f'pajjiżna. Din is-sena qed nfakkru wkoll il-50 u 30 sena mir-restawr tal-istatwa titulari fl-1966 u fl-1986 kif ukoll l-għeluq tal-40 sena tal-irfiegħ tal-istatwa titulari mill-fratelli tas-Sagrament.

Permezz ta' din il-pubblikazzjoni, ma nistgħux nonqsu milli nsemmu anniversarju ieħor ta' importanza għas-soċjetà, dak tal-għaxar snin mir-rebħ tal-Ewwel Kampjonat Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar, kampjonat li kien, nistgħu ngħidu, l-bidu minn sensiela ta' unuri li l-Għaqda tan-nar ġabet lejn is-soċjetà tagħna u li poġġiena fuq quddiem f'dak li għandu x'jaqsam il-qasam pirotekniku.

Dan fost ħafna oħrajn huwa togħma żgħira ta' dak li ħejjejna għalikom din is-sena. Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lill-artikolisti li flimkien għenu sabiex għal darba oħra jkollna pubblikazzjoni ta' livell għoli. Nirringrazzja wkoll lil sħabi tal-Bord Editorjali għall-ko-operazzjoni li sibt mingħandhom kif ukoll lill-Kumitat Eżekuttiv li dejjem sibna kollaborazzjoni kbira u fiduċja sħiħa mingħandhom. Nirringrazzja lil dawk kollha li jirriklamaw magħna u wkoll lill-Bestprint li ta' kull sena jgħati għajnuna kbira għad-disinn tal-programm. Grazzi mill-qalb lil dawk kollha li b'mod jew ieħor jagħtu l-għajnuna tagħhom sabiex dejjem nilħqu l-livell mixtieq.

Nawgura l-festa tajba lil kulħadd.



# Werrej


Editorjal ... 2
Il-Messaġġ tal-President ... 7
Messaġġ tas-Sindku ... 9
Il-Messaġġ tal-Kappillan ... 13
Jikteb is-Segretarju ... 15
Appell mill-kaxxier ... 19
Messaġġ mid-Direttur tal-Każin ... 21
Messaġġ mid-Direttur Spiritwali ... 25
Kelmtejn mis-Sotto Kumitat tan-Nisa 2016 ... 29
Messaġġ mis-Surmast Direttur ... 33
Irridu nkomplu nsaħħu l-iskola tal-mużika ... 41
Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V ... 43
Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ ... 49
Messaġġ mill-Għaqda tal-Armar ... 57
Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar ... 65
Mill-imħażen tan-Nar tal-art ... 72
Leħen il-Fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes ... 76
Ħidmet il-Kummisjoni Web ... 81
Messaġġ mill-Klabb Tfal tat-Titular ... 85
Messaġġ mill-Grupp "Go Reds" ... 89
Mill-Paġna Sportiva ... 93
L-Għaxar Anniversarju ta' 'La Semana Santa' fl-Imqabba ... 97
'Qalb żagħżugħa, festi inklussivi' ... 103
Attivisti tas-Sena 2014/15 ... 105
Mill-istorja tas-Soċjetà: L-Anniversarji mfakkra fl-2016 ... 109
Is-Soċjetà Santa Marija... ir-Reġina...ic-CHOGM f'Malta ... 113
L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba ... 117
Tliet anniversarji marbutin mal-vara titulari ta' Santa Marija ... 122
L-għaxar edizzjoni tal-wirja La Semana Santa – Espana ... 145
Tislima Nardu: Pilastru ewlieni fi ħdan is-Soċjetà ... 153
Tislima Is-Surmast George Martin A. (Mus.) L.C.M., S.M.O.S.J. ... 157
Anniversarju: Il-Ġublew tal-Fidda ... 167
Tislima "Joyful Memories" - It-tgħannieqa li ma ninsa qatt ... 169
Tislima: Is-Soċjetà Santa Marija ssellem lil żewġ partitarji: George Psaila u Gianni Galea ... 175
Anniversarju 10 snin mill-ewwel edizzjoni tal-Presepju Ħaj... ... 177
Gradwati ġodda ... 181
Ir-Re George V - 105 snin mill-Inkurunazzjoni ... 183
Awguri ... 186
Anniversarju: 10 snin tal-pubblikazzjoni 'It-Titular'... ... 189
Storja tal-Parroċċa: 120 sena ilu fl-Imqabba: iżżanżnu l-evanġelisti ta' Filippo Venuti fil-pennakki tal-koppla ... 191
Il-Warda tal-Madonna ... 198
50 sena mill-estensjoni tar-runway 24 – 06 ... 199
L-Esperjenza tal-barranin f'raħalna: Bedford Town Band ... 203
Tifkira tal-imigranti li ħallew raħalna matul iż-żminijiet ... 205
In-numri ta' Santa Marija ... 209
Lil Santa Marija, l-Omm tal-Parir it-Tajjeb ... 211
Mill-Istorja tas-Soċjetà: Giovanni Zammit - Membru Ewlieni taċ-Circolo Giorgio V ... 213
Meludia ... 218
Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda għas-sena 2016 ... 220
Tislima: Giovanni Ghigo 1980 - 1993 ... 221
L-Esperjenza tal-barranin f'raħalna ... 225
Nhar l-Għid tal-Assunta ... 227
Sena Attivitajiet 2015/2016 ... 228
Mill-istorja tal-parroċċa ... 231
Knejjes u Festi ta' Santa Marija: Il-knisja u l-festa tal-Assunta f'Ħal Xluq ... 233
Tagħrif: Studju Soċjolingwistiku fuq ir-Reġistru tal-Piroteknika Maltija ... 236
Esperjenza fil-Vatikan ... 238
Anniversarju: Għoxrin sena www.santamarija.com ... 241
Tislima: Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca 1928 – 2016 ... 243
Il-Festa ... 244
Jien Imqabbi ... 246
Il-Gidma li Fejqitni ... 248
Talent Imqabbi ... 249
Carl Matthew Camilleri ... 249
Il-qaddisin tal-bandalora ... 252
Il-Ħmistax t'Awwissu ... 253
Fidi: L-"Ave Marijiet" lill-Madonna ... 254
Lil Marija Assunta, ... 255
Reliġjon: Il-qalb Marjana ta' San Ġwann Marija Vianney ... 256
L-Istejjer tal-Passat ... 259
Xogħlijiet li saru fil-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba wara t-Tieni Gwerra Dinjija ... 260
Rendikont tal-Festa ta' Santa Marija 2015 ... 262
Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni ... 263



**Bord Editorjali**
BORG GRECH Remenda
GHIGO Patrick
MERCIECA Jeremy
ZAMMIT Mario

**Qari tal-Provi**
BORG GRECH Remenda
MERCIECA Jeremy

**Riklami**
BRIFFA Carmel
GHIGO Patrick

**Fotografija**
Arkivji tas-Soċjetà
BORG Massimo
CAMILLERI Ian
CAMILLERI Mario
DEGIORGIO Melvin
FALZON Alex
FARRUGIA Kan. Dr. Dun Jonathan
GALEA Maria
GALEA Emanuela
GAUCI Andrew
GHIGO Matthew
GHIGO Joe
MIFSUD Gabriella
MIFSUD Jonathan
SCHEMBRI BALDACCHINO Chris
TABONE Silvana
VELLA GREGORY Simon
VISSER Dennis
TONNA Johann
ZAMMIT Mario
Kummissjoni Web
Uffiċju tal-President
Department of Information
Aiden Paul





**Ritratt tal-Faċċata**
Bust tal-istatwa artistika u devota ta' Santa Marija f'għeluq il-180 sena mill-miġja tagħha fl-Imqabba

*Il-kontenut f'din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirriflettil l-fehma tal-Bord Editorjali jew tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.*

*L-Artikolisti kollha huma responsabbli għal kitbiethom.*


© Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V – Mqabba, Malta Est. 1910

L-ebda parti minn dan il-ktieb ma tista' tiġi kkupjata mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.



**Issettjat u Stampat**
BEST Print CO. LTD
**Żurrieq Road, Qrendi**
**Tel: 21 680789, 21 649012**
**E-mail: bestprint@go.net.mt**

# TAR-ROBBA Recycling Centre LIMITED

**Tar-Robba** l/o Kirkop KKP 9090, Malta
Tel: 2168 3558, 2168 5332    Fax: 2164 2834
John Ghigo : 9949 3311
Jurtin Ghigo : 9945 7162
E-mail: johnghig@maltanet.net
Web: www.tarrobbarecycling.com







*For all types of original, second hand and imitation autoparts with the best prices found locally!!!*



# TAR-ROBBA ta' pataw LIMITED







- Ġarr tal-Konkos
- Blokki tal-Franka
- Blokki tas-Sejjieħ
- Torba
- Bricks



# Kumitat Eżekuttiv 2016

**Presidenti Onorarji**
Dr. Louis Galea B.A., LL.D.
Onor. Joseph Farrugia MP

**President**
Carmel Zahra

**Segretarju Ġenerali**
Carlo Sciberras

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Viċi President u Delegat tal-Banda**
Christopher Spiteri

**Assistent Segretarju Ġenerali**
Remenda Borg Grech

**Assistent Kaxxier u Delegat tal-Armar**
Patrick Ghigo

**Direttur tal-Każin u Delegat taż-Żgħażagħ**
Warren Bondin

**Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi**
Mario Zammit

**Delegat tan-Nar u Koordinatur tas-Sezzjonijiet fi ħdan is-Soċjetà**
Joseph Briffa

**Membru għal Għomru**
Roderick Tonna

**Direttur Spiritwali**
Fr. Joseph Zahra O.P.

**Surmast Direttur**
Mro David Agius

**Assistent Surmast**
Mro Gordon Mayer

**Konsulent Legali**
Dr Mark Portelli BA.LLD

**Reviżuri**
Antoine Abdilla, Paul Spiteri, Francis Vella

**Rappreżentanti fl-Għaqda Każini tal-Baned**
Carmel Briffa, Carlo Sciberras

**Kummissjoni Banda**
Christopher Spiteri, Alfred Galea, Jessica Farrugia,
Davinia-Anne Camilleri, Adrian Zahra, Nicky Baldacchino, Chris Schembri Baldacchino, Philip Saliba


Jerry's Silencer Repairs
$CO_2$ Welding
Jerry's Garage
Siggiewi Road, Mqabba
Tel: 21640750 Fax: 21642535 Mob: 9944 9237


The Fruit Shop
Fresh fruit every day
Prop. George Attard
9th April 1942 Street, Mqabba
Tel: 21 647963 • Mobile: 7946 3151



*Il-Messaġġ tal-President*

# Niftakru fil-Passat filwaqt li naħdmu għall-futur

**Carmel Zahra, President tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ifakkar diversi anniversarji li s-soċjetà qed tiċċelebra din is-sena filwaqt li jisħaq fuq l-importanza tal-volontarjat li huwa l-mutur tas-soċjetà.**

Għeżież Soċi u Partitarji

Għaddiet sena oħra bħal leħħa ta' berqa. Is-suċċess tal-Festa tas-sena l-oħra għadu frisk ġo moħħna. Meta ngħid suċċess ma qiegħedx nirreferi biss għat-tiżjin bl-armar artistiku, bil-marċi brijużi jew bl-ispettakli sbieħ tan-nar li issa l-poplu Malti sar jistenna mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija. Iżda qiegħed ukoll ninkludi t-trankwillità u l-ambjent ta' serħan il-moħħ li kellna u li spikkaw matul il-jiem tal-Festa tal-Patruna ta' raħalna. Dan kollu ma jiġix waħdu iżda kien frott tal-ħidma għaqlija u stinkar li jiena u sħabi tal-Kumitat Eżekuttiv urejna billi żammejna kuntatt konteinwu mal-entitajiet ekklesjastiċi u ċivili kollha tal-Parroċċa.



*Carmel Zahra, President tas-Soċjetà*

**Nixtieq nappella lil aktar żgħażagħ sabiex jagħmlu kuraġġ u jagħtu s-sehem tagħhom fil-ħidma lejn is-Soċjeta**

Din is-sena qed jitfakkru diversi anniversarji u jkun xieraq li nsemmi ftit minnhom. Primarjament qegħdin infakkru l-180 sena mill-miġja fostna tal-istatwa Titulari ta' Santa Marija, statwa mnaqqxa fl-injam mill-iskultur Alessandro Farrugia fl-1836 fuq kuntratt tal-Parroċċa Mqabbija. Statwa li hija wisq devota fir-raħal tagħna tal-Imqabba.

Għoxrin sena ilu twaqqfet il-website uffiċjali www.santamarija.com minn Antoine Sciberras u Mario Mifsud, u wara din għaddiet taħt it-treġija ta' Louiselle Sciberras. Bis-saħħa ta' dawn il-pijunieri li meddew għonqhom għal din il-ħidma, is-soċjetà tagħna kienet waħda minn tal-ewwel li bdiet tuża t-teknologija tal-informatika sabiex twassal tagħrif utli fuq is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Din il-website illum il-ġurnata hija mmexxija mill-Kummissjoni Web.

Fis-snin disgħin il-partitarji u benefatturi tagħna kienu għaddejin minn entużjażmu qawwi sabiex is-Sede Prinċipali tkompli tissebbaħ. Għalhekk kien proprju fil-1991 li fil-ġnub tal-faċċata tal-każin l-iskultur bravu Lawrence Attard naqqax fil-ġebla ż-żewġ armi meħuda mil-litanija tal-Madonna. Dawn setgħu jsiru biss bl-għajnuna finanzjarja f'waqtha li taw l-aħwa ta' Katrinu.

Mal-mumenti ta' ferħ, jiġu wkoll mumenti ta' niket. Kien ħamsa u għoxrin sena ilu proprju fl-24 ta' Frar 1991, li s-Soċjetà tagħna nħasdet bil-kbir meta tilfet lil abbli Surmast tal-Banda l-Kav. George Martin. Żgur li dan is-Surmast jibqa' mfakkar fil-memorja ta' kulħadd, kbar u żgħar, meta ta' kull sena, fl-Għid tal-Assunta, jindaqq l-Innu l-Kbir xogħol kapolavur li mużikalment inkiteb minnu stess aktar minn ħamsin sena ilu. Għoxrin sena ilu, fit-18 ta' Marzu 1996, is-Soċjetà tilfet ukoll lill-bandist u ex-President Nardu Farrugia li hu wkoll jibqa' mfakkar mill-partitarji peress li huwa sinonomu mal-Innu Marċ Marija Assunta.

Ftit tas-snin ilu ċċelebrajna s-sena tal-Volontarjat. Għalkemm jiena ma nħobbx nkun negattiv fil-perspettivi tiegħi, madankollu ma nistax ma nsemmiex il-fatt li s-sehem tal-volontarjat fi ħdan is-Soċjetà qiegħed jonqos. Ninkwieta meta nara investiment qawwi fl-armar u tiżjin tal-festa u nirrealizza li jista' jasal iż-żmien li ma jkunx hemm minn jieħu ħsiebu. Dan kollu peress li x-xogħol qiegħed dejjem jaqa' fuq l-istess nies. Għalhekk nixtieq nappella lil aktar żgħażagħ sabiex jagħmlu kuraġġ u jagħtu s-sehem tagħhom fil-ħidma lejn is-Soċjetà. Nixtieq nagħmilha ċara li fil-volontarjat ma tridx tistenna l-kelma "grazzi" anzi trid tkun ippreparat għall-kritika li xi kultant tkun distruttiva minflok kostruttiva. Iżda wieħed ma jridx jaqta' qalbu u dak li jagħmel jagħmlu b'impenn u dedikazzjoni lejn is-Soċjetà hekk għażiża għalina.

Nagħlaq billi nirringrazzja lis-sezzjonijiet kollha li s-Soċjetà tagħna tħaddan b'għożża kbira – fosthom il-Klabb tat-tfal, Adoloxxenti, Żgħażagħ, Armar, Nar tal-art u tal-ajru, Banda, dawk li jaħdmu fil-knisja u mhux l-anqas lin-Nisa. Dawn kollha jaħdmu qatiegħ sabiex ikabbru l-isem tas-Soċjetà. Nirringrazzja wkoll lill-Pulizija għall-ħidma sfieqa tagħhom matul is-sena kollha u speċjalment fil-jiem tal-festi. Nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat ta' kull għajnuna li jagħtuni fit-tmexxija tas-Soċjetà kif ukoll lil ex-Presidenti u ex-membri tal-kumitati passati tal-għajnuna dejjiema li taw lis-Soċjetà tant għażiża għalina – Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V

Grazzi

Viva Santa Marija.


Ta' Frida
Prop. Andrew Grech
Pet & Garden
103, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba - MQB 1309.
Tel: 2164 2693 • Mob: 7970 6677 • E-mail: fridapts@maltanet.net
Where you can find various pet foods, plants, trees, agricultural products and agricultural feeds.
Veterinary Service available every Wednesday
Mon - Fri: 8.00am - 12.00pm & 3.00pm - 7.00pm • Sat: 7.00am - 3.00pm
Premium Quality Rabbit Feeds
LEONE
ITALY
HOLLAND
KOUDIJS
SPAIN
Grup Alimentari Guissona
VANROBAEYS
Friskies
PURINA
PROPLAN
Eukanuba
ANDREWS
whiskas
Pedigree
Hill's SCIENCE PLAN
CIMiAO
Farmina
ROYAL CANIN
CIBAU



*Messaġġ tas-Sindku*

# Il-Festi huma vetrina tal-identità tagħna

**Dr Charlene Zammit, Sindku tal-Imqabba tfaħħar il-voluntiera kollha li jaħdmu għall-festi filwaqt li tinnota b'sodisfazzjon il-ħidma sfieqa li saret matul is-sena fi ħdan Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.**

Għeżież soċji u partitarji,

Fl-Imqabba erġajna qegħdin nippreparaw sabiex niċċelebraw il-festa ad unur l-Assunta – Marija Santissma mtella' s-sema bir-ruħ u bil-ġisem. Din hija waħda mid-dommi tal-fidi tagħna l-insara li fir-raħal żgħir tagħna hija mfakkra bil-kbir. Id-devozzjoni lejn il-Madonna kull sena tispirana biex norganizzaw festi mill-isbaħ li huma magħrufin sew mhux biss madwar Malta u Għawdex, iżda anki lil hinn minn xtutna. Festi li għalihom ikun hawn stennija kbira u li warajhom hemm sagrifiċċji kbar minn għadd ta' persuni li matul is-sena, joffru l-ħin tagħhom biex iwettqu xogħol volontarju fi ħdan waħda mis-Soċjetajiet Mużikali li għandna fir-raħal. Dawn in-nies huma tassew iddedikati u għalhekk f'isem il-komunità Imqabbija nixtieq nirringrazzjahom għax-xogħol u għall-ħin li qegħdin jiddedikaw sabiex is-Soċjetajiet Mużikali tagħna jibqgħu attivi u relevanti. Mix-xogħol volontarju m'hemmx qliegħ finanzjarju, iżda fl-istess waqt minnu joħroġ sodisfazzjon kbir li ma jistax jinxtara bil-flus. Għaldaqstant nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex inħeġġeġ aktar nies jingħaqdu ma' xi waħda mis-Soċjetajiet Mużikali fir-raħal u fl-istess waqt inħeġġeġ lil dawk li diġà huma involuti sabiex meta jaraw lil xi ħadd ġdid, jintegrawh u jibbenefikaw mill-entużjażmu u l-enerġija ġdida.



*Is-Sindku Dr. Charlene Zammit.*

**Id-devozzjoni lejn il-Madonna kull sena tispirana biex norganizzaw festi mill-isbaħ li huma magħrufin sew mhux biss madwar Malta u Għawdex, iżda anki lil hinn minn xtutna**

Il-festi li norganizzaw huma vetrina tal-identità u tat-talenti tal-Imqabbin. L-armar li jżejjen it-toroq fil-ġimgħa tal-festa, il-briju u n-nar li jagħmluna kburin li aħna mal-aqwa f'Malta huma attrazzjoni unika li jinżlu tajjeb ferm mat-turisti li jżuruna fil-ġimgħa tal-festa. Xhieda ta' dan huma l-kummenti pożittivi li kellna s-sena li għaddiet meta membri tal-*Bedford Town Band* żaru r-raħal tagħna fil-ġimgħa tal-festa ta' Santa Marija. Kien ta' pjaċir għalija u għal sħabi l-kunsillieri li nilqgħuhom fl-Isptar il-Qadim u nħoss illi l-ospitalità tajba hija fundamentali għaliex fl-aħħar mill-aħħar, taffettwa l-mod kif it-turisti jiftakru r-raħal tagħna u jitkellmu dwaru. F'dawn l-okkażjonijiet irridu niftakru illi kull persuna li żżurna titkellem ma' persuni oħrajn, u għalhekk huwa importanti li dejjem inħallu impatt pożittiv.

Bħala Kunsill Lokali qegħdin naħdmu wkoll sabiex ir-raħal ma jkunx magħżul mit-turisti fil-ġimgħa tal-festa biss, iżda anki matul is-sena. Hawnhekk nixtieq ngħid prosit lill-membri tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija li minn sena għall-oħra jaħdmu sabiex ikabbru l-wirja ta' żmien il-Ġimgħa l-Kbira *La Semana Santa de Espana*. Jiena nemmen bis-sħiħ illi l-wirjiet li jittellgħu fir-raħal fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa flimkien mad-dramm tal-passjoni 'L-Imsallab fi Triqatna' jistgħu jintużaw aħjar biex nattiraw aktar turisti lejn il-lokal, u ser naħdem sabiex matul is-snin li ġejjin, ir-raħal tagħna jsib ruħu fuq il-mappa kulturali ta' pajjiżna anki fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.

Fuq nota differenti, b'sodisfazzjon innutajt iż-żjara tal-kap eżekuttiv tal-Meludia, is-Sur Bastien Sannac, fis-sede tas-Soċjetà Mużikali Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Dan wara illi l-istess Soċjetà Mużikali uriet interess f'dawn is-serje ta' eżerċizzji mużikali li huma aċċessibbli *online* għal kulħadd u li huma mmirati sabiex titħarreġ il-widna filwaqt illi jgħinu lil min jagħmilhom sabiex jifhem kunċetti bażiċi mużikali. Ta' min jgħid illi pajjiżna huwa t-tieni pajjiż ewropew, wara l-Estonja, illi qed jagħmel l-eżerċizzji mużikali tal-Meludia disponibbli għal kulħadd mingħajr ħlas. Meta smajt din l-aħbar ġie f'moħħi immedjatament ix-xogħol imprezzabbli li jagħmlu s-Soċjetajiet Mużikali fir-raħal tagħna matul is-sena, fejn isir it-tagħlim tal-mużika mingħajr ħlas. Bosta huma dawk illi jagħżlu

# kristianne Stationery

MATTIA PRETI SQUARE, ZURRIEQ

Tel: 27791325 email: kristiannestationery@gmail.com





For all your stationery needs, books, gifts, greeting cards, …..

Photocopying - Binding - Lamination - Book Covering

li jitgħallmu jdoqqu xi strument, u minn sena għall-oħra nifraħ meta nara bandisti ġodda, uħud ċkejknin u oħrajn akbar fl-età, illi jkunu ngħaqdu mal-banda. Il-bandisti huma wkoll frott l-opportunità offruta lilhom mingħajr ħlas, fejn spiss tkun il-banda stess illi tagħmel l-istrumenti disponibbli lill-bandisti sabiex żgur ma jinħolqux piżijiet finanzjarji fuq il-familji tagħna. Minn qalbi għalhekk nixtieq ngħid prosit lill-Kummissjoni Banda u lis-surmastrijiet abbli illi matul is-sena joffru t-tagħlim tal-mużika bla ħlas fir-raħal tagħna.

Qed nitkellmu dwar il-banda u għalhekk ma nistax ma nsemmix il-kunċert ta' Jum l-Imqabba – appuntament annwali fil-kalendarju kulturali Imqabbi. Nista' ngħid illi kull meta ltqajna mar-rappreżentanti tas-Soċjetajiet Mużikali nnutajt maturità kbira u nittama li din l-istess maturità twassalna biex fil-futur, almenu f'Jum l-Imqabba, naraw lis-Soċjetajiet Mużikali u lill-partitarji tagħhom f'kunċert wieħed fejn niċċelebraw l-identità tagħna l-Imqabbin lil hinn mill-jiem fejn niċċelebraw il-festi tal-lokal.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nieħu l-opportunità sabiex f'ismi, f'isem il-familja tiegħi u f'isem sħabi l-kunsillieri, nawgura lis-soċji u lill-partitarji kollha l-Festa t-Tajba.

Nittamaw li anki din is-sena jkollna festa mill-isbaħ li tagħti ġieħ lill-Assunta, u għalhekk inħeġġiġkom biex filwaqt li tgawdu l-attivitajiet esterni, tipparteċipaw ukoll f'dawk interni. Fuq kollox, jalla din il-festa sservina biex ningħaqdu aktar bejnietna bħala Imqabbin u m'Ommna Marija li tħarisna mis-sema.

# Agħti sehmek

## fis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V billi tingħaqad ma' xi waħda mis-sezzjonijiet tagħha





For all your Electrical & Plumbing Needs

**Farell Ironmongery**

Blue Grotto Avenue, Żurrieq • Tel: 21647 960

Opening Hours:
Monday to Friday from 7.30am to 7.00pm & Saturdays from 7.00am to 1.00pm



*Il-Messaġġ tal-Kappillan*

# Santa Marija u s-sema pajjiżna

**Il-Kappillan tal-Parroċċa tal-Imqabba, Fr John Curmi, jikteb dwar Ommna Marija u pajjiżna, is-sema**

Il-jum sabiħ tal-15 ta' Awwissu m'għandux ifakkarna biss fil-ġrajja memorabbli tal-konvoj Ohio dieħel fil-Port il-Kbir mimli bil-provisti tal-ikel u ħtiġijiet oħra li tant kellhom bżonn il-Maltin; lanqas ma għandu jfakkarna biss fis-seba' (u aktar!) Santa Marijiet iċċelebrati f'diversi parroċċi ta' Malta; imma, fuq kollox, għandu jfakkarna – u jalla ma ninsew qatt! – li pajjiżna vera hu s-sema. Il-15 ta' Awwissu hi l-festa ta' Marija mtellgħa fis-sema bir-ruħ u bil-ġisem!

L-istatwa devota ta' Santa Marija tal-Imqabba, ħierġa rebbieħa mill-qabar b'ħaristha merfugħa 'l fuq lejn is-sema hi ikona u xhieda ta' din il-verità. Meta nħarsu lejn l-istatwa ta' Santa Marija, irridu u ma rridux, ikollna nħarsu bilfors lejn is-sema pajjiżna.

Sfortunatament hawn Maltin tant aljenati b'ħajjithom stess li jinsew għalkollox li pajjiżna mhux hawn imma s-sema! Hawn Maltin oħrajn li l-ħin kollu jippruvaw bla ma jirnexxilhom joħolqu s-sema fuq



*Il-Kappillan tal-Parroċċa, Fr. John Curmi waqt il-Quddiesa tal-Paniġierku f'Jum il-Festa tal-Assunta fl-2015.*

**L-istatwa devota ta' Santa Marija tal-Imqabba, ħierġa rebbieħa mill-qabar b'ħaristha merfugħa 'l fuq lejn is-sema hi ikona u xhieda ta' din il-verità**

l-art! Hawn Maltin oħrajn xettiċi dwar il-ħajja ta' dejjem u oħrajn ma għadhom jemmnu f'xejn... la jemmnu fil-ġenna u lanqas fl-infern!

Min jaqra l-Vanġelu jaf kemm Ġesù jgħallem bosta drabi fuq il-ħajja ta' dejjem, fuq il-ġenna u fuq l-infern! Ir-rakkont ta' dawk fuq il-lemin mistednin biex jidħlu l-ġenna għax kellhom qalbhom tajba u għenu f'ħajjithom lil min kien fil-bżonn u ta' dawk fuq ix-xellug mibgħutin l-infern għax kienu xħaħ, rgħiba u egoisti hu wieħed biss mill-ħafna tagħlimiet ta' Ġesù fuq il-ħajja ta' dejjem. Sentenza oħra qawwija ta' Ġesù hi: **x'jiswielu l-bniedem li jakkwista d-dinja kollha imbagħad jitlef ruħu?**

Tkun ħaġa sabiħa li nħarsu lejn ix-xbieha sabiħa ta' Santa Marija imma hu importanti wkoll li aħna u nħarsu lejha niftakru li pajjiżna tabilħaqq hu s-sema.

**"O Marija li dħalt fid-dinja mingħajr ħtija, aqlagħlna l-grazzja li noħorġu minnha mingħajr ħtija."**

# Inħeġġu

## aktar nies jagħtu s-sehem tagħhom fl-armar tal-knisja


IF YOU CAN DREAM IT
WE CAN BUILD IT
As one of Malta's leading construction companies, we have been building dreams for decades. This is why we are trusted with landmark projects from start to finish.
ELBROS
built for life
Elbros - Triq l-Industrija, Kirkop KKP 9042-Malta
T (+356) 2124 9999 E info@elbros.com.mt www.elbros.com.mt
CONSTRUCTION • MARINE WORKS • LANDSCAPING • RESTORATION • BUILDING MATERIALS • PLANT EQUIPMENT HIRE • REAL ESTATE


DISCOVER SMART
BUILDING SOLUTIONS
As a leading building material manufacturer, we understand your needs and deliver - Everytime.
When using our PPB Predalle and Prestressed beam you will...
SAVE COSTS
SAVE TIME
ENVIRONMENTALLY FRIENDLY
DESIGN & QUALITY CONTROL
ELBROS
built for life
Get more information about our quality building materials today
Call: 2124 9999 or Email: info@elbros.com.mt www.elbros.com.mt



*Jikteb is-Segretarju*

# Soċjetà Ħajja – Soċjetà Attiva – Soċjetà Waħda; Għan Wieħed...

**Carlo Sciberras, Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà, jirringrazzja lid-diversi għaqdiet, kummissjonijiet u partitarji tas-sena ħidma tagħhom filwaqt li jelenka l-attivitajiet ewlenin li seħħew matul din is-sena fi ħdan is-soċjetà.**

Għeżież,

Hekk kif qed taslilkom fi djarkom din il-pubblikazzjoni annwali, l-ilwien, l-ferħ u l-entużjażmu li ġġib magħha l-festa ta' Santa Marija qegħdin lkoll jinħassu sew. Ilwien, ferħ u entużjażmu li warajhom hemm siegħat, ġranet, xhur u snin ta' ħidma kbira u kollettiva minn bosta persuni li jissagrifikaw il-ħin tagħhom, il-familji tagħhom, ix-xogħol tagħhom u ħafna aktar. Dan biex ikomplu jagħmlu dak li verament jemmnu fih b'daqstant imħabba, dedikazzjoni u umiltà li finalment iwassluna għal dawn il-ġranet tant sbieħ u ta' ferħ li jkomplu jgħaqqduna taħt il-ħarsien ta' Ommna Marija mtella' s-sema bir-ruħ u bil-ġisem.

> **Minn dawn il-ftit versi huwa l-għan tiegħi li nħeġġeġ, ninċità kif ukoll niddefendi din il-ħidma ġenwina u mill-qalb li ġejja mill-fergħat, soċi, partitarji u benefatturi f'Soċjetà waħda – b'Għan wieħed**

Hija proċedura normali li r-ringrazzjamenti jingħadu fl-aħħar ta' kull messaġġ, pero hi l-intenzjoni tiegħi li naqleb ftit din l-użanza u l-introduzzjoni tiegħi nagħmilha f'kuntest ta' apprezzament sinċier għal dak kollu li qiegħed isir biex is-Soċjetà tinżamm ħajja u l-festa tkun waħda dinjituża. Mill-banda l-oħra, wieħed jifhem li mhux kollox ward u żahar u li s-sena f'Soċjetà bħal tagħna mhux dejjem tkun faċli, speċjalment f'pożizzjoni bħalma hi tiegħi u tal-President li trid b'mod kontinwu tgħaqqad u tibni pontijiet bejn min forsi jkun f'sitwazzjoni ta' nuqqas ta' qbil, għalhekk flimkien mal-apprezzament sinċier lejn kull wieħed u waħda minnkom, nemmen li aktar ma nkunu tolleranti lejn xulxin u aktar kemm noħorġu l-id tal-ħbiberija għal xulxin, aktar inkunu f'pożizzjoni li nkomplu nsaħħu din is-Soċjetà bħala waħda mis-Soċjetajiet ewlenin f'pajjiżna u bl-istess mod inkomplu nkabbru din il-Festa kbira għad unur Santa Marija, festa li mingħajr dubju hi fil-qalb, fid-demm u fir-ruħ tagħna s-soċi u l-partitarji ta' din is-Soċjetà.

Nixtieq li nagħmel aċċenn żgħir għall-festa tas-sena l-oħra, li għalkemm kienet festa kbira u memorabbli, l-elementi naturali tal-maltemp ma kinux daqstant favorevoli, però għall-grazzja ta' Alla u tal-Madonna l-għaqda ta' bejnietna kienet ferm akbar mill-maltemp, w mill-paniku u mid-diżappunt li jġib miegħu. In-nies ġol-għelieqi tal-ħruq tan-nar, il-persuni fit-toroq tagħna kienu tassew deċiżivi u brillanti f'xogħolhom li kkontrollaw bl-aħjar mod possibbli l-impatt tal-maltemp fuq il-logħob tan-nar u fuq l-armar li kien diġà jinsab armat. Minn dan l-ispunt ma nistax ma niftakarx fl-Għaqda tal-armar li tul din is-sena kienet impenjata wkoll biex tiġi rranġata ċertu ħsara li ġiet ikkaġunata fl-injam ta' wħud mill-pedestalli minħabba l-maltemp li laqatna. Kienet għaqlija wkoll id-deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv li l-programm vokali u strumentali tal-10 ta' Awwissu jiġi trasferit għas-sala tal-iskola primarja tal-Imqabba biex b'hekk xejn mill-Festa ma ġie kkanċellat.

L-isfidi u l-opportunitajiet ma naqsux tul is-sena 2015/2016, u bis-saħħa ta' kulħadd komplejna mexjin l-quddiem f'sinerġija waħda biex issa ninsabu lesti sabiex ilkoll flimkien naħsdu l-frott tas-sagrifiċċji kollha li saru mill-fergħat ta' din is-Soċjetà.

Il-Kumitat Eżekuttiv mill-ewwel medd għonqu għax-xogħol fejn fil-maġġor parti tal-ħidma manwali ġiet investita fil-każin prinċiparjament fil-kappella, li fil-futur qarib ser ikunu qegħdin ninawguraw, isfel fil-każin, minn hawn nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil Maria Psaila Ghigo, Ivan Falzon u l-Kaxxier Carmel Briffa tal-ħidma manwali tagħhom b'risq dan il-proġett strumentali. Sar ukoll ħafna xogħol ta' tisbieħ u manutenzjoni isfel, fil-pjanijiet u fuq il-bjut. Nirringrazzja wkoll lil Mario Ellul li kien strumentali fl-ewwel fażi tal-proġett.



*Carlo Sciberras, Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà, waqt żjara lill-Prim Ministru Dr. Joseph Muscat fl-okkażjoni tal-preżentazzjoni tal-pubblikazzjoni akkademika mill-istess Soċjetà 'Young People & the Festa in Malta'*

Mil-latt amministrattiv wieħed jista' jgħid li kienet sena interessanti b'ħidma u impenn li ma jaqta' qatt, sena storika għas-soċjetà tagħna li kellha l-privileġġ li tiltaqa mal-Maesta tagħha r-Reġina Elizabetta II u l-Altezzi Rjali waqt iċ-CHOGM f'Malta, sena storika fejn rajna wkoll l-formazzjoni tal-'King George V Youth Band' li ser tkompli tkun ta' strument u benniena għal aktar żgħażagħ fil-mużika.

Tul l-kors tas-sena s-Soċjetà proponiet tliet proġetti Nazzjonali permezz ta' diversi entitajiet lokali u ewropej li bi pjaċir ngħid li t-tlieta li huma ġew approvati, fejn fil-fatt l-ewwel proġett bit-tema 'it-Taħriġ Mużikali għaż-Żgħażagħ' diġà jinsab fil-fażi tal-implimentazzjoni tiegħu. Iż-żewġ proġetti nazzjonali l-oħra li ser ikunu qegħdin jitrattaw u jiffukaw fuq l-arti, l-kultura u t-tradizzjonijiet eżistenti fis-Soċjetajiet u l-Festi b'fok partikulari fuq ir-raħal tagħna ser jiġu mplimentati bejn ir-raba' kwart ta' din is-sena u l-ewwel kwart tas-sena d-dieħla. Il-laqgħat uffiċjali bejn is-Soċjetajiet u l-Kappillan tal-parroċċa kienu wkoll parti integrali mill-aġenda amministrattiva tal-Kumitat Eżekuttiv tul is-sena kollha.

Ma nistax ma nsemmix ukoll li s-Soċjetà ipparteċipat fi proġett internazjonali intitolat 'Meludia' li jinkorpora fih modi innovattivi kif persuna titgħalllem il-mużika, liema proġett ġie varat fuq rakkomandazzjoni tat-tenur ta' fama mondjali Joseph Calleja. Kien ukoll ta' unur għas-Soċjetà tagħna li s-Sala Marija Assunta ingħatat prominenza waqt is-sensiela popolari 'Strada Stretta' fuq ix-xandir nazzjonali. Ġejna wkoll magħżula sabiex is-sede tas-Soċjetà tagħna tospita it-tnedija ta' proġett turistiku nazzjonali ntitolat 'Meet the Locals' b'rakkomandazzjoni tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

Dan kollu u ħafna aktar sar f'ħidma u sinerġija sħiħa mal-ħidma kbira li tkun għaddejja tul is-sena kollha mill-Banda, mill-Għaqda tan- Nar tal-Ajru, mill-Għaqda tan-Nar tal-Art, mill-Għaqda tal-Armar, mis-Sezzjoni Żgħażagħ, mis-Sezzjoni Nisa, mis-Sezzjoni Tfal tat-Titular u l-Go Reds Adoloxxenti Titulari, mill-Kummissjoni Web, mill-Kummissjoni Manutenzjoni, mill-Bord Editorjali, mill-Kummissjoni Planċier, mit-Tim tal-*pool* u anka l-ħidma sfieqa li tkun għaddejja b'risq il-Festi fl-Imqabba mill-Fratellanzi u l-grupp li jgħin fl-armar fil-Knisja.

Is-sena 2016 żgur li ħa tibqa' mfakkra għall-diversi anniversarji – li tiċċelebra anniversarji huwa sinjal ħaj ta' kontinwità u attività proprju għall-fatt li nkunu qed niċċelebraw u nerġgħu ngħixu mumenti ħajjin ta' storja li jkunu sawwru l-identità tagħna b'ħajja u kisbiet tul il-kors tas-snin. Din is-sena ser inkunu qegħdin nikkommemoraw il-180 anniversarju tal-miġja tal-vara artistika u devota ta' Santa Marija fostna l-Imqbbin - '180 sena ta' grazzji u ħarsien fuq il-poplu Mqabbi', '180 sena ta' qima u devozzjoni lejn Marija fi xbieha li tqanqal, hekk kif skoplieha Mastru Xandru Farrugia fl-1836'.

Ser infakkru wkoll il-25 sena u l-20 sena rispettivi mit-trapass għall-ħajja ta' dejjem tas-Surmast il-Kavallier Mro George Martin u l-Assistent Surmast u eks President tas-Soċjetà Leonard Farrugia li kienu żewġ pijunieri tal-Banda u tas-Soċjetà tagħna u li ħallew warajhom wirt ħaj ta' formazzjoni u talent mużikali fostna. Minn dan l-ispunt nieħu l-okkażjoni biex insellem il-memorja tas-soċi u partitarji li ħallewna tul din is-sena b'mod partikulari John Galea u George Psaila li għaddew għall-ħajja ta' dejjem aktar kmieni din is-sena kif ukoll indawwar il-ħsieb tiegħi u t-talb tiegħi fuq l-anzjani u l-morda tagħna li ma tkunx daqstant faċli għalihom li joħorġu jgawdu l-festa kif tixtieq qalbhom.

Anniversarju ieħor ser ikun fil-qasam pirotekniku fejn proprju din is-sena taħbat l-għaxar sena mir-rebħ tal-ewwel unur Internazzjonali fl-ewwel kompetizzjoni tan-nar li qatt ġiet organizzata f'pajjiżna bir-rebħ tal-*1st Malta International Fireworks Festival* fl-2006 bil-ħarqa indimentkabbli 'Dancing Stars over the Water'.

Dan kollu juri ċar kontinwità fil-ħajja tas-Soċjetà tagħna, kontinwità li aħna lkoll ninsabu kommessi li nkomplu nagħmlu lok għal aktar anniversarji fil-futur, eżattament kif kienu kommessi wkoll id-diversi persuni li għaxar snin ilu introduċew il-Presepju Ħaj fl-Imqabba, u l-pubblikazzjoni 'it-Titular' kif ukoll l-wirja La Semana Santa li din is-sena rajna l-għaxar edizzjoni tagħha. Bl-istess mod kienu kommessi dawk il-persuni li ħadmu qatigħ biex għoxrin sena ilu ġiet implimentata l-ewwel fażi tal-ġemellaġġ bil-mawra storika f'Ascoli Piceno, sar l-Arkivju artistiku għall-banda kif ukoll ġie introdott is-sit elettroniku tas-Soċjetà www.santamarija.com.

Din is-sena ser taħbat ukoll il-ħamsa u għoxrin sena minn meta ġie rregalat u ndaqq għall-ewwel darba l-Innu tal-Banda Re Ġorġ V, l-approvazzjoni tar-reviżjoni estensiva tal-istatut tas-Soċjetà, l-inawgurazzjoni taż-żewġ armi imponenti fuq il-faċċata tal-każin, kif ukoll it-tletin sena mir-rebħ tal-ewwel premju għat-tieni darba konsekuttiva fil-kompetizzjonijiet nazzjonali tal-isbaħ faċċata tal-każin fi żmien il-Milied.

Mur għidilhom ukoll lil dawk il-persuni li proprju erbgħin sena ilu huma stess kellhom jiktbu l-istorja meta l-vara titulari ta' Santa Marija ntrefgħet għall-ewwel darba mill-fratelli tal-fratellanza tas-Santissimu Sagrament lebsin il-mozzetta l-ħamra! Bl-istess mod kienu kommessi wkoll dawk il-persuni li ħamsa u sittin sena ilu lestew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq it-tieni sular tal-każin kif ukoll dawk il-persuni li fl-istess sena rregalaw l-istandard il-prim tal-banda lis-Soċjetà!

Dan kollu li għamilt aċċenn għalih hawn fuq fil-kuntest ta' diversi anniversarji li ser jaħbtu proprju din is-sena, huwa riżultat ta' ħidma kollettiva, ġenwina u mill-qalb tul il-kors taż-żminijiet. Impressjonanti x'saħħa kbira għandhom l-erba ittri 'TEAM' li huma abbrevjazzjoni tal-frażi *Together Everyone Achieves More*! Għalhekk, bħala Soċjetà irridu nibqgħu magħqudin f'Team wieħed li m'għandu l-ebda ħsieb

ulterjuri għajr li s-Soċjetà u l-Festa jibqgħu mexjin ’l quddiem. Għalhekk minn dawn il-ftit versi huwa l-għan tiegħi li nħeġġeġ, ninċità kif ukoll niddefendi din il-ħidma ġenwina u mill-qalb li ġejja mill-fergħat, soċi, partitarji u benefatturi f’Soċjetà waħda – b’Għan wieħed.

Il-Festa li jekk Alla jrid ser inkunu qegħdin niċċelebraw ftit tal-ġranet oħra ser tkun waħda kbira minn kull latt, bħalissa filwaqt li jien qiegħed nikteb dan l-artiklu l-ħidma kbira mill-fergħat kollha tas-Soċjetà qiegħdha f’fażi kruċjali u f’fażi avvanzata li dejjem qegħdha twassala aktar viċin għall-ġurnata tant għażiża tal-15 ta’ Awwissu – l-Għid tal-Assunta.

Minn hawn nħeġġeġ lil kulħadd sabiex jingħaqad magħna fiċ-ċelebrazzjonijiet u l-funzjonijiet tal-Knisja kif ukoll nagħmel appell speċjali għall-preżenza devota u numeruża fil-purċissjoni tat-Translazzjoni f’lejliet il-Festa, il-quddiesa tal-Paneġirku u l-purċissjoni bil-vara artistika u devota ta’ Santa Marija f’nhar il-Festa kif ukoll inħeġġeġ u nappella għal aktar preżenza waqt id-dħul tal-purċissjoni u l-vara biex b’mod simboliku u dinjituż nagħtu tislima xierqa u nirringrazzjaw mill-qalb lil din l-Omm li qatt ma waqfet milli tfawwar lil dan ir-raħal u dan il-pajjiż bil-grazzji u l-interċessjonijiet tagħHa quddiem Alla l-Imbierek.

F’dak li għandu x’jaqsam mal-Festa esterna, inħeġġeġ ukoll preżenza numeruża għal dak kollu li hemm ippreparat għal din is-sena fejn l-Għaqda tal-Armar kompliet taħdem fuq diversi proġetti ta’ ċertu portata li ser ikunu nawgurati proprju din is-sena, l-Għaqda tan-Nar ser tkun għal darba oħra toffri spettakli kbar fil-logħob tan-nar tal-ajru u tal-art bil-qofol tal-innovazzjoni jintlaħaq f’lejliet il-Festa permezz tat-‘Tower of Light’, is-Sezzjoni Żgħażagħ ser tkun għal darba oħra minn ta’ quddiem bi programm attraenti ta’ briju organiżżat fil-Marċ sinonimu tat-Tielet Tridu, il-Kumitat Eżekuttiv flimkien mas-Surmast, il-bandisti u l-Kummissjoni Banda ser ikunu qed joffu programm varjat u ta’ kwalità mużikali *per eccellenza* fl-10 ta’ Awwissu u l-Kummissjoni Web ser tkun impenjata ssegwi mill-viċin l-andament tal-festa u tagħti *updates* regolari fuq il-mezzi tal-media soċjali minuta b’minuta.

F’dan kollu li fi ftit tal-ġranet oħra sejrin ilkoll ngħixuh flimkien qiegħed nitlobkom l-għajnuna u s-sapport kollu tagħkom biex iċ-ċelebrazzjonijiet esterni ikunu kif dejjem kienu b’imġieba dinjituża speċjalment waqt il-marċi, żgur li l-Kumitat Eżekuttiv ma jkunx jista’ jiffunzjona kif imiss mingħajr il-koperazzjoni u l-għajnuna tagħkom b’mod partikulari f’dawn il-mumenti ta’ entużjażmu u adrenalina.

Il-konklużjoni ta’ dan il-messaġġ ser tkun għal darba oħra ta’ GRAZZI lill-fergħat kollha għal dak kollu li qiegħed isir, fejn nawguralhom kull suċċess f’ħidmiethom u nwegħdhom is-sapport kontinwu tal-Kumitat Eżekuttiv.

Nirringrazzja wkoll lill-Kappillan Dun John Curmi għall-ħidma kbira tiegħu għall-għaqda fil-parroċċa tal-Imqabba, lill-Kleru parrokkjali, il-Fratellanzi tas-Santissimu Sagrament, tar-Ružarju Mqaddes u tal-Kunċizzjoni u l-grupp li jgħin fl-armar tal-Knisja fil-festi kollha li jiġu ċċelebrati fil-parroċċa, lis-Sindku Dr Charlene Zammit, il-Kunsilliera, is-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff kollu tal-Kunsill Lokali, il-Konsulent Legali Dr Mark Portelli u l-Perit l-Onor. Toni Bezzina. Nirringrazzja wkoll lill-Ispettur tal-Pulizija Kevin Pulis tax-xogħol siewi tiegħu tul dawn l-aħħar snin tat-tmexxijja tiegħu fil-Festi fl-Imqabba filwaqt li nawgura mill-qalb kull suċċess u nestendi l-koperazzjoni tas-Soċjetà lejn l-Ispettur il-ġdid Charlotte Curmi li ġiet appuntata bħala Spettur ġdid għad-distrett tagħna. Ma nistax ma nirringrazzjax ukoll lis-Surġent Malcolm Pace u s-Supretendent Sandro Gatt.

Nirringrazzja wkoll lil-licensee tal-Post tan-Nar Joseph Camilleri, lis-Surmast Mro David Agius, l-Assistent Surmast Mro. Gordon Mayer u lid-Direttur Spiritwali Fr. Joe Zahra. Ringrazzjament speċjali imur ukoll għal sħabi kollha membri tal-Kumitat Eżekuttiv flimkien mal-President Carmel Zahra u l-Kaxxier Carmel Briffa kif ukoll il-membri tal-Bord Editorjali li qegħdin iwasslulna pubblikazzjoni daqstant professjonali fi djarna. Nirringrazzja wkoll lis-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju tal-koperazzjoni tagħhom b’mod partikolari tul l-aħħar sena.

Insellem ukoll lis-soċi, partitarji u benefatturi ta’ din is-Soċjetà flimkien mal-Imqabbin kollha u dawk in-negozji li għoġobhom jirriklamaw f’din il-pubblikazzjoni annwali filwaqt li nagħti merħba lir-residenti li ġew joqogħdu riċentament fir-raħal tal-Imqabba, ir-raħal ta’ Santa Marija!

Fl-aħħar iżda qatt lanqas il-ħsibijiet kollha tagħna għandhom iduru fuq dik l-Omm Safja, dik l-Omm l-Iżjed Nadifa, dik l-Omm tal-Parir it-Tajjeb taħt it-titlu ta’ Santa Marija Assunta li qegħdHa hemm għalina u flimkien nitolbuha b’devozzjoni biex tkompli tħarisna u tkompli tkun hi l-qofol ta’ ħidmietna.

**Viva Santa Marija Patruna u Protettriċi tal-Imqabba!**




St. Peter's Ironmongery

St. Peter's Ironmongery, Troll Street, L-Imqabba MQB 1240
Tel: 21 680 143 Mob: 79 499 721

E-mail: danielfarrugia08@gmail.com

*Prop. Daniel Farrugia*

- Electrical Fittings
- Plumbing Fittings
- Drain Pipes and Fittings
- Cement
- Tile Adhesive and Grouting
- Membrane
- Plastering materials
- Geysers
- Plastic and Fibre Tanks
- LED Bulbs
- Range of Power and Hand Tools
- Crystallite and Stainless Steel Sinks and Mixers
- Various types of Ladders
- Energy Saver Lamps (SPECIAL OFFER)
- Key Cutting including Security Keys
- Safety Wear and Safety Shoes
- Outdoor and indoor Paint

FREE DELIVERY

*Opening Hours:*

Monday to Friday:
7.00 a.m. - 7.00 p.m.

Saturday:
7.00 a.m. - 1.00 p.m.



*Appell mill-kaxxier*

# Soċjetà Attiva matul is-sena kollha

**Il-kaxxier, is-Sur Carmel Briffa jappella għas-sehem ta' kulħadd, kemm b'mod finanzjarju u kif ukoll dak manwali.**

Għaddiet sena oħra ta' ħidma u bi pjaċir ngħid li reġgħet waslet festa oħra tal-Patruna tagħna Santa Marija. Naħseb li huwa żmien opportun li filwaqt li nħarsu lura u niftakru minn dak li għaddejna matul l-aħħar snin, tajjeb ukoll li nħarsu 'l quddiem b'ideat ġodda biex inkomplu naraw din is-Soċjetà tant għażiża għalina tikber u tkompli tiffjorixxi fiż-żminijiet tal-lum.

Forsi hawn min jaħseb li s-soċjetà tagħna mal-festa biss għandha x'taqsam. Dan żgur li mhux il-każ, għalkemm din hija l-attività prinċipali u kollox idur magħha. Matul is-sena l-każin dejjem ikun attiv u minn xahar għall-ieħor isiru diversi attivitajiet biex jinġabru l-fondi minn diversi sezzjonijiet. Pero l-ġbir jibqa' l-ikbar sostenn għal din is-Soċjetà. Illum il-ġurnata kulħadd jaf kemm kibru l-ispejjeż u għalkemm ħafna mix-xogħol isir volontarjament, xorta waħda s-Soċjetà trid eluf kbar matul is-sena biex tibqa' għaddejja.

Minn sena għal oħra, il-festa dejjem tikber minn kull latt u għaldaqstant l-ispejjeż kibru wkoll. Imma aħna dejjem emminna fil-partitarji tagħna u tista' tgħid li meta ħlomna b'xi proġett dejjem wettaqnih, grazzi għal ġenerożità tagħkom. Illum il-ġurnata kull sezzjoni fi ħdan is-Soċjetà tgħin sabiex jinġabru l-fondi meħtieġa, sew għall-festa kif ukoll għall-ispejjeż ta' kuljum.

Din is-sena, kull sezzjoni fi ħdan is-Soċjetà ppreparat sabiex norganizzaw bil-kbir din il-festa unur Ommna Marija fejn ser infakkru il-180 sena mill-wasla ġewwa l-Imqabba tal-Istatwa Titulari u artistika ta' Santa Marija. Għalhekk ser naraw fost l-oħrajn servizzi u Programm Mużikali mill-Banda Re Ġorġ V. Għadd ta' opri ġodda f'dak li huwa armar ta' barra fil-pjazza u fit-toroq ewlenin tar-raħal. Programm sħiħ mill-għaqda tan-nar, kemm dak tal-art kif ukoll tal-ajru u programm t'attivitajiet miż-żgħażagħ matul il-ġimgħa tal-festa.



*Carmel Briffa, Kaxxier tas-Soċjetà*

**Din is-sena, kull sezzjoni fi ħdan is-Soċjetà ppreparat sabiex norganizzaw bil-kbir din il-festa unur Ommna Marija fejn ser infakkru il-180 sena mill-wasla ġewwa l-Imqabba tal-Istatwa Titulari u artistika ta' Santa Marija**

Ma rridx ninsa lill-membri tal-Kumitat tan-Nisa li ta' kull sena appena tgħaddi l-festa, jibdew jorganizzaw l-attivitajiet sabiex jinġabru l-fondi li huma ta' għajnuna kbira għas-Soċjetà. Din is-sezzjoni dejjem kienet ta' spalla għall-kumitat eżekuttiv u għenet bi sħiħ sabiex titħallas parti mil-loan li l-każin għandu.

Ħajr ukoll lill-Għaqda tan-nar li ta' kull sena jagħtu wirja ta' logħob tan-nar mill-aqwa. Għall-festa ta' din is-sena dawn ippreparaw programm speċjali speċjalment għal-lejliet il-festa. Id-dilettanti tan-nar Maltin u Għawdxin jirrikorru bi ħġarhom għal din il-ħarqa ta' arti piroteknika speċjali.

Ħajr ukoll lis-surmast David Agius u lill-bandisti li jippreparaw għal diversi kunċerti li jsiru matul is-sena speċjalment għall-programm speċjali tal-10 t'Awwissu li ta' kull sena jkun varjat.

Ħajr ukoll lis-soċi u l-partitarji li jieħdu ħsieb l-armar ta' barra u mhux inqas lill-benefatturi tal-għajnuna u l-koperazzjoni li dejjem sibna mingħandhom matul is-sena. Tifhem għalhekk li kulħadd għandu jagħti s-sehem tiegħu kemm finanzjarjament kif ukoll manwalment fil-ġranet tal-festa. Inħeġġiġkom sabiex tkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħkom. Bħalissa kemm il-każin kif ukoll il-festa jirrikjedu ħafna spejjeż. Għalhekk nappella sabiex dawk li għadhom ma tawx sehemhom jagħmlu dan billi javviċinaw lil xi ħadd tal-Kumitat. Bis-sehem tagħkom tkunu qed tagħmlulna kuraġġ għall-ġejjieni.

Nagħlaq dan l-appell tiegħi billi nawgura festa mill-isbaħ lill-Mqabbin kollha u nħeġġiġkom sabiex tieħdu sehem fil-funzjonijiet tal-knisja kif ukoll tattendu bi ħġarkom għall-programm ta' attivitajiet li ħejjejna. Nieħdu pjaċir flimkien mingħajr ma noffendu lil ħadd. Jalla Santa Marija żżommna magħqudin flimkien.

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabbin.

# C&G HARDWARE STORE

45, KARMENU CIANTAR STREET, MQABBA

TEL N[os]: 21642167 • 99885491

- CAR + MOTTURA SECURITY KEY CUTTING SERVICE
- NAREX POWER TOOLS + HAND TOOLS
- WATER PUMPS + KITCHEN MIXERS
- ELECTRICAL WATER HEATER GEYSERS
- ALUMINIUM LADDERS + SAFETY SHOES
- GREEN SUN SHADING + CHARCOAL
- GARDEN TOOLS & FURNITURE + PICNICCOOLERS
- LARGE RANGE OF ENERGY SAVING LAMPS
- ACORN PLUMBING FITTINGS + DRAIN PIPES + WIRES
- METAL FANS + GAS HEATERS
- 10% DISCOUNT ON PAINT
- CAR ACCESSORIES
- LIQUID MEMBRAIN + CEMENT + GROUTING
- IRON BOARDS + LIQUID DETERGENTS

MOTTURA

SIGMA COATINGS

Sika

CISA

HAMMERITE METAL PAINT

WÜRTH THE ASSEMBLY PROFESSIONALS

narex

Cuprinol

SILCA



**Andrew Vassallo Ltd**

GENERAL TRADING

TEL: 21692917 MOB: 79494438

www.andrewvassallo.com

**Specialising In:**

- Skylights
- Fiber Glass Flag Poles
- Water Gutters
- Raised Flooring
- Manhole Covers
- Street Furniture
- Raised Flooring
- Liquid Membrane
- UPVC & Aluminium Apertures
- All Type Of Staircases



Find us on facebook : Andrew Vassallo LTD



*Messaġġ mid-Direttur tal-Każin*

# Inkomplu bil-ħidma tagħna biex insaħħu dak li bdew missirijietna

**Id-Direttur tal-każin, is-Sur Warren Bondin, jikteb dwar il-ħidma bla waqfien li ssir ġol-każin u jfakkar ġrajjiet importanti marbutin mas-sede ta' din is-soċjetà.**

Huwa ta' unur għalija li għat-tieni sena konsekuttiva qed inwassal il-messaġġ tiegħi bħala direttur tal-każin lill-ammiraturi tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Kif tafu s-sede tas-soċjetà jirrikjedi xogħol kontinwu s-sena kollha, xogħol manwali li ma jista' jieqaf qatt. Dan sabiex inkomplu nsebbħu dan is-sede li tant għandna għal qalbna l-partitarji. Permezz ta' din il-ħidma, il-fergħat l-oħra jkunu jistgħu jwettqu l-ħidma tagħhom b'aktar effiċjenza u kumdità.

Matul is-snin, ix-xogħol ġewwa l-każin ma waqaf qatt, dawk ta' qabilna dejjem ħadmu u stinkaw biex il-Palazz Santa Marija jkompli jikber u jisbieħ matul iż-żmien. U



*Warren Bondin, Direttur tal-Każin*



*Dehra tal-bjut fejn sar xogħol ta' tibjid u xogħol ta' dawl ġdid*

hekk qed isir min-naħa tagħna, qegħdin inkomplu fejn ħallew missirijietna u nieħdu ħsieb din il-ġawhra li tant kellhom u għad għandna għal qalbna.

Din is-sena kellna fil-programm tagħna, sena oħra mimlija impenji, pjanijiet u ħidma għal xogħol ġdid ġewwa s-Sede tas-Soċjetà, fosthom tikħil u tibjid fuq il-bjut kollha, kif ukoll dawk tal-apramorti. Ma naqsitx il-manutenzjoni ġenerali ġewwa l-każin, tiswijiet li jinqalgħu ta' kuljum u grazzi għall-membri sħabi li jagħmlu parti mis-sezzjoni tal-manutenzjoni, dawn setgħu jiġu rranġati mill-aktar fis possibbli.

Proġett ieħor li kien fis-seħħ din is-sena hu t-tindif tal-faċċata tal-każin, li kien jikkonsisti f'żarmar ta' pajpijiet u *fittings* li kienu jintużaw qabel ma nbidel għal dik moderna. B'hekk naqqasna mill-ħsara li kienet qiegħda ssir peress li kienu antiki u tal-ħadid. Sar ukoll tibjid fil-parti ta' isfel tal-każin u l-parti ta' madwar l-bar, kif ukoll inbiddel l-istellarju għal LED's.

Din is-sena qed infakkru żewġ anniversarji li għandhom rabta dirett mas-sede tas-soċjetà u li ma nistax nonqos milli nsemmi fil-kitba tiegħi. Qegħdin l-ewwel nett infakkru l-65 sena anniversarju minn meta tlesta x-xogħol fit-tieni sular tal-każin. Kien proprju wara t-tieni gwerra dinjija, fl-14 ta' Novembru 1948, meta waqt seduta ġenerali, kien



*Warren Bondin waqt xogħol fuq id-dawl u l-istellarju tal-Istatwa ta' fuq il-bejt/*

ġie deċiż li l-każin jitkabbar skont il-pjanta ta' Ġużè D'Amato ta' Raħal Ġdid. Ix-xogħol ġie mibdi fit-12 t'April 1949, u b'sagrifiċċju liema bħalu x-xogħol intemm b'suċċess fit-13 ta' Mejju 1951. Dan grazzi għal dawk il-partitarji tant ħabrieka kif ukoll bl-għajnuna ta' nies oħra, li mingħajr id-dedikazzjoni tagħhom ma kien isir xejn.


Jolly
SUPERIOR TASTE
Jolly
Cooked Ham
Sliced Ham


A&A
Stone & Interiors
Antique shop now open
in New Street, Luqa
Showroom: New Street, Luqa
Tel: 2125 7189 • Mob: 9982 1255 / 9982 1402
Email: a_astone@maltanet.net
Find us on Facebook
www.aandastoneandinteriors.com
Fireplaces Installers & Importers
Different Models & Colours Available

Anniversarju ieħor li qed jiġi mfakkar din is-sena huwa għeluq it-30 sena mill-ewwel premju għat-tieni sena konsekuttiva fil-kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata mżejna għall-festi tal-Milied. Minn dejjem din is-soċjetà kienet ta' unur għal raħalna. U meta nkunu qed niftakkru f'dawn il-ġrajjiet kif nistgħu ma nistinkawx u naħdmu iktar bil-qalb sabiex nżommu b'għożża liema bħala din il-ġawhra li għandna, frott ta' ħafna ħidma mill-antenati tagħna.



*Xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bejt tal-Kazin*

Ma nistax nonqos milli nirringrazzja lil dawk il-ħafna benefatturi, soċi u partitarji li mingħajr l-għajnuna tagħhom ma nkunux nistgħu nkomplu bil-ħidma tagħna, għalhekk f'isem sħabi nirringrazzja lil kull min b'xi mod jew ieħor ta' sehmu, kemm f'għajnuna manwali, pariri u kif ukoll għall-għoti ta' inġenji li ġejna bżonn waqt il-ħidma.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ bħala Direttur billi nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat eżekuttiv tal-appoġġ kontinwu u tal-fiduċja li dejjem urew fija. Nappella biex nibżgħu għall-propjetà tal-każin. Niftakru li l-każin huwa għal bosta t-tieni dar u bħalma nibżgħu għal darna hekk għandna nieħdu ħsieb is-sede tagħna. Appell ieħor min-naħa tiegħi jmur sabiex inħeġġeġ lil dawk in-nies li huma interessati li jingħaqdu magħna fis-sezzjoni tal-manutenzjoni sabiex jikkuntatjawna, fejn flimkien u bil-għajnuna ta' ħafna, ix-xogħol ikun jista' jinqasam aħjar mingħajr tbatija, biex b'hekk nkunu nistgħu nkabbru l-ħidma tagħna u nkomplu ngħollu l-isem tas-Soċjetà 'l fuq biex dejjem tkun waħda minn ta' quddiem nett fil-kwalità.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-sezzjoni nisa kif ukoll partitarji oħra għat-tindif u s-sehem li dejjem taw fi ħdan is-Soċjetà matul is-sena kollha. Grazzi kbira tal-appoġġ li dejjem tajtuna u li dejjem sibna warajna.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd

Viva l-Kbira Santa Marija



*Aktar xogħol ta' tibjid*



*Matul is-sena sar xogħol estensiv ta' tikħil u tibjid fuq il-bejt tal-każin*



Is-sala tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba issa qiegħda tinkera għal diversi okkażjonijiet.

Għal aktar informazzjoni avviċinaw lill-membri tal-Kumitat Eżekuttiv.



The Convenience Shop
100% MALTESE
FRESHLY baked Bread daily
CIABATTA OLIVE
CIABATTA WITH SUNDRIED TOMATOES
CIABATTA SEMOLA
CIABATTA WHITE
CIABATTA BROWN
ONION BAGUETTE LARGE
ONION BAGUETTE SMALL
ALL YOU NEED IS ... convenience
RANGE OF CHEESE
RANGE OF HAM
MILK
CONFECTIONERY
OPEN FROM 6am TILL 9pm EVERYDAY INCLUDING PUBLIC HOLIDAYS.
THE CONVENIENCE SHOPS, MALTA
The Convenience Shop




YOUR EVENT IN
1 PUSH OF A BUTTON. EASY.
THE VISAGE MOBILE FOLDING STAGE, NOW RENTING
VISAGE SOUND LIMITED
tel: 99473535/2146 3607 / e-mail: visageltd@gmail.com / web: www.visagesound.com



*Messaġġ mid-Direttur Spiritwali*

# Sena speċjali għad-Dumnikani fil-festa tal-Assunta

**Patri Joseph Zahra O.P, Direttur Spiritwali jixħet ħarstu fuq l-Assunzjoni ta' Marija u jħeġġiġna ma nitilfu qatt ħarsitna minn fuqha, fejn Hi tibqa' dejjem tiggwidana biex ma nitilfux id-don tal-fidi quddiem realtajiet tal-ħajja.**

Ninsabu fi żmien sabiħ ta' festi tal-Irħula u l-Bliet tagħna. Festi li aħna nagħmluhom f'ġieħ il-Qaddisin patruni tagħna. Għalina dan mhux biss ħafna organizzazzjoni, xogħol u ċelebrazzjonijiet imma wkoll mument ta' riflessjoni, għax dan ifisser li fil-fond ta' qalbna għandna x-xewqa li nsiru qaddisin bħalhom.

Fil-każ tagħna, li niċċelebraw lil Sidtna Marija Ommna fl-Assunzjoni tagħha, bħala Santa Marija, jfisser li ħarsitna trid tkompli titgħallem tħares 'l fuq bħal tagħha. Inħarsu lejn is-sema pajjiżna u nixxenqu kulljum għal dak il-post, dak l-istat li ħejjielna Kristu Ġesù binha l-għażiż bis-Salib u l-Qawmien tiegħu. (ara Ġwanni 14:3). Jekk ma narawx fl-Assunta l-frott tal-Għid il-Kbir ta' Kristu l-Mulej, ikun ifisser li fl-Assunta m'aħna naraw xejn.



*Id-Direttur Spiritwali Fr Joseph Zahra O.P. waqt il-Purċissjoni f'Jum il-Festa tal-Assunta*

**Jekk ma narawx fl-Assunta l-frott tal-Għid il-Kbir ta' Kristu l-Mulej, ikun ifisser li fl-Assunta m'aħna naraw xejn.**

Il-kuntest tal-festa tal-Patruna tagħna u tal-Gżejjer Maltin li lilha huma kkonsagrati, din is-sena jieħu d-dawl mill-Ġublew straordinarju li bħala Knisja Kattolika qegħdin niċċelebraw: "Il-Ġublew tal-Ħniena." Marija Ommna hija meqjusa u msejjħa bħala Omm il-Ħniena, għax fil-fatt kien permezz tagħha li lielna l-bnedmin u lill-ħolqien kollu, twasslitilna l-Ħniena infinita ta' Alla l-Missier. (ara Galatin 4:4).

Kristu Ġesù l-Iben t'Alla l-Ħaj huwa l-Ħniena Divina tal-Missier li twieled mill-Verġni Imbierka Marija. Hawn jinsab il-kobor ta' Marija u għalhekk matul iż-żminijiet ingħatawlha diversi titli li kollha juru kemm il-Mulej Alla tabilħaqq għamel magħha ħwejjeġ kbar. Magħha permezz ta' din il-festa li nagħmlulha, intennu lill-Alla l-Missier li "Qaddis hu Ismu." (Luqa 1: 49).

Matul dan il-Ġublew tal-Ħniena, Marija Assunta, tibqa' tiggwidana biex ma naqtgħux qalbna u ma nitilfux id-don tal-fidi quddiem ir-realtajiet tal-ħajja. Marija Assunta b'ħarsitha ffissata lejn l-eternità, tibqa' terfgħalna qlubna 'l fuq. Tibqa' tfakkarna biex nagħmlu bħalha dak li jkun irid minnha l-Mulej Ġesù. (Ġwanni 2:5)

Marija wriet ħafna ħniena magħna matul iż-żminijet. Talbet magħna u interċediet magħna fi żminijiet diffiċli u hekk trid tibqa' tagħmel magħna llum. Qegħdin nafdawha? Qegħdin niċċelebrawha kif tassew jistħoqqilha u kif tixtieq. Hi stess ipprofettizzat dan meta fil-kantiku tagħha lil Alla tenniet li kull nisel isejjħilha ħienja. ( Luqa 1: 48). Inħalluha tibqa' turi ħniena minnha u tibqa' tgħaddielna lill-Ġesù li mingħajru ma nistgħux insalvaw għax huwa hu biss l-uniku Salvatur mibgħut mill-Missier.

Din is-sena għalija bħala patri Dumnikan hija sena speċjali u ta' Ġublew fl-okkażjoni tat-800 sena mit-twaqqif tal-Ordni tal-Predikaturi minn San Duminku bl-approvazzjoni tal-Papa Onorju III. Għalina Familja Dumnikana madwar id-dinja dan ifakkarna fid-don tal-



# L-AVUKAT
# DR MARK PORTELLI B.A., LL.D.

*jawgura l-Festa t-Tajba*

*lill-Imqabbin kollha*

*u jieħu l-okkażjoni biex jinforma l-klijenti tiegħu*

*li d-dettalji l-ġodda tal-uffiċċji huma*

**11, Triq l-Aħwa Ghigo, Mqabba MQB 1330**

**99, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT 1446**

Tel: **2123 9151** | Fax: **2123 9757** | Mob: **7905 5392**

Email: **mark@pnpadvocates.com** | Web: **www.pnpadvocates.com**



# ID-DUMNIKANI: Għas-Servizz tal-Bniedem 1216 – 2016

Kelma li rċivejna u l-mandat li għandna mill-Knisja biex inxandruha. Din il-Kelma, l-Aħbar it-Tajba, l-Evanġelju, fl-Ordni ta' San Duminku bdiet titħabbar nhar l-Għid tal-Assunta, fil-15 ta' Awwissu tas-sena 1217. Dakinhar huwa bagħat l-ewwel seba' patrijiet tiegħu biex iwaqqfu kunvent fil-qalba taċ-ċentru universitàrju ta' Pariġi. Hemmhekk huwa riedhom jiffukaw fuq l-istudju u l-predikazzjoni.

F'dawn il-festi li qegħdin nagħmlu, nitlobkom biex titolbu għalina ħalli l-Mulej, bl-interċessjoni tal-Assunta, iħajjar u jsejjaħ żgħażagħ mimlija entużjażmu biex isiru reliġjużi u saċerdoti Dumnikani fid-dinja tal-lum, sabiex il-Kelma t'Alla tibqa' tinfiltra bil-Verità kollha tagħha għas-salvazzjoni ta' kulħadd.

Nawgura l-Festa t-tajba lil kulħadd.



*Nagħmlu festa kif jixraq lil*

# *Ommna Marija*

*billi nattendu għall-funzjonijiet liturġiċi*

# Briffa Landscaping

Kirsten Briffa

***Automatic Drip Irrigation Systems***
***Turf Maintenance & All Your Gardening Needs***

***Mob: 9946 9580***
***E-mail: kbriffa783@gmail.com***

---

# J. Cutajar

SMOKING ARTICLES

46, Springvale,
Triq il-Madonna tal-Ġilju
Mqabba
Tel: 21689653 Mob: 7949 5354

*For all your smoking needs*

---

***Treatments Available:***

- Relaxing Anti-Wrinkle Facials
- Deep Cleansing Facials
- Eyelash/Brow Tinting
- Electrolysis
- Waxing
- Make-up
- Manicure and Pedicure

**Lillian Camilleri**
*Beauty Therapist*
C.I.B.T.A.C.
Diploma B.A.B.T.A.C.

**10, Triq il-Mitħna, Mqabba**
**Tel: 2168 3214 Mob: 9942 6054**





*Kelmtejn mis-Sotto Kumitat tan-Nisa 2016*

# Santa Marija: Patruna tal-Imqabbin

**Franġiska Ghigo tagħti ħarsa lejn sena ħidma ta' din is-sezzjoni u tappella għas-sehem ta' kulħadd fl-attivitajiet tal-festa.**

Kif itir iż-żmien! Wasal ix-xahar ta' Awwissu, li kif ngħid kull sena, nkunu qed nistennew fuq ix-xwiek għax iġib miegħu l-akbar festa li l-Knisja Kattolika tiċċelebra f'ġieħ it-tlugħ fis-sema ta' Marija Santissima, li hija Santa Marija u li raħalna huwa ddedikat lilha, għalhekk hija l-Patruna tagħna l-Imqabbin.

Nibda biex, wara sena, nsellem lill-qarrejja kollha ta' dan il-ktieb. Din is-sena bħas-snin kollha ta' qabel, aħna n-nisa erġajna għamilna sena ta' ħidma kbira biex ksibna ammont ta' fondi sodisfaċenti ħafna. Bħalma tafu s-somma li għamilna din is-sena sejra wkoll biex intaffu l-ispejjeż li baqa', wara l-estensjoni tal-Każin li bl-għajnuna ta' Marija u binha Ġesù ma għadiex kbira kif kienet. Tafu li biex twaqqa' u terġa' tibni binja bħal dik u tlestiha b'kollox, mhux ċajta. Għalhekk din is-somma lesta biex fl-10 ta' Awwissu ngħadduha lill-Kumitat Eżekuttiv li jmexxi b'għaqal kbir. Meta naraw l-għajnuna li dejjem tagħtuna timlewna b'kuraġġ kbir biex dejjem inkomplu naħdmu. Hawnhekk bla dubju ta' xejn tidħol is-Sinjura Doris Camilleri li bħal dejjem taraha dejjem għaddejja, daqqa għall-bejgħ ta' biljetti għal-lotterija, daqqa tiġbor in-nisa għall-coffee mornings jew għal Aftenoon Teas. Tbiegħ il-biljetti għall-ikliet ta' kull sezzjoni u kulma tistgħu timmaġinaw. Tagħmel ukoll il-ġbir kollu għall-fjuri ta' quddiem il-Madonna u ta' ġol-knisja. Tagħmel ukoll ġbir għall-marċ ta' nofsinhar. Grazzi Doris!

Nirringrazzja lis-Sinjura Ġuża Farrugia, is-Sinjura Nathalie Azzopardi u lis-Sur Michael Chetcuti li fil-ġranet ta' qabel il-festa dejjem għaddejjin bix-xogħol tal-fjuri għall-knisja u quddiem il-Madonna. Magħhom



*Kumitat Tal-Fergha Nisa*

**Din is-sena bħas-snin kollha ta' qabel, aħna n-nisa erġajna għamilna sena ta' ħidma kbira biex ksibna ammont ta' fondi sodisfaċenti ħafna.**

nirringrazzja lil xi wħud li jistgħu jkunu jgħinuhom. Grazzi kbira tmur lil sħabi tas-sotto-kumitat li dejjem iħabirku biex l-għan tagħna jitwettaq. Lil dawk minn sħabna li b'sagrifiċji jiġu jnaddfu l-każin, magħhom nixtieq nirringrazzja lil xi partitarji li m'humiex fis-sotto kumitat imma xorta jiġu jgħinu fil-bżonnijiet li jkun hemm.



*High Teas organizzati mill-Fergħa Nisa*



*Wieħed mill-Coffee Morning regolari organizzati mill-Fergħa Nisa*




# TAKE OFF

*BAR AND RESTAURANT*

*St. Thomas Street, Luqa*

*Malta.*

***Specialises in Pasta and Grill***

**Tel: 2180 0243** ***QUICK FOOD***

# Dr. Lorraine Żammit B.A. Dip. Not. Pub. LL.D.

Notary Public & Commissioner for Oaths

Office: 21, Valletta Road, Mqabba, MQB 9012 MALTA

Mobile: (+356) 9986 0028
E-mail: notary@lorrainezammit.com
Office hours: by appointment



Grazzi tmur ukoll lil dawk li jħobbu jagħtu xi affarijiet biex intellawhom lotterija fil-‘coffee mornings’ jew ‘high teas’.

Nirringrazzja lis-soċi u partitarji kollha nisa u rġiel li nsibuhom is-sena kollha. L-appell tiegħi huwa biex kemm nistgħu nieħdu sehem fil-funzjonijiet mill-isbaħ li jsiru fil-knisja ad unur il-patruna tal-Imqabbin kollha.

Nitlobkom ukoll biex kulħadd jieħu sehem fil-marċi u l-attivitajiet li jsiru matul il-festa kollha mingħajr ma noffendu u nweġġgħu lil ħadd.

Grazzi mill-qalb u l-festa t-tajba lil kulħadd. Ma baqagħli xejn xi ngħid ħlief:

Viva Santa Marija, Patruna tal-Imqabbin!



*Tombla organizzata mill-Fergħa Nisa waqt il-Coffee Mornings*


# *Fantasy Flowers*

*Your fantasy into reality*

**Aldo Ritchie**

Madonna Ta’ Pinu,
Triq il-Ħarriġiet,
Mqabba MQB 1480, Malta

Tel: 2164 1032
Mob: 9946 5963 / 7960 2432

E-mail: fantasyflowersmt@gmail.com

POLIDANO

**DELIVERING**
**LANDMARK DEVELOPMENTS**
**AND CRITICAL INFRASTRUCTURE**
**FOR OVER 30 YEARS**

www.polidano-group.com
info@polidano-group.com



*Messaġġ mis-Surmast Direttur*

# L-Importanza tal-Kontinwità

**Is-Surmast tal-banda, Mro David Agius A.Mus. LCM, A.Mus. VCM(Hons), ALCM, jagħti ħarsa lejn is-sena ħidma tal-banda u t-twaqqif tal-King George V Youth Band.**

Għeżież segwaċi numerużi ta' din is-soċjetà, nibda mill-ewwel biex nirringrazzjakom talli sibtu l-ħin biex taqraw dan il-messaġġ annwali tiegħi fejn fuq kollox jirrigwarda u jirrelata max-xogħol li jkun sar fi ħdan il-banda tagħna.

L-iktar importanti, bħal dejjem, huwa li wieħed jibqa' jżomm il-kontinwità fuq dak li jkun qed jagħmel, biex dak li jkun ġie ggwadanjat fis-snin preċedenti ma jintilifx u nibqgħu nevolvu f'proġetti differenti biex inkunu nistgħu nimirħu iktar 'il quddiem.

It-tagħlim mużikali dejjem ingħata prijorità fis-soċjetà tagħna matul is-snin u aspett li jittieħed kemm minni bħala Surmast Direttur, kif ukoll mill-Assistent tiegħi s-Sur Gordon Mayer huwa, li nisħqu fuq il-kwalità tal-mużiċist.

Għalhekk is-Soċjetà tagħna flimkien mal-Kummissjoni Banda ħolqot u kienet pijuniera fir-raħal tal-Imqabba biex twaqqfet *Youth Band* fejn mużiċisti żgħażagħ għandhom triq oħra biex jesprimu t-talent mużikali tagħhom taħt forma oħra ta' sezzjoni mill-banda u jesploraw xelta oħra ta' mużika.

Il-mużiċisti f'dan il-proġett għandhom sehem interattiv iktar fuq il-banda biex b'hekk inkunu qed ngħollu l-interess ta' iktar żgħażagħ fil-banda tagħna u nsaħħu dak li għandna.



*Is-Surmast Direttur, Mro David Agius*

L-iktar importanti, bħal dejjem, huwa li wieħed jibqa' jżomm il-kontinwità fuq dak li jkun qed jagħmel, biex dak li jkun ġie ggwadanjat fis-snin preċedenti ma jintilifx u nibqgħu nevolvu f'proġetti differenti biex inkunu nistgħu nimirħu iktar 'il quddiem

Għalkemm soċjetà żgħira nista' ngħid li ngawdu minn diversi elementi f'kull sezzjoni tal-banda u meta niltaqgħu l-mużiċisti tal-lokal, jien inkun nista' ntella' provi ta' ċertu kalibru. Infatti jkolli kummenti tajbin minn mużiċisti li jiġu minn baned oħra li meta jattendu għall-provi wkoll iħossu dan l-element. Dan jixhdu wkoll il-livell tal-programmi li ntellgħu f'kull attività fejn tieħu sehem il-banda. Bil-provi, b'mod ħolistiku naslu biex nesegwu mużika ta' ċertu grad, kif għamilna fis-snin l-imgħoddija. Jien hawn nixtieq nikkumenta li nkun inħossni qed nonqos lill-udjenza jekk il-livell tal-mużika nżommu baxx biex ma jkollix inkwiet u impenn waqt il-provi! Is-serjetà fl-għażla tal-kunċerti neħodha b'tant dedikazzjoni għax minbarra li hemm ismi fin-nofs hemm fuq kollox isem is-Soċjetà. Hawnhekk napprezza li l-kumitat ċentrali dan dejjem evalwah u nistieden kumitati oħra biex dan iqisuh fis-soċjetajiet tagħhom. Hawn min suppost għandu l-istess responsabbiltà tiegħi f'soċjetajiet oħra u dan ma jqisux, u n-nies fil-kumitat rispettiv għalihom l-aqwa li ttella' kunċert u naslu s'hemm!

Għalhekk kif dejjem sħaqt tkun ħaġa tajba li l-kumitati ma jibqgħux mexjin bi klikek għax ma jagħmilx għajb għall-avvanz tal-qasam bandistiku Malti, iżda jkun hemm nies li jifhmu bis-serjetà fil-mużika biex isegwu b'mod sewwa l-andament tal-banda.

It-tagħlim fi ħdan is-Soċjetà tagħna, jiġi ttrattat bl-istess mod. Għalkemm qed jiġu introdotti mezzi oħra fit-tagħlim mużikali, hawnhekk m'għandniex ninsew it-tagħlim ta' dari li tgħallimna bih aħna, fejn ħalla l-frott! Wieħed għandu jżomm il-bilanċ biex nottjenu l-aħjar riżultat possibbli. Is-Surmast Direttur hawnhekk għandu jżomm kuntatt dirett mal-iskola tal-mużika fi ħdan is-soċjetà li lilha jappartjeni. Fis-Soċjetà tagħna din is-sena konnha nvoluti fit-tixrid tal-programm *meludia*, fejn esponent li ħoloq dan il-programm għamel preżentazzjoni fis-sede tas-Soċjetà tagħna u l-alljievi qed jiġu mħarrġa fuq dan il-programm ukoll. Kif għamilt fil-preżentazzjoni li kellna fl-iskola primarja tal-Imqabba, li kienet waħda interattiva għall-aħħar, nappella lil dawk kollha li jixtiequ jingħaqdu mal-banda tagħna biex jikkuntattjaw lil xi ħadd mill-kumitat u jibdew jattendu għal-


INVERTER TECHNOLOGY
air conditioner
A++
starting from
€479 including installation
5 YEAR WARRANTY*
*Terms & conditions apply
aZ TO ELECTRONICS
LOOK NO FURTHER
Attard Outlet 70, Pitkali Road, Attard.
(356) 2731 9555, 7731 9555
Qormi Outlet PAVI Shopping Complex, Manwel Dimech Street, Qormi.
(356) 2731 9444, 7731 9444
Service Centre AtoZ Electronics Service Centre, Il-Vittmi Tal-Gwerra Street, Swatar.
(356) 2731 9555, 7701 6837


3M Take Away
32, Blue Grotto Avenue, Zurrieq
WE DELIVER
OPEN
FREE DELIVERY minimum order of €10
Opening Hours:
Mondays Closed, Tuesday to Sunday: 4pm till Late
Tel: 2164 2986 - 9917 1435
7947 3207

lezzjonijiet li jsiru *senza interessi* kull ġimgħa. Infatti l-lezzjonijiet tas-sezzjoni tal-injam isiru kull nhar ta' Sibt waranofsinhar bejn 2.30pm u 4.30pm u dik tar-ram normalment xi l-4.00pm kull nhar ta' Ħamis. Importanti ħafna li niġbed l-attenzjoni li waqt il-lezzjonijiet ikun hemm attenzjoni individwali u mhux bħala klassi.

Fuq skala ta' banda bqajna għaddejjin bħas-soltu billi dejjem nagħtu importanza fil-kunċerti li ntellgħu l-livell u lit-tip ta' mużika li ndoqqu. Il-programm imtella' mill-Kunsill f'Ottubru li għadda u dak tas-Semana Santa jixhdu dan. Ukoll ma jistax jonqos li qed nippreparaw bis-sħiħ għall-Programm Annwali tal-festa li jsir fl-10 t'Awwissu. Infatti l-udjenzi dejjem jiżdiedu, napprezzahom u jimluni b'kuraġġ biex inkompli dejjem noħloq dawn il-kunċerti li jkomplu jgħollu l-livell tal-banda tagħna li dejjem uriet ħila u impenn!

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd, nirringrazzja lill-kumitat ċentrali u lill-kummissjonijiet kollha tal-appoġġ li dejjem sibt mingħandhom u ngħaddi l-awgurju tiegħi lill-esponenti tal-kamra tan-nar biex bħal snin oħra jagħtu spettaklu uniku mhux għal dawn il-gżejjer biss iżda bħala *champions* mondjali li huwa uniku fuq livell internazzjonali. Grazzi fuq kollox tmur lill-familja tiegħi l-iktar marti Antonella, li biex nagħmel xogħli fi ħdan is-soċjetà nkun irrid nissagrifika l-ħin tiegħi minn mal-familja.

Viva Santa Marija
Patruna tal-Imqabba!







# Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tħeġġeġ lill-ġenituri sabiex jibagħtu lil uliedhom għat-tagħlim tal-mużika



















# Preżentazzjonijiet mis-Soċjetà u Preżentazzjonijiet lis-Soċjeta



Alfred Galea – għall-koordinamet taż-żjara mill-Bedford Town Band.



Ian Smith – Bedford Town Band



David Camilleri – għall-ħidma fil-Piroteknika



Jason Borg - għall-ħidma fil-Piroteknika



Joseph Briffa - għall-ħidma fil-Piroteknika



Kevin Camilleri - għall-ħidma fil-Piroteknika



Federica Falzon u Roberta Mallia
Kantanti waqt il-Programm



W.R. Kappillan Fr John Curmi – tifkira
tal-Programm taħt il-patroċċinju tiegħu



Mario Zammit
għall-għajnuna lis-Sezzjoni Żgħażagħ



Michael Bezzina
għall-għajnuna lis-Sezzjoni Żgħażagħ



Michael Chetcuti – għall-ħidma bħala
koordinatur tal-Wirja La Semana Santa



Pauline Agius Farrugia u Chris Schembri
Baldacchino – Attivisti tas-Sena 2015/16



Philip Saliba – Bandist tas-Sena



Remenda Borg Grech
Preżentatriċi tal-Programm



*Luke Casha – Aljiev*



*Matthew Ghigo – Aljiev*



*Luke Grech – Aljiev*



*Michaela Ellul –Aljieva*



*Ayrton Ellul – Aljiev*



*Gabriell Mizzi - Aljiev*



*Elisa Mizzi – Aljieva*



*Anthea Ellul - Aljieva*



*Victor Galea jippreženta pittura tal-Mgr. Anthony Aquilina*



*Donazzjoni mill-Onor. Toni Bezzina*



*Donazzjoni minn Mario Calleja*



*Donazzjoni minn Alison Jane Mifsud f'isem l-Iskola Primarja tal-Imqabba*



*Donazzjoni minn Paul Mifsud f'isem il-Kumitat Sezzjonali Partit Laburista*



*Donazzjoni mis-Sindku Dr. Charlene Zammit*



*Preżentazzjoni mill-klabb tal-Adolloxenti Go Reds*


EXCEPTIONAL FOOD... Consistently
"One of the very nicest things about life is the way we must regularly stop whatever it is we are doing and devote our attention to eating" (Luciano Pavarotti) ... and Browns Malta is the place to do so! Original, exceptional and tasty food is served every time – that's our commitment.
BROWNS®
MALTA
Reservations on
t: 21227410 / 27020471
m: 99406309
We are open 7 days a week, from 10.00am till late!
Accepting bookings for large groups, staff lunches/dinners, hens & bachelors, birthdays & any other occasion.
KITCHEN OPEN ALL DAY


JADE
JEWELLERY AND GIFTS
Find us on: facebook.
JADE
JEWELLERS
JEWELLERY & GIFTS
23A VJAL IL- HELSIEN
ZEBBUG
Tel:21463833
www.chiarojewels.com
email:jadejewellers3@gmail.com
FOSSIL jewels & watches
LAURA BIAGIOTTI
BYBLOS jewels
KIOTO pearls
ACCURIST watches
PIERRE LANNIER watches
GOLD &SILVER jewellery

# Irridu nkomplu nsaħħu l-iskola tal-mużika



**L-assistent surmast direttur,**
**Mro Gordon Mayer, A.T.C.L. L.L.C.M jikteb dwar l-importanza tal-mużika f'ħajjitna.**

Għar-raba' sena qiegħed nerġa nikteb dan il-messaġġ tiegħi bħala assistent surmast direttur tal-Banda Re Ġorġ V, fejn ta' kull sena, is-Soċjetà Santa Marija jippublikaw dan il-ktieb ferm interessanti.

Ta' kull sena meta jiġi l-kumitat fuqi u jgħidli biex nibda naħseb biex nikteb l-messaġġ tal-festa, dejjem jgħaddili minn moħħi biex nikteb dwar l-importanza tal-mużika f'ħajjitna. Jien insaqqsi lil dawk li qed jaqraw dan l-messaġġ, kemm hi mportanti u apprezzata l-mużika f'ħajjitkhom. Timmaġinaw li tgħixu mingħajr mużika? B'dizzapunt ngħid li għad hawn ħafna nies li l-mużika ma japprezzawhix u ġieli tkun qed titkellem ma' xi ħadd u jgħidlek jien għalija l-mużika mhux importanti. Biss għalkemm dawn in-nies jgħidu hekk nistgħa ngħid li xorta meta jisimgħu xi diska jew xi tip ta' mużika favorita tagħhom, ikunu qed japprezzawha għax tkun togħġobhom. Ngħid ukoll li l-bniedem mingħajr mużika jgħix imdejjaq għax ikun monotonu.

Jibqa' l-impenn tagħna li nkomplu nsaħħu l-iskola tal-mużika. Meta wieħed jaqra dan il-messaġġ, speċjalment il-ġenituri, jipprova jifhem li l-mużika qegħda hemm biex tgħinek tikber, tiżviluppa, timmatura u tellgħak dixxiplinat. Huwa vera li kulħadd jaf li fil-ħajja li qegħdin ngħixu fiha llum, il-ħajja saret magħġġla wisq, biss hemm il-bzonn li tħajru iktar lil uliedkom u tresquhom għat-tagħlim tal-mużika. Nista' ngħid b'wiċċi minn quddiem li kemm jien u kemm is-surmast dejjem nagħmlu b'serjetà, b'dedikazzjoni, b'dixxiplina u bl-imħabba u nemmnu wkoll li mhux il-kwantita tal-allievi imma l-kwalità. B'hekk biss aħna nemmnu li jkollna prodott tajjeb. Infakkar li t-tagħlim kollu jsir mingħajr ħlas u l-allievi jingħataw strument ukoll, fatt li tajjeb li jiġi apprezzat. Kull min ikun interessat jista' javviċina lil xi membru tal-Kummisjoni Banda jew lis-surmast direttur jew lili. Aħna nieħdu ferm pjaċir meta naraw uċuħ ġodda għax b'hekk biss nistgħu nkomplu nsaħħu l-iskola tal-mużika.



*Mro Gordon Mayer Assistent Surmast*

Bħal kull sena, jiena u s-surmast dejjem għaddejjin bil-preparamenti għall-programm vokali u strumentali li jitgħella kull sena fl-10 ta' Awwissu, bla ebda dubju din is-sena wkoll ser jolqot il-gosti ta' kulħadd. Minkejja li s-sena l-oħra kellna nagħmluh fis-sala tal-iskola tal-iskola primarja minħabba t-temp, xorta intlaqa' tajjeb min-nies u dak huwa ta' sodisfazzjon għalina. Nisperaw li din is-sena l-programm nagħmluh barra ħalli b'hekk inkunu iktar fl-ispirtu tal-festa bl-armar u d-dwal u tkunu tistgħu tgawdu l-programm kif qed jiġi preparat.

L-isfidi għalija personali ma jonqsux għax jien nemmen li taf kemm taf fil-mużika, qatt ma taf xejn għax il-mużika hija infinita. Fl-10 ta' Mejju li għadda kelli l-gradwazzjoni tal-eżami tal-L.L.C.M fejn nista' ngħid li dan kien mument għalija ferm sabiħ. Bħalissa wkoll qiegħed għaddej bl-istudji tiegħi għall-Master F.L.C.M għand is-surmast Mro Paul Borg li jifforma parti mill-orkestra nazzjoniali. Nista' ngħid li dawn il-mumenti ta' studju huma mumenti ta' sagrifiċċju, imma huma mumenti sbieħ fejn jien nistudja b'serjetà, b'dixxiplina u b'imħabba. B'hekk biss tista' timxi 'l quddiem filwaqt li żżomm saqajk mal-art.

Qabel nagħlaq dan il-messaġġ, nixtieq nirringrazzja lis-surmast Mro David Agius tal-għajnuna tiegħu. Nixtieq nirringrazzja wkoll lid-delegat tal-banda s-Sur Christopher Spiteri, lil Alfred Galea u fl-aħħar lill-kumitat eżekuttiv speċjalment lill-President s-sur Carmel Zahra, is-segretarju s-sur Carlo Sciberras u l-kaxxier is-sur Carmel Briffa u lis-sezzjonijiet kollha li jaħdmu għal qalbhom volontarjament u b'sagrifficju ukoll sabiex ta' kull sena jagħmlu festa kif tixraq lill-Patruna tal-Imqabba, Santa Marija.

Ejjew ingħaqdu magħna sabiex b'hekk inkomplu nsaħħu l-iskola tal-mużika fejn hemm dejjem ser issibu lilna ta' għajnuna għalikom u fl-aħħar u mhux l-inqas tkunu frott il-banda tagħna, il-banda Re Ġorġ V.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.

DOLCERIA
CROCE
BONACI

Office: Dolceria Croce Bonaci - 32 • St. Ursula Street • Valletta
T 2122 5924 F 2123 7753

Shop: Cafeteria - 24 • St. John Street • Valletta
T 2124 7933 E info@crocebonaci.com

www.crocebonaci.com

# All inclusive Quotation

## Wedding Cake Table

Wedding Cake
Side Cakes
Ice-Cream
Pasta Reale
Biskuttini
Pastini di Mandoria
Eclairs
Kannoli
Brioche
Fruit Flans
Roma
Diplomatica
Perlini
Toffee

## Beverages

Heineken
Cisk
Hopleaf
Pepsi
Diet-Pepsi
7-Up
Diet 7-Up
Kinnie
Diet Kinnie
Orange Juice
Pineapple Juice
Bitter Lemon
Tonic
Soda Water
Still Water
Fizzy Water
Lime Squash

## Finger Items

Shrimps & Chicken Vol-au-vent
Caviar & Salmon Canape'
Asparagus in ham
Stuffed Olives
Stuffed Eggs
Stuffed Artichokes
Hamroll Mayo
Rainbow Sandwiches
Panini with Tuna

Quiche Lorraine
Qassatat Rikotta
Qassatat Peas
Pizza
Cornish Pies
Maccaroni Cubes

Arancini
Meat Balls
Gammon Trays
Beef Trays
Pork Trays
Angels on Horse Backs

Beef Satays
Chicken Satays
Wontons
Thai Veg. Samosa
Spring Rolls

Crab Meat
Octopus in Garlic
Marinated Mussels
Shrimp Boats
Scampi in Panura
King Prawns

## Free

### Gateaux Table

Pineapple
Peach
Kiwi
Chocolate
Strawberry
Black Forest
Apple Pie
Swiss Rolls
Gateaux St. Honore
Lemon Meringue
Cheese Cakes
Profiterols
Cassatella Siciliana

### Coffee Table

Coffee
Dates
Chocolate Balls

## Fruit Kebabs

## Staff Inclusive

Head Waiter
Waiters
Chefs
Kitchen Helpers
Barmen

## Free Overtime

in the evening free overtime till midnight
in the morning free overtime till 16.00hrs

• Cooler Van, Ice, Cutlery, Transport & Laundry - FREE
• This Quotation includes the Wedding Cake Table, Sweets, 32 Finger food items, Fruit Kebabs, Beer, Soft Drinks, Free Gateaux Table, Free Coffee Table & Full service of waiters with Free Overtime.
• **All inclusive for the price of €22 p.p. + vat (Vat refundable)**
Price valid for 2012 - 2014

# Party Menus

### Menu A

- Sandwiches
- Panini Tuna
- Cheese Cakes
- Quiche Loraine
- Pizza
- Sausage Rolls
- Canape
- Timpana
- Shrimp Boats
- Stuffed Olives
- Arancini
- Cream Cakes

PRICE: € 4.50 per person

### Menu B

- Sandwiches
- Panini Tuna
- Cheese Cakes
- Quiche Loraine
- Pizza
- Sausage Rolls
- Canape
- Timpana
- Shrimp Boats
- Stuffed Olives
- Arancini
- Stuffed Eggs
- Stuffed Artichokes
- Meat Balls
- Cream Cakes

PRICE: € 5.50 per person

### Menu C

- Sandwiches
- Panini Tuna
- Cheese Cakes
- Quiche Loraine
- Pizza
- Sausage Rolls
- Canape
- Timpana
- Shrimp Boats
- Stuffed Olives
- Arancini
- Stuffed Eggs
- Stuffed Artichokes
- Meat Balls
- Chicken Satays
- Vol-Au-Vent
- Crab Meat
- Cream Cakes

PRICE: € 6.50 per person

### Menu D

- Sandwiches
- Panini Tuna
- Cheese Cakes
- Qassatat Artichokes
- Quiche Loraine
- Pizza
- Sausage Rolls
- Canape
- Timpana
- Shrimp Boats
- Stuffed Olives
- Arancini
- Stuffed Eggs
- Stuffed Artichokes
- Meat Balls
- Chicken Satays
- Vol-Au-Vent
- Crab Meat
- Chicken Mini Kievs
- Angels on Horseback
- Cream Cakes

PRICE: € 7.50 per person

- Almond Cake
- Gateaux
- Ice-Cream per person
- Pastini per kilo
- Biskuttini per kilo
- Spring Rolls / Wontons / Samosa - per person



# Il Cortile
FARMHOUSE

Situated in the centre of the island surrounded by the tranquil beauty of countryside, and offering a perfect setting for any occasion.

Catered by Dolceria Croce Bonaci

Call for viewing and bookings: 7931 4412 • 9949 8903 • 2147 0311



# Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V

**Chris Spiteri, f'isem il-Kummissjoni Banda, jikteb dwar ħidmet il-Banda Re Ġorġ V matul is-sena li għaddiet u l-impennji li ġejjin matul il-jiem tal-festa.**

Qegħdin fil-qofol tas-sajf, żmien li jġib miegħu għadd kbir ta' festi, fosthom il-festa popolari magħna l-Maltin u l-Għawdxin, il-festa ta Santa Marija. Bla dubju, impenn kbir għal ħafna bandisti madwar il-gżejjer tagħna fosthom għall-Banda tagħna il-Banda Re Ġorg V. Pero il-ħidma tal-banda ma tieqafx hekk kif tgħaddi l-festa, anzi altru minn hekk, il-ħidma tal-banda hija kontinwa matul is-sena kollha kif se naraw minn dan l-artiklu proprju ddedikat għall-banda.

Fil-fatt permezz ta' din il-paġna ser nagħtu fuq fuq rendikont dwar ħidmet il-Banda Re Ġorġ V fi ħdan is-soċjetà Santa Marija. Pero qabel xejn tajjeb li wieħed iġġedded ftit il-memorja u jfakkar dak li l-banda għamlet matul is-sena l-oħra.



*Jessica Farrugia f'isem il-King George V Youth Band tippreżenta tifkira tal-okkażjoni lill-President tas-Soċjetà Carmel Zahra*

**Youth Band**

Proprju f'għeluq is-sena 2015, tnaqqxet parti oħra mill-istorja tal-banda tagħna, meta ġiet iffurmata l-ewwel Youth Band ġewwa l-lokal tagħna b'attività li saret ġewwa Smart City, Kalkara. Ir-raġuni għalfejn l-launch uffiċjali ma seħħx fil-każin kien propju sabiex ngħatu l-messaġġ li dan huwa stil differenti min dak li aħna mdorrija bih u li l-youth band mhux neċessarjament hija marbuta mal-festa iżda, minkejja li ġejja minn dawk l-għeruq li ma tista' tinjora qatt, qed timrah lejn stili differenti u ideat differenti milli kellna s'issa. Kien għalhekk anke li l-bandisti tal-youth band għandhom uniformi differenti minn tal-Banda Re Ġorġ V, anke sabiex inkomplu nenfasizzaw l-istil differenti tagħha. Li hija marbuta mal-każin iżda, huwa fatt ewlieni u għaldaqstant intgħażel l-isem King George V youth band. Din il-youth band ma tinvolvix biex il-ġabra ta' allievi u bandisti żgħażagħ imma għandha l-ħsieb li tħares lejn mużika bi stil differenti. Infatti, il-fatt li allievi u bandisti żgħażagħ idoqqu flimkien, b'mod partikulari fil-Milied, ilha seħħ għal diversi snin fis-soċjetà tagħna, iżda l-2015 rat żvillup ieħor differenti, dak li nħarsu lejn stil differenti ta' mużika. Minħabba li l-youth band għadha fil-bidu tagħha, dan il-frott ma nistgħux narawh b'mod immedjat, iżda żgur li fil-futur qarib ser naraw ir-riżultat ta' dan il-kunċett interessanti.



*Il-Youth Band waqt l-ewwel attività uffiċjali fil-Youth Village tal-Aġenzija Żgħażagħ nhar it-13 ta' Diċembru 2016*

L-ewwel impenn mużikali tal-youth band ikun dak ġewwa l-Youth Village ta' Santa Venera, f'Diċembru 2015, bħala parti mill-attività "It-taħriġ Mużikali taż-Żgħażagħ fil-każini tal-banda" li ttellgħet mill-Aġenzija Żgħażagħ. Kien tassew bix-xieraq li jsir hekk, hekk kif il-youth band hija frott tal-opportunitajiet li ngħataw liż-żgħażagħ tagħna matul is-snin fejn inġiebu fondi mill-Aġenżija Żgħażagħ sa mill-2013. Kien propju minn meta ż-żagħżagħ u l-allievi bdew idoqqu flimkien f'okkażjonijiet varji, bħal fil-Milied, li nibtet l-idea li jinbidel l-istil u tingħaqad l-King George V Youth Band.

Fl-2016 membri tal-Youth Band, kif ukoll żagħżagħ oħrajn kellhom l-opportunità li jiltaqgħu mal-fundatur tal-programm Meludia li huwa stil ġdid ta' tagħlim

# BeautyLab

*By Ritienne Agius(N.S.T.B th)*

Mob: **79091799**

*Address: 12, BeautyLab, Pal Street, Mqabba*






**Services offered:**
- **Facials (For pigmentation, wrinkles, …)**
- **Body Massages(Aromatherapy, Stone Therapy, Tibet, Tuina, Indian Head …)**
- **Manicures/Pedicures ( removing of corns and calluses)**
- **Gym Massage for face (lifting)**
- **Reflexology Treatment**
- **Waxing**
- **Electrolysis**
- **Nail Art**
- **Nail Extensions (acrylic and gels)**
- **Eyelash/Eyebrow tinting**
- **Diet treatments and consultations**
- **Professional Make up for all occasions**
- **(weddings, special effects make up …)**



*Panel Beating • Spray Painting*

**Lawrence Grixti**

# DEMSWEET

**Approved by Insurance** **Garage**

Sejba Road, Mqabba

Mob: 9945 5636

Tel: 2164 2992

tal-mużika, fejn permezz ta' dan il-programm wieħed ikun qed iħareġ il-widna. F'dan il-workshop interattiv iż-żagħżagħ kellhom l-opportunità jesperjenzaw dan il-programm filwaqt li wara, daħlu f'diskussjoni mal-fundatur tal-program dwar stili differenti tal-mużika u l-proġett tal-Youth Band, li kif għedna, għadu fil-bidu tiegħu.

**Impennji u Attivitajiet**

Għal darba oħra il-Banda kienet mistiedna f'għadd ta' festi sabiex tagħti il-kontribut tagħha fosthom ġewwa Ħal Kirkop, iż-Żurrieq u Ħaż-Żabbar. Dan minbarra il-Home Concerts li jsiru fix-xhur tax-xitwa ġewwa l-Imqabba, fosthom f'Jum l-Imqabba u fis-Semana Santa. Iżda bla dubju, il-qofol ikun fil-festa Titulari. Is-sena l-oħra ma kinitx eċċezjoni fil-fatt l-impenn prinċipali ikun f'jum iddedikat kompletament għall-Banda, jiġifieri l-10 t'Awwissu, fejn ittella' programm vokali u strumentali ta' livell, fejn akkumpanjaw il-banda il-bravi kantanti Imqabbin Federica Falzon u Roberta Mallia. Kienet serata ferm imżewqa, fosthom bil-Bedford Town Band li dewquna l-mużika tradizzjonali Ingliża waqt preludju għal kunċert tal-Banda tagħna. Jakkumpanjaw il-Banda kien hemm ukoll żeffiena li ikkumplimentaw tajjeb ferm il-mużika impenjattiva li għaddiet il-banda.



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-Programm Vokali u Strumentali 10 ta' Awwissu 2015*

Fil-ġurnata tat-tielet Tridu, il-Banda Re Ġorġ V, flimkien ma' numru sabiħ ta' bandisti mill-Bedford Town Band, akkumpanjata mill-briju taż-żgħażagħ tagħna bil-qofol jintlaħaq bit-tislima tal-Ave Marija fil-pjazza. Fl-Għid tal-Assunta l-Banda kompliet bl-impenji tagħha waqt il-marċ tradizzjonali ta' nofs in-nhar u filgħaxija bil-marċ tan-nar.

F'Mejju, l-banda ħadet sehem ukoll f'serata ġewwa il-Kulleġġ San Benedittu fl-okkażjoni tal-festa tal-Komunita 2016. Fl-istess xahar komplejna bil-preparamenti għas-servizzi ta' matul is-sajf kif ukoll għall-programm mużikali li banda ser ikollha matul dawn ix-xhur.

**Tifkiriet u Anniversarji**

Din is-sena is-Soċjetà qiegħda tfakkar it-180 mill-wasla tal-Istatwa Titulari f'raħalna, pero fuq livell bandistiku qegħdin infakkru żewġ anniversarji ta' telfa ta' żewġ pilastri fil-banda tagħna, 20 sena mill-mewt ta' Leonard Farrugia u 25 sena mill-mewt ta' Mro George Martin. Ċertament li jgħaddi kemm jgħaddi ż-żmien huma żewġ personaġġi li żgur qatt m'huma se jintesew. Għaldaqstant, fl-10 t'Awwissu, propju f'Jum il-Banda ħadna ħsieb sabiex dawn l-anniversarji jingħataw ġieħ kif inhu xieraq.



*Ritratt waqt tifkira tal-Maġġur Anthony Aquilina ġewwa Birkirkara*

Fl-20 ta' Settembru 2015, ġewwa Birkirkara ġie imfakkar għeluq it-30 sena mill-mewt tas-surmast tal-marċi brijuzi Maltin, il-Maġġur Anthony Aquilina. Il-banda tagħna, xtaqet li tifforma parti minn din it-tifkira ewlenija, u għalhekk ħadmet mal-organizatturi sabiex tagħti is-sehem tagħha wkoll. Is-serata bdiet b'quddiesa, kompliet b'marċ qasir u programm ta' marċi brijuzi naturalment, mill-pinna tal-Maġġur. F'kelmtejn qosra fl-istess serata, iben is-surmast Aquilina, is-Sur Jeffrey Aquilina kien sorpriż bl-entużjażmu li wrew ħafna partitarji u delettanti tal-marċi Maltin. Nieħu din l-okkażjoni, sabiex f'isem il-kummissjoni banda nerġa nirringrazzja lill-organizatturi, fosthom l-Imqabbi u membru attiv fi ħdan il-każin Victor Galea tal-opportunità li ngħatat is-Soċjetà tagħna.



*Is-sur Geoffrey Aquilina (iben il-Maġġur Anthony Aquilina) flimkien mal-organizatturi u membri tal-għaqda tagħna*




TIED INSURANCE INTERMEDIARY, JOSEPH BUSUTTIL

61, Żurrieq Road, Ħal Safi. SFI 1411 | Tel: 2168 2095 / 2768 2095 | jbs16@hotmail.com | gasanmamo.com

GasanMamo Insurance Ltd hi awtorizzata mill-MFSA.



*Il-Banda Re Ġorġ V waqt il-music appreciation għall-istudenti tal-Iskola Primarja tal-Imqabba*



*Aljievi u żgħażagħ jattendu l-Meludia Road Show li saret ġewwa s-Sala tal-Banda*

**Skola tal-Mużika**

Permezz ta' dan il-messaġġ nixtiequ nagħmlu appell b'mod speċjali lill-ġenituri sabiex tibagħtu lil uliedkom jitgħallmu l-mużika ġewwa l-każin tagħna.

Dan it-tagħlim isir b'xejn minn Mro David Agius u Mro Gordon Mayer li kull ġimgħa joffru l-esperjenza mużikali tagħhom kif ukoll għajnuna speċjalment fejn jidħlu xiri ta' strumenti.

Inħeġġu wkoll lill-bandisti tal-post sabiex matul is-sena jagħmlu ftit sagrifiċċju u jkunu aktar regolari għall-kunċerti sabiex il-livell tal-banda tagħna jibqa' dejjem jikber.

Nagħlqu dan il-messaġġ billi nistiednu lil kulħadd sabiex matul il-ġranet tal-festa nakkumpanjaw il-baned kemm tagħna kif ukoll dawk mistiedna. Nistidnukom b'mod speċjali sabiex tattendu għall-programm mużikali u vokali tal-10 ta' Awwissu u tapprezzaw aktar ħidmet il-Banda Re Ġorġ V.

Viva l-Banda Re Ġorġ V.


Lezzjonijiet tal-ECDL u Computer Studies ('O' Level)

Gruppi żgħar jew individwali



Post: Żurrieq
Ċempel fuq
79315105
21685973




DR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI
U L-FAMILJA TIEGĦU JAWGURAW

IL-FESTA T-TAJBA

M 7947 4143  E stefan@zrinzo.info

*Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ*

# Magħqudin f'ħidma kontinwa, b'għan wieħed

**Antonella Mifsud, President tas-Sezzjoni Żgħażagħ, telenka s-sena ħidma u tisħaq fuq l-importanza tal-volontarjat li hija tant meħtieġa f'għaqdiet bħal tagħna.**

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd, u reġa' wasal Awwissu, ix-xahar tal-Patruna tar-raħal tagħna, Santa Marija. Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalija li nwassal il-messaġġ ta' sħabi l-membri tal-kumitat permezz ta' dan l-artiklu bħala President tas-Sezzjoni Żgħażagħ għas-sena 2016. Din għalija hija l-ħames sena fil-kumitat, u nista' ngħid li kull sena nitgħallem napprezza iktar ix-xogħol volontarju li jagħmel kull dilettant u dilettanta tal-festi. Bid-diversi karigi li kelli matul is-snin, tgħallimt ir-responsabbiltà li jkollok meta inti tkun qed tirrappreżenta lis-Soċjetà hekk magħrufa u ta' integrità bħalma hi s-Soċjetà tagħna, li hi Soċjetà mżejna b'diversi unuri, uħud minnhom uniċi kemm f'raħalna, kif ukoll f'pajjiżna.

Fil-festa tas-sena l-oħra, li kienet ta' suċċess bħal kull sena, urejna liema huma l-aqwa żgħażagħ fl-Imqabba, min jiddomina fl-armar, fin-nar tal-ajru, fin-nar tal-art, il-kapaċità tal-ewwel soċjetà muzikali Mqabbija, l-organizazzjoni u l-oriġinalità li kull sezzjoni u kummissjoni ħarġet biha u d-devozzjoni li kull wieħed u waħda minnha bħala partitarji għandna lejn Ommna Marija. Għalhekk minn hawn nixtieq nifraħ lill-kumitat preċidenti tas-Sezzjoni Żgħażagħ, għall-marċ mill-aqwa fit-TIELET Tridu li diffiċli biex tara ieħor bħalu f'dan ir-raħal jekk mhux fix-xahar t'Awwissu.

Sewwasew kif għaddiet il-festa 2015, intlaħaq kumitat taż-żgħażagħ ieħor, fejn għalkemm din għalija personali hija l-ħames sena, għall-maġġoranza tal-kumitat din hija esperjenza ġdida, hekk kif qed jagħmlu parti minn din is-sezzjoni għall-ewwel darba. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzjahom talli daħlu għal din



*Il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ 2015/16*

**O Santa Marija, 180 sena fostna, inti bil-ġmiel tiegħek imlejtna, aħna b'imħabbitna kollha għalik naħdmu sena sħiħa, għalhekk nitolbuk li żżomm idejk fuqna sabiex inkunu nistgħu niċċelebraw f'ismek kif jixraqlek**



*Il-membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ waqt quddiesa tal-ftuħ tas-sena ħidma 2015/16*



*Membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ waqt żara lill-anzjani Mqabbin fir-residenza San Vincenz de Paul*



*Milied Imdawwal, waħda mill-attivitajiet prinċipali li torganizza s-Sezzjoni Żgħażagħ*



*Il-Pjazza tal-Imqabba mżejna waqt l-attivita Milied Imdawwal*



*Membri tal-Kumitat waqt waħda mill-ħafna attivitajiet organizzati*

ir-responsabbiltà li għalkemm m'hix faċli, minħabba li kull individwu jrid ilaħħaq mal-ħajja personali tiegħu; speċjalment fejn tidħol l-iskola u x-xogħol, magħha din iġġib sodisfazzjon kbir. Għamilna l-almu kollu tagħna sabiex naħdmu id f'id, kif ukoll biex inrawwmu lil dawn iż-żgħażagħ ġodda, għaliex għada pitgħada, ser ikunu huma li qegħdin imexxu din is-Soċjetà.

Bdejna l-ħidma tagħna b'quddiesa ta' ringrazzjament lil Ommna Marija talli l-festa għaddiet b'wiċċ il-ġid, kif ukoll biex iżżomm idejha fuqna matul is-sena ħidma tagħna. Wara, l-ewwel attività tagħna kienet 'Pasta Night' ġewwa l-każin tagħna. Komplejna billi bħalma għamilna ta' kull sena għal dawn l-aħħar għaxar snin, morna nżuru lill-anzjani Mqabbin ġewwa r-residenza ta' San Vincenz de Paul. L-apprezzament u t-tbissima li jkollhom dawn l-anzjani hekk kif jaraw li ta' kull sena niftakru fihom, hija xi ħaġa imprezzabli.

Wara dan, xammarna l-kmiem u ntfajna b'ruħna u ġisimna fuq l-attività tal-Milied, dik tal-'Milied Imdawwal'. Ta' kuljum konna niltaqgħu u nippreparaw diversi affarijiet. Pruvajna li nvarjaw naqa mis-snin ta' qabel billi nibdlu xi affarijiet li mill-ewwel jolqtu l-għajn hekk kif tidħol ġol-pjazza, fosthom l-arka ta' minn fejn nilqgħu n-nies ġol-pjazza, l-*lanterns* li taw dehra ferm sabiħa u kemxejn differenti mis-soltu, kif ukoll żidna diversi stands għat-tfal; *face-painting*, u rokna b'logħob preparat għalihom. Apparti x-xena mill-Presepju Ħaj, bl-annimali li jkomplu jqajjmu din l-atmosfera, kif ukoll l-kamra ta' Santa Klaws li t-tfal wisq iħobbu. Sfortunatment it-temp ma tantx kien favurina u x-xogħol kollu li sar sabiex jitgawda matul dak il-*weekend* sfaxxa xi ftit jew wisq, pero aħna xorta konnha sodisfatti bil-ħidma tagħna u nirringrazzjaw lil kull persuna li tatna l-għajnuna tagħha. Waqt il-preparamenti tal-attività tal-Milied organizzajna ukoll 'Fun Day' fejn kien hemm ġurnata ta' "playstation" "tournament", kif ukoll "Car Wash".

Hekk kif għadda Diċembru, bdejna naħsbu kemm għas-'Serata Karnivaleska' kif ukoll, flimkien mas-Sur Michael Chetcuti bdejna naħsbu fuq is-Semana Santa. Din is-sena kienet proprju l-għaxar sena minn mindu bdiet tintwera din il-wirja, li sal-lum il-ġurnata għadha l-unika waħda tax-xorta tagħha ġewwa pajjiżna. Wirja



*Car wash li kienet organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ*



*Tfal u żgħażagħ waqt wieħed mill-PlayStation tournaments li ġew organizzati matul is-sena*



*Il-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa La Semana Santa de Espana organizzata mill-istess Sezzjoni Żgħażagħ*

impressjonanti, b'dettall perfett, li ta' kull sena qegħdha tkompli tikber. Bħala l-għaxar sena, xtaqna li nagħmlu xi ħaġa speċjali u għalhekk, flimkien ma' xi membri tal-kumitat il-kbir, ħarġet l-idea li ssir rappreżentazzjoni tal-Passjoni flimkien mal-kunċert. Minn hawnhekk nixtieq nirringrazzja lill-partitarji tal-għajnuna u s-sehem tagħhom.

F'Mejju, ix-xahar tal-Madonna, għall-għaxar sena konsekuttiva, ġiet organizzata l-'Ġimgħa Marjana' – ġimgħa ta' tagħlim u talb fuq Ommna Marija Santissima. F'dan ix-xahar ukoll għamilna BBQ fuq il-bejt tal-każin tas-Soċjetà fejn fih instegħmet c-CD l-ġdida, xogħol diversi membri tas-sezzjoni żgħażagħ u partitarji oħra, li ser ingawdu iktar fil-ġimgħa tal-festa. F'Mejju ukoll ħarġet pubblikazzjoni oħra tat-'Titular', li din is-sena ukoll għalqet l-għaxar anniversarju minn mindu ħarġet l-ewwel pubblikazzjoni tagħha għalikom il-partitarji biex tkunu iktar viċin ix-xogħol li jkun qed isir minn wara l-kwinti għall-ġimgħa tal-festa tagħna.



*Membri tal-Kumitat waqt BBQ fuq il-bejt tal-Każin*



*BBQ fuq il-bejt tal-Każin*

F'Ġunju, is-sezzjoni żgħażagħ għalqet is-sena tal-attivitajiet tagħha bil-'Pool Party' li sar ġewwa farmhouse ġewwa ż-Żurrieq, fejn flimkien il-partitarji ħadu gost filwaqt li bdew juru ċar l-enerġija li għandhom ippreparata għall-festa.



*Membri tal-Kumitat waqt Pool Party organizzat fil-bidu tas-Sajf*

Kienet sena impenjattiva ferm, sena mimlija intoppi u diffikultajiet imma bil-grazzja t'Ommna Marija irnexxilna naslu s'hawn. Nistiednukom tingħaqdu magħna matul il-ġimgħa tal-festa, b'mod speċjali fit-Tielet Tridu sabiex ingawdu dak kollu li ħdimna bla nifs għalih – marċ kif nafu norganizzaw aħna, l-aqwa żgħażagħ Imqabbin. Nħeġġeġ iktar żgħażagħ sabiex jingħaqdu magħna fi ħdan din is-Soċjetà glorjuża, sabiex huma wkoll iħallu l-frott tal-ħidma tagħhom.

Nixtieq nirringrazzja lil sħabi tas-Sezzjoni Żgħażagħ tal-ħidma tagħhom li biha m'għandhix dubju li ser nagħmlu festa kif jixraq. Nirringrazzja lill-Kumitat Ċentrali tal-għajnuna li dejjem sibna, lil kull persuna li għalkemm ma jagħmlux parti mill-ebda kumitat, dejjem kienu ta' spalla għalina u sibnihom kull meta ġejjna fil-bżonn. F'isem sħabi nirringrazzja u nawgura ukoll lil kull sezzjoni u kummissjoni li ħadmet qatigħ sabiex ikollna festa kbira bħal kull sena. Grazzi lilkom il-partitarji u nawguralkom festa mill-isbaħ, li mhux tagħmel ġieħ biss lilna, bħala organizzaturi imma wkoll lil Ommna Marija.

O Santa Marija, 180 sena fostna, inti bil-ġmiel tiegħek imlejtna, aħna b'imħabbitna kollha għalik naħdmu sena sħiħa, għalhekk nitolbuk li żżomm idejk fuqna sabiex inkunu nistgħu niċċelebraw f'ismek kif jixraqlek.

Viva Santa Marija!
















GOLDEN POINT
DISCOUNT STORE
Triq Karmenu Ciantar
L-Imqabba
Tel: 27036191
Mon. to Fri. – from 6am to 7pm
Saturday – from 6am to 2pm
Sunday – from 7am to 11am


Perit
Toni Bezzina
jawgura
l-Festa t-Tajba
lil kulħadd
Minn fostkom, għalikom...
2, Triq is-Sajjieda,
Żurrieq ZRQ 1710, Malta
(quddiem iż-Żurrieq Wolves)
23, Pjazza tal-Knisja,
Birżebbuġa
(faċċata tal-Knisja Parrokkjali)
mob: [+356] 99430012
telephone: [+356] 21490826
website: www.tonibezzina.com
e-mail: toni@tonibezzina.com


Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija Mqabba
★★★
TIPPREŻENTA
IL-MARĊ TAT-TIELET TRIDU
IS-SIBT, 13 TA' AWWISSU
FL-10:00PM
@santamarija
www.facebook.com/santamarija
www.santamarija.com




**BOV PERSONAL LOANS**

All personal loans are subject to normal bank lending criteria and final approval from your BOV branch. Benefit of free life cover applies to a maximum of €25,000 per loan, until age 69 or until loan account is closed whichever is the earlier. Terms and conditions apply.

**2131 2020 | bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130

**BOV**
Bank of Valletta

portelli&brincat
INNOVATION THROUGH EXPERIENCE AND QUALITY

**NOW OPEN IN ŻURRIEQ**



*Messaġġ mill-Għaqda tal-Armar*

# L-isbaħ libsa għar-raħal tal-Imqabba hija bla dubju fil-festa tat-Titular

**Mario Camilleri, f'isem l-Għaqda Armar Santa Marija jagħti rendikont tax-xogħol kollu li sar matul din is-sena, u jelenka l-proġetti li hu u sħabu ħadmu fuqhom.**

Għeżież partitarji,

F'dawn il-ġranet, l-Għaqda Armar Santa Marija tibda toħroġ l-armar tagħha fit-toroq tal-lokalità tagħna sabiex tħejji l-isbaħ libsa għar-raħal tal-Imqabba fl-okkażjoni tal-festi nazzjonali u tradizzjonali ta' Santa Marija. Kif ilkoll tafu f'dawn l-aħħar snin din l-għaqda rnexxielha tkabbar u tirfina t-tiżjin li għandna li b'tant sagrifiċċju u paċenzja għamlu missirijietna sforz l-imħabba li kellhom lejn il-festa ta' Marija Assunta.

Is-sena l-oħra żgur ħa tibqa' ttimbrata f'moħħna l-maltempata qalila u għal għarrieda li ħakmet lill-gżejjer Maltin matul l-ewwel ġimgħa ta' Awwissu li għamlet ħerba fl-armar ta' numru ta' għaqdiet tal-festa f'lokalitajiet differenti. Sfortunatament is-soċjetà tagħna kienet waħda minnhom li sofriet diversi ħsarat speċjalment fl-armar l-antik li għandna. Għaldaqstant matul din is-sena saru wkoll bosta xogħlijiet ta' restawr li kollha taw il-frott tagħhom billi reġgħu ġabu parti mill-armar l-antik fis-sbuħija oriġinali tiegħu. Minkejja li kellna proġetti ġodda f'moħħna ddeċidejna li l-ewwel prijorità għandha tkun ir-restawr ta'dak l-armar li sofra l-aktar ħsarat. Din is-sena lestejna l-ewwel fażi ta' dan ir-restawr li jekk il-Bambin irid, ħa jitkompla fis-snin li ġejjin. Minkejja dan ix-xogħol kif ħa taraw f'dan il-kontribut annwali tiegħi xorta komplejna l-proġetti li bdejna fis-snin li għaddew u anke konnha kapaċi nibdew naħdmu fuq proġett ġdid.

> **Minkejja li kellna proġetti ġodda f'moħħna ddeċidejna li l-ewwel prijorità għandha tkun ir-restawr ta' dak l-armar li sofra l-aktar ħsarat**

Mela tajjeb li nagħtu ftit tagħrif dwar dak li sar fil-qasam tal-armar tal-festa, fejn l-ewwel nagħtu ħarsa lejn ix-xogħol ta' restawr li sar matul din is-sena u wara anke lejn proġetti oħra li ħdimna fuqhom matul din is-sena:

**Xogħol ta' Restawr**

Eżatt wara li għaddiet il-festa għamilna evalwazzjoni tal-ħsarat kollha li ġew ikkawżati u dawk l-aktar fil-bżonn ta' restawr immedjat. Iddeċidejna li nibdew naħdmu fuq il-pedestalli tal-appostli u ppjanajna li dan ix-xogħol naqsmuh fuq sentejn. Din is-sena lħaqna lestejna tmien pedestalli minn dan is-sett ta' erbatax. Dan ir-restawr kien jinvolvi xkatlar, tiswija u xogħol ġdid ta' nduratura u rħamar. Dan ix-xogħol beda mmedjatament f'Settembru u matul din is-sena l-ħidma tiegħi kienet totalment fuq dan ir-restawr. Barra minn dawn il-pedestalli ħadt ħsieb li ndur dak l-armar li sofra ftit ħsarat u li ma kienx hemm bżonn li jsir intervent kbir fuqu. Din is-sena ukoll bdejna naħdmu fuq l-ewwel pedestall ta' Triq il-Parroċċa fejn il-ħsieb tagħna huwa li fis-sentejn li ġejjin ħa nkunu qegħdin nieħdu ħsieb ir-restawr ta' dan is-sett ta' erbatax-il pedestall.

**Restawr ta' Statwi**

Ta' kull sena wara l-festa nieħdu ħsieb li nivverifikaw l-istat li fihom jinsabu l-istatwi li jintramaw fil-jiem tal-festa. Din is-sena ddeċidejna li nduru żewġ statwi oħra, waħda minnhom hija l-istatwa maħduma mill-artist Renzo Gauci li hija dik li tirrappreżenta lil Papa Piju XII (ta' min ifakkar li din is-sena din l-istawa ħa tagħlaq ħamsa u għoxrin sena minn meta żżanżnet). L-istatwa l-oħra ħa tkun dik ta' San Tumas, statwa maħduma mill-istatwarju Karmnu Mallia u li tagħmel parti minn sett ta' erbatax-il statwa li għandhom viċin disgħin sena. Ix-xogħol ta' restawr fuq dawn l-istatwi ġie fdat f'idejn l-artist Imqabbi s-Sur Rosario Zammit filwaqt li x-xogħol ta' induratura fuq l-istatwa tal-papa ħadt ħsiebu jiena. Minn hawn nirringrazzja lis-Sur Zammit li ta' kull sena nsibuh disponibbli li jieħu ħsieb xi restawr li jinqala' wara kull festa.

**Pedestall Ġdid**

Fuq disinn tas-Sur Silvio Pace din is-sena tajna bidu għal proġett impenjattiv ieħor, dak ta' pedestall ġdid għal statwa ta' Papa Piju XII li kien jintrama fi Triq Karmenu Ciantar. Dan il-proġett ma kienx ikun possibbli mingħajr id-determinazzjoni ta' sieħbi s-Sur Michael Ghigo li ħa ħsieb jaħdem ix-xogħol ta' njam li kien hemm involut f'dan il-proġett. Għal din is-sena ħa jkollkom l-opportunità li taraw l-ewwel fażi ta' dan



*Disinn tal-Pedestall tal-Papa (disinn ta' Silvio Pace)*



*Michael Ghigo waqt il-ħidma tiegħu fuq proġetti ġodda*

il-proġett. Għal din is-sena wkoll l-artist is-Sur Joseph Micallef ħa ħsieb jibda l-ewwel fażi ta' skultura li hemm involuta f'dan il-proġett. Is-Sur Michael Ghigo ħa ħsieb il-forom ta' dawn l-ornamenti u x-xogħol kollu ta' *fibreglass* involut f'dan il-proġett. Nixtieq nirringrazzja lill-mastrudaxxa u partitarju s-Sur Anthony Sammut, li ta' kull sena jkun disponibbli li jgħin is-soċjetà tagħna f'kull xogħol ta' gwarniċ f'diversi pedestalli li nħadmu matul is-snin. Is-Sur Ivan Falzon ħa ħsieb ix-xogħol ta' sprej filwaqt li jien ħadt ħsieb ix-xogħol ta' xkatlar li kien hemm involut f'dan il-pedestall.

**Tkomplija tal-Proġett Ġdid ta' Erba' Anġli madwar iz-Zuntier tal-Knisja**

L-artist Michael Cutajar Zahra għal din is-sena ħa jlesti statwa ġdida oħra minn dan il-proġett ta' erba' anġli. Is-Sur Twanny Zammit ħadmilna gastra maħduma fl-*istainless steel* biex tikkumplimenta dan il-proġett. Din ħa tkun it-tielet statwa minn dan is-sett ta' erba' biex b'hekk jekk il-Bambin irid is-sena li ġejja dan il-proġett ħa jkun finalizzat minn kollox. Ta' min ifakkar li s-sena l-oħra tlestew il-pedestalli kollha li kien fadal mix-xogħol ta' injam u żebgħa.



*Anġlu (Xogħol Michael Cutajar Zahra)*

**Bandalori għal Trofej tal-Pjazza**

Wara li s-sena li għaddiet tlestew l-ewwel tliet bandalori (disinn is-Sur Silvio Pace) għal trofej tal-



*Bandalora Trofej Pjazza 2015*

pjazza, din is-sena s-Sur Ian Camilleri, is-Sur Antoine Abdilla, u s-Sinjorina Daniela Camilleri lestew l-aħħar ħames bandalori oħra minn xogħol ta' ħjata. Is-Sur Ryan Stivala laħaq lesta tliet bandalori mill-isfumar filwaqt li l-pittur is-Sur Andrew Portelli kompla jaħdem fuq żewġ pitturi għal dawn il-bandalori.

Is-Sur Micheal Ghigo ħa ħsieb jaħdem ħames sopraporti ġodda magħmula mill-*fibreglass* għal dawn il-bandalori filwaqt li jien ħadt ħsieb ix-xogħol ta' induratura fuq l-istess forom.



*Daniela Camilleri waqt il ħidma tagħha fuq diversi proġetti ta' drapp*

**Pavaljuni Triq Valletta**

Għal din is-sena tkompla x-xogħol fuq dan is-sett ta' għaxar pavaljuni. Din is-sena tlestew l-aħħar żewġ pavaljuni oħra minn dan is-sett ta' għaxar pavaljuni. Ix-xogħol ta' ħjata fuq dawn il-pavaljuni qegħdin jieħdu ħsiebu s-Sur Antoine Abdilla, is-Sur Ian Camilleri u martu s-Sa Daniela Camilleri. Ix-xogħol ta' sfumar għal dawn il-pavaljuni qiegħed isir mis-Sur Patrick Ghigo. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lir-residenti ta' Triq Valletta li matul dawn l-aħħar snin iffinanzjaw ispejjeż kollha li kien hemm involuti f'dan il-proġett.

**Statwi Ġodda għal Triq Karmenu Ciantar**

Wara li s-sena li għaddiet l-artist Aaron Camilleri Cauchi lesta statwa oħra mill-isbaħ, dik ta' Iżakk, din is-sena l-istess artist ħadem fuq statwa oħra għal Triq Karmenu Ciantar. L-istatwa l-ġdida li ħa nżanżnu din is-sena hija dik ta' Elija. Din ħa tkun it-tmien statwa minn dan is-sett verament sabiħ ta' tnax-il persunaġġ għal din it-Triq.



*Iżakk - Aaron Camilleri Cauchi 2015*

**Bandalori Triq Karmenu Ciantar**

Din is-sena l-artist Paul Falzon ħadem fuq l-aħħar bandalora għal din it-triq biex hekk nistgħu ngħidu li dan il-proġett ġie fi tmiemu. Nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil dan l-artist ta' talent kbir u ninsab konvint li fis-snin li ġejjin ħa nkomplu ngawdu minn opri ġodda mingħand dan l-artist.



Mario Calleja
Dejjem hemm għalikom
CHEV. Mario Calleja KLJ,CMLJ
Mob: 99450861
Email: m.callejapl@gmail.com




Love of beauty is taste.
The creation of beauty is art.
Mob: 9982 0269
like us on facebook
ArtiĠenjali
...ta' Skutu

**Fistuni u Liedna ġdida**

Matul din is-sena s-Sur Ivan Falzon ħa ħsieb li jaħdem fistuni ġodda għal Triq Santa Katerina, filwaqt li s-Sur Raymond Vella bħal kull sena ħadem ammont konsiderevoli ta' liedna ġdida.

Bħal kull sena kif tistgħu taqraw mill-artikli li niktbu ta' kull sena hemm kwantità ta' armar ġdid li ħa jiżżanżan matul din il-festa. Dan kollu ma jkunx possibbli mingħajr l-għajnuna finanzjarja tagħkom il-partitarji. Matul dawn l-aħħar snin inġabru kwantità ta' flus konsiderovoli biex stajna nkomplu naħdmu b'dan ir-ritmu. Parti kbira minn dawn il-fondi jinġabru wkoll mill-attivitajiet li jkollna matul is-sena. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil ħija Kevin Camilleri u lis-Sur Robert Ghigo, li jkunu strumentali biex dawn l-attivatijiet ikunu ta' suċċess. Nirringrazzja wkoll lil diversi żgħażagħ li taħt it-tmexxija tas-Sur Alex Falzon jieħdu ħsieb jarmaw ir-raħal fi żmien tant qasir.

Finalment nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi billi nawgura l-Festa t-Tajba lil kulħadd u nirringrazzja lil sħabi li mingħajr il-kontribut kbir tagħhom dawn il-proġetti żgur ma jkunux possibbli. Nirringrazzja wkoll lil dawk li jgħinuna kemm manwalment kif ukoll finanzjarjament fil-jiem tal-festa u lil dawk il-partitarji li ta' kull sena joffru l-inġenji tagħhom biex jiffaċilitaw il-ġarr tal-armar.

Viva l-Patruna tagħna Santa Marija.

# Inħeġġu aktar żgħażagħ jagħtu s-sehem tagħhom fl-Armar














PETRUS


S.THOMAS















Viri's
Take Away
Delivery fis-South kollu ta' Malta!
Opening Hours
Tuesday to Thursday: 6.30pm - 10.30pm
Friday to Sunday: 6.30pm - 11.00pm
28, The Strand, Kalkara
Tel: 2180 2993 Mob: 9961 8728, 9980 2763



CACHIA
RODERICK
jawgura l-festa t-tajba
lil Imqabbin kollha
79 555 057
roderick@cachiaroderick.com
cachiaroderick.com
Cachia Roderick



## *Messaġġ mill-Għaqda tan-Nar*

# Is-sengħa tal-Pirotekniku

**Is-Sur Josef Camilleri, Licensee, jagħti ħarsa lejn is-sena preċedenti, u l-ħidma kbira li saret matul din is-sena għall-festa oħra indimentikabbli filwaqt li jfakkar il-memorji ta' dawk li din is-sena ser ikunu qed igawdu frott il-bżulija minn ħdejn Ommna Marija.**

Bħalma qed taraw iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Għalhekk meta qed nikteb dawn il-kelmtejn ikun ifisser li wasalna biex niċċelebraw festa oħra kbira ad unur il-Verġni Ommna Marija.

Pero l-Għaqda tan-Nar Santa Marija Mqabba din is-sena tinsab f'luttu wara li tilfet wieħed mill-membri tagħha, is-sur George Psaila. George kien iħobb wisq il-festa ta' Santa Marija u kont tarah fil-festa dejjem jibki bil-ferħ li kien iħoss. Imma d-destin hekk ried, għax fid-9 ta' Mejju 2016, George li kien għadu attiv fi ħdan l-għaqda tan-nar, ħalliena u mar jiltaqa' ma' Ommna Marija. George dejjem, sakemm tagħtu saħħtu, baqa' attiv u kont tarah kuljum ġej il-kamra tan-nar biex jgħati daqqa t'id, sakemm saħħtu bdiet tmajna. Żgur li l-Għaqda tilfet pilastru li ħa tibqa' tħossu għal ħafna żmien.

Bħalma tafu, n-nar huwa arti kbira li wieħed jista' jikkumpara ma' pittur li ipenġi fuq xi tila. L-istess il-piroteknici Maltin u Għawdxin, ipinġu bin-nar fis-sema

Il-funeral ta' George sar fl-10 ta' Mejju 2016, fejn kien hemm attendenza numeruża għall-funeral tiegħu, u dawn kollha jikkonfermaw kemm kien apprezzat ix-xogħol li għamel għall-festa ta' Santa Marija. L-Għaqda tan-Nar ukoll apprezzat il-ħidma tiegħu u waqt il-funeral inħaraq salut u l-korteo mexa għal quddiem il-każin fejn ntefgħu xi fjuri mill-gallarija bħala l-aħħar tislima.

Nixtieq ukoll, permezz ta' dawn il-kelmtejn, nagħti l-kondoljanzi lill-familjari tal-partitarji li ħallewna matul din is-sena u kif ukoll lill-Imqabbin oħrajn li sofrew xi telfa tal-għeżież tagħhom.

Però minkejja kollox, il-ħajja trid tkompli u nixtieq għalhekk minn qalbi nirringrazzja lill-membri kollha tal-Għaqda tan-Nar għax-xogħol kollhu li għamlu matul is-sena 2014 u li wasal biex fl-2015 ppreżentajna xogħol kbir tan-nar, ta' livell għoli ħafna. Bħalma tafu, n-nar huwa arti kbira li wieħed jista' jikkumpara ma' pittur li ipenġi fuq xi tila. L-istess il-piroteknici Maltin u Għawdxin, ipinġu bin-nar fis-sema. Is-sengħa tal-piroteknici turi l-ħila kbira li għandhom il-Maltin u l-Għawdxin għal din l-arti fejn kull sena kemm il-Maltin u it-turisti, bi ħġarhom jiġu jżuruna fl-ibliet u l-irħula tagħna biex jaraw dan ix-xogħol ta' klassi kbira li jiġi ppreżentat.

Dan kollu jikkonferma dak kollu li qiegħed ngħid, għaliex kif jaf kulħadd, in-nar Malti din is-sena 2016 reġa' issupera lil dak barrani bil-kbir fil-festival tan-nar li sar. Nifraħ minn qalbi lill-kamra tan-Nar Santa Marija ta' Ħal Għaxaq li ġiet ddikjarata rebbieħa overall u ħadet l-premju tal-ewwel post. Nagħti wkoll l-prosit lill-Kamra tan-Nar 23 ta' April ta' San Ġorġ Ħal Qormi, li ġew fit-tieni post u jixraqilhom ukoll kull tifħir tal-esebizzjoni kbira li taw.

Prosit ukoll lill-parteċipanti kollha Maltin u barranin. Irrid nifraħ ukoll lill-Għaqda tan-Nar San Ġużepp ta' Ħaż-Żebbuġ li rebħu l-ewwel premju fil-kompetizzjoni tan-nar tal-art li saret ġewwa l-Furjana u lill-parteċipanti kollha. Għal darba oħra l-Maltin urew



*Murtal Tradizzjonali tal-Kulur*

# JMA Aluminium works



Joseph Mizzi Aluminium works

***FREE QUOTATIONS***

Address Work shop & Office
LQA040A
Luqa industrial estate
Luqa,MALTA.

Tel/fax : 00356-21807851
mob : 99445686

Email : mizalum@gmail.com

For aluminium products with competitive prices and professionally done with years of experience in aluminium works.

We fabricate aluminium apertures like doors & windows with new profiles and a large range of colours .

We cater for customer made structure as greenhouse,verandas,skylight,facades and more.

Call for free quotation for :



- Louvers fixed & adjustable
- Double glazed apertures (with Argon Gas)
- Showers & Partitions
- Insect screens & Roller nets
- Hinged , Sliding & Revolving apertures
- Maltese Balcony's , Stairs & Handrails
- Security Main Doors
- Arched apertures & Folding doors



We do also Soffit Ceilings in Mineral Fibre & Gypsum in various models





wkoll li din l-arti tan-nar Maltija għandna għalfejn nindukrawha u nibżgħu għaliha.

Din is-sena bl-għajnuna ta' Ommna Marija, il-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija Mqabba, qed iħejju programm ieħor vast tan-nar tal-arju u anke tal-art. Din l-Għaqda tan-Nar minn dejjem kienet magħrufa għall-oriġinalità u l-ħila kbira mill-membri tagħha. L-Għaqda reġgħet ħejjiet, għal matul il-ġimgħa tal-festa kollha, settijiet ta' murtaletti bil-logħob, murtali tal-beraq pront, murtali tal-kulur, sfejjer u anke nar tal-art.

Il-membri ta' din l-għaqda bħalma dejjem għamlet bi tħejjijiet kbir ta' nar tal-ajru u tal-art, reġgħet għal sena oħra ħejjiet id-display ta' lejliet il-festa li jkun sinkronizzat mal-mużika. Bħal snin oħra wkoll din is-sena, l-għaqda ħa tkun qed iżżid ukoll spettaklu ikbar mat-tower of light li żgur ħa jkun ta' attrazzjoni kbira, peress li anke n-nar ser ikun irdupjat.

Għalhekk inħeġġeġ lill-Maltin u l-Għawdxin kollha biex jiġu jiċċelebraw magħna u nassigurawhom li ħa jaraw spettaklu tan-nar ta' livell għoli. Ħejjejna wkoll nar tal-art għal wara l-ispettaklu fejn żgur ukoll li dawn il-membri ħaqqhom tifħir kbir għan-nar mekkanizzat li jagħmlu. L-għaqda wkoll ħasbet għall-ġurnata tal-Għid tal-Assunta, fejn bħas-soltu ħejjiet il-kaxxa nfernali li tiġi maħruqa bis-sistema diġitali li dejjem kienet ta' spettaklu kbir.

Għad-dħul tal-vara artistika tal-Verġni Ommna Marija, ħejjejna wkoll murtali tal-beraq pront, murtali tal-kulur u kaxxa nfernali tal-kulur. Pero kif jaf kulħadd, biex ittella' dan il-programm hemm spejjeż kbar, għalhekk jekk ma jkunx għall-ġenerożità finanzjarja tagħkom, dawn il-programmi ma jkunux jistgħu jiġu mwettqa. Għalhekk inħeġġukom biex bħalma dejjem kontu, terġgħu tkunu ġenerużi fl-għotjiet tagħkom sabiex bħal snin oħra, nkunu nistgħu nerġgħu ntellgħu programm ta' nar kif jixraq lill-wisq għażiża Ommna Marija.

Nixtieq li sew il-poplu Imqabbi, flimkien mal-Maltin u l-Għawdxin kollha, japprezzaw is-sagrifiċji kbar li kull wieħed li jaħdem f'dan il-qasam pirotekniku jagħmel, il-bogħod mill-familja tagħna, naħdmu sena sħiħa fil-kesħa u anke fis-sħana, kif ukoll fil-periklu li nkunu mdawwrin bihom waqt il-ħidma tagħna fil-kamra tan-nar. Il-familji jbatu ħafna magħna biex aħna nkunu nistgħu nippreżentaw dan in-nar. Minn qalbi nirringrazzja lill-familjari tagħna għas-support kontinwu tagħhom.

Ma rridx ninsa nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv tal-ko-operazzjoni kbira li dejjem sibna mingħandhom u lill-partitarji u l-membri kollha ta'din is-soċjetà hekk ħabrieka. Nirringrazzja wkoll għall-għajnuna tiegħu lill-kappillan u l-kleru ħabrieki kollu. Irrid nirringrazzja minn qalbi lill-benefattur kbir ta' din is-soċjetà u tal-għaqda tan-nar, Wenzu Ellul ta' Katrinu, u l-ħutu kollha tal-għajnuna kbira li dejjem sibna mingħandhom. Żgur li ma ħadmux biex nirringazzjawhom imma l-grattitudni tagħna hija dejjiema. Irrid ukoll nirringrazzja lill-benefatturi oħra fi ħdan din is-soċjetà, kif ukoll lis-sidien tar-raba' li dejjem ħallewna nużaw l-għelieqi tagħhom. Nirringrazzja wkoll lis-sindku preżenti u anke lil ex-sindki tal-kooperazzjoni li dejjem sibna mingħandhom.

Irrid nirringrazzja wkoll lis-supredentent Sandro Gatt u lil ex Spettur fid-distrett is-sur Kevin Pulis. Nirringrazzja wkoll lil Ispettur Charlotte Curmi u nawguralha tal-ħidma l-ġdida tagħha fid-distrett tagħna. Nirringrazzja lill-membri kollha tal-korp tal-pulizija tal-għajnuna li dejjem sibt minn għandhom. Nirringrazzja wkoll lill-kumitat tan-nisa u sezzjonijiet oħra, lis-surmast tal-Banda u l-bandisti kollha tal-kunċerti eċċezzjonali li dejjem tawna.

Irrid nirringrazzja wkoll lis-sur Joe Zahra, tal-għajnuna kbira li dejjem tagħna. Irrid wkoll nirringrazzja lil Esron Mifsud tal-għajnuna li dejjem sibna mingħandu wkoll u lil Simon Saliba tal-maintenance li jagħmel. Grazzi lil kulħadd minn qalbna. Jekk insejt lil xi ħadd żgur li mhux b'intenzjoni għalhekk jekk ikun il-każ niskuża ruħi bil-quddiem.

Grazzi lill-Imqabbin u lil ħutna Maltin u Għawdxin li jiġu jżuruna ta' kull sena ġewwa raħalna fil-festa ad unur il-wisq għażiża għalina Ommna Marija. Għeżież soċi u partitarji, inħeġġukhom sabiex kif dejjem għamilna nattendu għall-funzjonijiet reliġjużi li jsiru ġewwa l-knisja għax mingħajr dawn l-affarijiet ma tkunx festa kompluta. Kif dejjem għamilna, nieħdu pjaċir flimkien fil-festa tagħna bħala poplu Mqabbi li bħalma dejjem konnha, nagħtu eżempju ta' kif għandha tiġi ċċelebrata l-festa ġewwa raħalna u nkunu ta' eżempju għal kulħadd.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

Għażiża Ommna Marija
Aħna lilek nħobbuk
Biex tħarisna minn kull deni
Aħna lilek nitolbuk
Għalhekk int Ommna Marija
Patruna tal-Imqabbin
Aħna lilek tant inħobbu
Għal uliedek nitolbuk.

Grazzi Santa Marija Patruna Universali.

NB. L-Licencee tal-kamra tan-nar Santa Marija Mqabba s-Sur Josef Cammilleri, f'isem il-membri kollha tal-istess għaqda tan-nar, jixtieq jirringrazzja lis-Sur Kevin Saliba ex-licencee tal-Kamra tan-Nar Madonna tal-Ġilju Mqabba tal-koperazzjoni kbira tiegħu bejn iż-żewġt għaqdiet tan-nar. Irrid nifraħ ukoll minn qalbi lil-licencee l-ġdid tal-kamra tan-nar tal-Ġilju is-Sur Benny Dingli u nawgura wkoll il-membri ta' din l-għaqda l-festa t-tajba.

Nawgura wkoll li l-kooperazzjoni kbira li kien hemm fl-imgħoddi tibqa' tirrenja għall-ġejjieni wkoll.






















BIMBI BABY SHOP
Main Street, Siġġiewi
(Pjazza San Nikola)
From Mum To Mums.
For mother to be, newborns and toddlers.
All Brands under one roof.
Tel: 2146 3967
Mob: 9922 3963
mail.bimbibaby@gmail.com
Opening hrs:
Monday to Friday 9.00pm – 12.00pm
4.00pm – 7.00pm
Saturday: 9.00am – 12.30pm


Nick's Agriculture
Supplier of Agricultural and
Gardening Products + Others
• Plant Protection Products
• Pots & Fertilizers
• Irrigation Fittings
• Peat and Potting Compost
• Drip Irrigation Systems
• Pet Foods and Other
Mons. Mikiel Azzopardi Street,
Siġġiewi
Tel: 2146 5869


The
St. Mary Fireworks Factory Mqabba
presents
FIREWORKS SPECTACULAR
14th August
Mqabba bypass
9:30 pm
#THE INNOVATIVE WAY
LIKE NEVER BEFORE!
PYRONYX
St. Mary FIREWORKS FACTORY
COMMEMORATING THE 10TH ANNIVERSARY
FROM BEING DECLARED WINNERS OF THE
1ST MALTA INTERNATIONAL FIREWORKS FESTIVAL

*Mill-imħażen tan-Nar tal-art*

# B'entużjażmu ngawdu sena ħidma

**Matthew Ellul f'isem l-għaqda tan-nar tal-art jelenka x-xogħol ma jaqta' xejn li jseħħ matul is-sena kollha u li naraw il-frott tiegħu matul iż-żmien tal-festa.**



Għal darba oħra reġa' wasal iż-żmien tant sabiħ għalina l-Imqabbin biex niċċelebraw il-festa wisq għażiża għalina ta' Santa Marija fejn ninsabu ftit jiem biss il-bogħod mill-festa. Iż-żmien jgħaddi bħal leħħa ta' berqa speċjalment għal dawk il-voluntiera kollha li kull ftit ħin liberu li jkollhom jagħżlu li jqattgħuh jaħdmu għall-festa.



*Waħda mill-Irdieden ta' daqs kbir li l-Festa Titulari ta' Santa Marija minn dejjem kienet magħrufa għalihom.*

Bħal kull sena erġajt ġejt mitlub sabiex inħejji dawn l-erba' versi sabiex nispjega fil-qosor ftit mix-xogħlijiet u preparamenti li saru għall-festa ta' din is-sena fil-qasam tan-nar tal-art. Tista tgħid li x-xogħol tan-nar tal-art jirrikjedi ħafna ħin, paċenzja, attenzjoni u dedikazzjoni. Meta nkun qiegħed nikteb dawn il-kelmtejn inkunu wasalna fil-final tax-xogħol ġewwa l-post tan-nar u ġewwa l-imħażen u b'hekk inkunu qed nistennew il-ġranet tal-festa b'entuzjazmu kbir biex ingawdu x-xogħol li nkunu preparajna matul is-sena. Bħal kull sena kif tgħaddi l-festa nibdew innadfu u nippustjaw lura f'posthom l-irdieden ġewwa l-Imħażen kif ukoll isir tindif ieħor ġewwa l-post tan-nar. Wara nibdew inħejju biex isir il-ħruq taż-żarġun li minnu jsir il-porvli. Wara dan għamilna laqgħa biex inkunu nistgħu nfasslu pjan filwaqt li niddeċiedu x'ser isir għall-festa li tkun ġejja kif ukoll għall-ħarqiet ta' barra mir-raħal, biex b'hekk inkunu nistgħu niffinanzjaw dan ix-xogħol filwaqt li ninvestu f'makkinarju li jkun hemm bżonn.

Din is-sena inxtrat press tal-hydraulic għall-ikkargar tal-funtani biex nevitaw aktar periklu filwaqt li nnaqsu l-ħin tal-process tal-ikkargar tal-funtani peress li l-voluntiera qegħdin sfortunatament dejjem jonqsu minn sena għall-oħra. Ġie maqbul ukoll il-programm ta' din is-sena fejn mistenni li matul it-Tridijiet u anka l-ħruġ il-vara minn niċċa ser ikollna madwar disa biċċiet kull darba iżda fil-ħarqa prinċipali ta' lejlieta mistenni jkollna madwar 15-il biċċa fosthom waħda ġdida.

Wara dan kollu inbeda x-xogħol kemm fil-post tan-nar kif ukoll ġewwa l-Imħażen. Ġewwa l-post tan-nar beda jsir ix-xogħol relatat miegħu biex b'hekk tkun tista tinbeda l-miċċa kif ukoll għall-funtani tal-porvli. Beda wkoll ix-xogħol tat-taħlit tal-gassijiet, funtani tal-kulur u stilla. Wara li tlesta dan bdew jigu kargati l-prootti meħtieġa.

Waqt li beda dan ix-xogħol ġewwa l-post tan-nar, ix-xogħol ġewwa l-imħazen ma naqasx ukoll, beda jitqatta l-kartun u l-karti tal-brim, biex seta jibda xogħol tal-brim tal-funtani, gassijiet u vajjijna. Wara beda xoghol tal-ikkargar tal-fintuna tal-porvli. Fl-istess waqt beda jsir ukoll ix-xogħol tal-irbit, ikkumlikar u nkullar mill-membri. Dan ix-xogħol jirrikjedi ħafna ħin, kważi sena sħiħa bla waqfien u minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk il-membri li taw sehemhom biex dan ix-xogħol kemm ġewwa l-post tan-nar u kemm fl-imħażen seta' jkun possibbli biex b'hekk ikollna riżultat sodisfaċenti u li jagħti gost lil kull minn jiġi jara dan ix-xogħol fil-ġranet tal-festa tagħna.



*Lejliet il-Festa ta' Santa Marija fl-Imqabba sinonima ma spettakli kbar ta' Nar tal-Art Mekkanizzat*

Nixtieq nieħu l-opportunità biex nirringrazzja lil dawk l-individwi li jarmaw l-irdieden tagħhom, lil dawk li jiġu jgħinu fl-armar fil-ġranet tal-festa kif

ukoll lil dawk il-benefatturi li sena wara l-oħra joffru xi tip ta' għajnuna kif ukoll self ta' għodod, krejnijiet, makkinarju, vannijiet etc. Għax mingħajrhom dawn l-ispettakli ma jkunx possibbli li jsiru. Nirringrazzja wkoll lil dawk is-soċi u partitarji li ħadmu qabilna kif ukoll il-familjari tagħna għas-sagrifiċji li dawn jagħmlu matul is-sena kollha. Nirringrazzja lir-residenti ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju, it-triq fejn isir il-ħruq tan-nar tal-art kif ukoll lir-residenti ta' fejn l-Imħażen. Nixtieq nagħlaq dan l-artiklu billi napella lill-ispettaturi li jkollna matul il-ġranet tal-festa, matul il-ħruq tan-nar sabiex jikkoperaw magħna u mal-pulizija biex b'hekk ma jkollniex incidenti bla bżonn u kulħadd jieħu gost.

Fl-aħħar u mhux l-inqas nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha b'devozzjoni u qima reliġjuża u mingħajr insulti lejn ħadd biex inkunu poplu li nagħtu eżempju. Inħeġġu lil dawk il-partitarji biex jattendu wkoll għall-funzonijiet imħejjija ġewwa l-knisja u mhux fiċ-ċelebrazzjonijiet ta' barra biss, biex b'hekk tkun vera festa kompluta.

Viva Santa Marija Patruna tagħna l-Imqabbin
























# Leħen il-Fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u tar-Rużarju Mqaddes

**Antoine Farrugia, f'isem il-fratellanza tas-Ssmu Sagrament Imqaddes u Paul Cauchi, Rettur tal-Fratellanza tar-Rużarju jagħtu ħarsa lejn is-sehem tal-fratellanza fil-festi tal-knisja.**

Għeżież membri mseħbin fil-fratellanzi,

Reġgħet waslet il-festa tant għażiża ta' Santa Marija – Patruna tar-raħal tagħna l-Imqabba. Din is-sena qed jitfakkar l-180 sena mill-migja tal-istatwa artistika u devota – xogħol mirqum fl-injam minn Mastru Xandru Farrugia taż-Żejtun. F'dan l-artiklu l-fratellanzi jagħtu rendikont tal-ħidma li saret mingħajr ħafna daqq ta' trombi.

Wara is-sehem tagħna fil-festa ta' Santa Marija fejn il-fratellanza tas-Ssmu Sagrament mexxi b'solennità kbira it-transulazzjoni tar-relikwa tal-Madonna kif ukoll il-purċissjoni solenni ta' nhar il-festa, fix-xahar t'Ottubru l-fratellanzi kienu impenjati fil-preparamenti għaċ-ċelebrazzjoni tal-Festa tal-Madonna tar-Rużarju li fil-parroċċa tagħna tiġi ċċelebrata fl-Ewwel Ħadd t'Ottubru.



*Il-Fratelli tas-Santissmu Sagrament waqt il-Purċissjoni tat-Transulazzjoni fl-Lejliet il-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-2015*

Fl-ewwel jiem ta' Novembru, il-fratellanzi ħadu sehem fil-quddies iċċelebrat għall-erwieħ tal-Fratelli li ħallewna matul is-snin li għaddew u li kienu ta' kontribut biex illum ninsabu fejn qegħdin. Fl-ewwel Ħadd ta' Diċembru, ħadna sehem fil-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni – festa li tieħu ħsiebha l-fratellanza tal-Immakulata Kunċizzjoni. Matul ix-xhur ta' Jannar, Frar u Marzu saru laqgħat ta' formazzjoni tal-fratelli. Il-fratellanza tas-Sagrament mexxiet il-purċissjoni ta' Ħadd il-Palm. Fl-Għid il-Kbir, il-fratellanzi tas-Ssmu Sagrament u l-fratellanza tar-Rużarju mexxew siegħa adorazzjoni bħala parti mill-kwarranturi, kif ukoll ħadna sehem attiv fil-quddiesa u l-purċissjoni f'għeluq il-Kwaranturi Mqaddsa.

Fl-okkażjoni tal-Erbgħat ta' Santa Marija, il-fratelli mseħbin fiż-żewġ fratellanzi, attendew għar-Rużarju Mqaddes li kien miżmum fis-sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. F'Mejju wkoll, il-fratelli ngħaqdu għal ġimgħa tagħlim fuq il-Madonna ġewwa l-kappella ta' San Bażilju organizzata mis-Sezzjoni żgħażagħ Santa Marija.



*Il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament tieħu sehem attiv fil-Purċissjoni fil-Festa ta' Corpus Christi fl-Imqabba.*

Il-fratelli mseħbin fil-fratellanzi ħadu sehem fil-festa ta' Corpus Christi li hija l-festa prinċipali tas-Ssmu Sagrament. Matul din il-purċissjoni ngħaqqdu magħna żgħażagħ u adulti ġodda li n-numru tagħhom huwa inkorraġanti.



*Fratelli tas-Santissmu Sagrament waqt il-purċissjoni bis-sagrament fil-Festa ta' Corpust Christi f'Ġunju 2016*



*Fratellanza fit-Transulazzjoni fil-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-2015.*



*Fratelli tar-Rużarju mqaddes fil-purċissjoni ta Corpus Christi*

L-appuntament li jmiss huwa nhar l-Erbatax u l-Ħmistax t'Awwissu fejn ser nieħdu sehem fit-transulazzjoni solenni u l-purċissjoni ta' Santa Marija. Inħeġġeġ lil kulħadd biex jattendi l-funzjonijiet reliġjużi li jkunu mifruxa fuq 3 ġimgħat sħaħ. Jibdew fid-29 ta' Lulju bi ħruġ il-vara min-niċċa sat-22 t'Awwissu.

Kif qed taraw, il-fratellanzi jkunu impenjati s-sena kollha. **Hawn inħeġġeġ iktar fratelli jieħdu sehem u jattendu għall-attivitajiet organizzati mill-parroċċa, anke min ikun jista' jagħti daqqa t'id fl-armar u żżarmar tal-knisja fil-festi kollha billi jkellem lil xi ħadd mill-fratelli.**

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.


SPARKLETINI®
SAY I DO WITH A HINT OF SPARKLE...
Exclusive Importer and Distributor:
Antonio Piscopo Wines & Spirits
115 Zabbar Road,
Paola
Tel. 21691084
Piscopo's Cash & Carry
Triq Erba' Mwiezeb,
St Paul's Bay
Tel: 21570375
E-mail: info@piscopo.com.mt
www.piscopo.com.mt
SPARKLETINI
SPARKLETINI


Unistyler Hair Salon
• Blowdries
• Latest Cuts
• Latest Colors Techniques
• Up styles
• Straightening
• Brazilian Treatments
• Well experienced in Real Hair Extensions
14 years experience
Attended Rome Hair School Italy
unistyler@outlook.com
Triq il-Katakombi, Mqabba
By Maria Zahra | 99460519


Saviour Camilleri
Crane Hire
għal kull tip ta xogħol bil-crane
bi prezzijiet raġonevoli
Mob. 99455391



*Wieħed minn erba' Anġli li qed jinħadmu għall-Pjazza tal-Knisja, xogħol l-artist Michael Cutajar Zahra.*

# Patrick Cellars Ltd.

**WINES & SPIRITS**

**B'Bugia Road, Birzebbugia**

**Tel/Fax: 21650810   Mob: 9947 8708**

• Spirits • Wines • Beers • Minerals
• Tobacco • Cigarettes • Sweets • Wholesalers
Suppliers to: Bars, Restaurants & Confectionery Shops
Accepts orders for: Weddings, Engagements & Parties



# Ħidmet il-Kummissjoni Web



**Jonathan Mifsud f'isem il-kummisjoni WEB jikteb dwar il-ħidma bla waqfien ta' din il-kummisjoni matul is-sena kollha, b'mod speċjali l-ħidma bla heda li sseħħ fi preparazzjoni u matul il-jiem tal-festa Titulari ta' Santa Marija.**

Il-Kummissjoni WEB bħal kull għaqda fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba hi attiva matul is-sena kollha billi toffri diversi servizzi lil dawn l-istess għaqdiet. Fost is-servizzi li jiġu offruti regolarment insibu iddisinjar tal-kartelluni tal-attivitajiet li ser ikunu ħa jsiru, il-ftuħ ta' attivitajiet u avvenimenti fuq il-paġna uffiċjali tal-Facebook (www.facebook.com/santamarija), ġbid ta' filmati kif ukoll editjar ta' partijiet mill-filmati tal-festi tal-imgħoddi li jintwerew fuq il-paġna uffiċjali tal-YouTube (www.youtube.com/santamarija815) kif ukoll teħid ta' ritratti sabiex il-partitarji jkollhom tifkira ta' xi avvinement partikolari li jkun seħħ fi ħdan is-Soċjetà. Il-Kummissjoni WEB qed tieħu ħsieb ukoll li twassal ġewwa djarkhom "Il-Ġawhra" sabiex intom il-partitarji tkunu informati bid-diversi attivitajiet li ser ikunu mħejjija fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Dawn is-servizzi jingħataw sabiex l-avvenimenti u l-attivitajiet jkunu irreklamati b'mod xieraq sabiex jintlaħqu udjenzi ta' etajiet u ta' gosti differenti minn pajjiżi differenti.

Din is-sena l-Kummissjoni WEB kienet diġà impenjata f'diversi avvenimenti fi ħdan din l-istess Soċjetà, fosthom insibu t-tħejija tal-filmati u preżentazzjonijiet viżwali li ntwerew waqt il-Kunċert Mużiko-Letterarju mill-Banda Re Ġorġ V fl-okkażjoni tal-ftuħ tal-għaxar edizzjoni tal-Wirja La Semana Santa de España fl-Imqabba. Għall-ewwel darba il-Kummissjoni WEB ħarġet għall-bejgħ żewġ flokkijiet ħomor bil-kmiem twal bil-kliem "Titulari Mqabbin" u "Partitarji 365" li jistaw jinxtraw mill-partitarji sabiex jintlibsu waqt il-ħidma tagħhom waqt l-attivitajiet li jinvolvu lis-Soċjetà. Wara li sar appell lill-partitarji sabiex jaqsmu magħna xi ritratti antiki relatati mar-raħal tagħna jew is-Soċjetà, għaddejja l-ħidma sabiex dawn ir-ritratti jiġu magħmula f'format diġitali sabiex dawn ikunu jistgħu jintwerew fuq il-paġna ta' Facebook fir-rokna "Memorji mill-Passat".

B'rabta mal-festa tal-patruna tagħna Santa Marija, il-Kummissjoni WEB qiegħda tagħmel l-almu tagħha sabiex is-soċi jkollhom tifkira sabiħa tal-mumenti partikoli waqt iċ-ċelebrazzjonijiet li huma jkunu jagħmlu parti minnhom. Dan tagħmlu kemm permezz tal-fotografija kif ukoll permezz ta' ġbid u tħejjijiet ta' filmati kif ukoll preżentazzjonijiet viżwali li jintwerew kemm waqt il-Programm Vokali u Strumentali li jitella mill-Banda Re Ġorġ V fl-10 t'Awwissu, kif ukoll waqt iċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru waqt il-Marċ tat-Tielet Tridu fit-13 t'Awwissu. Matul il-jiem tal-festa fuq il-paġna tal-facebook wieħed ser ikun jista jsib programm ta' kull ġurnata bil-ħinijiet tad-diversi attivitajiet li jkunu ser iseħħu matul dak il-jum stess. Il-



*Il-Kummissjoni WEB b'ħidma kontienwa speċjalment fil-qasam diġitali*



# Cassar Florist

**(taz-zizzu)**

***For your Wedding Flowers, Holy Communion, Head Dresses, Engagement Parties, funerals, bouquets for feasts, Wedding Invitations, Souvenirs, Tulle & Accessories for all occasions***



5% discount on total wedding flowers, souvenirs & invitations

**Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq (near Aida Hall)**
**Tel: 2164 0501 / 9946 7457 / 9989 7385**

*Il-familja Cassar tixtieq il-Festa t-Tajba lill-Imqabbin kollha!*

Kummissjoni WEB ser tkun qed tuża għodda ġdida li introduċiet il-Facebook dan l-aħħar xhur billi tagħmel użu minn *Live Video* waqt diversi attivitajiet sabiex is-segwaċi tgħana jkollhom togħma ta' x'ikun qed isir dak il-ħin.

Din is-sena is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba, qiegħda tiċċelebra l-għeluq tal-għoxrin anniversarju minn meta bdiet il-preżenza tagħha fuq il-mezz tal-internet. Dan kien fl-1996 meta bl-inizjattiva u bil-ħidma tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fi ħdan din l-istess Soċjetà, ġie mniedi s-sit uffiċjali tas-Soċjetà www.santamarija.com. Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V f'dawk iż-żminijiet kienet ħasset il-ħtieġa li ma tibqax biss magħrufa mal-irħula tal-madwar f'Malta u Għawdex, iżda riedet tesponi t-talenti u r-rikkezzi li jinsabu fi ħdana madwar id-dinja kollha. Permezz tas-sit uffiċjali www.santamarija.com ersaqna iktar qrib lejn soċjetajiet, għaqdiet kif ukoll individwi kemm Maltin kif ukoll barranin li għandhom interessi simili tas-Soċjetà tagħna speċjalment fejn jitħol il-qasam tal-kultura, mużika u piroteknika. Permezz ta' din il-preżenza fuq l-internet is-Soċjetà tagħna kabbret ir-relazzjonijiet internazzjonali tagħha ma' diversi kompożituri, surmastrijiet, għaqdiet u baned barranin.

Matul iż-żminijiet kienu diversi il-bidliet li saru fis-sit www.santamarija.com sabiex dejjem jibqa' modern u aġġornat maż-żminijiet. Minn hawn nirringrazzja lil kull min f'dawn is-snin b'xi mod jew ieħor ta s-sehem tiegħu sabiex is-Soċjetà tagħna jibqa' jkollha din il-preżenza tagħha fuq dan il-mezz tassew importanti. Il-Kummissjoni WEB ser tkompli tagħmel l-għalmu tagħha sabiex l-ammont ta' informazzjoni li jinsab fis-sit ikompli jikber u li timxi mal-passi li jsiru regolarment fit-teknoloġija sabiex il-partitarji jkunu jistgħu jgawdu mill-vantaġġi li dawn iġibu magħhom.

Il-Kummissjoni WEB ftit tal-ġimgħat ilu ħabbret dettalji dwar il-proġett nazzjonali "Arts & Culture Through the Lens" li hu proġett iffinanzjat mill-Small Initiatives Support Scheme 2015, li permezz tijaw il-Kummissjoni WEB b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Eżekuttiv sejrin jorganizzaw taħdidiet informattivi kif ukoll wirja dwar il-fotografija relatata mal-Arti u l-Kultura Maltija, sabiex il-persuni involuti f'dan il-qasam ikunu jistaw ikabbru aktar l-għarfien tagħhom. Għalhekk min hawn inħeġġu lil dawk kollha interessati jieħdu sehem f' xi parti minn dan il-proġett sabiex jikkuntatjawna permezz tal-posta eletronika fuq info@santamarija.com sabiex ngħarfukom b'aktar dettalji.

Fl-aħħar, tajjeb li wieħed ifakkar sabiex kullħadd għandu jagħmel użu bl-aktar mod għaqli mit-teknoloġija sabiex b'hekk inkomplu ngħollu l-isem tas-Soċjetà tagħna kif ukoll inkomplu nesponu t-talenti u-rikkezzi li jinsabu fiha madwar id-dinja kollha. Ma jistax jonqos li ma nirringrazzjawx lilkom il-partitarji talli kull meta tlabna l-għajnuna tagħkhom irrikorrejtu bi ħġarkom. F'ismi u f'isem sħabi kollha tal-Kummissjoni WEB, nawgura l-festa t-tajba lil-Imqabbin kollha.

Viva l-Patruna Universali, Santa Marija.

**Il-Kummissjoni WEB tavża li qegħdha tiġbor kopji ta' ritratti antiki li jikkonċernaw lis-soċjetà jew lir-raħal tal-Imqabba.**

Kull minn għandu xi ritratti u jixtieq jaqsamhom magħna jista jagħmel dan billi javviċina lill-membri tal-Kummissjoni WEB.



# MALLIA
## PETROL STATION LTD.
## SIGGIEWI



New Tyres, New Batteries, Oil Filters, Accessories, Car Care products & more

Mob: 79617353/4



# Seabreeze Hotel

Pretty Bay, Birżebbuġa - Malta

Tel: 24 Hours (+356) 21 651256, 21 651499 - 21 651493
Fax: (+356) 21 653898 • E-mail: seahotel@maltanet.net



OPEN TO NON-RESIDENTS

FULLY AIRCONDITIONED



*Messaġġ mill-Klabb Tfal tat-Titular*

# Il-fjur u l-futur tas-Soċjetà

**Charmaine Azzopardi, telenka l-ħidma li ssir fil-Klabb tat-tfal matul is-sena kollha**

Għaddiet sena oħra u għal darb'oħra qed nikteb kelmtejn biex inwassal il-messaġġ tiegħi fuq il-klabb 'Tfal tat-Titular'. Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina meta naraw tbissima fuq dawn iċ-ċkejknin, il-fjur u l-futur fi ħdan din is-Soċjetà. Wara ġimgħa skola, żgur li taqblu miegħi li dawn it-tfal ikollhom bżonn ftit ħin ta' rilassament.

**Huwa ta' sodisfazzjon kbir għalina meta naraw tbissima fuq dawn iċ-ċkejknin, il-fjur u l-futur fi ħdan din is-Soċjetà**

Jien u sħabi l-amministraturi niltaqgħu fuq medja ta' darba fix-xahar biex flimkien, wara diskussjoni, noħolqu programm mimli daqs bajda li jinkludu żfin, logħob, kraft u tisjir fost oħrajn.

Minbarra li l-laqgħat ikunu divertenti, jkunu wkoll edukattivi, billi kellna sezzjoni ta' quiż fejn jitgħallmu dwar l-istorja ta' raħalna.

L-enerġija li t-tfal juru lejn il-festa hija fenominali. Nixtieq immur lura fi żmien il-festa fejn fis-6 t'Awwissu tellajna Jum it-tfal. Inġbarna l-knisja fejn saru l-preżentazzjonijiet tat-tfal lil Patruna tagħna, Santa Marija u wara li attendejna flimkien għall-quddies inġbarna fis-sala tal-każin fejn tellajna festin għal dawn iċ-ċkejknin.

Għat-tielet sena konsekuttiva erġajna organizzajna l-attività ta' 'Trick or Treat'. Nista' ngħid li din is-sena ingħaqdu magħna ħafna tfal minn irħula oħra. Nixtieq nirringrazzja pubblikament lil dawk il-familji li kienu lesti b'ħafna ħelu u laqawna ġewwa d-djar tagħhom. Dan żgur li jimliena b'kuraġġ kbir biex norganizzaw attivitajiet simili għat-tfal tagħna.



*Preżentazzjoni tat-Tfal f' Jum it-Tfal*



*Trick or Treat fil-Halloween*



*Mickey u Minnie waqt Party tal-Milied għat-Tfal*

# BRIAN & JAMES GREEN

**FUNERAL SERVICE**

*Irrikorru*

30, Main Street, Żurrieq Tel: 2164 2738

Rustica, Massabielle Street, Qrendi Tel: 2164 2508 – 9949 7959

"Green", St. Catherine Street, Qrendi Tel: 2164 7791 – 9949 4880





*Party tal-Milied għat-Tfal*



*Tqassim ta' Rigali fid-Djar fi żmien il-Milied*

B'kollaborazzjoni mal-Kumitat Ċentrali, ta' kull sena norganizza l-festin tal-Milied, fejn din is-sena kellna magħna l-karattri ta' Mickey u Minnie li nista' ngħid li ntlaqaw tajjeb ħafna. Ma nistax ma nsemmix l-attività, *Breakfast with Santa* li tellgħu s-Sezzjoni Żgħażagħ b'kolloborazzjoni mal-klabb Go Reds fejn filwaqt li dawn it-tfal kielu u lagħbu flimkien f'atmosfera tal-Milied, il-qliegħ mar għall-Istrina 2015.

Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lill-kumitat Ċentrali tal-koperazzjoni li dejjem sibna u l-fiduċja li wrew fina. Ma nistax ma nirringrazzjax lill-ġenituri li dejjem kienu ta' sapport kbir għalina u li b'dedikazzjoni jibagħtu lit-tfal tagħhom filwaqt li nħeġġeġ ġenituri oħrajn biex iħeġġu lit-tfal tagħhom biex jingħaqdu magħna u jieħdu gost flimkien.

Viva Santa Marija






Ta' Victor Restaurant
Victor Aquilina
Misrah Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk • Tel: 00356 2164 1033 • Mob: 00356 9947 4249
(Situated in the Church Square)
Tuesday to Sunday from 10.00 hrs till late
E-mail: info@tavictorrestaurant.com
Website: www.tavictorrestaurant.com




Magri BUTCHER SHOP
Diamond Jubilee Square, Mqabba
Mob: 7972 9699
Free Delivery
For the best quality of fresh and frozen meat
Opening Hours:
Tuesday: 7.00am - 12.00pm 3.30pm - 7.00pm
Wednesday: Morning Closed 3.30pm - 7.00pm
Friday: 7.00am - 12.00pm 3.00pm - 6.00pm
Saturday: 7.00am - 1.00pm



*Messaġġ mill-Grupp "Go Reds"*

# Adoloxxenti mimlijin enerġija biex jiċċelebraw kif jixraq il-festa ta' Santa Marija

**Maria Galea, tagħti ħarsa lejn sena attivitajiet organizzati fi ħdan il-Klabb Go Reds, Adoloxxenti Titulari**

Għeżież Soċji, Partitarji u Adoloxxenti,

Reġa' wasal ix-xahar sabiħ t'Awwissu, li għalina dan ix-xahar huwa l-qofol ta' sena ħidma biex niċċelebraw il-festa ta' Santa Marija, il-Patruna tal-Imqabbin. Nixtieq nibda dawn il-kelmtejn tiegħi billi nagħti merħba lill-adoloxxenti ġodda li ngħaqdu magħna f'dan il-klabb matul din is-sena. L-għan ta' dan il-grupp huwa li filwaqt li nieħdu gost bl-avventuri li nagħmlu flimkien u norganizzaw sezzjonijiet edukattivi, ngħallmu lil dawn l-adoloxxenti kif jaħdem kumitat biex b'hekk meta jaslu fl-eta taż-żgħożija huma jkollom diġà idea ċara x'jikkonsisti impenn ta' Kumitat u b'hekk ikunu diġà preparati x'tikkonsisti sena ħidma fi ħdan is-Soċjetà. Diġà qed naraw il-frott mixtieq, fejn xi wħud mis-Sezzjoni żgħażagħ ta' din is-sena kienu jifformaw parti fil-klabb tal-Go Reds – Adoloxxenti Titulari. Minn hawn nixtieq nawguralhom aktar ħidma fi ħdan is-Soċjetà.

**L-għan ta' dan il-grupp huwa li filwaqt li nieħdu gost bl-avventuri li nagħmlu flimkien u norganizzaw sezzjonijiet edukattivi, ngħallmu lil dawn l-adoloxxenti kif jaħdem kumitat biex b'hekk meta jaslu fl-eta taż-żgħożija huma jkollom diġà idea ċara x'jikkonsisti impenn ta' Kumitat u b'hekk ikunu diġà preparati x'tikkonsisti sena ħidma fi ħdan is-Soċjetà**

Ta' min wieħed isemmi li bħala klabb aħna nibqgħu għaddejjin sena sħiha fejn wara laqgħat li jsiru darba fil-ġimgħa, niddiskutu temi differenti u addattati għal din l-età. Dawn id-diskussjonijiet ikunu relatati mal-problemi li jiltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. Aħna ngħinuhom joħorġu mill-qoxra tagħhom u jipparteċipaw waqt il-laqgħat filwaqt li ngħinuhom ikunu aktar kunfidenti biex jitkellmu. Dan żgur li ser jgħinhom fil-futur qarib.



*Membri tal-Go Reds jaħdmu l-Liedna*

Nista' ngħid li dawn iż-żgħażagħ żgħar urew interess kbir fi żmien il-festa fejn morna nżuru l-imħażen tal-armar biex jaraw il-preparamenti li jkunu għaddejjin f'dak iż-żmien. Aħna nħeġġuhom japrezzaw dan ix-xogħol volontarju li żgur li taqblu miegħi li l-volontarjat huwa mportanti ħafna fil-ħajja li qegħdin ngħixu. Huma ma qatawx qalbhom anzi riedu jmorru jagħtu daqqa t'id fl-armar tat-toroq.

Wara li għaddiet il-festa, kellna bżonn ftit jiem ta' mistrieħ, fejn morna erbgħa t'ijiem ġo *farmhouse*



*Membri tal-Go Reds jattendu Meludia Roadshow*



*Camping ġewwa Għajn Tuffieħa*


THE HEALTHY Pantry
FOOD SHOP GOOD FOOD LONG LIFE
Triq Il-Bronja, Zurrieq
The healthy pantry offers food for people with special dietary needs.
Gluten, Lactose and Sugar Free foods, as well as Vegan and Organic products available.
Gym supplements available too.
Email: thehealthypantry@yahoo.com
Summer Opening Hours:
Mon, Tues, Thurs, Fri: 8am - 1 pm and 4pm - 7pm
Wed: 8am - 1pm
Sat: 8am - 1pm
Find us on: facebook.


YOUR ONE STOP SHOP FOR EURO & JAPANESE AUTO PARTS & MORE
SERVICE PARTS / COOLANTS & LUBRICANTS / JAPAN RACING WHEELS
EIGHTY EIGHT 88 AUTOMOTIVE
GHAXAQ BYPASS, GHAXAQ
T: 2124 8888 M: 7924 8888 W: WWW.88AUTOMOTIVE.COM F: FACEBOOK.COM/88AUTOMOTIVE



*Camping ġewwa Għajn Tuffieħa*



*Play Station Tournament waqt il-weekend tal-Jum l-Omm*



*Pool Tournament organizzat waqt il-weekend ta' Jum l-Omm*



*Grupp tal-Go Reds li attendew il-Camping*



*Preżentazzjoni ta' flus waqt Maratona ta' Puttinu*

Għawdex. Hawnhekk sirna qisna familja waħda fejn kulħadd medd idejh fil-preparamenti tal-ikel u anke fl-isbarazzar. Organizzajna wkoll treasure hunt ġewwa r-raħal sabiħ tan-Nadur. Żgur li vaganza bħal din qatt mhu ser jinsewha. Aħna nħossuna sodisfatti meta naraw l-għaqda bejn dawn l-adoloxxenti.

Matul din is-sena ġew organizzati diversi attivitajiet, fosthom *picnics*, morna wkoll ġurnata Bay Street, fil-Halloween morna *night hike* fejn wara waqafna nilgħabu Ħal Millieri. Ma nistax ma nsemmix l-attività li saret fi żmien il-Milied – '*Breakfast with Santa*' fejn il-flus li nġabru ngħataw għall-Istrina 2015.

Għat-tielet sena konsekuttiva organizzajna attività ta' Jum l-Omm, dik ta' *Plant and Cake Sale,* fejn waqt din l-attività kellna għaddejja maratona tal-liena, *pool tournament* u *playstation tournament*, fejn ġabru wkoll donazzjonijiet għal Puttinu Cares. Mill-ftit ħin li kellhom riedu għal darb'oħra jħabbtu l-bibien tar-raħal biex ikomplu jiġbru fejn imbagħad fil-maratona ta' Puttinu Cares li saret nhar id-29 ta' Mejju marru bid-donazzjoni ta' €200. Grazzi kbira lil kull min ta' d-donazzjonijiet tiegħu. F'Mejju wkoll morna camping Għajn Tuffieħa fejn ħadna gost flimkien.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi minn qiegħ qalbi nirringrazzja lil Samantha Baldacchino, Warren Bondin u Silvana Tabone li dejjem ikunu ta' għajnuna biex jitmexxa dan il-klabb u lil bosta oħrajn li dejjem kienu hemm għalina u li żgur li mingħajr l-għajnuna tagħhom ma konniex ser naslu s'hawn. Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-ġenituri li jtuna sapport kbir u b'hekk jimlewna b'enerġija kbira biex inkomplu naħdmu ma' dawn l-adoloxxenti. Nixtieq inħeġġeġ lil dawk il-partitarji li għandhom it-tfal ta' età bejn it-12 u 16-il sena biex jinkoraġuwhom ħalli jingħaqdu magħna f'dan il-klabb, biex insaħħu s-Soċjetà tant għażiża għalina, filwaqt li nbegħduhom mill-vizzji ħżiena. Grazzi kbira mill-qalb.

Viva Santa Marija, il-Patruna tagħna l-Imqabbin.

# MATHEMATICS PRIVATE TUITION



- Group Classes
- One-to-One Tuition
- Intermediate Level
- All Secondary Levels

- Summer Revision Courses
- Preparation for Matsec exams
- Resit Revision Courses

**Qrendi 99474178**

maths.private.tutoring@gmail.com

Ms. Mariya Grech Muscat
B.Sc. M.Sc.

Happy feast… Enjoy your π!





*Mill-Paġna Sportiva*

# Iktar suċċessi f'isem is-soċjetà

**Alex Falzon, f'isem is-St. Mary Pool Team jikteb dwar iż-żewġ timijiet tal-pool ta' din is-soċjetà.**

'Where there is a will, there is a way', dan kien u għadu l-motto tat-timijiet tagħna li jikkompetu fil-Malta Pool Association league. Is-suċċessi baqgħu ġejjin u llum is-Soċjetà Santa Marija għandha tliet timijiet li jikkompetu f'dawn id-diviżjonijiet.

**Illum il-logħba tal-pool saret parti mis-soċjetà tagħna fejn kuljum tara nies ġodda jieħdu interess u tfal jippruvaw jitgħallmu, kif ukoll tara nies jieħdu pjaċir iqattgħu siegħa jħarsu lejn il-players jittrenjaw**

Din is-sena Team A (St.Mary Mqabba A) lagħab fl-għola diviżjoni tal-Premier Division. It-team kellu prestazzjonijiet tajbin ħafna u laħaq l-għan ewlieni li ħdimna għalih – li kien li nsalvaw postna f'din l-għola diviżjoni. Żgur li ma kinitx xi ħaġa faċli però dejjem emminna u ħdimna bħala team wieħed. Ma ġejniex relegati u dan għalina huwa ta' sodisfazzjon kbir. Meta tqis li din kienet l-ewwel esperjenza tagħna żgur li tħossok sodisfatt u kburi li tagħmel parti minn din l-iskwadra.

It-tieni Team B (St.Mary Mqabba B) din is-sena pparteċipa fit-tieni diviżjoni u nistgħu ngħidu li kellu wirjiet impressjonanti. Spiċċajna fl-ewwel pożizzjoni u fi staġun sħiħ ġarrabna telfa waħda biss. Għal darba oħra l-għaqda u l-armonija kienu kruċjali biex stajna nġibu dawn ir-riżultati. Dan l-istess team, wara li għadda għal play-offs spiċċa wkoll fit-tieni post u b'hekk ġie promoss għall-ewwel diviżjoni. Huwa ta' unur kbir għas-soċjetà tagħna li tant għandna għal qalbna.

It-tielet Team C (St.Mary Mqabba C) li din is-sena lagħab fit-tielet diviżjoni ġie promoss ukoll għat-tieni diviżjoni wara li spiċċa fit-tieni post tal-grupp. Dan it-team għamel wirjiet tajbin ħafna u rnexxielu jikseb l-aħjar pożizzjoni f'dawn l-aħħar 3 snin li ilu jikkompeti. F'din l-iskwadra kellna xi players ġodda u li laħqu livell verament tajjeb.

Din is-sena saru wkoll żewġ tournaments organizzati minn din l-istess għaqda. L-ewwel wieħed intrebaħ











# Ruben's Garage

**Oven Baked Spray Painting**
**Insurance Approved**

**Mob: 79064856**
**6, Sejba Road, Mqabba**
**rubengarage@gmail.com**

**We Also do Plastic Bumper Repair & Windscreen Installations.**



# tower ironmongery

WÜRTH – FASTENERS | SIGMA COATINGS – INTERIOR & EXTERIOR PAINT | PROTOOL – POWER TOOLS | narex – POWER TOOLS | V-TAC – LED BULBS & TUBES | MOTTURA – SECURITY LOCKS | Cuprinol – WOOD TREATMENT | TOPEX – HAND TOOLS

Kress – POWER TOOLS | fumagalli since 1973 – RESIN OUTDOOR FITITNGS | ABB – ELECTRICAL SUPPLIES | Unoair® – AIR TOOLS | CISA – LOCKS | TECHNICAL PROTECTION TEXTILES ARRIGONI 1936 – SUN SHADING | NEO – HAND TOOLS

DUPLICATE YOUR KEY NOW!
PROFESSIONAL KEY CUTTING HERE.
SILCA YOUR GLOBAL PARTNER IN LOCKSMITHING

**Tower Street, Żurrieq, ZRQ 2360**
Tel: **2164 0196** • E-mail: **sales@towerironmongery.com**



# *Carabott Jewellers*

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days



minn Chris Galea u t-tieni tournament ġie mirbuħ minn Troy Zammit. Kellna wkoll suċċessi fil-league nazzjonali tas-singles fejn Duncan Edwards kwalifika mal-aqwa 48 player nazzjonali u Josef Vassallo spiċċa quarter final fil-5th Ranking Men National Tournament.

Dawn l-affarijiet naturalment ma jiġux weħidhom, imma b'sagrifiċċji kbar min-naħa tal-players li jittrenjaw regolarment u kuljum. Din is-sena saru wkoll sett flokkijiet ġodda għall-players kollha u minn hawn nixtieq nirringrazzja minn qalbi lis-sponsors kollha. Illum il-logħba tal-pool saret parti mis-soċjetà tagħna fejn kuljum tara nies ġodda jieħdu interess u tfal jippruvaw jitgħallmu, kif wkoll tara nies jieħdu pjaċir iqattgħu siegħa jħarsu lejn il-players jittrenjaw.

Nawgura l-festa t-tajba lill-Imqabbin kollha.

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
issellem il-memorja ta'

# Richard Spiteri

magħruf bħala Ritchie.
Ritchie kien il-fundatur tal-Mqabba Albions FC,
u għen biex ikabbar il-kultura sportiva fl-Imqabba.


Aida Hall

Triq Ġużeppi Mattew Callus, Żurrieq
**Tel: 2168 3112 • Mob: 7999 4247**



*For Receptions, Parties and all occasions*

## Lorraine's Beauty Clinic

All face & body treatments,
Make-up, Manicures & Pedicures, Waxing,
Semi-permanenrt make-up,
Holistic & Complimentary Therapies
by qualified Therapist.

Call for appointment or SMS to
21689 785 or 99450647

Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba



## Super S ironmongery

*Everything you need for your Home under one Roof!*

**Electrical & Water Fittings, A Large Selection of Power Tools & Hand Tools, Indoor & Outdoor Lightings, Skirting, A Large Variety of Household Appliances and Kitchen Utensils, Fans, Dehumidifiers, Heaters & Fan Heaters, Ceiling Roses, Garden Furniture, Picnic Tables, Umbrellas and much more ...**

**Dun Matteola Saliba Street, Żurrieq Tel: 2768 9256**

**Opening Hours: Monday to Friday 06:30 to 19:00hrs; Saturday 06:30 to 14:00hrs**



## Shoe Lane

**FOOTWEAR & FASHION**

Ladies' Wear, Men's Wear, Children's Wear,
Handbags, Shoes, Accessories & much more...
Puma • Adidas • Reebok • Skechers • Kappa • Piccadilly

Lorraine Mamo *Also St Benedict's Primary School Uniforms*

**Matteolo Saliba Street, Żurrieq** **Mob: 9923 8561**
**Near Bellizzi Services (Elmo Insurance)** **Tel: 2723 8561**
**Email: lorraine_mamo@hotmail.com**



# Festa Santa Marija 2016
# Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja

## Is-Sibt, 30 ta' Lulju
*Bidu tal-Kwindiċina*

**6:30pm** Quddiesa solenni, talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-Kan. Dr. Jonathan Farrugia.

## Il-Ħadd, 31 ta' Lulju
*Jum l-Għaqdiet Reliġjużi u l-Fratellanzi*

**6:30pm** Quddiesa. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi Patri Joe Zahra OP.

## It-Tnejn, 1 t'Awwissu
*Jum is-Soċji u l-Benefatturi*

**6:30pm** Quddiesa. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi Fr. Trevor Fairclough.

## It-Tlieta, 2 t'Awwissu
*Jum it-Tfal*

**6:00pm** Preżentazzjoni tat-tfal (sa ħames snin) lill-Madonna. Imexxi Fr. Trevor Fairclough.

**6:30pm** Quddiesa. Mistiedna t-tfal kollha tal-parroċċa.
Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi Fr. Trevor Fairclough.

## L-Erbgħa, 3 t'Awwissu
*Jum il-Morda u l-Anzjani*

**6:30pm** Quddiesa għall-morda u l-anzjani tal-parroċċa. Jiġi amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-Kappillan Fr. John P. Curmi.

## Il-Ħamis, 4 t'Awwissu
*Jum l-Għaqda tan-Nar*

**6:30pm** Quddiesa għall-membri u dilettanti tan-nar. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi Fr. Trevor Fairclough.

## Il-Ġimgħa, 5 t'Awwissu
*Jum iż-Żgħażagħ*

**6:30pm** Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi Fr. Trevor Fairclough.

## Is-Sibt, 6 t'Awwissu
*Jum il-Familji*

**6:30pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji. Mistiedna speċjali l-koppji li din is-sena qed jagħlqu 25 u 50 sena



miżżewġin. Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-Kappillan Fr. John P. Curmi.

## Il-Ħadd, 7 t'Awwissu
*Tifkira tal-Mejtin tal-Parroċċa*

**6:30pm** Quddiesa b'suffraġju għall-mejtin tal-parroċċa, speċjalment dawk li mietu mill-aħħar festa. Mistiedna l-qraba u l-ħbieb tagħhom.
Talba tal-kwindinċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-Kappillan Fr. John P. Curmi.

## It-Tnejn, 8 t'Awwissu
*Jum is-Saċerdoti, ir-Reliġjużi u l-Vokazzjonijiet*

**6:30pm** Konċelebrazzjoni mmexxija minn Fr. Trevor Fairclough.
Talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali.

## It-Tlieta, 9 t'Awwissu
*Ħruġ tal-Istatwa*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-kwindiċina u barka sagramentali. Imexxi Fr. Trevor Fairclough.

**7:30pm** Isir il-ħruġ solenni tal-istatwa titulari ta' Santa Marija fuq iz-zuntier tal-knisja u wara jitkanta l-innu Ave Maris Stella u l-antifona. Tieħu sehem il-Banda Re Ġorġ V.

## L-Erbgħa, 10 t'Awwissu
*Jum is-Saċerdoti li servew fil-parroċċa*

**6:30pm** Quddiesa kantata, talba tal-kwindiċina, innu u barka sagramentali. Imexxi l-Kan. Dr. Jonathan Farrugia.

## Il-Ħamis, 11 t'Awwissu
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**6:30pm** Quddiesa solenni. Iqaddes Fr. Trevor Fairclough. Jipprietka Patri Renald Lofreda O Carm.
Wara, talba tal-kwindiċina, innu, Salve Regina, litanija, antifona u barka sagramentali.

## Il-Ġimgħa, 12 t'Awwissu
*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8:00am** Quddiesa kantata.

**6:30pm** Quddiesa solenni. Iqaddes Fr. Trevor Fairclough. Jipprietka Patri Renald Lofreda O Carm.
Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

## Is-Sibt, 13 t'Awwissu
*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8:00am** Quddiesa kantata.

**6:30pm** Quddiesa solenni. Iqaddes Patri Joe Zahra OP. Jipprietka Patri Renald Lofreda O Carm.
Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

## Il-Ħadd, 14 t'Awwissu
*Lejlet il-Festa*

**7:00am** Quddiesa letta.

**8:30am** Quddiesa solenni minn Fr. Trevor Fairclough. Wara jitkanta t-Te Deum u l-antifona Beata Mater.

**10:15am** Quddiesa letta.

**6:30pm** Transulazzjoni solenni tar-Relikwa minn Triq id-Duluri lejn il-Kappella tad-Duluri fejn isir l-inċensar tar-Relikwa u jsir it-talb. It-Transulazzjoni tkompli mit-Triq tan-nofs għal ħdejn il-Każin ta' Santa Marija u wara fil-Knisja. Wara Salve Regina. Imexxi l-Kan. Dr. Jonathan Farrugia. Wara quddiesa kantata u ċelebrazzjoni ewkaristika, immexxijja mill-Kappillan Fr. John P. Curmi.

## It-Tnejn, 15 t'Awwissu
*Jum il-Festa*

**7:00am** Quddiesa letta.

**8:00am** Quddiesa letta.

**9:15am** Quddiesa konċelebrata solenni bil-paniġierku mill-Kan. Dr. Jonathan Farrugia. Iqaddes Mons. Dr. Paul Vella. Mistednin l-għaqdiet soċjali flimkien mal-Kunsill Lokali.

**11:15am** Quddiesa letta.

**5:00pm** Quddiesa letta mill-Kan. Dr. Jonathan Farrugia.

**6:00pm** Għasar solenni mill-Kan. Dillon Bugeja, Viċi Parroku tal-Parroċċa taż-Żejtun. Salve Regina u innu.

**7:15pm** Purċissjoni bl-istatwa artistika, devota u titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess ċelebrant.

**10:15pm** Antifona u ċelebrazzjoni ewkaristika.

## It-Tnejn, 22 t'Awwissu
*L-Ottava tal-Festa*

**6:30pm** Quddiesa, ripożizzjoni tar-relikwa, Te Deum u barka sagramentali.

**N.B.Il-mużika tat-tridu, lejlet u nhar il-festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast Patri Salv Galea OP.**
**Is-Sibt 13 t'Awwissu, ikun hawn diversi konfessuri għall-qrar bejn it-8.30am u l-11.00am u l-4.00pm u s-6.30pm.**

# Festa Santa Marija 2016
# Programm Festi Esterni

## Is-Sibt, 30 ta' Lulju
*Bidu tal-Kwindiċina*

8.00pm Mixegħla tal-knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

8.00pm Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħu sehem l-aqwa talent Malti bis-sehem tal-King George V Youth Band.

*Matul il-granet tal-Kwindiċina*

8.00pm Mixegħla tal-faċċata tal-knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

## It-Tlieta, 9 ta' Awwissu
*Jum il-Ħruġ tal-Vara*

Hekk kif il-Vara artistika u devota ta' Santa Marija tfeġġ fuq iz-zuntier, tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet Marjani. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Imqabbija, is-Sinjura Francesca Farrugia. Inħeġġu lil kulħadd sabiex wara ninġabru lkoll fil-knisja għal funzjoni qasira.

8.30pm Wara l-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħti bidu għall-ewwel marċ tagħha li jibda mill-Pjazza tal-Knisja.

## L-Erbgħa, 10 ta' Awwissu
*Jum il-Banda*

8.30pm Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, tagħmel marċ qasir u wara tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier taħt il-Patroċinju xxxxxxxxx. Wara jsir riċeviment għall-mistednin distinti, soċji, benefatturi u partitarji kollha.

## Il-Ħamis, 11 ta' Awwissu
*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

8.30pm Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu
*It-Tieni Jum tat-Tridu*

8.30pm Il-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi taħt id-direzzjoni ta' Mro. Archibald Mizzi tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## Is-Sibt, 13 ta' Awwissu
*It-Tielet Jum tat-Tridu*

8.30pm Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, tibda l-marċ tradizzjonali tal-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji.
Wara l-marċ jingħata bidu għal spettaklu kbir li jinkludi filmati awdjoviżivi u spettaklu ta' dwal, *laser* u karti sinkronizzati mal-mużika fil-Pjazza quddiem is-Sede tas-Soċjetà.

## Il-Ħadd, 14 ta' Awwissu
*Lejliet il-Festa*

8.00pm Il-Banda King's Own tal-Belt Valletta taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. John Galea tibda marċ mat-toroq tal-Imqabba.

8.00pm Programm Strumentali mill-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius.

10.00pm Il-Banda King's Own tal-Belt Valletta taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Mro. John Galea tesegwixxi Programm Strumentali ġewwa l-pjazza tar-raħal.

## It-Tnejn, 15 ta' Awwissu
*L-Għid tal-Assunta*

12.00pm Il-Banda Re Ġorġ V għal darb'oħra mmexxija minn Mro. David Agius tibda l-marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal.

6.00pm Il-Banda Peace tan-Naxxar taħt id-direzzjoni ta' Mro. Lino Pirotta tibda marċ minn Triq San Bażilju sal-Pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa'

l-ħruġ tal-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara l-banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia ssellem l-Istatwa Titulari minn fuq il-plančier bid-daqq tal-Ave Marija u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Imqabbija is-Sinjura Francesca Farrugia. Wara l-istess banda tkompli b'marc qasir.

**8.45pm** Malli l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro. Alfred Farrugia tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-Kav. Mro. George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Louis Cassar, it-Tenur Joseph Aquilina kif ukoll il-Kor Bel Canto taħt id-direzzjoni ta' Mro. Herman Farrugia Franz. Wara l-istess banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10:15pm** Mad-dhul tal-Vara artistika ta' Santa Marija jsir spettaklu ta' Nar Sinkronizzat mal-Muzika minn fuq il-bejt tal-Palazz Santa Marija.

**10.30pm** Wara r-ringrazzjament ġewwa l-knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-Banda Re Ġorġ V mmexxija minn Mro. David Agius tkompli tallegrana b'marċ qasir li jintemm quddiem il-Każin.

## It-Tnejn, 22 ta' Awwissu

***L-Ottava tal-Festa***

**7.30pm** Mixegħla tal-faċċata tal-knisja kif ukoll tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.
Nagħlqu l-Festa ta' din is-sena b'serata ta' kant u divertiment quddiem il-Każin.

# Programm Vokali u Strumentali mill-Banda Re Ġorġ V

*L-Erbgħa 10 ta' Awwissu, 2016 fid-9:00pm*

| | | |
|---|---|---|
| | **Innu Lil Raħal Twelidi** | Mro Anthony Camilleri |
| Omaggio | **Circolo Giorgio V** | Mro David Agius |
| | **Best of Green Day** | Arr. D.E. Wagner |
| | **Time to say good bye**<br>tkanta Riona Degiorgio | Andrea Bocelli |
| Marċ | **Joyful Memories**<br>Arr. Mro A Camilleri | Leonard Farrugia |
| Excerpts | **Innu Lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema**<br>bis-sehem tat-Tenur Joe Aquilina u Baritono Louis Cassar | Mro George Martin |
| | **Zorba the Greek**<br>Solo Violin Mario Ciantar u Żfin minn Curmi Dancers | Arr. Steven Verhaert |
| | **Beauty and the Beast**<br>jidderieġi Ass. Surmast Mro Gordon Mayer | Arr. Willy Hautvast |
| | **Madonna: A Concert Tour**<br>tkanta Karine Caruana | Arr Victor Lopez |
| Selection | **Fiddler on the Roof**<br>Solo Violin Mario Ciantar | Jerry Bock |
| | **Innu Marċ Marija Assunta** | Leonard Farrugia |
| | **Innu tal-Banda Re Ġorġ V** | Mro Anthony Camilleri |

# Festa Santa Marija 2016
# Minn fejn ser jgħaddi l-Marċ

Għal darba oħra permezz ta' din il-paġna se nagħtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna. Din is-sena se jkollna sitt baned mistiedna għall-Festa Titulari ta' Santa Marija. Però qabel ma nagħtukom aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nħeġġukom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-festa. Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi:

## It-Tlieta, 9 ta' Awwissu
### *Ħruġ tal-Vara fuq iz-zuntier*

**7.30pm** Wara li tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja, il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. David Agius, tkompli tferraħ it-toroq tar-raħal b'marċi brijużi. Il-marċ jgħaddi hekk: Triq il-Parroċċa, Triq id-Duluri, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq l-Aħwa Ghigo, Triq il-Barumbara, Triq il-Madonna tal-Ġilju, Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, Triq is-Sejba, Misraħ il-Ġublew tad-Djamanti, Triq iż-Żurrieq, Triq it-Torba, Triq l-Ispnar, Triq il-Familja Brancati, Triq Ħal Kirkop, Triq il-Mentna, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Misraħ il-Ġublew tad-Djamanti, Triq Santa Katarina, Triq il-Pal, Triq it-Troll, Triq il-Mitħna, Triq Santa Katarina, Triq Santa Marija, Triq iċ-Ċavi, Triq San Innoċenzju, Triq Santa Katarina, għall-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem il-Każin.

## L-Erbgħa, 10 ta' Awwissu
### *Jum il-Banda*

**8.15pm** Jerġa' jmiss lill-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur tagħha, Mro. David Agius, tagħmel marċ li jibda minn ħdejn il-Bini Muniċipali tal-Kunsill għall-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin. Wara l-Banda tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali annwali tagħha.

## Il-Ħamis, 11 ta' Awwissu
### *L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**8.15pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, Triq San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, Triq il-Qattara, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Barrieri, Triq il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Xandru Farrugia, Triq M.A. Caruana, Triq il-Ħajt tal-Matla, Triq Ħal Kirkop, Triq in-Nazzarenu, Triq Dun Ġerald Mangion, Triq Mikiel Zammit, Triq Ħal Kirkop, Triq il-Katakombi, Triq Dun Ġerald Mangion, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Kileb, Triq iċ-Ċavi, Triq Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Knisja u jintemm quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu
### *It-Tieni Jum tat-Tridu*

**8.15pm** Il-Banda San Ġorġ Martri ta' Ħal Qormi taħt id-direzzjoni ta' Mro. Archibald Mizzi tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi kif ġej: Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq l-Aħwa Ghigo, Triq il-Barumbara, Triq ix-Xriek, Triq il-Mitħna, Triq it-Troll, Triq is-Sejba, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq il-Murselli, Triq Ħal Kirkop, Triq is-Saljatura, Triq il-Qrendi, Triq Santa Katarina, Triq San Innoċenzju, Triq iċ-Ċavi, Triq Santa Marija, Triq Santa Katarina, Triq il-Kileb, Triq Mikielanġ Sapiano, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Knisja, Triq id-Duluri, Triq il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

## Is-Sibt, 13 ta' Awwissu
*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.30pm** Il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħmel il-marċtradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li ħejjew għalina s-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk: Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Fjuri, Triq il-Parroċċa mit-tarf, il-Pjazza tal-Knisja, Triq San Bażilju u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

## Il-Ħadd, 14 ta' Awwissu
*Lejliet il-Festa*

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ minn Triq il-Pal u jkompli hekk: Triq it-Troll, Triq is-Sejba, Triq Santa Katarina, Triq San Innoċenzju, Triq Mikiel Anġ Sapiano, Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Triq Karmenu Ciantar u jintemm fil-Pjazza quddiem il-Każin.

**8.00pm** Il-Banda King's Own tal-Belt Valletta taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Galea tesegwixxi programm strumentali quddiem il-Każin u wara tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal Triq il-Parroċċa, Triq id-Duluri, Pjazza tal-Knisja u jintemm fi Triq Karmenu Ciantar.

**10.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' programm strumentali quddiem il-Każin.

## It-Tnejn, 15 ta' Awwissu
*L-Għid tal-Assunta*

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. David Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq ix-Xriek, Triq Santa Katarina, Triq Santa Marija, Triq iċ-Ċavi, Triq Mikielanġ Sapiano, Triq San Innoċenzju, Triq Santa Katarina, Triq San Bażilju, Sqaq il-Lanġasa, Triq Valletta, Triq il-Fjuri, Triq il-Parroċċa, għall-Pjazza quddiem il-Każin.

**6.00pm** Il-Banda Peace tan-Naxxar taħt id-direzzjoni ta' Mro. Lino Pirotta tibda marċ minn Triq San Bażilju, Triq Valletta, Triq il-Parroċċa għall-Pjazza. Tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ tal-Istatwa artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara l-banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M, flimkien mas-Sopran Francesca Farrugia, issellem lill-Istatwa bl-Ave Marija.

**8.45pm** Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M., tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi eks-Surmast il-Kav. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw il-Baritonu Louis Cassar, it-Tenur Joseph Aquilina kif ukoll il-Kor Bel Canto taħt id-direzzjoni ta' Mro. Herman Farrugia Franz. Wara, bis-sehem tal-istess kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq tal-Ave Marija.

**10.30pm** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-Banda Re Ġorġ V tagħlaq il-festa b'marċ qasir li jintemm quddiem il-Każin.



# Festa Santa Marija 2016
# Programm Pirotekniku

## Is-Sibt, 30 ta' Lulju
***Bidu tal-Kwindiċina***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali wara l-funzjoni tal-Kwindiċina tinħaraq kaxxa infernali u murtaletti.
**9.30pm** Ħruq ta' beraq pront u murtali tal-kulur.

## It-Tlieta, 9 ta' Awwissu
***Ħruġ tal-Vara Titulari fuq iz-Zuntier***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-Ħruġ tal-Vara fuq iz-Zuntier isir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar tal-art.

## Il-Ħamis, 11 ta' Awwissu
***L-Ewwel Jum tat-Tridu***

**8.00am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-Barka Sagramentali fi tmiem il-funzjoni tat-Tridu jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Ħruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ u wirja ta' logħob tan-nar tal-art.

## Il-Ġimgħa, 12 ta' Awwissu
***It-Tieni Jum tat-Tridu***

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## Is-Sibt, 13 ta' Awwissu
***It-Tielet Jum tat-Tridu***

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## Il-Ħadd, 14 ta' Awwissu
***Lejlet il-Festa***

**9.30am** Mad-daqq tat-*Te Deum* ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tat-Tranżulazzjoni jkun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u wirja kbira ta' settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.30pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir u innovattiv ta' logħob tan-nar tal-ajru



sinkronizzat mal-mużika li jinkludi salut, bombi sinkronizzati, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari, it-Torri tad-Dawl, settijiet ta' murtali tradizzjonali tal-beraq pront, beraq tal-kulur, beraq bil-logħob u murtali tal-kulur. Ix-xogħol sinkronizzat se jinħaraq bis-sistemi kompjuterizzata *PyroDigit* u *FireOne*.

11.30pm Wirja kbira ta' logħob tan-nar tal-art oriġinali u mekkanizzat.

## It-Tnejn, 15 ta' Awwissu
### *L-Għid tal-Assunta*

8.00am Ħruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.

9.30am Mad-daqq tal-Glorja jkun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.

11.45am Ħruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjat mid-daqq tas-sirena, segwit minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.

7.15pm Waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni bil-vara titulari u artistika ta' Santa Marija mnaqqxa fl-injam u mogħnija b'pedestall tal-fidda, jiġi sparat salut. Hekk kif l-vara devota tal-Patruna tal-Imqabba toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-'Ave Maria', tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li se tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor u li tkun maħruqa bis-sistema kompjuterizzata *PyroDigit*. Wara l-kaxxa infernali jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.

9.30pm Hekk kif jiġi esegwit l-*Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema* wara li l-istatwa titulari tkun waslet quddiem is-sede tas-Soċjetà Santa Marija, isir ħruq ta' kaxxa infernali, murtali tal-beraq pront u tal-kulur.

10:00pm Hekk kif il-purċissjoni bil-vara tal-Patruna tal-Imqabba tkun se tidħol, isir ħruq ta' kaxxa infernali tal-kulur.

10:15pm Mad-dhul tal-Vara Titulari ta' Santa Marija issir wirja ta' loghob tan-Nar Sinkronizzat mal-muzika min fuq il-Bejt tal-Palazz Santa Marija. Wara, fil-knisja, tingħata l-Barka Sagramentali flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lil Santa Marija.

## It-Tnejn, 22 ta' Awwissu
### *L-Ottava tal-Festa*

6.00pm Mal-ħruġ tal-purċissjoni tar-repożizzjoni jinħarqu musketterija, murtali tal-bomba u murtaletti.



**Nota mill-Bord Editorjali**

Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċji u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw lill-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar kif ukoll lil kull min għen sabiex jittella' dan il-programm vast ta' logħob tan-nar. Jalla jkollhom is-sodisfazzjon sħiħ ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar u wkoll waqt il-ħruq.

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija hija r-rebbieħa tal-Ewwel Kampjonat Internazzjonali tan-Nar ta' Malta li sar fl-2006 fil-Port il-Kbir, filwaqt li sena wara ġiet inkurunata wkoll bir-rebħ tal-Kampjonat Dinji tan-Nar 'Caput Lucis' f'Ruma, l-Italja. Fl-2010 l-Għaqda Nar tal-Art Santa Marija rebħet il-Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art fuq il-Fosos tal-Furjana.

Fl-2014, l-Għaqda tan-Nar kompliet iżżid il-kullana ta' suċċessi permezz tal-premju tal-Artiġjanat, għal xogħol innovattiv.



*Anniversarju*

# L-Għaxar Anniversarju ta' 'La Semana Santa' fl-Imqabba

**Is-Sur Michael Chetcuti, jirrifletti fuq il-ġibda tiegħu lejn il-Ġimgħa l-Kbira li waslitu sabiex jingħata bidu għall-wirja unika "La Semana Santa de Espana" li ta' kull sena ssebbaħ is-sede tas-soċjetà.**

It-tfulija tiegħi qattajta l-Isla, ħdejn l-Oratorju ta' Ġesù Redentur, li huwa parti mill-Bażilika ta' Marija Bambina nkurunata, fejn ukoll tgħammidt. Kont nieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira tal-istess lokal. Il-ġranet għeżież tal-Ġimgħa Mqaddsa minn dejjem kienu għal qalbi. Minn meta kont żgħir kont narma l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira id-dar, ġo kappella li kelli fuq il-bejt.

> Minn dakinhar 'l quddiem ma ħarisna qatt lura u bqajna mixjin b'passi ta' ġgant

Il-ġibda jew passjoni li dejjem kelli lejn il-vari u l-Ġimgħa l-Kbira, issarfet fil-wirja unika, li lkoll qed ingawdu bl-isem ta' La Semana Santa D'Espana, li dis-sena b'fervur iktar mis-soltu, iċċelebrajna flimkien l-10 edizzjoni tagħha. Din il-wirja tikkonsisti f'madwar 150 statwa minjaturi, imqassmin fit-32 vara tal-passjoni, li jibdew mill-aħħar ċena sal-qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Dawn l-istatwi, il-biċċa l-kbira tagħhom huma mlibbsin bi lbies fin tal-bellus irrakkmati bid-deheb u mżejna b'ħafna ornamenti ħelwin. Dawn il-vari tant sbieħ, rikki u li jpaxxu l-għajn ilkoll jistrieħu fuq pedistalli kbar ħafna minnhom maħdumin fl-injam, imżejna b'diversi anġli, skudetti, disinji u ornamenti oħra. Dawn il-vari jew pasos, huma replika tal-vari kbar u ferm għonja li jieħdu sehem fis-Semana Santa li ssir madwar Spanja kollha, purċissjonijiet magħrufa sew mad-dinja kollha, fejn eluf kbar ta' nies għal ġimgħa sħiħa jattendu għalihom bi ħġarhom.



*Il-mant irrakmat ta' waħda mill-istatwi*

Kien f'Awwissu tal-2006 wara li kont attendejt għas-Semana Santa f'Malaga, fejn kont ferm entużjażmat fuq dak li kont rajt u xtaqt li nibda nagħmel wirja fuq dawk ta' Spanja. Ma kien faċli xejn pero ma qtajtx qalbi. Kellimt lill-President taż-Żgħażagħ ta' dak iż-żmien, is-sur Carlo Sciberras, fejn introċudejt din l-idea u huwa aċċetta mill-ewwel. Minn dakinhar 'il quddiem ma ħarisna qatt lura u bqajna mixjin b'passi ta' ġgant. Kellimt ukoll lil-leonard u martu Nathalie Azzopardi u dawn mill-ewwel aċċettaw li jgħinuni u kien permezz tal-għajnuna kontinwa tagħhom, senza interessi, li bqajna mixjin 'l quddiem b'suċċess kbir.

Ħafna mill-istatwi nġibu minn Napli filwaqt li oħrajn huma xogħol Joseph u ibnu Michael Cutajar Zahra. Ix-xogħol fuq l-ilbies tal-istatwi hu kollhu xogħol lokali maħdum bl-idejn. F'din il-wirja taw is-sehem tagħhom ukoll Marisa u Micheal Grech, Neville Attard, Pawlu Muscat fost oħrajn. Hija wirja li tgħaqqad it-talenti ta' ħafna individwi, min jaħdem il-ganutell, min jiżbogħ l-istatwi, min ipitter, min jirrakkma, min jaħdem il-pedistalli u tant affarijiet oħra, kollha naħdmu flimkien għal għan wieħed, biex ikollna wirja li tkun denn għal Imqabba u s-soċjetà u tagħti ġieħ u qima lis-Salvatur u l-Feddej tagħna u lid-Duluri t'Ommu.



*Espressjoni mill-qrib tal-istatwa lifesize ta' La Esperanza Macarena xogħol l-artist Għawdxi Michael Cutajar Zahra*


DAVID'S
healthy sliced bread
DAVID'S
BAKERY • GOZO
freshly baked daily
WHITE
SLICED BREAD
OUR
SLICED BREAD
IS FREE FROM
LACTOSE
SOYA
GMO
Wholemeal
Melon
Fruit & Fibre
White
Nettle
Multigrain
Multiseed
DAVID'S
BAKERY
GOZO
You can find our products at leading supermarkets and grocers in Gozo and Malta.
For further information call us on (+356) 21 555 655 or email: davidmercieca@onvol.net



*L-Istatwa lifesize ta' El Cautivo xogħol l-artist Għawdxi Michael Cutajar Zahra*

Maż-żmien nibdet ix-xewqa fiha li din il-wirja tikber permezz ta' statwa lifesize u kien propju fl-2014 li saret l-istatwa lifesize – Esperanza Macarena ta' Sevilja, kapolavur tal-istatwarju Għawdxi Michael Cutajar Zahra, liema statwarju kkumisjonajtu wkoll sabiex jagħmel statwa oħra tant sabiħa u devota ta' Kristu El Cautivo ta' Malaga, li ġiet inawgurata s-sena ta' wara, fl-2015. B'hekk dawn iż-żewġ statwi komplew isebħu l-wirja u jagħmluha tassew unika f'pajjiżna.

Din il-wirja li ta' kull sena tiġi organizzata tant tajjeb mis-sezzjoni żgħażagħ, bl-għajnuna tal-Kumitat Ċentrali, tintrama fil-każin tas-Soċjetà Santa Marija u tingħata prominenza kbira. Il-kamra t'isfel, hekk kif wieħed jidħol fil-każin, jinbidel f'kappella fejn fiha titqiegħed għal qima tal-poplu l-istatwa ta' Kristu 'El Cautivo'. Fis-sala tal-banda tintrama l-vara tal-Macarena, fejn fl-istess sala ikun hemm ukoll diversi ritratti, pitturi, kotba, filmati, ilbies, bandalori u standarti li lkoll juru kif il-poplu Spanjol ifakkar iż-żmien qaddis tas-Semana Santa. Fis-sala Santa Marija mbagħad, sala maestuża fi sfond ta' pitturi l-gmiel tagħhom, jintramaw diversi statwi minjatura li juru l-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu. Din il-wirja tkompli fil-parti l-ġdida tal-każin fejn l-istatwi minjatura ikomplu fis-sala l-ġdida filwaqt li jkun hemm ukoll proġezzjoni audio-viżiva tal-purċissjonijiet magħrufa li jsiru fi Spanja matul dan iż-żmien.

F'dawn l-aħħar tliet snin, qabel il-ftuħ uffiċjali



*Statwa l-ġdida tal-Amargura*

tal-wirja, fis-sala tal-iskola primarja tal-Imqabba, qed jittgħella programm mużiko-letterarju mill-Banda Re Ġorġ V immexxija mill-bravu surmast Mro David Agius. Matul dan il-programm, ħadu sehem diversi kantanti li kantaw siltiet reliġjużi bil-lingwa Spanjola. Dawn il-programmi kienu ikkumplimentati bi żfin tradizzjonali Spanjol 'Flamenco', daqq fuq il-kitarra klassika u fuq il-mandolina, poeżiji u diversi filmati ippreparati miż-żgħażagħ. Fl-okkażjoni tal-10 edizzjoni, li ġiet iċċelebrata din is-sena, diversi żgħażagħ u partitarji tas-soċjetà tellgħu rappreżentazzjoni tal-passjoni ta' Kristu, li ġie milqugħ tajjeb ħafna mill-udjenza preżenti. Din ir-rappreżentazzjoni ħarġet ukoll fit-toroq tar-raħal għażiż tagħna u ġiet fi tmiemha quddiem is-seda tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

Il-wirja ta' din is-sena ġiet inawgurata u mbierka mill-Wisq Reverendu Provinċjal tal-Karmelitani Patri Sandro Vella. Fis-sala Maria Assunta ġiet inawgurata l-vara BajoPalio, tal-Verġni Marija tal-Amargura (Madonna tal-Imrar), imwensa minn San Ġwann u l-Magdalena taħt il-baldakkin irrakmat bid-deheb. Fis-sala l-ġdida ġie inawgurat wkoll il-Palio l-ġdid u l-pedestal tal-Verġni Marija tal-Aurora maħdum minn Leonard Azzopardi. Żanżanna wkoll big screen ġdid għall-filmati.

Din is-sena ħdimt id f'id mal-Kummissjoni Web u kellna ħafna publiċità kemm fuq il-mezzi soċjali u kif wkoll fuq il-mezzi tax-xandir. Permezz ta' dawn l-inizjattivi, ġew ħafna nies iżuru l-wirja tagħna, kemm Maltin u kemm barrani, u kollha kellhom kliem ta' tifħir għal wirja tagħna.

Nixtieq minn qalbi nirringrazzja lill-Kumitat Ċentrali li dejjem jafda fija, lill-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ, lil dawk kollha li jgħejnuni matul is-sena u mhux inqas lil Ġulja Ghigo li tgħini sabiex narma u nżarma din il-wirja.

Grazzi kbira tmur lis-Sinjur tagħna Ġesù Kristu u lill-Ommna Marija ta' kemm jieħdu ħsiebna biex adunur tagħhom inkunu nistgħu nkomplu ntellgħu din il-wirja li hi tant għal qalba u li naf kemm ġid qed joħroġ minnha.






Għalfejn tħammeġ pajjiżek?
FREEPHONE 1718
www.garbyandtidy.org.mt
Available on the iPhone App Store
GET IT ON Google Play
Garby and Tidy


PASSED
Mangion
MOTORING SCHOOL
9949 8554
Find us on Facebook
Want to get licenced?
Yes
No
Wanto to drive on All road conditions?
Yes
No
Want to drive wherever & whenever you like?
Yes
No
Simon Zammit
(Tal-Gholi)
79421154



# ‘Qalb żagħżugħa, festi inklussivi’

**Chris Schembri Baldacchino jikteb dwar l-għeluq tal-proġett ‘Qalb Żagħżugħa, Festi Inklussivi” li ġie fi tmiemu matul l-2015 b’diversi żjarat lill-għola entitajiet tal-pajjiż.**

‘Qalb żagħżugħa, festi inklussivi’ - proġett ta’ aktar minn sentejn ħidma li ra firxa wiesgħa ta’ żgħażagħ jinvolvu ruħhom u jsemmgħu leħinhom f’dak li hu meqjus bħala l-ewwel proġett fuq livell nazzjonali li permezz ta’ riċerka xjentifika kiseb stampa iktar ċara tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-kultura tal-festi.

**B’dover lejn is-settur li niġu minnu, bħala koordinaturi, ippreżentajna r-riċerka lill-għola entitajiet tal-pajjiż fl-għeluq tal-proġett**

Kienu sentejn li matulhom is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, bħala l-koordinatur tal-proġett, organizzat riċerka u sensiela ta’ seminars kif ukoll konferenza nazzjonali sabiex iż-żgħażagħ jingħataw l-mezz u l-ispazju biex jesprimu rwieħhom dwar il-festi Maltin. Mijiet ta’ żgħażagħ qasmu magħna dawk l-elementi li jqanqluhom tant sabiex jiddedikaw volumi kbar ta’ sigħat mill-ħin liberu tagħhom għall-festa, kif ukoll raġunijiet li ħassew li kienu qed itellfuhom milli jagħtu sehemhom f’din il-kultura. Permezz ta’ dawn is-sessjonijiet ta’ djalogu, il-fehmiet taż-żgħażagħ ġew magħġuna f’numru ta’ proposti konkreti li bihom tista’ tissaħħaħ il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-festi.



*Żjara lill-ET President ta’ Malta Marie Louise Coleiro Preca ġewwa l-Palazz ta’ San Anton*



*Carlo Sciberras Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà jippreżenta l-ktieb tal-Festa lill-ET President ta’ Malta*

B’dover lejn is-settur li niġu minnu, bħala koordinaturi, ippreżentajna r-riċerka lill-għola entitajiet tal-pajjiż fl-għeluq tal-proġett. Fost oħrajn, kellna laqgħat mal-E.T. President ta’ Malta, mal-Prim Ministru, mal-Kap tal-Oppożizzjoni kif ukoll mal-Arċisqof, apparti dawk ma’ Ministri / Segretarji Parlamentari / Shadow Ministers u mal-għaqdiet ċivili.

Kien tassew ta’ unur għalina li, wara snin ta’ ħidma sfiqa, wassalna l-vuċi ta’ tant mijiet ta’ żgħażagħ Maltin u Għawdxin. Urejna lill-mexxejja ta’ pajjiżna li ż-żgħażagħ għadhom iridu jipparteċipaw u li jimpurtahom mill-futur tal-festi Maltin, tant li l-istess żgħażagħ ħarġu b’numru ta’ proposti li jistgħu jgħinu sabiex il-kultura tal-festi tibqa’ ħajja u titgawda minn dawk li għad iridu jiġu warajna. Sħaqna wkoll mal-mexxejja li ż-żgħażagħ illum għandhom realtajiet, sfidi u opportunitajiet differenti minn dawk li kellhom żgħażagħ ta’ għoxrin sena ilu, fost oħrajn bil-bżonnijiet dejjem jiżdiedu (kif għandu jkun) ta’ aktar edukazzjoni u anke opportunitajiet vasti li toffri l-Unjoni Ewropea. Mingħajr ma’ wieħed inaqqas mill-importanza ta’ dawn ir-realtajiet, lill-mexxejja tal-pajjiż ippreżentajnielhom soluzzjonijiet u inċentivi li permezz tagħhom iż-żgħażagħ jibqgħu jingħatgħu il-kuraġġ u aktar opportunità sabiex joffru l-enerġija tagħhom għall-festi.

B’sodisfazzjon, nistgħu ngħidu li rċivejna tifħir għall-inizjattiva li ħadna minn kull persuna distinta li ltqajna magħha u li ppreżentajnielha ħidmietna, partikolarment għall-fatt li kien proġett li tmexxa minn żgħażagħ ġejjin minn raħal relattivament ċkejken u li kien indirizzat għal żgħażagħ fuq livell nazzjonali. B’mod partikolari, il-President ta’ Malta, li minnha kellna l-unur tal-patronċinju tagħha matul il-konferenza nazzjonali, fakkret kif inizjattivi bħal dawn juru kemm



*Pauline Agius Farrugia u Chris Schembri Baldacchino koordinaturi tal-proġett Qalb Żagħżugħa Festi Inklussivi jispjegaw lill-Prim Ministru Dr Joseph Muscat dwar dan il-proġett*



*Żjara lill-ET Arcisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna*

iż-żgħażagħ huma essenzjali għall-evoluzzjoni tas-soċjetà Maltija u għall-preservazzjoni tal-kultura li nħaddnu. Fl-istess waqt, ħeġġet sabiex fi żmien ftit snin isir proġett ieħor li jkejjel l-impatt tal-bidliet li jkunu saru mill-awtoritajiet fuq bażi tas-suġġerimenti ta' 'qalb żagħżugħa, festi inklussivi', kif ukoll offriet l-appoġġ totali tagħha għal inizjattivi simili ġodda.

Filwaqt li llum il-proġett 'qalb żagħżugħa, festi inklussivi' huwa uffiċjalment komplut u approvat b'suċċess mill-Kummissjoni Ewropea (li minnha ġie ko-finanzjat), il-ħidma li qanqal dan il-proġett qatt m'għandna nqisuha bħala finalizzata. Ilkoll flimkien, kemm entużjasti u voluntiera tal-festi, għaqdiet, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet, għandna nibqgħu nagħtu l-kontribut tagħna sabiex dak li nbeda mir-raħal ċkejken tal-Imqabba u li involva mijiet ta' żgħażagħ Maltin, ikompli jikber u jkattar il-kultura tal-festa Maltija.



*Delegazzjoni tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tiltaqa' mall-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Simon Busuttil*





8, Church Square, Mqabba

Tel: 79050724

Opening Hours:
Monday to Thursday
6.00pm till 11.00pm
Weekends from 6.00pm till late
& Sunday from 5.00pm till late



# Attivisti tas-Sena 2014/15

**Chris Schembri Baldacchino u Pauline Agius Farrugia, żewġ żgħażagħ li ddistingwew ruħhom permezz tal-ħidma tagħhom fuq il-proġett "Qalb Żagħżugħa Festi Inklussivi".**

Bħal kull sena s-Soċjetà tagħna tieħu ħsieb li tippreżenta l-premju tal-attivist tas-sena lil persuna jew persuni li jkunu distingwew ruhom fil-ħidma tagħhom matul is-sena. Is-sena li għaddiet kien imiss żewġ żgħażagħ li distingwew ruħhom. Dawn huma Chris Schembri Baldachino u Pauline Agius Farrugia, żewġ żgħażagħ li kkoordinaw il-Proġett Qalb Żagħżugħa, Festi Inklussivi.

**Chris Schembri Baldacchino** li twieled fit-13 ta'Settembru 1987, beda l-edukazzjoni Primarja u Sekondarja tiegħu ġewwa l-Kulleġġ Stella Maris il-Gżira li tagħmel parti mill-Kulleġġ tal-Freres ta' De La Salle. Wara kompla l-edukazzjoni Post-Sekondarja ġewwa Ġian Franġisk Abela Junior College, l-Imsida u dik terzjarja fl-Università ta' Malta fejn ġab baċellerat tal-Edukazzjoni fid-Disinn Tekniku u t-Teknoloġija. Matul l-2016, Chris ottjena diploma professjonali fil-Marketing Diġitali.



*Chris Schembri Baldacchino jirċievi l-premju tal-Attivist tas-Sena 2014/15 mingħand il-President tas-Soċjetà Carmel Zahra*

Illum il-ġurnata Chris jaħdem bħala Senior IT Specialist fid-Dipartiment tas-Servizzi tal-IT (IT Services) fl-Università ta' Malta.

Ta' 12-il sena, fl-1999 Chris beda jitgħallem id-drum kit fil-Euro Academy of Music and Arts u aktar tard taħt idejn Ben Galea tal-Floriana. Iżda l-involviment tiegħu fis-Soċjetà beda fl-2004, hekk kif il-Banda Re Ġorġ V kella bżonn it-tieni drummer għal waqt silta Carnival de Paris li kienet ser tindaqq fil-Programm tal-10 ta' Awwissu u ġie avviċinat hu. Dik is-sena wkoll kien daqq ukoll fil-marċ ta' nofsinhar. Minn hawn Chris beda jinvolvi ruħu u beda jitħareġġ mal-banda u jdoqq il-platti u l-quddiem fuq il-katuba. Hu ħareġ uffiċjalment bħala bandist is-sena ta' wara, iġġifieri fl-2005. F'diversi okkażjonijiet Chris idoqq ukoll iċ-ċimblu u l-qniepen, fejn b'dawn tal-aħħar kellu diversi solos fosthom Oratorju: Bukkett b'mitt Warda lil Santa Marija ta' Mro David Agius li ndaqqet fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja tal-Vara ta' Santa Marija waqt tal-Akkademja Mużiko-Letterarja fil-Knisja parrokkjali tal-Imqabba.

Il-ħidma ta' Chris kompliet tinfirex f'diversi sezzjonijiet oħra bħala membru tas-Sezzjoni Żgħażagħ bejn l-2005 u l-2007 kif ukoll fejn 2013 u 2014 fejn f'din tal-aħħar okkupa l-kariga ta' President tal-istess Sezzjoni. Kien fundatur tal-Kummissjoni WEB lura fis-sena 2013, kif ukoll ta' sehmu f'diversi oqsma oħra ta' ħidma fi ħdan is-Soċjetà.

**Pauline Agius Farrugia** twieldet fil-15 ta' Diċembru 1980 f'Etobicoke, Ontario, Kanada u ġiet tgħix l-Imqabba f'Ġunju tal-1991 flimkien mal-Familja tagħha. Pauline bdiet l-edukazzjoni Primarja tagħha f'St. Vincent De Paule Primary ġewwa Mississauga, Ontario u kompliet fl-iskola Primarja tal-Imqabba. Wara kompli l-edukazzjoni sekondarja f'Maria Regina Junior Lyceum u wara fil-Junior College u l-Università ta' Malta. Hija gradwata f'Bachelors of Arts - B.A. (Hons) fil-Georgrafija mill-Università ta' Malta u Masters fi Xjenza f'Environmental Management (M.Sc. Env. Management.) mill-Università ta' Londra (Imperial Collage). Illum il-ġurnata Pauline taħdem fil-qasam

# Pet Care

Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba', sustanzi eċċ.
Għall-Pets, Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwież u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta' l-imperjal ta' barra u reels,
qasab, snanar u swivels u kaxxi tal-plastic tas-sajd eċċ,
lenza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful eċċ.



**Qrendi Road, Żurrieq – Tel: 2164 9727**

# G. Camilleri Petrol Station

CAR SERVICING
WHEEL BALANCING
CAR ACCESSORIES
CRASH HELMETS

PUNCTURE REPAIRS
CAR BATTERIES
MOUNTAIN BIKES
OILS & FILTERS

**CAR WASH**

**FREE BALANCING WITH ALLOY WHEELS**

**TEL/FAX: 2164 1647 Tel: 2164 7235**

# John's Butcher

Tue: 07.15 - 11.45

Wed: 09.30 - 11.45
16.00 - 18.45

Thurs: 06.30 - 11.45

Fri: 06.30 - 11.45
16.00 - 18.45

Sat: 06.30 - 11.45

41, Misraħ il-Fidwa,
Mqabba

**Tel: 2168 0942**



*Pauline Agius Farrugia tirċievi l-premju tal-Attivista tas-Sena 2014/15 mingħand il-President tas-Soċjetà Carmel Zahra.*

tal-Protezzjoni Ambjentali mal-ERA (Environemt and Resources Authority).

Pauline bdiet tinvolvi ruħa fis-Soċjetà ta' eta żgħira bħala membru fil-kumitat fis-Sezzjoni Żgħażagħ għal 10 snin sħaħ bejn l-1997 u l-2007, fejn għal numru ta' snin okkupat il-kariga ta' Viċi-President. Għal diversi snin tat sehma f'armar tat-toroq fi żmien il-festa u ilha wkoll 'il fuq minn 18-il sena involuta fil-qasam tal-Piroteknika, kif ukoll bejn l-2013 u l-2015 kienet membru tal-Kumitat Eżekuttiv.

F'Settembru tal-2013, Chris u Pauline bdew jikkordinaw 'qalb żagħżugħa, festi inklussivi', proġett fuq bażi ta' riċerkja xjentifika li jirrelata mal-involviment taż-żgħażagħ fil-festi tradizzjonali lokali u fl-għaqdiet li jorganizzawhom, kif ukoll mal-impatt li dan l-involviment għandu fuq is-soċjetà b'mod ġenerali. Il-proġett, li ra l-ħidma ta' 'l fuq minn sentejn u li involva mijiet ta' żgħażagħ, kien kofinanzjat minn fondi Ewropej taħt il-programm 'Youth in Action' u kien koordinat taħt il-kappa tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

L-elementi tal-proġett inkludew stħarriġ xjentifiku fuq skala nazzjonali, vox-pops u sensiela ta' seminars li matulhom ġew trattati diversi aspetti tal-inklużjoni soċjali u kif tirrifletti f'parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fl-għaqdiet tal-festi. Ir-riżultati kif ukoll numru ta' proposti li ħarġu minn dawn l-attivitajiet ġew ippreżentati waqt konferenza nazzjonali li segwiet. Fil-frattemp, tnediet il-pubblikazzjoni akkademika 'Young People & the Festa in Malta', li tinkludi fiha kontribuzzjonijiet minn numru ta' akkademiċi Maltin.

Il-ħidma u d-dedikazzjoni ta' dawn iż-żewġ żgħażagħ kienu strumentali sabiex dan il-proġett seta jkun ta' suċċess assolut saħansitra fuq livell nazzjonali, tant li anke wassal għal kliem ta' tifħir u aprezzament mill-ogħla awtoritajiet tal-pajjiz u dawk eklesjastiċi, fosthom il-President ta' Malta ET Marie-Louis Coleiro Preca, il-Prim Ministru Dr Joseph Muscat, il-Kap tal-Oppożizzjoni Dr Simon Busuttil u l-Arċisqof ta' Malta Mons. Charles J. Scicluna.

Minn hawn il-Bord Editorjali f'isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jixtieq jifraħ lil Chris u Pauline għall-premju ferm meritat bħala Attivisti tas-Sena 2015, filwaqt li jirringrazzjahom tal-ħidma siewja f'dan il-proġett u l-ħidma inġenerali tagħhom f'din is-Soċjetà u jħares l-quddiem għal aktar ħidma fi ħdan l-istess Soċjetà.

Aktar informazzjoni dwar il-proġett tinsab fuq:
**www.festiinklussivi.eu**

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
tirringrazzja
lill-kummissjonijiet u s-sezzjonijiet
kollha fi ħdanha
li jaħdmu bla heda
għall-festa titulari ta' Santa Marija



*Inkwadru tal-Assunzjoni mpitter minn Titan li jinsab fil-Bażilika di Santa Maria Gloriosa dei Frari ġewwa Venezja l-Italja.*

*Mill-istorja tas-Soċjetà*

# L-Anniversarji mfakkra fl-2016

**Remenda Borg Grech B.A (Hons) f'isem il-bord editorjali,tagħti ħarsa lejn l-anniversarji ċċelebrati u mfakkra matul is-sena 2016, f'dak kollu li hu relatat mas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V**

Ta' kull sena il-bord editorjali jagħti ħarsa lejn l-anniversarji li jkunu qed jiġu ċċelebrati matul dik is-sena, ġrajjiet li rawmu s-soċjetà tagħna sabiex tkun glorjuża u mimlija unuri li nkisbu matul iż-żminijiet. Din is-sena mhux inqas, u għaldaqstant ħarsitna ddur fuq il-passat, li meta tħares lejh tirrealizza l-istorja mprezzabbli li din is-soċjetà għandha u timtela' bil-kuraġġ għal ħidma iktar siewja sabiex flimkien nagħtu ġieħ lil dawk ta' qabilna u li għenu sabiex isawru din l-istorja li llum niċċelebraw.

**1836: 180 sena ilu**

L-anniversarju ewlieni bla dubju huwa dak tal-**180 sena mill-miġja tal-istatwa Titulari ta' Santa Marija**. Diversi artikli nkitbu fuq din il-miġja matul iż-żminijiet, fosthom anke ktieb li kien ippublikat mill-Kanonku Dr Jonathan Farrugia fl-2011 fl-okkażjoni tal-175 sena mill-miġja ta' dan it-teżor fostna l-Imqabbin.



*L-Vara Titulari ta' Santa Marija qabel l-1928*

Jidher li fil-bidu tal-1835, Il-Kappillan ta' dak iż-żmien, Dun Tumas Aguis Caruana, ħabbar waqt quddiesa tal-Ħaddli ser tkun kkumisjonata statwa ġdida, u jingħad li fl-ewwel ġbir kważi ntlaħqet is-somma meħtieġa. Dan il-fatt juri d-devozzjoni li l-Imqabbin minn dejjem kellhom lejn Ommna Marija. Wara li l-problema finanzjarja dehret li kienet prattikament megħluba, l-ħsieb waqa' fuq min ser ikun qed jagħmel din l-istatwa. L-Imqabbin għażlu lill-alliev ta' Marjanu Gerada, l-iskultur magħruf Alessandro Farrugia.

Il-Vara tlestit fil-ħin għal-festa tal-Assunta fl-1836. Fl-14 ta' Awwissu l-kleru tal-Imqabba u folla ta' parruċċani telqu lejn iż-Żejtun sabiex jakkumpanjaw il-vara tant għażiża u mistennija fil-mixja tagħha lejn l-Imqabba.Il-qniepen daqqu f'Ħal Għaxaq u fil-Gudja flimkien mal-isparar tal-murtaletti ad unur Santa Marija. Il-ferħ żgur li kien indiskrivibbli hekk kif is-Sultana protettriċi tagħna fiġġet fir-raħal tagħha hekk kif kien diġà qed jidlam. Folol kbar ta' nies laqgħu l-istatwa hekk kif din għaddiet minn taħt tliet arki trijonfali li nbnew apposta minn Dun Bernard Xiberras. Il-Kappillan ta' dak iż-żmieniddeskriva l-okkażjoni bħala "tifkira ta' avveniment tant sabiħ li jixirqilha tgħaddi minn ġenerazzjoni għal oħra tul iż-żmien li għad jiġi warajna"

**1936: 80 sena ilu**

Il-Gvernatur Sir Charles Bonham Carter għamel żjara uffiċċjali fil-każin fis-16 ta' Ottubru, wara li żar il-Knisja Parrokkjali.

**1951: 65 sena ilu**

Tlesta x-xogħol fuq it-tieni sular tal-każin u fit-3 ta' Novembru tal-istess sena saret żjara uffiċjali minn Sir G. Hallen Creasy, Gvernatur ta' Malta. B'mod sinnifikanti wkoll fl-istess sena żar il-festa l-E. T. Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi, li assista għal festa minn fuq Tron għall-Pontifikal u wara żar il-każin.

Fl-istess sena ġie rregalat lill-Banda l-Istandard il-Prim tal-Banda, xogħol bir-rakkmu tad-deheb, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fl-Imqabba.



*Mro. George Martin li mexxa l-Banda Re Ġorġ V mill-1956 sal-1991*

**1956: 60 sena ilu**

Is-Surmast George Martin mexxa l-Banda Re Ġorġ V mill-**1956** sal-**1991**. Din is-sena, l-2016, qed nfakkru s-sittin sena min meta ngħaqad mal-banda tagħna u l-25 sena mill-mewt tiegħu fl-24 ta' Frar 1991, ġurnata li ħasdet lis-Soċjetà, lill-poplu Mqabbi kollu u lil kull ammiratur tal-baned Maltin.

**1961: 55 sena ilu**

Gabriel Ghigo avviċina lill-Kumitat sabiex tinxtara għalqa sabiex jinbena l-post tan-nar. L-art kienet fil-limiti tas-Siġġiewi msejħa ta' Sapjan. Fil-ktieb Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba, is-sinjura Carmen Lia tikteb li l-kuntratt tal-akwist tal-art sar fil-31 ta' Jannar.

**1966: 50 sena ilu**

Sar restawr fuq il-vara titulari u l-bradella. Ix-xogħol sar minn Samuel Bugeja fl-Imdina. Jingħad li għal xi żmien il-vara nżammet fir-residenza tal-Arċisqof sakemm inġiebet lura l-Imqabba. F'dan ir-restawr, benefattur ħallas biex sarulha l-fjuretti tal-ganutell biex jitpoġġew fil-gastri tal-fidda. Il-vara twasslet bil-banda minn ħdejn il-kappella tad-Duluri sal-knisja tagħha.

**1976: 40 sena ilu**

L-istatwa ntrefgħet mill-fratelli tas-Sagrament biss lebsin il-muzzetta ħamra għall-ewwel darba.

Wara ħafna diżgwid u diffikultajiet sar rikors fl-1976 fejn il-Kumitat tal-King George V Band Club talab li minn dik is-sena 'il quddiem il-fratelli jilbsu l-muzzetta ħamra u s-sotto kumitat tal-festa jżomm id-dritt li jagħżel ir-reffiegħa. Dan il-permess ħareġ nhar l-14 ta' Lulju 1976 u minn dik is-sena l-vara titulari ntrefgħet mir-reffiegħa bil-libsa tal-Fratellanza tas-Sagrament.

**1986: 30 sena ilu**

Sar xogħol ta' restawr u indurar ieħor fuq il-vara meta għalqet mija u ħamsin sena. Ftit ġranet wara l-festa tal-1985 ittieħdet l-lmdina fil-ħanut tal-induratur u diżinjatur Horace Farrugia u damet hemm sat-30 ta' Lulju 1986. Fi tmiem dan ir-restawr l-istellarju tad-deheb tal-vara kompla jiżżejjen b'aktar djamanti u rużetti fuq kull stilla. Minn hemm il-vara nġarret fuq l-ispallejn mill-Imdina sas-Saqqajja u nġibet l-Imqabba fuq trakk. Wara twasslet sal-knisja tagħha bil-banda minn tarf Triq il-Belt Valletta.

**1986/1991: 30 u 25 sena ilu**

Fl-1986 Soċjetà Santa Marija rebħet l-ewwel premju (għat-tieni sena konsekutiva) fil-kompetizzjoni għall-isbaħ faċċata mżejna għall-festi tal-Milied. Dan il-premju reġa' sar realtà fl-1991 meta s-Soċjetà reġgħet ħadet sehem fil-kompetizzjoni tat-tiżjin tal-faċċata tal-Każini għal żmien il-Milied u għal darba oħra ħarġet bl-unuri kollha, grazzi għas-sagrifiċċju u l-impenn ta' ħafna mis-Soċji tagħna.

**1991: 25 sena ilu**

Fl-**1991** żżanżnu 2 armi ġodda fuq il-faċċatta tal-każin. Dawn l-armi jirrappreżentaw żewġ titli mil-Litanija tal-Madonna, 'Sancta Maria' u 'Mater Inviolata'. Flimkien mal-arma tal-banda, li tinstab fin-nofs, jispjegaw l-iskop u l-għanijiet li għalihom twaqqfet is-Soċjetà tagħna fl-1910, dak li norganizzaw u nieħdu ħsieb il-Festa ta' Santa Marija, il-Festa Titulari ġewwa l-Imqabba, flimkien mat-tixrid tal-edukazzjoni mużikali ġewwa raħalna. L-ispejjeż kollha għal dan ix-xogħol kienu ġew imħallsa mill-aħwa Ellul (ta' Katrinu), familja benefattriċi tas-Soċjetà' tagħna.

Opra oħra artistika li żżanżnet fl-**1991** kienet l-Istatwa ġdida ta' Papa Piju XII, il-Papa li għandu rabta speċjali ħafna mal-festa tagħna peress li kien hu li fl-1 ta' Novembru 1950 ipproklama bħala Domma ta' Fidi it-Tlugħ fis-sema ta' Sidtna Marija bir-ruħ u bil-ġisem. Ix-xogħol fuq l-istatwa tħalla f'idejn l-artist Tarxieniz, is-sur Renzo Gauci.

Fl-1990 saret reviżjoni tal-Istatut, wara ħafna laqgħat u sigħat ta' diskussjoni u l-emendi ġew approvati fl-**1991**. L-iskop tal-Istatut huwa li jagħti direzzjoni ċara lill-Kumitat Eżekuttiv, sabiex, barra milli jagħmelis-Soċjetà legalment effetiva (skond kif mitlub fil-Kostituzzjoni tal-Pajjiż), jiżgura l-eżistenza u l-kontinwazzjoni ta' din is-Soċjetà u l-prinċipji fundamentali li għalihom tkun twaqqfet.

Is-seduta ġenerali annwali tal-1990 ħatret kummissjoni "Reviżjoni tal-Istatut" sabiex tkun tista' tressaq ir-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Kumitat

ħalli jinbeda x-xogħol. L-erba' membri li ffurmaw din il-kummissjoni (is-sinjuri Carmel Psaila, Nazzareno Sciberras, Francis Vella u Twanny Camilleri) kellhom biċċa xogħol iebsa ħafna biex jikkonsultaw ħafna statuti ta' Soċjetajiet oħra ta' pajjiżna u javviċinaw nies illi fil-passat kellhom x'jaqsmu fid-direzzjoni tas-Soċjetà' tagħna. Bla dubju ta' xejn, dan kien il-pedament, u ħa x-xhur biex jitlesta' l-ewwel abbozz illi ġie mgħoddi lill-Kumitat f'Ottubru 1990. Wara, issejħet seduta ġenerali straordinarja li nfirxet fuq erba' sessjonijiet, sabiex l-Istatut jiġi mgħoddi artiklu b'artiklu, bis-sehem attiv tas-soċji numerużi li kienu jkunu preżenti.

L-aktar tibdiliet importanti li seħħew kienu l-bdil tal-isem tas-Soċjetà, fejn iddaħlet il-frażi "Soċjetà' Santa Marija" sabiex tkompli tikber u tissaħħaħ ir-rabta tal-każin tal-Banda Re Ġorġ V mal-Festa ewlenija fir-raħal tagħna. Għaldaqstant l-isem il-ġdid «Soċjetà' Santa Marija u Banda Re Ġorġ V" jiġbor fih innifsu l-għanijiet kollha illi għalihom missirijietna waqqfu fl-1910 l-ewwel Soċjetà' fl-Imqabba, mingħajr ma joħnoq il-passat storiku/mużikali tal-Banda Re Ġorġ V. It-tieni punt, kien ir-rikonoxximent tal-Fergħa tan-Nisa fi ħdan is-Soċjetà.

Kif semmejna diġà, 25 sena ilu, permezz ta' eżerċizzju li sar tal-bdil fl-istatut, inbidel l-isem tas-Soċjetà, min King George V Band Club għal kif inhu magħruf illum, Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Għaldaqstant din il-bidla ġabet magħha, b'mod awtomatiku il-bdil fil-logo tal-istess soċjetà.

L-**1991** kienet sena tassew memorabbli fi ħdan is-soċjetà tagħna, fejn għall-ewwel darba indaqq l-Innu tal-Banda, propju fl-ewwel jum tal-Kwindiċina 30 ta' Lulju **1991**. Kienet is-sena fejn il-banda kienet għadha hemm għaddiet taħt it-treġija ta' iben is-Soċjetà, l-Inġ. Mro. Anthony Camilleri, B.Mech.Eng. (Hons.), F.V.C.M. (Hons.), L.Mus. V.C.M. (Hons), A.Mus.L.S.M. u l-istess surmast ikkompona u rregala dan l-Innu lill-Banda Re Ġorġ V, Innu li minn dak iż-żmien sallum indaqq fi tmiem kull programm mużikali tal-Banda Re Ġorġ V, sew fl-Imqabba, barra minn raħalna kif ukoll barra minn xtutna.

**1996: 20 sena ilu**

Kien nhar il-Ġimgħa 12 ta' Lulju **1996**, meta ngħata bidu avveniment ambizzjuż u storiku għas-Soċjetà tagħna waqt mawra li l-Banda Re Ġorġ V għamlet Ascoli, fosthom ir-raħal ta' Comunanza, Montemonaco u anki f'Amandola, Montelparo u Smerillo, ġewwa l-Italja. Hawnhekk saru erba' programmi mużikali memorabbli li kienu strumentali sabiex jintrebaħ l-unur prestiġjuż fuq livell Ewropew ta' ***Les etoile d'or du jumelage***.

Għoxrin sena ilu, Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V għal darba oħra minn ta' quddiem fl-innovazzjoni kienet waħda mill-ewwel soċjetàjiet mużikali f'Malta li nediet website uffiċjali tas-Soċjetà. Kien s-Sur Mario Mifsud li kien il-moħħ wara l-bidu ta' din il-website, li twaqqfet permezz tiegħu u wkoll ta-Sur Antoine Sciberras. Wara, kienet is-Sinjorina Louiselle Sciberras li ħadet ħsieb tamministra il-website fuq bażi regolari għal diversi snin. Illum il-ġurnata hija l-Kummissjoni Web li hija nkarigata minn din il-website uffiċjali tas-Soċjetà tagħna.

Soċjetà attiva tħaddan b'għożża lil uliedha u t-telfa ta' wieħed minnhom tkun daqqa ta' ħarta li tħossha soċjetà sħiħa. Hekk inħass in-nuqqas ta' Leonard Farrugia (1931 – **1996**) fejn din is-sena qegħdin nfakkru l-għoxrin sena mill-mewt tiegħu. Nardu, kif kien magħruf magħna, kien bniedem li ta kontribut kbir lis-soċjetà partikolarment fil-qasam mużikali iżda mhux biss. Huwa kien Assistent Surmast tal-Banda Re Ġorġ V u mexxa għal bosta snin l-iskola mużikali tas-soċjetà. Huwa kien ukoll fil-kumitat fejn serva bħala President u aktar tard President Onorarju. Kien ukoll membru tal-għaqda tan-nar u fl-imgħoddi kien jagħmel parti attiva mal-grupp teatrali Aurora.


*Leonard Farrugia li ħalla din id-dinja fl-1996*

**2006: 10 snin ilu**

L-**2006** kienet sena indimendikabli għas-sezzjoni żgħażagħ tas-soċjetà tagħna bid-diversi inizjattivi li ħadu matul din is-sena. Ewlenin fost dawn l-inizzjativi insibu:

It-Titular – l-ewwel pubblikkazzjoni tat-Titular seħħet propju fi Frar 2006 wara li f'Novembru 2005 Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija Mqabba taw bidu għal stil ġdid ta' kommunikazzjoni taż-żgħażagħ. Qabel din il-pubblikkazzjoni kien hemm "Leħen iż-żgħażagħ" li fl-2006 inbidlet f'pubblikkazzjoni iktar moderna u ta' stil differenti, it-Titular.

La Semana Santa – L-2006 kienet is-sena fejn is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija Mqabba żammew il-kelma tagħhom li tibda titella' wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fis-seda tas-soċjetà. Huma daħlu għal dan l-impenn wara li ġew avviċinati mis-Sur Micheal Chetcuti, impenn li matul iż-żminijiet wassal sabiex fl-Imqabba




*Ċelebrazzjonijiet tar-Rebħ mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba tal-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar fl-2016*

ta' kull sena u bla intervalli tkun organizzata waħda mill-isbaħ wirjiet tax-xorta tagħha fi żmien il-Ġimgħa l-Kbira.

Il-Presepju Ħaj – l-ewwel edizzjoni li kienet tikkonsisti f'madwar erbgħin personaġġ b'xeni ivarjaw bejn iċ-ċensiment, Erodi, is-Slaten Maġi, il-mastrudaxxa, il-bejjiegħa fis-suq, il-ħassiela, il-ħaddied, ir-rieqed u finalment il-qofol tal-Presepju – il-Grotta ta' Ġesù Bambin. Dan l-ewwel Presepju Ħaj f'raħalna, li itella' mis-sezzjoni żgħażagħ ġewwa l-Isptar il-Qadim, kien suċċess kbir, u kien il-bidu ta' iktar suċessi f'dan ir-rigward li waslu lill-istess Sezzjoni Żgħażagħ għar-rebħ tal-Kompetizzjonijiet Nazzjonali tal-Milied s-sena ta' wara fl-2007 kif ukoll fis-sena 2012.

F'**2006** Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V reġgħet naqxet isimha fl-istorja mhux biss tas-soċjetà glorjuża tagħna iżda wkoll ta' Malta meta rebħet l-ewwel kampjonat Malti tal-logħob tan-nar li sar bħala parti mill-festival Internazzjonali tal-Logħob tn-nar f'Malta. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija Mqabba pparteċipat nhar id-29 ta' April 2006 permezz ta' spettaklu tal-logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika fil-Port il-Kbir. Fl-ewwel ta' Mejju 2006 mbagħad, mat-tħabbira tar-riżultat tard filgħaxija, l-Imqabba xegħlet bil-ferħ u ħruq tas-sfafar fil-pjazza. L-għaqda rebħet mhux biss il-vot tal-ġurija internazzjonali iżda wkoll il-vot tal-pubbliku. Din l-għaqda rebħet il-premju ġenerali tal-Festival kif ukoll tliet kategoriji partikolari: dik għall-aqwa prodott oriġinali, l-aqwa sinkronizzazzjoni mal-mużika u l-aqwa koreografija tal-ispettaklu fil-Festival. F'dan il-kampjonat l-Għaqda tan-nar Santa Marija Mqabba ġew ddikjarati rebbieħa Overall u allura Champions tal-Ewwel Festival tan-Nar f'Malta.

**2011: 5 snin ilu**

Saru ċ-ċelebrazzjonijiet tal-175 sena mill-miġja fl-Imqabba tal-vara titulari, li kien l-anniversarju ewlieni fil-parroċċa. Tqassmu santi bit-talba tal-parroċċa u bil-vara ta' Santa Marija lill-familji kollha tal-Imqabba u saret katina ta' rużarju għal sena sħiħa. Il-qofol intlaħaq fl-aħħar ġimgħa ta' Ottubru meta saru quddies speċjali għall-fratellanzi kollha, velja ta' talb u quddiesa pontifikali mmexxija minn Mons. Arċisqof Pawlu Cremona OP, sar ukoll l-ewwel Oratorio minn banda Mqabbija u ġie esegwit fil-knisja parrokkjali, sar seminar ta' apprezzament artistiku fuq il-vara titulari, tnieda ktieb fuq l-istorja tal-vara, ġie restawrat ir-relikwarju l-prim tal-fidda u fl-aħħar saret quddiesa solenni segwita minn pellegrinaġġ aux flambeaux nhar l-1 ta' Novembru.

**Ħajr**

Carmen Lia, Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-istorja tal-Imqabba 1997, 82-85, 93-94, 112-113

*10 Snin fuq l-Internet: www.santamarija.com*, Ktejjeb tal-Festa Santa Marija 2006, L-Imqabba, 37 – 39.

*Għaxar snin mill-bidu tal-Ġemellaġġ bejn is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba, u l-Banda Taljana ta' Santa Vittoria ta' Ascoli* , Ktejjeb tal-Festa ta' Santa Marija 2006, L-Imqabba, 31-33.

*L-Ewwel Kampjonat tal-Logħob tan-Nar ta' Malta L-Ewwel Champions tan-Nar*, Ktejjeb tal-Festa Santa Marija 2006, L-Imqabba, 105 - 107

*L-Imqabba u l-Festa tagħha jiċċelebraw ir-rebħ tal-Ewwel Kampjonat tan-Nar*, Ktejjeb tal-Festa Santa Marija 2006, L-Imqabba, 121 – 123.

Farrugia Jonathan, *Ad futuram rei memoriam*, Ktejjeb tal-Festa Santa Marija 2011, L-Imqabba, 85-93.

Farrugia Jonathan, *Il-Vara Titulari ta' Maria Assunta tagħlaq 165 sena*, Ktejjeb tal-Festa ta' Santa Marija 2001, L-Imqabba, 55-67.



# Is-Soċjetà Santa Marija... ir-Reġina...ic-CHOGM f'Malta

**Carlo Sciberras, jikteb dwar okkażjoni oħra memorabbli għas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, fejn seħħet laqgħa mal-Maesta tagħha Reġina Eliżabetta II, flimkien mal-Prinċep Filippu d-Duka ta' Edinburgh, kif ukoll il-Prinċep Karlu u d-Dukessa ta' Cornwall**

F'Soċjetà attiva u perseveranti huwa pjuttost naturali li meta wieħed jasal biex jevalwa l-andament tas-sena jew ta' xi perjodu partikulari fl-istess sena ma jonqosx li jispikkaw avvenimenti ta' ċertu fibra li jħallu timbre fl-istorja ta' dik is-Soċjetà. Hi liema hi s-Soċjetà! Dan jgħodd ukoll għal kull komunità, lokalità, u anke nazzjonalità għax il-punt komuni huwa l-element ta' perseveranza.

> **Għal darba oħra fl-istorja tagħha, s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V irnexxielha tagħmel ġieħ lil isimha, ġieħ lill-Imqabba u ġieħ lil Malta**

Is-sena 2015 għas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba kienet sena sħiħa mimlija attività; sena memorabbli b'festa memorabbli permezz ta' ħidmiet il-fergħat fi ħdanha. Ħidma li ser tkunu qegħdin tapprezzaw fil-paġni ta' din il-pubblikazzjoni annwali tal-Festa ta' Santa Marija Patruna u Protettriċi tar-raħal tagħna.

Ejja nħarsu ftit lejn tmiem is-sena 2015, tmiem is-sena grandjuż u eċitanti għas-Soċjetà tagħna li ġab miegħu avveniment prestiġjuż u storiku li kompla jikteb b'ittri tad-deheb l-istorja ta' din is-Soċjetà u li żgur li wieħed ma jarahx ta' kull sena. Kien għal dan il-għan li ġejt mitlub mill-Bord Editorjali sabiex naqsam magħkom ftit ħsibijiet fuq dan l-avveniment li għamel ġieħ lis-Soċjetà tagħna, f'kuntest ukoll li kien parti mill-ftuħ ta' avveniment daqstant storiku għall-pajjiżna u għal 52 pajjiż ieħor membri tal-*Commonwealth* preżenti f'Malta!

Kien proprju is-7 ta' Marzu tas-sena l-oħra, lejla ordinarja s-Sibt filgħaxija meta kont qiegħed ngħid kelma ma' Jonathan Mcleish ġewwa l-każin tas-Soċjetà tagħna u kelma ġġib lill-oħra u d-diskussjoni tagħna daret fuq ir-rabta li teżisti bejn is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u l-Familja Rjali tar-Renju Unit fejn ma setax jonqos li tkellimna wkoll fuq l-okkażjoni speċjali għall-Malta li kienet ser tospita l-*Commonwealth Heads of Government Meeting* (CHOGM) għat-tieni darba fl-istorja ta' pajjiżna f'Novembru li kien għadu ġej.

Niftakar kienet diskussjoni nteressanti fejn bi ftit umoriżmu mżewwaq f'xgħejra ftit bombastika kont għedtlu; min jaf kemm tkun okkażjoni kbira li kieku r-Reġina Eliżabetta II kellha tiġi hawn ġewwa s-sede tas-Soċjetà waqt l-impenn tagħha hawn Malta fl-okkażjoni tac-CHOGM! Jonathan ħatafni fil-kelma u ta' ġentlom li hu bi tbissima qalli *'nothing is impossible'* għalkemm li t-tnejn li aħna konna aktar min konxji li fit-teorija kienet pjuttost mpossibbli li r-Regina tiġi l-każin. Qalli wkoll li kien lest li joffri l-għajnuna tiegħu għax verament kien jemmen li r-Reġina kienet ser tieħu nteress fl-istorja tant rikka tas-Soċjetà tagħna. Bqajt miegħu li ser nitkellem mal-kumplament ta' sħabi membri tal-Kumitat Eżekuttiv b'din l-idea kemm xejn mhux tas-soltu u nimxu minn hemm.

Il-Kumitat għalkemm kien xi ftit sorpriż u konxju li l-probabilità kienet waħda tassew minima, xorta ħass





*Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V li kienet rappreżentata mill-President Carmel Zahra u Segretarju Ġenerali Carlo Sciberras, kienet l-uniku Soċjetà Mużikali fost udjenza ta' madwar 300 persuna komposta mill-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż u dinjitarji minn madwar id-dinja.*

mcsims

ruħu affaxxinat bl-idea u ġie deċiż b'mod kollettiv li għandna nippruvaw, pero ridna nkunu bil-għaqal u ma nirristinġux irwieħna biss għaż-żjara tar-Reġina Eliżabetta II ġewwa l-każin imma nħallu l-bibien kollha miftuħin għal kull possibilità li niltaqgħu uffiċjalment mar-Reġina nnifisha u jekk hu possibbli ma' xi membri tal-Familja Rjali li kienu sejrin ikunu preżenti f'Malta għal din l-okkażjoni daqstant importanti għall-pajjiżna u l-pajjiżi membri tal-*Commonwealth*.

Il-pożizzjoni unanima tal-Kumitat kienet ċara, l-għan ewlieni tal-ħidma tagħna kellu jkun li b'xi mod jew ieħor nkunu parti minn dan l-avveniment straordinarju għal Malta billi jekk ikun possibbli, rappreżentanza tas-Soċjetà tiltaqa' mar-Reġina u l-Altezzi Rjali l-oħra, irrelevant jekk hux ġewwa l-każin jew xi post ieħor.

It-triq kienet waħda iebsa pero b'kuntatt kontinwu u ħidma kollettiva fil-Kumitat flimkien ma' Jonathan irnexxielna nagħmlu l-ewwel pass u fis-26 ta' Marzu sar l-ewwel kuntatt mat- *Task Force* Maltija responasabbli mic-CHOGM u eventwalment fit-8 ta' Mejju sar il-kuntatt kruċjali mal-Kummissjoni Għolja Ingliża għal Malta f'Ta'Xbiex.

Il-Kummissjoni Għolja Ingliża mhux l-ewwel darba li kienet preżenti fostna fil-festa permezz tad-diversi Kummissarji Għoljin Ingliżi tagħha u mill-ewwel daħlu f'ċertu entużjażmu li kien diġà qiegħed jawgura tajjeb ħafna għat-tisħieħ fir-relazzjoni diġà eżistenti mal-istess Kummissjoni kif ukoll t-tisħiħ tar-rabtiet diġà preżenti tas-Soċjetà tagħna mal-Palazz Buckingham!

Ġejna milqugħin tajjeb ħafna u mill-ewwel ingħatajna għarfien li s-Soċjetà tagħna hija meqjusa bħala eżempju tipiku ta' Tradizzjoni Maltija b'patrimonju ta' storja, arti, kultura u spiritwalità xprunata minn element qawwi ta' volontarjat li tilqa' fi ħdana faxxa soċjali wiesa' ta' persuni li qed jiġu offruti opportunitajiet ta' tagħlim u żvilupp f'bosta ħiliet. Dan kollu b'differenza speċjali f'għajnejn id-diplomatiċi Ingliżi permezz tar-rabta mal-Monarkija tar-Re Ġorġ V li proprju fl-istess sena tac-CHOGM f'Malta (2015), kien qiegħed jiġi mfakkar it-80 anniversarju taċ-ċelebrazzjonijiet kbar li saru hawn Malta f'għeluq il-Ġublew tal-Fidda tal-Monarkija tiegħu fl-1935.

Fl-4 ta' Ġunju ilqajna fostna ġewwa s-sede tas-Soċjetà uffiċjal mill-istess Kummissjoni għat-tnedijja tal-pubblikazzjoni akkademika *'Young People and the Festa in Malta'* li kompla jikkonferma l-involviment u l-kontribut tas-Soċjetà tagħna fl-isfera komunitarja nazzjonali. Permezz ta' din il-laqgħa kordjalissima komplejna għaddejjin bil-kuntatti fejn diġà konna qed inħossu li d-djalogu li kien inbeda tul l-aħħar xhur mal-Kummissjoni Għolja Ingliża kien ser jissarraf f'suċċess storiku għas-Soċjetà tagħna.

Id-diskussjonijiet baqgħu għaddejjin u lejn nofs Ottubru irċievejna telefonata mill-Ufficju tal-President ta' Malta fejn ġejna infurmati li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba kienet qegħdha tkun mitluba tattendi bħala mistiedna tal-unur għall-riċeviment statali ta' merħba mogħti għad unur il-Maestà Tagħha r-Reġina Eliżabetta II, nhar is-26 ta' Novembru 2015 ġewwa l-Palazz Presidenzjali f'San Anton li kellu jimmarka l-bidu tac-CHOGM f'Malta.

Ġejna struzzjonati li konna ser niltaqgħu personalment mar-Reġina Eliżabetta II, flimkien mal-Prinċep Filippu d-Duka ta' Edinburgh, kif ukoll il-Prinċep Karlu u Camilla d-Dukessa ta' Cornwall. Dan kien ser ikun ifisser unur kbir għas-Soċjetà tagħna anka fid-dawl tal-fatt sinjifikanti li għalkemm il-membri tal-Familja Rjali kien ser ikollhom impenji separate waqt ic-CHOGM f'Malta, proprju dakinhar kienet ser tkun l-uniku okkażjoni li l-Altezzi Rjali kellhom ikunu kollha miġburin flimkien f'post wieħed; fil-Palazz f'San Anton. Dan il-fatt ġie deskritt mix-xandir nazzjonali u nternazzjonali bħala 'okkażjoni rari' kif ukoll ġie rrappurtat fil-midja Ingliża li din kienet l-ewwel darba li dawn l-erba' membri tal-Familja Rjali kienu se jkunu fuq żjara statali barra mir-Renju Unit kollha f'daqqa!

Is-Soċjetà tagħna li kienet rappreżentata mill-President flimkien mas-sinjura tiegħu u minni bħala Segretarju, kienet l-uniku Soċjetà Mużikali fost udjenza ta' madwar 300 persuna komposta minn l-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż, dinjitarji, Ingliżi li jgħixu f'Malta fosthom eks uffiċjali għolja tal-Qawwa Navali Ingliża, kif ukoll persuni distinti oħra li jsegwu mill-qrib lill-Familja Rjali.

Kien ta' unur kbir għalina li tkellimna b'mod privat mal-Maestà tagħha r-Reġina Eliżabetta II, il-Prinċep Filippu u l-Prinċep Karlu nnifishom fuq il-funzjoni tagħna bħala 'Każin tal-Banda' taħt il-ħarsien tal-Patruna tar-raħal Santa Marija, liema funzjoni llum il-ġurnata evolviet f'firxa ħafna ikbar minn dik li l-istess isem jista' jindika u li fl-uniċità tagħha tagħti lill-Gżejjer Maltin identità important madwar id-dinja. Tkellimna wkoll fuq l-aspetti prinċipali li jagħmlu s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba waħda mis-Soċjetajiet ewlenin fil-Gżejjer Maltin fejn bla dubju ma naqsitx li tinħoloq ukoll sensazzjoni ħelwa ta' nostalġija fuq ħarset l-Altezzi Rjali meta għal diversi drabi saret referenza kollettiva għar-Re Ġorġ V – in-nannu tar-Reġina Eliżabetta II.

Ma setax jonqos ukoll li niddiskutu mill-viċin mal-President ta' Malta, l-Arċisqof, il-Prim Ministru u s-Sinjura tiegħu, l-Kap tal-Oppożizzjoni kif ukoll l-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti u diversi Ministri u Membri Parlamentari.

Dan l-avveniment li fl-immensità tiegħu huwa importantissimu u storiku għal Malta u l-poplu Malti permezz tal-ospitazzjoni tal-*Commonwealth Heads of Government Meeting* (CHOGM), ser ikun tal-istess sinjifikat storiku għas-Soċjetà tagħna li proprju fil-fażijiet ewlenin tal-ftuħ uffiċjali tiegħu kellha l-unur u l-privileġġ li tkun preżenti u parteċipi flimkien mal-ogħola awtoritajiet tal-pajjiż u dinjitarji minn madwar il-globu fil-preżenza tal-Maestà tagħha r-Reġina Eliżabetta II u l-Altezzi Rjali d-Duka ta' Edinburgh, il-Prinċep ta' Wales u d-Dukessa ta' Cornwall biex għal darba oħra fl-istorja tagħha, s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V irnexxielha tagħmel ġieħ lil isimha, ġieħ lill-Imqabba u ġieħ lil Malta.


Sierra
Stationery & Book Shop
3 Triq Filippu Farrugia, Żurrieq
26 Triq Grognet, Mosta
52 Triq il-Kbira San Ġużepp, Ħamrun
48 Triq il-Mitħna, Ħaż-Żebbuġ
45 Triq Ġanni Faure, Tarxien
Tel: 2751 2716 Mob: 7729 1916
E-Mail: info@sierra-books.net
Like us on Facebook
https://www.facebook.com/sierrastationeryandbookshop
Black & White Photocopies @ 2c each
Full colour Photocopies @ 5c each
the cheapest on the island!!
Printing from Pendrives, etc.
Book Covering, Binding & Laminations
Cards, Gifts, Toys, Books & much more



# L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba

## *Għaxar snin l-ewwel champions tan-nar Maltin*

**John Zammit ifakkar l-għaxar snin anniversarju minn meta l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet l-ewwel kampjonat Malti tal-logħob tan-nar**

Tond u sabiħ, in-numru għaxra din is-sena jagħtina l-għaxar anniversarju mindu l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba saret l-ewwel champion tan-nar f'Malta u Għawdex fl-ewwel Kampjonat Malti tal-Logħob tan-Nar li qatt sar.

Dan l-unur dejjiemi bħala l-ewwel champions tan-nar Maltin ma ġiex mix-xejn għax, fis-snin ta' qabel, l-Għaqda kienet ħadet reputazzjoni mill-aqwa u mistħoqqa fl-organizzazzjoni ta' spettakli tal-logħob tan-nar. Mill-1997, fil-fatt, l-Għaqda kienet l-ewwel waħda li bdiet ittella' spettaklu tal-logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika lejlet il-festa tal-Imqabba. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba bdiet ukoll tuża teknoloġiji ġodda ħalli ttejjeb il-ħruq tal-logħob tan-nar u kienet l-ewwel waħda f'Malta li użat sistema kompjuterizzata fil-festa tal-2005. Aktar tard fl-istess sena, l-Għaqda ntgħażlet biex tipprovdi l-ispettaklu tal-logħob tan-nar fl-ikla uffiċjali tar-Reġina Eliżabetta fl-ewwel summit tal-Commonwealth li sar f'Malta.

Mal-qalba tal-millenju, żviluppa wkoll il-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar li beda jsir mill-Gvern u mill-Awtorità tat-Turiżmu fil-Port il-Kbir. F'dan il-Festival, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba pparteċipat mill-bidu nett tiegħu b'xogħol ta' livell internazzjonali. Għall-bidu, il-Festival tal-Port ma kienx fuq bażi kompetittiva.

**Aħna u niċċelebraw dan l-anniversarju tond, nagħtu unur lil dawk kollha li ħadmu b'sagrifiċċju biex poġġew il-festa tar-raħal tagħna fl-aqwa post f'Malta u internazzjonalment**

### L-ewwel kampjonat Malti tan-nar

Fl-2006 imbagħad, għall-ewwel darba, l-awtoritajiet organizzaw l-ewwel Kampjonat Internazzjonali ta' Malta tal-Logħob tan-Nar bħala parti mill-Festival. Il-kampjonat kien jikkonsisti fi spettaklu pirotekniku b'logħob tan-nar varjat sinkronizzat mal-mużika b'sistema kompjuterizzata. Kien iġġudikat minn erba' ġurati barranin, kollha esperti tal-logħob tan-nar.

Daħlu għal dan l-ewwel kampjonat Malti tal-logħob tan-nar sitt għaqdiet: l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba, l-Għaqda tan-Nar San Mikiel ta' Ħal Lija, is-Soċjetà Piroteknika 15 t'Awwissu tal-Mosta u l-għaqdiet tan-nar barranin Orzella Fireworks mill-Italja, Luso Pirotecnia mill-Portugall u Jubilee Fireworks mill-Ingilterra.

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba ħadmet bis-sħiħ għall-kampjonat bħal dan. Dan mhux biss kien kampjonat imma wkoll l-ewwel wieħed u għalhekk b'importanza forsi akbar minn ta' dawk li jiġu warajh. Kien hemm ħafna nies involuti li kollha taw sehem kbir. Ix-xogħol muri kien kollu xogħol id-dilettanti tan-nar ta' Santa Marija tal-Imqabba b'innovazzjonijiet u oriġinalità li wħud minnhom għadhom sal-lum mhuma riprodotti minn ħadd.

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba tat l-ispettaklu tagħha s-Sibt 29 t'April 2006. L-għada kien



*Wieħed mill-baraxxijiet li bih l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba mliet il-Port il-Kbir bil-ġmiel tan-nar fl-ewwel Kampjonat Malti tal-Logħob tan-Nar fid-29 t'April 2006 (ritratt: Melvin Degiorgio)*



*Logħob tan-nar u logħob bin-nar: il-wirja tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba fil-Port il-Kbir fl-ewwel Kampjonat Malti tal-Logħob tan-Nar xehdet l-innovazzjonijiet li dejjem ikkaratterizzaw il-wirjiet ta' din l-Għaqda. (ritratt: Melvin Degiorgio)*


el Patron
Mediterranean Cuisine • Wines • Café
The Only fine dining restaurant in
Wied iz-Zurrieq !
Congreve Street • Wied iz-Zurrieq • Malta
T +356 2164 0242
EL PATRON
E glengalea@hotmail.com


Step in
RESTAURANT • BAR • LOUNGE
Specialising in Pizza, Pasta & Grills
Wied iz-Zurrieq • Blue Grotto • Malta
T +356 2168 3104 • 9944 2084 E glengalea@hotmail.com




*L-Aggregate Shield tal-ewwel Kampjonat Malti tal-Logħob tan-Nar li fuqu l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba għandha l-unur kbir li kienet l-ewwel nwaħda li naqqxet isimha*



*Ir-rappreżentant Ronald Zammit jirċievi l-premju tal-ewwel Kampjonat Malti tal-Logħob tan-Nar f'isem l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba mingħand il-Ministru dak iż-żmien responsabbli għat-turiżmu, l-arti u l-wirt kulturali, Francis Zammit Dimech*

hemm it-tieni ġurnata tal-kampjonat u r-riżultati kellhom jitħabbru t-Tnejn 1 ta' Mejju, 2006, fil-Valletta Waterfront.

**Fit-taqtigħa kien hemm irħula kbar tan-nar… imma dak li stinkaw bil-kbir għalih id-dilettanti tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba ġie ppremjat**

## Rebħ f'kompetizzjoni qawwija

Naturalment, kien hemm stennija u eċċitament. Il-kompetituri l-oħrajn kollha kienu għamlu l-almu tagħhom. Fit-taqtigħa kien hemm irħula kbar tan-nar, fosthom Ħal Lija li ħafna qisuhom il-favoriti. Imma dak li ħadmu u stinkaw għalih id-dilettanti tal-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba ġie ppremjat u l-Għaqda ġiet dikjarata uffiċjalment bħala l-ewwel rebbieħa tal-Kampjonat Internazzjonali ta' Malta tal-Logħob tan-Nar. Anke l-vot tal-pubbliku Malti kkonferma l-ġudizzju tal-ġurija barranija.

Ir-rappreżentant tal-Għaqda ġew ippreżentati bl-Aggregate Shield biex hekk l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba kienet l-ewwel Għaqda li naqqxet isimha fuq din ix-shield xhieda taċ-champions tan-nar.

Ir-rebħ tal-ewwel Kampjonat tal-Logħob tan-Nar Malti ma setax ma jintlaqax b'ferħ kbir mill-partitarji ħdejn is-sede tas-Soċjetà Santa Marija hekk kif twassal mir-rappreżentanti tal-Għaqda dakinhar tal-1 ta' Mejju 2006 filgħaxija. Kien festeġġjat ukoll b'marċ il-Ħadd ta' wara mill-Banda Re Ġorġ V u mogħti rikonoxximent mill-mezzi tax-xandir u l-istampa u minn awtoritajiet Maltin u lokali.

**Ir-rebħ tal-ewwel Kampjonat tal-Logħob tan-Nar Malti ma setax ma jintlaqax b'ferħ kbir mill-partitarji ħdejn is-sede tas-Soċjetà Santa Marija**

Dan ir-rebħ ta' lill-Għaqda Santa Marija tal-Imqabba d-dritt li tagħlaq il-Festival Internazzjonali tal-Logħob tan-Nar li sar fil-Port il-Kbir is-sena ta' wara. Billi l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kienet rebħet l-ewwel kompetizzjoni s-sena ta' qabel, skont ir-regoli tal-Festival, fl-2007 ma ħaditx sehem fil-kompetizzjoni iżda kellha d-dritt li tagħlaq il-Festival.

## Il-ftuħ tat-triq għall-*Caput Lucis*

Dan ir-rebħ ta' wkoll id-dritt lill-Għaqda tirrappreżenta lil Malta f'kompetizzjoni barra minn Malta s-sena ta' wara, f'Awwissu 2007, meta kkompetiet għall-ewwel darba barra minn xtutna fil-Kampjonat Dinji tan-Nar *Caput Lucis* f'Ruma. Kif rebħet mal-ewwel ħarġa tagħha f'Malta, hekk għamlet l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba fl-Italja wkoll fejn saret Champion Dinji tal-logħob tan-nar fost kompetizzjoni ma' fabbriki li huma meqjusa fost l-aqwa fid-dinja mill-Italja, l-Ingilterra, Spanja, ir-Rumanija, il-Ġappun, is-Slovenja u ċ-Ċina.

Dawn l-unuri ma kinux ikunu jistgħu jintrebħu u jagħmlu unur lill-festa tal-Imqabba, lir-raħal tagħna u lil Malta kieku ma kienx hemm is-sehem tal-ħafna pijunieri li minn dejjem għamlu l-festa tal-patruna tal-Imqabba magħrufa għan-nar. Aħna u niċċelebraw dan l-anniversarju tond, nagħtu unur lil dawk kollha li *ħadmu b'sagrifiċċju biex poġġew il-festa tar-raħal tagħna fl-aqwa post f'Malta u internazzjonalment.*





MAYPOLE

since 1900

Qormi | Fgura | Iklin | Buġibba | Żabbar | Ħamrun
Birkirkara | San Ġwann | Żurrieq | Attard | Naxxar | Mellieħa

tel: 22 581 581 | www.maypole.com.mt


Coca-Cola
TASTE THE FEELING™

Storja tal-Parroċċa



# Tliet anniversarji marbutin mal-vara titulari ta' Santa Marija

**Il-Kanonku Dr Jonathan Farrugia S.Th.D jikteb dwar ġrajjiet marbuta mal-istorja tal-vara tal-Patruna tal-Imqabbin.**

**Il-vara tal-patruna ta' raħalna Santa Marija, ilha 180 sena ssebbaħ il-knisja parrokkjali ddedikata lilha u r-raħal li sa minn dejjem kien afdat taħt il-patroċinju tagħha**

Is-sena 2016 timmarka tliet anniversarji ta' ġrajjiet pjuttost reċenti marbuta mal-isbaħ ġawhra tagħna l-Imqabbin: il-vara tal-patruna ta' raħalna Santa Marija, li ilha 180 sena ssebbaħ il-knisja parrokkjali ddedikata lilha u r-raħal li sa minn dejjem kien afdat taħt il-patroċinju tagħha. Fis-snin imgħoddija diġà inkiteb ħafna fid-dettall fuq dawn l-anniversarji, speċjalment fil-ktieb *Il-vara titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba – dokumenti u storja* (2011) għalhekk din is-sena se nagħmlu biss xi aċċenni storiċi fil-qosor biex infakkruhom, u nippubblikaw għall-ewwel darba xi dokument u ritratti marbuta ma' dal-ġrajjiet.

**1966: 50 sena mir-restawrtal-vara minn Samuel Bugeja**

Ir-rikors għar-restawr tal-vara sar mill-kappillan Dun Karm Bianco fit-8 ta' Jannar 1966[1] u ġie approvat jumejn wara. Fih il-kappillan jispjega li r-raġuni għalfejn kellu jsir ir-restawr kien għax fis-snin ta' qabel l-istatwa kienet inksiet b'xi kimika li kellha tippreserva l-kuluri u l-induratura – li kienu għadhom l-oriġinali –, imma r-riżultat kien li maż-żmien dawn intfew. Dan probabbli kien ir-'restawr'[2] li sar fuqha wara l-gwerra minn xi dilettant u li ma kienx imur aktar 'il hemm minn xi tiswijiet kosmetiċi li saru biex jitgħatta l-grif u l-ħsara li ġarrbet il-vara fil-gwerrra.

F'testimonjanza li ħalla miktuba fi djarju ta' ġrajjiet ewlenin fl-Imqabba wara li nġiebet l-istatwa mir-restawr, il-kappillan Bianco jispjega l-bżonn li kien hemm u jgħidilina li x-xogħol fuqha sar minn Samuel Bugeja, li dak iż-żmien kien qed jagħmel xi restawr fuq l-affreski tal-Katidral. Ix-xogħol sar f'waħda mis-swali ta' dak li llum huwa l-Mużew tal-katidral fl-Imdina[3]. It-tindif li sar fuqha ħareġ mill-ġdid l-induratura oriġinali li kellha[4]. L-ispiża kienet ta' £145 li tħallsu minn benefatturi Imqabbin.

Fit-8 ta' Ġunju tal-istess sena sar rikors ieħor mill-kappillan biex l-istatwa tinġieb lura akkumpanjata mill-Banda Re Ġorġ V minn ħdejn il-kappella tad-Duluri sal-knisja[5]. Dan seħħ nhar is-7 ta' Awwissu ta' dik is-sena. Meta l-vara nkixfet indaqq l-Innu l-Kbir tas-surmast George Martin[6] u wara twasslet sal-knisja akkumpanjata mill-kleru, il-poplu u l-banda.

Għal din l-okkażjoni għandna tliet dokumenti, wieħed minnhom qed jiġi ppubblikat għall-ewwel darba.

**Dok 1 (ġdid): Ir-rikors għar-restawr tal-vara (tradott bil-Malti)**

*Umli rikors tas-Saċ. Dott. Carmelo Bianco, prokuratur tal-Imqabba*

*Jesponi umilment,*

*li l-istatwa ta' Santa Marija, li hija użata kull sena għall-purċissjoni tal-festa titulari, xi snin ilu, b'tentattiv li jiġu preservati l-kuluri u l-induratura, ġiet miksija b'xi likwidu li biż-żmien ikkawża t-telfa tal-ilwien tal-kuluri oriġinali;*

*li fuq parir ta' esperti f'dan il-qasam, intlaħqet il-konklużjoni li jissewwa dan id-difett, billi titneħħa l-qoxra li ffurmat dan l-aħħar minħabba din il-kisja, sabiex terġa' tingħata lill-kuluri li kien hemm fil-bidu l-bixra friska li kellhom qabel;*

*li l-ispiża mistennija għal dan ix-xogħol hija ta' madwar mitt lira sterlina, li għalihom diġà sar appell u nġabru mill-offerti liberi tal-parruċċani.*

*Il-firmatarju, bħala kappillan u prokuratur, qiegħed jippreżenta umilment it-talba lill-Eċċ. Tiegħek Reverendissima sabiex tagħti permess biex ix-xogħol ta' restawr ikun jista' jibda.*

*Saċ. C. Bianco.*

Ir-rikors wasal il-Kurja għand il-pro-kanċillier dun C. Dingli fit-8 ta' Jannar 1966 u ġie milqugħ mill-Vigarju l-E.T. Mons. Isqof Emmanuel Galea fl-10 ta' Jannar.

**Dok 2: Ir-rikors biex il-vara titwassal lura bil-banda**

*Umli rikors tal-kappillan tal-Imqabba Dun Karm Bianco S.Th.D.*

*Jesponi bil-qima kollha,*

*illi b'rikors ippreżentat f'dina l-Kurja Arċiv. fit-8 ta' Jannar 1966 u approvat fil-10 ta' Jannar 1966, il-kappillan hawn taħt iffirmat kien ġie awtorizzat li joħroġ il-vara tal-Madonna mtellgħa s-sema, titular tal-parroċċa, mill-knisja biex isirulha xogħlijiet ta' restawr:*

*illi billi l-vara tkun lesta minn dan ix-xogħol ta' restawr qrib ħafna tal-festa fil-15 ta' Awwssu, hi xewqa tal-Kumitat tal-Festa (li tiegħu hu President l-istess kappillan) li l-vara tiġi mwassla mill-Kappella tad-Duluri, limiti tal-Imqabba, sal-knisja parrokkjali bi proċessjoni ħafifa u akkompanjata mill-banda, bħalma sar f'okkażjonijiet oħra simili;*

*li dan li qed jiġi bil-qima kollha mitlub ma joħloq ebda preċedent għal pretensjonijiet billi:*

*a) soltu, kull sena, tmint ijiem qabel il-Festa jsir ħruġ il-vara fil-bieb tal-knisja fejn il-banda, illi f'din l-okkażjoni tagħmel marċ, iddoqq l-innu;*

*b) li l-imsemmi marċ tal-banda soltu jsir kull sena dakinhar ta' ħruġ il-vara;*

*c) li din il-proċessjoni żgħira ssir bla ebda pompi u d-distanza li tgħaddi minnha mhux ta' aktar minn 200 jarda bogħod mill-knisja parrokkjali.*

*Għal dawn ir-raġunijiet ir-rikorrent jippreżenta din it-talba biex l-Eċċ.za Tiegħek Rev.ma jogħġbok tilqa' x-xewqa espressa fir-rikors.*[7]

Ir-rikors ġie preżentat fil-Kurja fit-8 ta' Ġunju 1966 lill-Pro-Kanċillier Dun C. Dingli. Il-permess ingħata mill-Isqof Emmanuele Galea fil-11 ta' Ġunju 1966.

**Dok 3: Il-kitba li ħalla l-kappillan Bianco fid-djarju tal-ġrajjiet tal-parroċċa (tradotta bil-Malti):**

*L-istatwa artistika tal-Imqaddsa Marija Mtellgħa s-Sema, titulari tal-parroċċa, minkejja li diġà kienet ġiet restawrata ta' malajr ftit tas-snin ilu, reġgħet ġiet restawra b'ħidma tal-kappillan attwali, li ħalla dan ix-xogħol f'idejn is-Sur Samuel Bugeja minn Tas-Sliema, professjonist fir-restawr, fl-istess żmien waqt li huwa kien qiegħed jirrestawra l-affreski tal-Katidral tal-Imdina. Diversi parruċċani, kollha partitarji tal-festa tal-Imqaddsa Marija Mtellgħa s-Sema, bl-offerti tagħhom, li kienu ħafna u numerużi, għamlu dan ix-xogħol neċessarju, imma għoli, possibbli. Meta spiċċa dan ix-xogħol li qed insemmu, nhar is-7 ta' Awwissu ġiet imdaħħla solennement fil-parroċċa bis-sehem tal-kleru u tal-banda mill-kappella tal-Addolorata sal-knisja parrokkjali. L-ispejjeż minfuqa kienu ta' £145.*[8]

**1976: 40 sena minn meta r-reffiegħa bdew jilbsu l-muzzetta ħamra tal-Fratellanza tas-Sagrament**

Minn meta saret fl-1836, meta fir-raħal kien għad m'hawnx firdiet minħabba l-każini li twaqqfu fil-bidu tas-seklu għoxrin, sal-1956 il-vara kienet tinġarr fil-purċissjoni minn rappreżentanti ta' tliet fratellanzi tal-Imqabba: erbgħa tas-Sagrament, tnejn tar-



Rużarju u tnejn tal-Immakulata. Tul is-snin 50, forsi b'konsegwenza tat-twaqqif tal-baned li kabbru l-kultura mużikali f'raħalna, iżda wkoll saħħnu l-irjus, seħħew xi inċidenti xejn sbieħ matul il-purċissjoni titulari li minnhom ħarġet ċara li fejn qabel kulħadd kien kuntent u kburi li jerfa' fil-vara tal-patruna, dan issa ma kienx għadu l-każ. Fil-purċissjoni tal-1956 il-qiegħa saħnet sew u dan wassal biex wara nqala' argument qawwi bejn il-partitarji tal-festa ta' Santa Marija u l-kappillan fuq xi abbużi li saru minn xi reffiegħa. Il-kumitat tal-King George V Band Club insista li l-vara tintrefa' minn partitarji tagħhom biss u li jintagħżlu mill-kumitat tal-każin. L-awtoritajiet ekkleżjastiċi dan m'aċċettawhx. Fl-1957 il-purċissjoni saret xorta mingħajr is-sehem tal-Każin fil-festi esterni. Fl-1958 inqala' l-inkwiet fil-knisja hekk kif bdew ħerġin l-istendardi tal-fratellanzi għax daħlu xi partitarji jinsistu li l-vara ma toħroġx. Il-purċissjoni tħassret u ħareġ interdett mill-Kurja li għalaq l-knisja għal tlett ijiem. Minħabba n-nuqqas ta' qbil fejn il-kappillan u l-membri tal-kumitat il-purċissjoni ġiet sospiża sal-1960[9].

Fl-1 ta' Ottubru 1960, wara laqgħa li saret fis-26 ta' Settembru ta' dik is-sena mal-kappillan Dun Gerard Mangion, il-kumitat tal-każin għamel rikors b'xi riżoluzzjonijiet sabiex il-purċissjoni terġa' tibda ssir. Ir-rikors jippreżenta tliet punti. L-ewwel weħed kien biex jitwaqqaf sotto-kumitat li jkollu bħala chairperson lill-kappillan biex jieħu ħsieb il-ġbir u l-preparamenti għall-festa; it-tieni kien li l-vara tintrefa' minn irġiel lebsin il-kunfratija bajda, bla muzzetti, u li jkunu magħżulin mill-kumitat tal-każin bl-approvazzjoni tal-kappillan. It-tliet punt kien li s-Soċjetà kien beħsiebha tkompli tinsisti li r-reffiegħa kollha jilbsu l-muzzetta ħamra tal-Fratellanza tas-Sagrament[10]. Il-kappillan informa lill-kumitat bir-risposta tal-Kurja permezz ta' ittra nhar l-10

d.Spiral
stationery and more...

*Stationery – Greeting Cards – Toys – Souvenirs & Invitations*
*Books & Magazines – Gifts & Novelties – Lamination – Binding & much more…*

***Unbeatable prices in photocopies!***

Sub-post Office for Birkirkara

D.Spiral
Triq il-Vitorja, Birkirkara
Tel: 21491419
Email: dspiralst@gmail.com Website: www.dspiralst.com





**Reborn BAR**

**Marsa Cross Road, Marsa**
**(Infront of Bank of Valletta Branch)**

**We specialize in**
Pasta dishes, Steak dishes
& a variety of snacks

**Tel 21224921**

*Open on week days from 6.00 am onwards*

ta' Ottubru[11]. Fiha hemm imniżżel li l-Arċisqof aċċetta r-riżoluzzjonijiet waqt li insista li l-s-sotto-kumitat li kellu jiġi ffurmat kellu jaħdem id f'id mas-Soċjetà King Georg V, waqt li insista li ċ-ċelebrazzjonijiet fil-knisja kellhom jibqgħu l-prerogativa tal-kappillan, li kien mistieden jikkunsidra l-proposti magħmulin minn dan is-sotto-kumitat ġdid.

Mill-1961 sal-1975 il-vara nġarret mat-toroq bir-reffiegħa lebsin biss il-kunfratija. Għalkemm fir-rikors tal-1 ta' Ottubru 1960 hemm imniżżel li l-kumitat tal-każin kien bi ħsiebu jibqa' jinsisti biex ir-reffiegħa jilbsu l-muzzetta ħamra, ma nsibu ebda referenza għal aktar rikorsi jew korrispondenza fuq dan ir-rigward qabel l-1976.

Hawn insibu taħbila għax fl-arkivju parrokkjali hemm żewġ rikorsi identiċi, wieħed iġib id-data tat-20 ta' Mejju b'nota mill-Kanċillier li l-permess ħareġ fit-23 ta' Ġunju, u l-ieħor bla data imma li isfel għandu nota li ġie ppreżentat fil-kurja fl-14 ta' Lulju u li l-permess ħareġ fl-istess ġurnata. L-unika raġuni li nista' naħseb hija li r-rikors sar f'Mejju u li l-permess ħareġ f'Ġunju, iżda li minħabba li t-tipa tat-typewriter mhux ċara ġie mitlub li jerġa' jinkiteb u l-permess ħareġ dakinhar li dan it-"tieni" rikors daħal il-Kurja.

F'dawn iż-żewġ ittri identiċi l-kumitat tal-King George V Band Club[12] għamel rikors biex minn dik is-sena 'il quddiem il-fratelli jilbsu l-muzzetta ħamra u li s-sotto-kumitat tal-festa jżomm id-dritt li jagħżel ir-reffiegħa[13]. Il-permess ħareġ[14], u minn dik is-sena ir-reffiegħa tal-vara titulari ġabu fuqhom dejjem il-libsa tal-fratellanza tas-Sagrament.

Dawn huma t-tliet dokumenti marbuta ma' din il-ġrajja:

**Dok 1: Ir-rikors tal-King George V Band Club tal-1 ta' Ottubru 1960**

*Eċċellenza Reverendissima,*

*bil-qima kollha nissottomettu għall-konsiderazzjoni tiegħek dawn ir-riżoluzzjonijiet, dwar il-Festa Titolari ta' S. Marija fil-parroċċa tagħna, li ġew unanimament meħuda f'Laqgħa tal-Kumitat, li sar nhar it-Tnejn, 26 ta' Settembru, u li għalih kien preżenti wkoll il-W.R. Kappillan:*

- *li jiġi mwaqqaf Sotto-Kumitat li jkollu bħala Chairman tiegħu il-W.R. Kappillan, biex jieħu ħsieb il-ġbir u l-preparamenti meħtieġa għall-festi interni u estern ta' S. Marija;*
- *li l-Istatwa ta' S. Marija tiġi merfugħa fil-proċessjoni minn irġiel bil-Kunfratija bajda u mingħajr muzzetta, li jiġi magħżulin mis-Soċjetà ta' S. Marija;*
- *li s-Soċjetà ta' S. Marija tibqa' tinsisti biex 'il quddiem l-Istatwa fil-Proċessjoni tiġi merfugħa esklusivament mill-Fratellanza tas-Sagrament, jiġifieri li r-reffiegħa jkunu jistgħu jużaw il-mozzetta, distintiva tal-Fratellanza;*

*Bit-tama qawwija li l-Eċċellenza Tiegħek Reverendissima tagħti deċiżjoni favorevoli għal dawn ir-riżoluzzjonijiet ta' fuq, sabiex is-Sotto-Kumitat ikun jista' jaħseb kmieni għall-preparamenti tal-Festa,*

*Għoddni dejjem tiegħek qaddej*

*J. Camilleri (Segretarju), Charles Sciberras (President)*

**Dok 2: In-notifika tal-kappillan dwar l-approvazzjoni tal-Arċisqof, iddatata 10 ta' Ottubru 1960:**

*Sinjur,*

*bi tweġiba għall-ittra tiegħek tal-1 ta' Ottubru 1960, li inti kellek l-unur li tibgħat per mezz tiegħi lill-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma, dwar il-Festa titulari fil-Parroċċa, jien ġejt inkarikat mill-Eċċ.za Tiegħu biex ngħarrfek b'dan li ġej:*

- *li l-Eċċ.za Tiegħu Rev.ma japprova bil-qalb il-formazzjoni ta' Kumitat, biex jieħu ħsieb il-Festa ta' S. Marija fil-Parroċċa, li jkollu l-Kappillan bħala Chairman tiegħu;*
- *l-Organizzazzjni tal-Festi fil-Knisja jibqgħu prerogativa tal-Kappillan, li jilqa' kull suġġeriment f'waqtu li l-Membri tal-Kumitat tal-festa jistgħu jissuġġerulu dwar il-Festi fil-Knisja;*
- *li Statwa ta' S. Marija tiġi merfugħa fil-Proċessjoni minn individwi liebsin il-kunfratija u mingħajr mozzetta, li jiġu magħżulin mill-Kumitat ta' Festa ta' Santa Marija;*
- *Il-Kumitat tal-Festi ta' Santa Marija jaħdem id f'id*



A Sua Ecc.za Rev.ma
Mons. Michele Gonzi D.D.,
Arciv. di Malta.

Umile ricorso del Sac. Dott.
Carmelo Bianco, Parroco e
Procur. di Mqabba.

Espone riverentemente,

che la statua di S. Maria Assunta, solita esporsi per la processione della festa titolare, qualche anno addietro, nel tentativo di preservarne le tinte e la doratura, fu ricoperta di una soluzione che col passare del tempo ha fatto scolorarne la vivacita' dei colori originali;

che dietro parere di esperti in materia, si e' arrivati alla conclusione di poter rimediare a questo difetto, levandone l'incrostazione che si e' venuta formare recentemente, ridonando ai colori primigeni la loro freschezza originale;

che la spesa da incorrervi si aggira, presso a poco, su le cento lire sterline, alle quali gia' si e' fatto fronte con offerte libere dei parrocchiani.

Il sottoscritto, nella sua qualita' di parroco e procuratore, presenta umile domanda a V. Ecc.za Rev.ma affinche' voglia dare il permesso per incominciare i lavori di restauro.

E della grazia ecc.

[signature]

Presentato in Curia il di' 8 Gennaio 1966.

Sac. C. Dingli
Pro-Cancelliere

[illegible]



Umli rikors tal-Kappillan
tal-Imqabba
Dun Karm Bianco S.Th.D.

Jesponi bil-qima kollha,

Illi b'rikors ippreżentat f'din l-Kurja Arciv. fit-8 ta' Jannar 1966 u approvat fil-10 ta' Jannar 1966, il-Kappillan hawn taht iffirmat kien gie awtorizzat li johrog il-vara tal-Madonna Assunta titular tal-Parrocca, mill-Knisja biex issirilha xogholijiet ta' restawr;

Il billi l-vara tkun lesta minn dan ix-xoghol ta' restawr qrib nofsa tal-festa fil-15 ta' Awissu, il-Kumitat tal-Festa (li tieghu hu President l-istess Kappillan) li l-vara tigi mressqa mill-Kappella tad-Dulari, [illegible] tal-Imqabba, sal-Knisja parrocjali bi processjoni bil-banda u akkompanjata mill-banda, [illegible];

Il dan li qed jigi bil-qima kollha [illegible]:

a) kollha, kull sena, issir [illegible] qabel il-festa jsir hrug il-vara fil-kbir tal-Knisja fejn il-banda, illi f'din l-okkazjoni taghmel marcia, tiddoqq l-innu;

b) li l-inqas marcia tal-banda soltu jsir kull sena dan ix-xahar ta' hrug il-vara;

c) li din il-processjoni [illegible] l-distanza li tghaddi minnha ma tkunx aktar minn 200 jarda boghod mill-Knisja parrocjali.

Ghal dawn ir-ragunijiet ir-rikorrent jippreżenta din it-talba biex l-Ecc.za Tieghek Rev.ma joghgbok tilqa' t-talba espressa fir-rikors.

U tal-Grazzja ecc. ecc.

Fto. (C. Bianco)

Presentato in Curia il di' 8 Giugno 1966

(fto) Sac. C. Dingli
Pro-Cancelliere

Nihil obstat ex parte Auct.is pro hac sola vice.

Datum in Curia Archiep. Melitensi die 11 Junii 1966

(fto) Em. Galea Ep. Tralli in Asia
Vic. Gen.

Vera copia rilasciata dalla Curia Arciv di Malta, il di' 11 Giugno 1966

Sac. C. Dingli
Pro-Cancelliere



*Ir-rikors għar-restawr tal-vara u biex tinġieb lura bil-banda u żewġ ritratti mis-sezzjoni fotografika li saret wara r-restawr.*



*1966 - Il-vara ma xi partitarji wara li daħlet fil-knisja wara r-restawr.*

# COLEIRO FISH SHOP

**Triq Sant'Andrea, Żurrieq**

(Faċċata tal-mitħna taż-Żurrieq)

Prop. Christ Coleiro

*Għall-aqwa servizz u kwalità*
*Ħut Frisk u tal-Friża*

It-Tnejn magħluq
Mit-Tlieta sal-Ġimgħa miftuħ
mit-8.00am sal-12.30pm u mill-16.00pm sas-19.00pm
Is-Sibt u l-Ħadd miftuħ mit-8:30am sal-12.30pm

**Tel: 27004498**
**Mob 7995893**



**4MJ AUTOPARTS**

Blue Grotto Avenue, Żurrieq

Email: 4mjautopartsmalta@gmail.com
Mobile: 9964 7538 Tel: 2713 8219

TOOLHUB · National · CEPSA Lubricantes · NORTH SEA · COOPERS FIAAM · AUTLOG



**Teddies Childcare Centre**

- *Free childcare Scheme*
- *Where kids play and learn safely,*
- *Indoor and Outdoor Facilities*
- *From New Born to School Age.*
- *Daily programme of activities*
- *Airconditioned*
- *Opening hours*

*Mon. – Fri. 6:30am – 5:00pm*
*Sat. 8:30am – 12:00pm*

Filippu Farrugia Street,
Żurrieq ZRQ 2268
Tel: 2702 0362
Mob: 7964 1453
Email: teddieszrq@gmail.com

*mal-Kumitat tas-Soċjetà ta' Santa Marija dwar dak kollu li jkun jenħtieġ għall-festi fil-Knisja u fir-Raħal, inkjuż ukoll il-bilanċ tal-ġbir tal-flus jew sbilanċ jekk dan 'il quddiem jista' jirriżulta.*

B'kull tama qawwija li kollox imur tajjeb għall-ġid tar-Raħal u biex issir Festa xierqa lill-Madonna,

*għoddni dejjem il-qaddej tiegħek*
*Dun Gerard Mangion, Kappillan*

**Dok 3: Ir-rikors tat-30 ta' Mejju 1976**

*Eċċellenza Reverendissima*

*bil-qima kollha nixtiequ nissottomettu għall-konsierazzjoni tiegħek ix-xewqa assidwa tagħna meħuda fil-laqgħa tas-Sotto Kumitat għall-festa li ġejja taħt il-Presidenza tal-W. Rev. Kappillan:*

- li l-vara ta' Santa Marija minn din is-sena 'il quddiem tiġi merfugħa minn fratelli lebsin il-mozzetta kif inhu użu normali fil-parroċċa tagħna fil-purċissjonijiet.
- is-sotto komutat iżomm id-dritt tal-għażla tar-reffiegħa.
- Skont para (iii) tal-ftehim tal-1 ta' Ottubru 1960, is-Soċejtà ta' Santa Marija qatt ma waqfet li tinsisti ma l-awtorità għal biex il-vara tiġi merfugħa minn fratelli lebsin il-mozzetta tas-Sagrament.

*Bit-tama qawwija għal deċiżjoni favorevoli sabiex nagħtu spinta dejjem akbar tal-Festa tal-Parroċċa tagħna, u wara li nitolbu l-Barka tiegħek,*

*għodda dejjem, Eċċellenza Reverendissima, is-servi umli tiegħek*

Isfel hemm nota miktuba minn idejn l-Arċisqof Gonzi li ġie milqugħ fit-23 ta' Ġunju 1976.

**1986: 30 sena mir-restawr magħmul minn Michael Camilleri Cauchi u mill-induratura meraviljuża ta' Horace Farrugia.**

B'xorti ħażina x-xogħol li sar fl-1966 ma kellux iservi għal żmien twil ħafna minħabba li n-niċċa fejn tintrefa' l-istatwa kienet żgħira[15] u ma kelliex ventilazzjoni. In-nuqqas ta' arja fin-niċċa kien wassal għal ħafna umdità li bdiet tħalli marki koroh fuq l-vara kollha. Imma kif jgħid il-Malti, kull deni ħudu b'ġid, għax kaġun ta' hekk għoxrin sena wara saret induratura ferm isbaħ u ta' livell ferm għola minn dik li kien hemm qabel, u d-diżinni intrikati li fiha għadhom sal-lum uniċi f'raħalna.

Mid-dokumenti li għandna jidher li l-bidu tal-ġrajja tar-restawr u l-induratura mill-ġdid kien fis-sena 1983, meta fit-3 ta' Mejju l-kappillan Dun Emmanuel Vella għamel rikors biex titkabbar in-niċċa u biex isir restawr fuq il-vara. Kien iż-żmien meta r-rikorsi ma kinux għadhom jiġu diskussi u milqugħa f'temp ta' ftit ġranet bħal qabel, fil-fatt kien fis-27 ta' Jannar, kważi sena wara, meta ġie fir-raħal rappreżentant tal-Kummissjni Arti Sagra biex jagħmel studju fuq l-istatwa. Dan qabel mal-bżonn li jsiru mill-ġdid il-karnaġġjon tal-vara u l-kuluri tal-libsa, imma kien kontra li tintmess l-induratura peress li kienet għadha dik oriġinali. Ħames xhur wara sar studju fuq in-niċċa – waqt li l-ħsara kompliet issir – u kien hemm qbil li għandha titkabbar billi ssir estensjoni tal-injam biex il-bieba toħroġ 4 pulzieri 'l barra, biex jiġi evitat li tiġi mħaffra aktar u b'hekk iddgħajjef l-istruttura tal-knisja. Fl-1 ta' Ġunju 1984 inħareġ il-permess biex titkabbar in-niċċa u biex isir restawr fuq il-karnaġġjon u l-kulur tal-libsa tal-istatwa bla ma tintmess l-induratura.



***Id-disinn kif kellha titkabbar in-niċċa biex l-istatwa jkollha iktar spazju***

Din il-kundizzjoni ħolqot intopp insormontabbli għax artist biex jirranġa l-karnaġġjon kien ġa nstab, imma ħadd ma ried jieħu r-responsabiltà li jirranġa l-kulur tal-libsa bla ma seta' jmiss l-induratura. Instab wieħed, li ismu ma jissemma mkien, imma rtira wara ftit. Ħabba f'hekk il-proġett tpoġġa fuq xkaffa.

Intant fl-1984 ħareġ il-permess biex tiġi restawrata l-vara tal-Madonna tal-Ġilju mill-Imqabbi Ġlormu Dingli, li kienet fi stat aktar urġeni peress li kienet inqasmet. Ftit ġranet qabel ma din l-istatwa nġiebet lura mir-restawr, il-kappillan Vella għamel rikors ġdid, nhar l-4 ta' Mejju 1985, li fih spjega li s-sur Horace Farrugia tal-Imdina, wara diskussjoni ma' Dun Gino Gauci tal-Kummissjoni Arti Sagra, kien offra li jagħmel ix-xogħol meħtieġ għal Lm1900, basta jkun jista' jagħmel l-induratura mill-ġdid.

Għaxart ijiem wara reġa' ġie fl-Imqabba l-istess reppreżentant tal-kummissjni arti sagra li għamel rapport ieħor fuq l-istatwa u li fih ammetta li bil-





*L-istatwa merfugħa minn irġiel libsin il-kunfratija biss, ir-rikors biex tintrefa' mill-fratelli tas-Sagrament u l-ewwel ritratt tal-vara merfugħa minnhom fl-1976.*



KING GEORGE V BAND CLUB
41, Church Square,
Mqabba.

Eccellenza Reverendissima,
Arch. Isqof ta' Malta,
Il-Kurja,
Valletta.

Eccellenza Reverendissima,

Bil-qima kollha nistiequ nissottomettu ghall-konsiderazzjoni tieghek iz-zewg assidwi taghna mehuda fil-laqgha tas-Sotto Kumitat ghall-festa li gejja taht il-Presidenza tal-M.Rev.Kappillan:

i. Li l-vara ta' Santa Marija minn din is-sena il-quddiem tigi merfugha minn fratelli lebsin il-mozzetta kif isiru dawn normali fil-Parrocca taghna fil-Purcissjonijiet.

ii. Is-Sotto Kumitat izomm id-dritt tal-ghazla ghar-reffiegha.

Skond para. (iii) tal-ftehim tal- 1 t' Ottubru 1960, is-Socjeta ta' Santa Marija qatt ma waqfet li titlob lil l-awtorita ghal biex il-vara tigi merfugha minn fratelli lebsin il-mozzetta tas-Sagrament.

Bit-tama qawwija ghal decizjoni favorevoli sabiex naghtu spinta dejjem akbar il-festa tal-Parrocca taghna, u wara li nitolbu l-barka tieghek,

Nibqghu dejjem,
Eccellenza Reverendissima
Is-Servi Umli tieghek

(ft) Ghigo.
President.

(ft) [illegible]
Segretarju.

Presentat fil-Kurja Arcivescovili
illum 14 ta' Lulju 1976.
(ft) Can. J. Bonello.

Fiat. Datum in Curia Archiep. Melit. die 14 Julii 1976.
(ft) + Michael Gonzi
Archpus Melitensis.





198/83.

Lill-Ecc.za T. Rev.ma
Mons. Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta.

Rikors tar-Rev. Emmanuel Vella
Kappillan tal-Imqabba, għan-
nom tal-Kumitat King George V,
Festa Sta Marija, Mqabba.

Jesponi bil-qima kollha,

Li n-niċċa tal-vara titulari ta' Santa Marija hija mgħira
u għalhekk jinħass il-bżonn li tiġi mkabbra.

Li dokra xi tbajja kagun tal-umdità fl-istess niċċa fuq
il-vara u għalhekk il-kumitat jitlob bil-qima kollha li
l-vara tiġi rrangata.

(ft.) Rev. Emmanuel Vella
Kappillan

Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili
illum 5 ta' Mejju 1983
(ft.) Can J. Bonello
għall-Kanċillier

Statwa Sta Marija — Jannar 1984
Mqabba
Importanti: jiena rajt l-istatwa fin-niċċa u f'dawl artifiċjali,
...

(ft.) Rev. J.B. Gauci
(Preżenti miegħi kien hemm il-Kappillan u 3 dilettanti tal-festa)

Kummissjoni Arti Sagra — 31 ta' Mejju 1984
Rapport dwar in-niċċa ta' "Marija Stella m-Ħarma" Parroċċa Mqabba.

...

Għalhekk qed nissuġġerixxi 2 soluzzjonijiet.

1. Li titkabbar in-niċċa billi titħaffer u tkompli lura xi 4
pulzieri. ...



2. Li titkabbar in-niċċa billi tinqala' il-bieba preżenti
u tiġi tinqala 4 pulzieri 'l barra. ...

...

(ft.) Fr. J.B. Gauci

Wara t-talbiet tar-Rev. Kappillan rikorrent u:

1) nawtorizzaw li n-niċċa tal-vara titulari ta' Santa Marija
tiġi mkabbra skond it-tieni soluzzjoni proposta fir-relazzjoni
tar-Rev. Dun J.B. Gauci tal-31 ta' Mejju 1984; u

2) nawtorizzaw ukoll li l-vara titulari tiġi rrangata skond
ir-relazzjoni ta' l-istess Rev. Dun J.B. Gauci tas-27 ta'
Jannar 1984.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum
1 ta' Ġunju 1984.

(ft.) Can C. Xuereb
Vig. Gen.

(ft.) Annetto Depasquale
Kanċillier

Concordat cum originali
die ...



67/85

Lill-Ecc.za T. Rev.ma
Mons. Ġużeppi Mercieca
Arċisqof ta' Malta.

Rikors ta' Rev. Emmanuel Vella
Kappillan tal-Imqabba.

Jesponi bil-qima kollha

...

Li l-indoratur li kien ser jaħdem fuq l-istatwa rtira mix-
xogħol u għalhekk ġie kkuntattjat l-indoratur Ġorġ Farrugia
mill-Imdina

...

Li l-ispejjeż tidħol għalihom il-knisja billi ...

Għalhekk li mitlub li tiġi milqugħa din it-talba, ...

Is-servi umli tiegħek
Rev. Emmanuel Vella
Kappillan.



14 ta' Mejju 1985
Rapport fuq l-indoratura tal-istatwa ta' Santa Marija
fil-parroċċa tal-Imqabba.

...

(ft.) Rev. J.B. Gauci
Komm. Arti Sagra

Rċevuta fil-Kurja Arċiveskovili
illum 15 ta' Mejju 1985
(ft.) Annetto Depasquale
Kanċillier

Fid-dawl tar-relazzjoni tar-Rev. Dun J.B. Gauci, membru
tal-Kummissjoni Arti Sagra, nilqgħu t-talba tar-Rev.
Kappillan rikorrent u nagħtu l-permess meħtieġ biex isir
l-indoratura mill-ġdid ta' l-istatwa titulari ta' Santa
Marija.

Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum
24 ta' Mejju 1985.

(ft.) Can C. Xuereb
Vig. Gen.
(ft.) Annetto Depasquale
Kanċillier

Concordat cum originali
die 25 Mejju 1985

*Uħud mir-rikorsi għax xogħol fuq il-vara.*

# TA' BALAL

## PETROL SERVICE STATION

GENERAL TYRE REPAIRS, ALSO
NEW TYRES, LUBRICANTS, AUTO PARTS
AND OTHER AUTO ACCESSORIES

*Prop. Emanuel Gatt*

**New Street, Luqa • Tel: 2180 9351**

# LUX Nails

by Sabrina

Mqabba Road, Żurrieq

* Gel & Acrylic Nail Extensions
* Natural Nail Care
* Nail Art & more!

T: 2164 9875
M:7904 6888
FACEBOOK.COM/LUXNAILSMALTA

# NIMROD GARAGE

**Vjal l-Indipendenza, Żurrieq**

*For Hire of:* **Coaches – Mini Buses Mini Coach with wheelchair facilities**

**Tel: 21640098, 21689693 • Mob 9947 6886, 99457554**



kundizzjonijiet ta' qabel, ir-restawr tal-kuluri tal-libsa biss kien se jservi biss għal ftit snin, u għalhekk ippropona li jimxi mal-parir tas-sur Farrugia. Wara dan, nhar l-24 ta' Mejju 1985, il-Kurja tat il-permess biex isir restawr komplet fuq l-istatwa b'dak kollu li kien meħtieġ .

Għaxar snin ilu kelli ċ-ċans nagħmel intervista lis-Sur Farrugia fuq dan ir-restawr li kien sar 20 sena qabel. Xi dettalji minnha ġa dehru fil-ktieb *Il-vara titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba – dokumenti u storja*; għal din is-sena se nġib il-punti li ġbart waqt din l-intervista fl-integrità kollha tagħhom, għalhekk id-dettalji ssibuhom fis-sezzjoni tad-dokument fi tmiem din il-parti.



***Il-vara fil-ħanut ta' Horace Farrugia***

Il-partitarji ħadu l-istatwa l-Imdina nhar l-24 ta' Awwissu 1985 għall-ħabta tat-15:00. Damet hemm sat-30 ta' Lulju 1986. Farrugia ħa ħsieb jobroxha kollha, jiksiha bil-ġibs u jagħmillha sgraffit ġdid, imbagħad ksiha bid-deheb u ħareġ id-diżinji billi żebagħ il-kuluri fuq id-deheb. Xi aspetti mid-diżinn l-oriġinali tħallew, bħal pereżempju l-bordura tal-mant li tinsab fuq żaqq il-Madonna, u ġew inkorporati fl-induratura l-ġdida. Għall-istatwa tal-Imqabbin Farrugia ħoloq apposta diżinn kompletament ġdid, li l-abbozz tiegħu għadu jidher imdendel fil-ħanut maġenb ritratt sabiħ tal-vara hekk kif ġiet wara li lesta x-xogħol meraviljuż li għamel fuqha. Meta tlestiet l-induratura l-artist Michael Camilleri Cauchi rranġa l-karnaġġjoni tal-wiċċ, il-pali tal-idejn u s-sieq.



***Michael Camilleri Cauchi jaħdem fuq il-karnaġġjon tal-vara***

Fit-30 ta' Lulju ttieħdet fuq l-ispallejn mill-ħanut ta' Farrugia madwar it-toroq tal-Imdina sas-Saqqajja u nġiebet l-Imqabba fuq trakk. Ġiet milqugħa f'tarf ir-raħal mill-kleru, il-partitarji u l-Banda King George V. Wara li tbierket mill-kappillan ittieħdet bil-banda sal-knisja parrokkjali mill-istess triq minnfejn kienet għaddiet 150 sena qabel, u l-istess bħalma kien seħħ dak iż-żmien, meta feġġet fil-pjazza ġiet milqugħa bid-daqq tal-qniepen bil-kbir.

Fl-istess żmien meta kienet qed tiġi ndurata l-vara, l-istellarju tad-deheb ġie rinnovat u miegħu twaħħlu djamanti u rużetti sabiex aktar ikun jixraq iżejjen ras din ix-xbieha tant sabiħa. Il-benefetturi għal dan il-proġett kienu Elisa Buttigieg u Katarin Zammit. Ġabru l-flus biex l-istellarju jiġi bbanjat mill-ġdid bid-deheb u biex twaħħlet rużetta b'seba' djamanti fuq kull stilla .

**Dok 1: Ir-rikors tal-kappillan Dun Emmanuel Vella, biex titkabbar in-niċċa tal-vara u biex isir restawr fuq il-vara iddatat 3 ta' Mejju 1983.**

*Rikors tar-Rev. Emmanuel Vella, Kappillan tal-Imqabba, għan-nom tal-Kumitat King George V, Festa Santa Marija, Mqabba*

*Jesponi bil-qima kollha,*

*li n-niċċa tal-vara titulari ta' Santa Marija hija żgħira u għalhekk jinħass il-bżonn li tiġi mkabbra.*

*li dehru xi tbajja kaġun tal-umdità fl-istess niċċa fuq il-vara u għalhekk il-kumitat jitlob bil-qima kollha li l-vara tiġi rranġata.*

*Rev. Emmanuel Vella, Kappillan*

*Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili llum 5 ta' Mejju 1983, iffirmat mill-Kan. J. Bonello għall-Kanċillier.*

**Dok 2: Ir-rapport ta' Dun J.B. Gauci dwar l-istatwa**

*Statwa Sta Marija, Mqabba – 27 ta' Jannar 1984*

*Importanti: jiena rajt l-istatwa fin-niċċa u f'dawl artifiċjali, iżda biżżejjed biex tinduna li l-istatwa għandha bżonn li tiġi rranġata. Il-kulur tal-karnaġġjon irid isir mill-ġdid minħabba l-istat ħażin taż-żebgħa li hi mibruxa f'xi partijiet minħabba l-użu ta' ċrieket u msielet*[16] *u dekorazzjonijiet oħra.*

# Callus Garden Centre

**for all your garden needs**

21 462 229
79 405 135

**Callus Garden Centre**
Triq l-Imqabba
is-Siġġiewi SGW 2200

callulandscaping@gmail.com

**Callus Garden Centre**




*Il-kuluri tal-libsa u l-mant iridu jsiru mill-ġdid minħabba li dawn bidlu l-kuluri wara li ġew miksijin b'passata verniċ li issa ossida ruħu u għalhekk ħoloq patrina ħadra fuq iż-żewġ kuluri.*

*Il-problema prinċipali naħseb li hi l-induratura. L-istat tal-induratura fil-maġġor parti tal-istatwa għadu f'kondizzjoni tajba u naħseb li ma jaqbilx li tintilef induratura li llum diffiċli li jkollok bħalha – i.e. din għadha oriġinali.*

*Milli stajt nifhem diġà saru xi kuntatti ma' xi induratur li qal li hu mhux lest li jirranġa fejn hemm bżonn imma jneħħi l-induratura li hemm u jagħmel kollox mill-ġdid.*

*Jekk jinstab restawratur jista' jiġi mibdul il-kulur tal-libsa u l-mant u tiġi rranġanta l-ħsara fil-partijiet żgħar tal-induratura.*

*Pittur (li jidher diġà ġie kkuntattjat) jista' faċilment jagħmel il-partijiet tal-karnaġġjon.*

*Rev. J.B. Gauci (Preżenti miegħi kien hemm il-kappillan u 3 dilettanti tal-festa)*

**Dok 3: Ir-rapport ta' Dun J.B. Gauci dwar in-niċċa**

*Kummissjoni Arti Sagra – 31 ta' Mejju 1984*

*Rapport dwar in-niċċa ta' Marija mtellgħa s-sema, parroċċa Mqabba*

*L-istatwa tal-Madonna tidħol eżatt fin-niċċa u din kienet ir-raġuni li ċerti ħsarat fuq in-naħa ta' wara tal-istatwa kienu qegħdin jiżdiedu.*

*In-niċċa ma fihiex ventilazzjoni tajba u dan qed ikun ta' ħsara kbira għall-istess statwa kawża tal-umdità li tibqa' ġewwa.*

*Għalhekk ġew suġġeriti 2 soluzzjonijiet:*

1. *li titkabbar in-niċċa billi titbaqqan u tersaq lura xi 4 pulzieri. Raġunijiet kontra din is-soluzzjoni kienu li minbarra li forsi jistgħu jsiru xi ħsarat lill-istruttura tal-bini dan kien ser iżid l-umdità fin-niċċa minħabba tikħil frisk.*
2. *li titkabbar in-niċċa billi tinqala' l-bieba preżenti u toħroġ 4 pulzieri 'il barra. B'hekk tkun tista' tiżdied faxxa mad-dawra biex tkun tista' tgħin il-ventilazzjoni.*

*Din tal-aħħar (i.e. soluzzjoni 2) tista' ssir u ma toħloq l-ebda problema.*

*Fr J. B. Gauci*

**Dok 4: Ir-risposta u l-kundizzjonijiet tal-Kurja**

*Nilqgħu t-talbiet tal-Rev. Kappillan rikorrent u:*

1. *nawtorizzaw li n-niċċa tal-vara titulari ta' Santa Marija tiġi mkabbra skont it-tieni soluzzjoni proposta fir-relazzjoni tar-Rev. Dun J.B. Gauci tal-31 ta' Mejju 1984; u*
2. *nawtorizzaw ukoll li l-vara titulari tiġi rranġata skonr ir-relazzjoni tal-istess Rev. Dun J.B. Gauci tas-27 ta' Jannar 1984.*

*Iffirmat mill-Kan. C. Xuereb, Vigarju Ġenerali, u minn Mons. Annetto Depasquale, Kanċllier.*

*Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 1 ta' Ġunju 1984.*

**Dok. 5 Ir-rikors biex jitnieda r-restawr tal-vara b'kundizzjonijiet ġodda**

*Rikors ta' Rev. Emmanuel Vella, Kappillan tal-Imqabba*

*Jesponi bil-qima kollha*

- *li kien sar rikors minni, ippreżentat fil-Kurja Arċiveskovili fil-5 ta' Mejju, 1983, ref. 138/83 biex in-niċċa tiġi mkabbra u l-istatwa titulari ta' Santa Marija tiġi rranġata;*
- *li b'digriet tal-1 ta' Ġunju 1984, iż-żewġ talbiet ġew awtorizzati;*
- *li l-induratur li kien ser jaħdem fuq l-istatwa rtira mix-xogħol u għalhekk ġie kkuntattjat l-induratur Horace Farrugia mill-Imdina;*
- *li l-imsemmi Horace Farrugia, flimkien ma' Dun Gino Gauci, reġgħu eżaminaw l-istatwa u s-Sur Farrugia aċċetta x-xogħol u ppreżenta stima ta' Lm1900.00 biex issir l-induratura ġdida;*
- *li Dun Gino Gauci għandu wkoll jippreżenta relazzjoni mill-ġdid dwar l-istatwa;*
- *li l-ispejjeż tidħol għalihom il-knisja billi ssir ġabra/ġabriet speċjali filwaqt li lesta taċċetta donazzjonijiet minn xi benefatturi;*

*Filwaqt li nitlob li tiġi milqugħa din it-talba, inselli għalik u nispera li ma ndumx ma nirċievi risposta favorevoli.*

*Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili fl-4 ta' Mejju 1985 lill-Kan. J. Bonello għall-Kanċillier*

**Dok 6: It-tieni rapport ta' Dun J.B. Gauci dwar l-istat tal-vara**

*14 ta' Mejju 1985*

*Rapport fuq l-induratura tal-istatwa ta' Santa Marija fil-parroċċa tal-Imqabba*

*Wara li kont rajt waħdi l-istatwa ta' Santa Marija, skultura fl-injam u nduratura, kont fittixt fuq talba tal-kappillan xi induratur dispost li jagħmel restawr fuq partijiet mill-induratura tal-istatwa li kellhom bżonn urġenti minħabba l-istat ikrah li kienet tinsab fiha. Sibt restawratur u ta l-offerta tiegħu għax-xogħol, iżda wara ftit ġranet avżani li ma kienx se jagħmel ix-xogħol fuq raġunijiet personali. Għalhekk billi wara riflessjoni u konsulenza ma' induratur ieħor, rajna li dan ir-restawr kien ser iservi biss għal ftit tas-snin u li l-istatwa jkollha tiġi wara indurata kollha kemm hi, ħsibna li jkun jaqbel ħafna li induratura sħiħa ssir issa. Huwa aċċetta li jagħmel dan ix-xogħol.*

*Rev. J.B. Gauci, Kummissjoni Arti Sagra*

*Esibita fil-Kurja illum 15 ta' Mejju 1985 mill-Kanċillier Mons. Annetto Depasquale.*



WE OFFER LIFTING SERVICES FOR:
Water Tanks · Tiles · Gypsum Boards · Appliances · Furniture · Glass & Aluminum & much more
WE TRANSPORT ANYTHING!
FREESTANDING LIFTER!
NO ELECTRICITY
NO DAMAGES!
Our lifter operates without having to lean against your facade / balcony
We're Insured! · No electricity needed · Our lifter can go up to 6 stories high & has a large platform · We are always happy to help! · The lifter does not take space & is placed in just a parking space · We also provide transport for your furniture!
BEST PRICES ON THE MARKET & WE'RE ON TIME!
Call us now on 9945 8834 or 9945 8296




B & G HARDWARE
STORE
Paint
OVER 5,000 COLOURS
INSTANTLY AVAILABLE
10% DISCOUNT on:
PAINTS • ELECTRICAL & PLUMBING FITTINGS
SELECTION • QUALITY • PRICES
FREE DELIVERY
10, Triq San Tumas, Luqa
Tel/Fax: 2167 5362

**Dok 7: Ir-risposta pożittiva mill-Kurja**

*Fid-dawl tar-relazzjoni tar-Rev. Dun J.B. Gauci, membru tal-Kummissjoni Arti Sagra, nilqgħu t-talba tar-Rev. Kappillan rikorrent u nagħtu l-permess meħtieġ biex issir l-induratura mill-ġdid tal-istatwa titulari ta' Santa Marija.*

*Mogħti mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 24 ta' Mejju 1985. Iffirmat mill-Kan. C. Xuereb, Vigarju Ġenerali u minn Mons. Annetto Depasquale, Kanċillier.*

**Dok 8: Nota mid-djarju tiegħi fuq taħdita li kelli ma' Horace Farrugia nhar 24 ta' Mejju 2006**

*Wara l-università għaddejt sal-ħanut tas-Sur Farrugia biex nara l-vara ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq peress li l-bieraħ seminarista ieħor qalli li*



**Il-vara ħierġa mill-Imdina fuq l-ispallejn tal-partitarji**

*lesta mill-induratura. Għedtlu li jien seminarista u li ġieli forsi rani għaddej nippassiġġa minn quddiem id-dar tiegħu. Ħasibni minn Ħal Għaxaq stess, imma għedtlu li jien mill-Imqabba. Meta rajt il-vara lesta ikkummentajt li l-kuluri ġew jixbħu ħafna lil din li tinsab fir-raħal tagħna, u qalli: "Dik kienet waħda kbira!" Meta staqsejtu il-għala qal hekk qalli li meta kien qed jindura l-vara tal-Imqabba kien ħoloq disinn apposta għaliha minħabba li apparti l-burdura tal-mant ma kellha prattikament xejn disinnji sgraffiti.*

*"Farrugia fuq din għamilha," qalli waqt li ħares lejn il-vara li kellu quddiemu. "Kien alliev ta' Gerada u dak iż-żmien l-alliev kien juri l-kapaċità tiegħu meta kien jirnexxilu jikkopja fedelment xi xogħol ta' min għallmu, mhux bħal-lum fejn juru l-bravura meta jkunu oriġinali." Jien għedtlu li barra minn hekk kien hemm il-fatt li l-vara ta' Ħal Għaxaq diġà kienet magħrufha bħala l-isbaħ Assunta li kien hawn f'Malta. Tbissem waqt li qal li kulħadd tiegħu jara sabiħ.*

*Meta sellimtlu u ġejt biex nitlaq reġa' sejjaħli u qalli "Meta kien li ġabuha l-istatwa tagħkom? Fl-1984?" Għedtlu li kien eżattament 20 sena ilu, fl-1986. Reġa' daħħalni fil-ħanut u b'nofs daħka qalli l-istorja ta' kif l-istatwa waslet għandu.*

*Il-kumitat tal-każin kien ilu aktar minn sentejn li qallu li xtaq iġiblu l-vara biex jirrestawraha, imma għal xi raġuni l-Kurja ma kienetx ħarġet il-permess biex isir ir-restawr.*

*Fir-raħal kien hemm il-vara tal-Madonna tal-ġilju li wkoll kellha bżonn serju tar-restawr minħabba li minn isfel kienet inqasmet. Għal din ukoll kien hemm xi oppożizzjonijiet mill-Kurja, sakemm delegazzjoni tal-Fratellanza u tal-Każin bagħtet ittra bl-avukat lill-Kurja li jekk il-vara tiġrilha xi ħsara rreparabbli r-responsabbiltà jkollha terfagħha l-Kurja. Għalhekk dan il-permess ma damx ma ħareġ. It-tiswija tal-qasma saret minn Ġlormu Dingli u s-sur Farrugia rrestawraha xi ftit minn ġewwa u rtokkjaha ftit fejn kien hemm bżonn biex jitgħatta l-qsim li kellu jsir mir-restawratur biex isewwi l-vara minn ġewwa. Fost l-oħrajn induralha l-bordura tal-mant.*

*Waqt li kien qed isir ir-restawr tal-Madonna tal-ġilju, l-partitarji ta' Santa Marija rrabjaw għax il-permess biex tiġi restawrata l-vara titulari ma kienx ħareġ. Xi żmien wara li l-vara tal-Madonna tal-ġilju ttieħdet lura l-Imqabba ħareġ il-permess għar-restawr tal-vara ta' Santa Marija.*

*"Fis-14:00 ċempluli u qaluli li l-istatwa kienu se jġibuha dak il-ħin. Għedtilhom li ma stajtx nagħmilha issa għax kelli lil San Bastjan, imma qaluli li sa siegħa oħra kienet se tkun hemm ma jmurx tal-Kurja jerġa' jibdielhom. U fil-fatt ftit wara waslu biha. Kien hawn konfużjoni sħiħa għax ma konnhiex nafu kif se ndaħħluha peress li bħala statwa mhix żgħira u kellha l-pedestall marbut magħha. Bħal dak, ara," qalli waqt li pponta lejn il-pedestall tal-vara ta' ħal Għaxaq, "imma tal-fidda. Kien hawn xi monsinjuri għaddejjin – għax dak iż-żmien kienu għadhom jiltaqgħu biex jagħmlu l-kor fit-15:00 – u meta raw il-ġenn u semgħu l-għajjat kien hemm wieħed – insejt min kien – u qallhom 'Għax ma tħallux l-induratur jgħidilkom x'tagħmlu, mhux hu jaf x'għandu jsir?' Ħriġna lil San Bastjan barra u daħħalnieha ġewwa. Hemm kienet" qalli bi tbissima waqt li pponta bejn fetħa li hemm fin-naħa ta' ġewwa tal-ħanut, fejn is-saqaf kien għola. "Lill-mara għedtilha li ma kontx naf kif se llaħħaq bix-xogħol. Lilhom għedtilhom li ma nafx tkunx lesta sal-festa… l-ewwel kelli llesti lil San Bastjan għax il-festa tiġi f'Lulju! Ma nafx kif lestejthom it-tnejn. Imma rnexxieli u t-tnejn sar xogħol tajjeb ħafna fuqhom."*








***Mumenti waqt ir-restawr, l-induratura u t-transport tal-vara titulari mill-Imdina.***



*Il-mument wara li nkixfet il-vara f'tarf ir-raħal.*


WE'VE GOT WHAT YOU'RE LOOKING FOR!
MATERIAL FOR FLAGS, BANNERS AND ALL RELATED ACCESSORIES
WOOL, COTTON, POPLIN, TREVIRA, CRYPLENE, NYLON TAPE, SWIVELS, ROPES, GEORGE CROSSES AND LOTS MORE
BIBAS
YOU'LL FIND IT ALL AND MORE AT BIBAS, HOMPESCH ROAD, FGURA.
Tel: 2169 1269 E-mail: bibas@go.net.mt
5% DISCOUNT
ON PRESENTATION OF THIS ADVERT


REMISSA
SPORTS BAR MQABBA
77270233
Free Appetizers

**Referenzi**

1 Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili (AKA), *Suppliche* 1966 I, vol 369 f. 19.

2 Dan jissemma fil-lista tax-xogħlijiet magħmulha fi żmien il-kappillan dun Gerard Mangion, li tinsab fl-arkivju parrokkjali tal-Imqabba.

3 Informazzjoni mgħoddija mis-sur Tony Terrible fl-2001; fiż-żmien meta sar dan ir-restawr hu kien jaħdem fil-mużew u għadu jiftakar fejn kienet.

4 L-informazzjoni għaddihieli Mons. Bianco stess waqt telefonat f'April 2001.

5 AKA, *Suppliche* 1966 II, vol 370, f.421

6 Programm tal-festa 1966.

7 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba (API), *Rikorsi – Santa Marija*, Rikors 8 ta' Ġunju 1966.

8 API, *Notizie appartenenti a cotesta santa parrochiale chiesa della terra Micabiba*, f.92b

9 Iktar dettalji jinsabu fl-artikli tas-Sinjura Carmen Lia li ġew ippubblikati fil-ktieb tal-festa: *Festa kbira fil-każin fl-1960* (1999, 69-79) u *Ir-reffiegħa tal-istatwa ta' Santa Marija... 30 sena ilu l-vara ġiet merfugħa għall-ewwel darba minn Fratelli lebsin il-muzzetta ħamra* (2006, 133).

10 API, *Rikorsi - Santa Marija*, ittra 1 ta' Ottubru 1960.

11 API, *Rikorsi - Santa Marija*, ittra 10 ta' Ottubru 1960.

12 L-isem tal-emissarju huwa l-King George V Band Club, imma l-ittra hija miktuba f'isem is-sotto-kumitat li ġie ffurmat fl-1960 li kellu bħala president lill-kappillan; milli jidher dan is-sotto-kumitat kien fil-fatt estensjoni tal-każin u kien jaqa' taħt il-kappa tiegħu.

13 API, *Rikorsi – Santa Marija*, ittra 30 ta' Mejju 1976 u ittra 14 ta' Lulju 1976.

14 Tajjeb infakkru li l-1976 kienet l-ewwel sena li fiha ħareġ il-permess mill-Awtoritajiet Ċivili biex il-festa esterna tal-Madonna tal-Ġilju tkun tista' ssir fuq medda itwal minn jumejn; jista' jkun li dan kellu sehem fil-permess mogħti għal din it-talba tal-King George V Band Club dwar ir-reffiegħa tal-istatwa titulari.

15 Fil-fatt il-kerubini ta' wara u l-ġwienaħ tal-puttin kienu jinqalgħu minn posthom u jintrefgħu band'oħra.

16 Dan huwa żball għax l-istatwa qatt ma tlibbset imsielet.

Elmo
INSURANCE

elmoinsurance.com

Bellizzi Services Ltd. 86, Triq Matteolo Saliba, Zurrieq ZRQ 2021 | Tel: 21642519 | Fax: 21689791 | bellizziservices@gmail.com

Elmo Insurance Ltd. Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, XBX 1111, Malta | T: 2343 0000 | info@elmoinsurance.com

Bellizzi Services Ltd. is enrolled to carry on tied insurance intermediary activities and is regulated by the Malta Financial Services Authority.
Elmo Insurance Ltd. is authorised to carry on general insurance business and is regulated by the Malta Financial Services Authority.

# Albion Vrt Station

**Triq Luret Cutajar, Zebbug ZBG 2731**
**Tel: 21467052 Mob: 99471703/99866576**
**Email: josef@albion.com.mt Website: albion.com.mt**
**Opening Hours: Mon-Fri 7.30am – 4.30pm Saturday 7.30am – 1.00pm**







**FOR:** **VRT TESTS AND INSPECTIONS**
**VEHICLE SERVICING AND REPAIRS**
**COMPUTERISED WHEEL ALIGNMENT**
**AIRCONDITION SERVICE AND REFILL**
**CAR BATTERIES**
**INSURANCE SALES**

LIKE US ON facebook

TOTAL Lubricants




***3***
***YEARS WARRANTY ON CAR BATTERIES***

MAPFRE | MIDDLESEA

Flora Grech is an enrolled Tied Insurance Intermediary under the Insurance Intermediaries Act, 2006 for Mapfre Middlesea p.l.c. (C-5553). Mapfre Middlesea is authorised by the Malta Financial Services Authority (MFSA) to carry on Long Term and General Business under the Insurance Business Act 1998. Mapfre Middlesea and Flora Grech are authorised by the MFSA.

## Contact us for a quotation



*Ritratt tal-wirja tal-logħob tan-nar lejlet il-festa tal-Imqabba s-sena l-oħra meħud mill-fotografu ċelebri Malti-Għawdxi Daniel Cilia, li għandu diversi pubblikazzjonijiet bir-ritratti tiegħu dwar Malta u Għawdex. Jidhru l-livelli differenti wieħed fuq l-ieħor li l-metodu kompjuterizzat jibni mal-mużika.*

METALCO LTD.

*SCRAP DEALERS IN FERROUS AND NON FERROUS*

*CONTACT NO:*

*2166 7855 - 9901 7071*





# L-għaxar edizzjoni tal-wirja La Semana Santa – Espana

*(28 ta' Marzu – 8 t'April 2007)*

**Carlo Sciberras, ifakkar il-bidu tal-wirja La Semana Santa u l-preparamenti sabiex jingħata bidu għall-ewwel edizzjoni ta' din il-wirja li propju din is-sena tinsab fl-10 edizzjoni tagħha.**

Fil-maġġor parti tal-bliet u rħula madwar Malta u Għawdex ninnotaw li kull belt jew raħal fid-diversità tagħhom għandhom dik ix-'xi ħaġa' partikolari li tagħtihom identità speċjali. Ir-raħal tagħna l-Imqabba żgur li mhux eskluż min dan il-fenomenu proprju għall-fatt li min żmien l-antenati tagħna l-Imqabba hija sinonima mall-ġebla tal-franka kif ukoll mall-arti piroteknika li ħafna mill-elementi li jikkostitwixxu din l-arti f'pajjiżna raw l-ewwel dawl tagħhom permezz tal-Għaqda tan-Nar fi ħdan is-Soċjetà tagħna.

Dan li qiegħed ngħid f'dawn il-ftit versi introduttorji kienu l-versi li aħna li konna parti mill-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ fis-sena 2006/2007 fhimna, apprezzajna u min hemm ħarisna l-quddiem b'intenzjoni li r-raħal tal-Imqabba ma jibqax sinonimu biss ma dawn iż-żewġ elementi li semmejt f'din l-introduzzjoni, iżda joħloq toroq ġodda ta'għarfien u identità. Illum il-ġurnata din l-identità speċjali tar-raħal tal-Imqabba kompliet tikber f'dixxiplini oħrajn fejn mingħajr dubju s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V permezz tal-fergħat kollha fi ħdanha ħalliet il-marka kbira tagħha.

L-intenzjoni ta' din il-paġna hi li naqsam magħkom ftit ħsibjiet dwar kif ta' bil-ħaqq illum il-ġurnata r-raħal tal-Imqabba għandu identità speċjali ukoll f'dak li għandu x'jaqsam mal-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, identità li ġejja mis-Soċjetà tagħna permezz tal-wirja unika fil-Gżejjer Maltin 'La Semana Santa' proprju fl-okkażjoni tal-għaxar edizzjoni tagħha, u għalhekk ġejt mitlub mill-Bord Editorjali sabiex nagħmel aċċenn tal-okkażjoni.

Kollox beda f'Novembru tal-2006 meta bħala President tas-Sezzjoni Żgħażagħ kont ġejt avviċinat minn Michael Chetcuti li kien qalli li għandu diversi ritratti tal-vari u purċissjonijiet li jsiru fi Spanja biex jekk ikollna f'moħħna li norganizzaw xi wirja tal-Ġimgħa l-Kbira ma noqgħodux lura milli nitolbuwhomlu ħalli jiġu esebiti. Nistqarr li sa dak in-nhar lil Michael ma kontx għadni nafu sew pero li mpressjonani fiħ kien li stajt nara f'għajnejh entużjażmu u passjoni kbira għall-Ġimgħa Mqaddsa fi Spanja. Sa dak inhar il-ħsieb kien għadu fuq ritratti biss! L-għażla naturali tal-post kienet is-'Sala Marija Assunta' ġewwa s-sede tas-Soċjetà li fiha nnifisha hi ċentru artistiku u li tpaxxi l-għajn ta' kull min iżurha. Ikkonsultajna ukoll mall-Kumitat Eżekuttiv li min-naħa tiegħu kompla jħeġġeġ u jinkoraġġixxi din l-attività u offrielna l-għajnuna u s-sapport tiegħu.

Iż-żmien kompla jgerbeb u niftakar li Michael kien ġie jżur l-ewwel edizzjoni tal-Presepju Ħaj fl-aħħar ġurnata tiegħu u kien qalli – 'Issa, ejja ħalli nkomplu ngħamlu affarijiet kbar bis-Semana Santa'. Min dakinhar ma waqafniex mill-kuntatti u ko-ordinament permezz tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ, Leonard u Nathalie Azzopardi u finalment Michael stess li ħafna drabi beda jagħtina 'sorpriżi' meta kien jiġi u jgħidila li ser ikollna t-tali vara lesta sabiex tkun parti mill-wirja. Altru minn wirja ta' ritratti kienet ġejja!

Ridna wkoll naħsbu għall-*boards* u l-pjattaformi tal-injam li kellhom jilqgħu fuqhom ir-ritratti, pitturi u l-vari. Il-Kumitat taż-Żgħażagħ b'mod għaqli dehrlu li dan ix-xogħol tal-injam kellu jinħadem minna stess biex jibqa jintuża għall-edizjonijiet futuri. Niftakar kont kellimt lil Ninu Farrugia u dan kien għaddielna l-materjal kollu mingħajr interessi u bdejna naħdmu qatiegħ fuq dawn l-istrutturi tal-injam b'ħidma kbira ta' Matthew Ellul u żgħażagħ oħrajn membri tal-Kumitat taż-żgħażagħ. Intant, fl-istess waqt Michael kien għaddej bil-ħjata u rrakmar tal-ilbiesi tal-bellus, Nathalie kienet għaddejja b'ħidma intensiva fuq il-pitturi u xogħol artistiku tal-ganutel u gwawhar biex jagħtu dehera rikka lill-vari u Leonard kien qiegħed jibni l-pedestalli ta' kull vara flimkien ma mitt elf ħaġa oħra.

Ridna wkoll inħallu marka kbira permezz ta' dan l-avveniment u tnisslet l-idea li din il-wirja hekk unika għall-Gżejjer Maltin tiġi inawgurata proprju min l-Arċisqof ta' Malta elett Mons. Pawlu Cremona OP. Konna wkoll konxji dwar il-fatt ta' konċidenza li Arċisqof ta' Malta kien ilu ma jżur is-sede tas-Soċjetà għal sitta u ħamsin sena sħaħ fejn l-aħħar Arċisqof ta' Malta li kien żar il-Każin kien Mons. Mikiel Gonżi fl-1951.

Għamilna kuntatt mad-Direttur Spiritwali tas-Soċjetà Patri Joseph Zahra OP, u xi jiem wara bgħatna formalment l-istedina tagħna lill-Arċisqof għad-data tat-28 ta' Marzu. Sa dak iż-żmien il-miġja tal-Arċisqof fostna kienet għadha ħolma.

Blue Creek
GĦAR LAPSI

# Blue Creek Restaurant

Għar Lapsi, L/O Siġġiewi, Malta
T: (+356) 2146 2800 | (+356) 2146 2786 • E: info@bluecreekmalta.com















*Dehra tal-vari rikki replika ta' dawk li nsibu fil-purċissjonijiet fi Spanja.. Altru min wirja ta' ritratti kienet ġejja!*



# IVAN'S GARAGE

Siġġiewi Road, Qrendi Tel: 2168 0006 Mob: 79704143
Email: ivans@maltanet.net






**Panel Beater & Sprayer • Repairs Insurance Claims**
**Available Underseal & Rustproofing**

CTRONiCS
Blue Grotto Avenue Zurrieq

Opening Hrs
Mon-Fri 4.00 Pm – 7.00 Pm
Sat 9.00 Am – 12.00 Pm
For appointments Call on
T: 21642744 M: 79478259



Major Notebook Brands for Sale

lenovo
hp
ASUS




Computer Upgrades starting from € 200.00
Computer systems starting from € 325.00
All in One Printer Starting from € 69.00
Notebooks Starting from € 325.00

Internet Problem @ home.
We have a solution





Computer Repairs & Formats
Notebook Repairs & Formats
Printer Repairs
Tablet & Mobile repairs
Data Back-up

Watch TV over internet

Summer heat Is Coming.
Prevent your Notebook damage from Overheating.



Il-Ħadd, 1 ta' April, 2007

# 'La Semana Santa'

*Wirja Artistika ta' repliki ta' vari u ritratti mill-purċissjonijiet fi Spanja li se tiġi inawgurata minn Mons. Pawl Cremona OP, l-Arċisqof ta' Malta*

**Ħinijiet tal-ftuħ:**



# La Semana Santa

Għamilna wkoll kuntatt mal-Ambaxxata Spanjola f'Malta fejn għarrafnielhom l-idea li tant kemm intlaqat tajjeb assigurawna li ser ikun hemm rappreżentanza tal-poplu Spanjol fl-Imqabba permezz tal-Ambaxxatrixi nnifisha l-Eċċ. Martha Villardel. Tul l-kors tal-ġimgħat mimlijin ħidma waslulna wkoll il-konfermi li ser ikunu



# Is-Soċjetà Santa Marija tistieden lill-Arċisqof fl-Imqabba



THE MALTA INDEPENDENT

# 'Semana Santa' exhibition

*Prominenza kbira fuq il-mezzi tax-xandir lokali*

fostna l-Ministru tat-Turiżmu Francis Żammit Dimech, il-Ministru tal-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol Louis Galea kif ukoll is-*Shadow Minister* responsabbli miż-żgħażagħ Carmelo Abela.

Il-laqgħat u taħdidiet sabiex il-miġja tal-Arċisqof setgħet tissarraf f'realtà baqgħu għaddejjin għalkemm it-triq ma kinitx waħda faċli u eventawlment wara ħafna laqgħat u stennijja, l-Arċisqof Pawlu Cremona nnifsu tana l-aħbar sabiħa li kien ser jaċċetta l-istedina tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija u għaldaqstant permezz tal-wirja La Semana Santa kien ser jagħmel l-ewwel miġja pastorali tiegħu fir-raħal tal-Imqabba proprju nhar l-Erbgħa 28 ta' Marzu 2007.

Tul dawn ix-xhur il-ħidma kompliet teskala u min wirja ta' ritratti, issa konna qegħdin fi stadju li ntellgħu wirja ta'sbatax il-vara, kollha repliki tal-vari li nsibu fil-purċissjonijiet Spanjoli, mgħollijja fuq il-pedestalli tagħhom fejn b'kollox kien ser ikollna madwar ħamsa u erbgħin statwa imlibbsa minn drapp fin, irrakmat u mżejjna b'xogħol artistiku ta' ganutell u gwawhar.

Ma kienx jonqos ukoll l-ħidma u kordinament kbir sabiex id-data tal-inawgurazzjoni tkun waħda storika għas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija bi tfassil ta' programm mużikali fil-pjazza tal-Imqabba biex tagħti merħba kbira lill-Arċisqof ta' Malta u fuq kollox tagħti merħba lil dan l-avveniment f'wirja tassew unika għall-pajjiżna li rat it-twelid tagħha proprju f'dik il-ġurnata tant sabiħa tal-Erbgħa 28 ta' Marzu 2007.

Ħolma oħra li b'ħidma kollettiva ssarfet f'realtà - realtà li baqgħet tikber u twarrad sena wara sena sa


30 Years of Service
ATTARD BROS
GROUP OF COMPANIES
Mikesand, Industrial Zone ta' Qali RBT 13
Tel: 2141 5332 Fax: 2143 0947 Email: info@attardbros.com
Attard Bros. Co. Ltd.
Building, Civil Engineering and Hard Landscaping Contractors
A.C.S. Ltd.
Producers of Precast Prestressed Concrete Panels, Beams and Predalles Slabs.
Cementstone Mfg. Ltd.
Producers of Hollow concrete Blocks, Roofing Blocks, Coping Stones, Curbs and Paving Blocks.
Attard Blue Mix Ltd.
Producers of Ready Mixed and Pump Mix Concrete, Concrete Additives, Steel Bars, Stirrups, Steel Mesh and all type of Steel Reinforcement.
Eurocraft Ltd.
Manufacturers and Suppliers of High Quality Contract Furniture.
Attard Developments Ltd.
Developers of Residential and Commercial Buildings.
Your Construction Partner
www.attardbros.com







*L-Arċisqof Pawlu Cremona jingħata merħba kbira mal-wasla tiegħu fil-pjazza tal-Imqabba u fis-Sede tas-Soċjetà sabiex jinawgura l-ewwel edizzjoni ta' din il-Wirja Unika għall-Gżejjer Maltin; 'La Semana Santa' – nhar l-Erbgħa 28 ta' Marzu 2007*

llum il-ġurnata - realtà li poġġiet isem is-Soċjetà tagħna u isem ir-raħal tal-Imqabba fuq quddiem nett f'dak li għandu x'jaqsam mall-wirjiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fil-Gżejjer Maltin.

Go Reds
adoloxxenti TITULARI

Il-klabb
Go Reds Adoloxxenti Titulari
tħeġġeġ lill-adoloxxenti Mqabbin
biex jingħaqdu ma' dan il-klabb
biex nieħdu gost flimkien

firetech

**Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V**

tħabbar il-proġett

# Rakkont Ħaj

li fih ser ikunu
qed jiġu intervistati diversi nies
fuq l-esperjenza tagħhom
marbuta mar-raħal pittoresk tal-Imqabba.

Kull min hu interessat huwa miktub li javviċina
lil Mario Zammit jew lil Remenda Borg Grech
jew billi jibgħat email fuq

**info@santamarija.com**



*Tislima*

# Nardu: Pilastru ewlieni fi ħdan is-Soċjetà

**F'għeluq l-għoxrin sena mill-mewt ta' Leonard Farrugia, Sandro Ghigo jikteb dwar il-memorji tiegħu u tal-familja ta' Nardu, li din is-sena qed infakkru l-memorja tiegħu u l-ħidma sfieqa tiegħu b'risq il-mużika, is-soċjetà u Ommna Marija.**

Diġà għaddew 20 sena iżda l-memorji tan-nannu Nardu (kif kien jafu kulħadd) għadhom friski f'moħħi u speċjalment f'qalbi u hekk ser jibqgħu għal dejjem. Jien trabbejt miegħu u kien hu li rawwam fija d-delizzju tal-festa, speċjalment dak tal-banda li kienet il-mimmi t'għajnejh. Min jaf kemm qattajna nofstanhari fil-bitħa tad-dar, jagħtini l-lezzjonijiet u jsemmani mużika tal-mużiċisti favoriti tiegħu. Naħseb illum żgur ma jiħux gost kieku jkun jaf li tlaqt il-banda biex qed naħdem in-nar. Għalkemm in-nar kien iħobbu wkoll u saħansitra kien wieħed milli bena l-post tan-nar, kien jibża' wisq mis-sogru li jġib miegħu. Kien jinkwieta mhux ftit meta kien jara lil ibnu Mario sejjer il-post tan-nar.

**In-nannu kien raġel tal-familja u maħbub minn kulħadd u xhieda ta' dan huwa l-funeral kbir li kellu fejn ir-raħal kien ippakkjat b'nies li kienu jirrispettawh**

Il-każin kien maħbub ferm u kulħadd kien l-għaxqa tiegħu jiċċajta miegħu. Min jaf kemm ġieli nġabru nies mal-mejda tal-isnooker u min jaħbilu xi boċċa u min iressaq oħra u erħilu jidħak u fl-istess ħin jirrabja.

In-nannu Nardu kien ukoll dilettant tal-kaċċa u min jaf kemm-il darba ħadni miegħu. Meta kien ikun hemm xi sparatura fuq il-plattini dejjem kien jidħlilha u hemm ukoll iċ-ċajt ma kienx jonqos, daqqa jgħollulu xi landa jew xi barmil. Iċ-ċajt kien jieklu pero waqt il-ħin tal-lezzjonijiet tal-mużika kien jinbidel totalment. Kien jippretendi dixxiplina u studju mingħand l-allievi kollha. Xi drabi l-allievi kienu jibżgħu jitilgħu għal-lezzjonijiet miegħu iżda bis-saħħa ta' din is-soċjetà



*Nardu u Mansi fit-Tieġ*



*Nardu fil-Festa ta' Santa Marija*

# JULIO & CHARLIE SACCO

Qrendi Road, Mqabba

Tel: 2168 3129

*Jawguraw il-Festa t-Tajba lil Kulħadd*

jfakkru li huma jagħmlu

**Xogħol fl-injam ta' kwalità għolja**

**PREZZIJIET MODERATI**




St. Innocent Street • Mqabba • Malta

T: (+356) 2168 3175   M: (+356) 7920 8040

Opening Hours: Monday closed • Tuesday - 09:00hrs till 17:00hrs • Wednesday - 09:00hrs till 14:00hrs • Thursday - 12:00hrs till 18:00hrs • Friday & Saturday - 09:00hrs till 18:00hrs



ħarġu ħafna bandisti ta' kalibru mal-banda tagħna.

Fil-ġranet tal-festa bla ma rrid niftakar fin-nannu aktar mill-kumplament tas-sena speċjalment f'dak il-mument fejn toħroġ l-istatwa fid-9 ta' Awwissu u tindaqq l-Ave Marija fuq iz-zuntier. Niftakar lin-nannu jemozzjona ruħu sena wara oħra qisha dejjem l-ewwel darba. Mument ieħor huwa kull darba li jindaqq l-Innu marċ kompost minnu stess. Kien anke kiteb l-kliem tiegħu għax ried li jkun talba lil Madonna u mhux kliem ta' pika.



*Il-mużika kienet ħajtu għal Nardu*

Waħda mix-xewqat kbar li kellu għall-banda kienet dik li ndoqqu barra minn xtutna u meta ġiet l-opportunità li mmorru ndoqqu l-Italja, għalkemm saħħtu kienet diġà twaqqfu milli jdoqq, kien jagħmel mezz u xorta ma jfallix kunċert imqar kemm jisma li kollox sejjer sew. Sfortunatament ma kellux ix-xorti li jgħix biex jara din il-ħolma sseħħ iżda ninsab ċert li kien magħna fl-ispirtu u għena biex ksibna l-Etoile d'Or du Jumelage, unur li għadu uniku f'pajjiżna.

Ftit qabel ma miet kien qed jippreparani għall-kompetizzjoni tal-mużika importantissima u f'din



*Nardu mal-familja*

ukoll ma kellux ix-xorti jarani nirċievi l-premju. Min jaf kemm kien ikun ferħan li n-neputi tiegħu stess ingħata premju fil-mużika. Konna nqattgħu ġranet sħaħ nipprattikaw u rnexxielu jgħallimni silta minn Mozart Symphony N. 40 bl-amment u din daqqejtielu fil-funeral bid-dmugħ nieżel minn għajnejja.

In-nannu kien raġel tal-familja u maħbub minn kulħadd u xhieda ta' dan huwa l-funeral kbir li kellu fejn ir-raħal kien ippakkjat b'nies li kienu jirrispettawh.

Għażiż nannu, jien flimkien mal-familja kollha nwegħdek li ma ninsewk qatt u nwegħduk li nibqgħu dik il-familja magħquda hekk kif dejjem xtaqt u ħdimt għaliha int. Inwegħduk ukoll li nibqgħu nagħmlu ħilitna kollha biex din il-festa li kienet parti minn ħajtek nibqgħu naħdmu għaliha biex inżommuha parti importanti mit-tradizzjoni tal-familja tagħna. Inwegħduk wkoll li nibqgħu nieħdu ħsieb in-nanna Mansi sa kemm il-Bambin jogħġbu jerġa' jlaqqakom.

Inħobbuk Nann




# Horace Enterprises Ltd.

**Trophies & Sports Goods**
**Importer & Wholesaler**

**Horace Micallef**
Director



Tel: 2169 6302, Mob: 9942 0346,
Fax: 2169 3397
174, Triq Raymond Caruana,
Gudja ZTN11
E-mail: horaceltd@gmail.com
www.horace-ent.com





# TAL-BAZZI

*Joseph & Julian Farrugia*

*Ġarr ta'*
*ġebel, ramel u torba,*
*żrar u xogħol bil-gafef u tractor,*
*ħsad u ħart*

12, Warda tal-Ġilju,
Triq in-Nazzarenu, Mqabba
**mob: 9988 7021**
**mob: 9987 7175**
**tel: 2168 3409**





*Tislima*

# Is-Surmast George Martin

## A. (Mus.) L.C.M., S.M.O.S.J.

*f'għeluq il-25 sena minn mewtu*

**Fabian Mangion B.A., S.Th. Lic. Ifakkar il-memorja ta' Surmast maħbub.**

Il-mużika hija meqjusa minn bosta għorrief tal-arti u tal-letteratura bħala l-ilsien naturali ta' kull nazzjon. Dan għaliex il-mużika, bħall-ilsen, turi u tfisser il-ħsus tal-moħħ, tal-qalb u tar-ruħ ta' kull bniedem. U għaliex hija segħana fuq il-moħħ, fuq il-qalb u fuq ir-ruħ, il-mużika hija dik li ssaltan fuq l-hekk imsejħa *Belle Arti*, jiġifieri l-mużika, il-poeżija, il-pittura u l-iskultura. Il-mużika tqanqal u tħeġġeġ il-ħoss tal-ferħ u tal-għali. Il-mużika kapaċi tentużjażma, daqskemm għandha ħila tnikket, tbikki u tkexkex.

Malta wkoll għandha l-istorja tal-mużika tagħha. Hija wkoll, bħal bosta pajjiżi oħra madwar id-dinja, welldet kompożituri ta' kalibru għoli, mużiċisti ta' fama u surmastrijiet ta' ħila. Ħafna minn dawn, taw is-sehem tagħhom fil-mużika tal-knejjes, fit-twaqqif ta' għaqdiet mużikali u fl-għaqdiet filarmoniċi. Il-kompożizzjonijiet tagħhom illum jagħmlu parti mill-wirt mużikali ppreservat fl-arkivji ta' knejjes, ta' għaqdiet mużikali u fi djar privati.[1] Bla ebda dubju, wieħed minn dawk li kkontribwew għal dan il-fond mużikali huwa l-Kav. Surmast George Martin.

### Wild l-Isla

Iben Alfred Martin u Maria Assunta Vella, George twieled fl-Isla, fil-ħdax neqsin kwart ta' filgħodu tat-2 ta' Marzu 1920. Ħames t'ijiem wara, fis-7 ta' Marzu, huwa rċieva s-Sagrament tal-Magħmudija mill-Kanonku Dun Ġużepp Adami, Arċipriet tal-Isla.[2] Fil-fonti, flimkien mal-isem George, li bih kellu jiġi msejjaħ, huwa ssemma wkoll Rożarju, Ġużeppi u Vitor. Il-parrini tiegħu kienu Guliermu Martin u martu Katerina.[3]



*Ir-reġistrazzjoni tal-Magħmudija ta' George Martin mill-arkivji tal-Parroċċa tal-Isla*

George kiseb l-ewwel edukazzjoni tiegħu mill-*Garrison School* tal-Verdala. Iżda sa minn meta kien żgħir, huwa wera inklinazzjoni ċara lejn il-mużika. Għalhekk, huwa beda jattendi l-lezzjonijiet tal-mużika fil-każin tal-Banda *Queen's Own* tal-Isla.[4] B'hekk nistgħu ngħidu li George Martin beda l-karriera mużikali tiegħu f'dan il-post.



*Iċ-ċkejken George Martin fil-jum speċjali li fih irċieva l-Ewwel Tqarbina*

### Bikri jħobb il-banda

Sa minn ċkunitu, huwa kien iħobb il-banda daqs il-mimmi ta' għajnejh u bikri stabbilixxa lilu nnifsu bħala wieħed mill-bandisti ewlenin waqt li kien regolarment jiġi msejjaħ biex idoqq partijiet *solo* saħansitra anke

# THE CORE BEAUTY CLINIC

... where Beauty is at Heart

6, Sebastian Saliba Street , Luqa -- Contact Mariella on 9927 3375

Guinot & Mary Cohr Customised Facials -- Guinot & Mary Cohr Anti-ageing Treatments
Guinot Non Surgical Facial Lifting Treatments
Electroloysis & Waxing -- Manicures -- Pedicures
Make up for all occasions -- Eyelash Tinting -- Eyebrow Tinting
La Stone Therapy Massage -- Swedish Massage -- Holistic Massage -- Slimming Programmes

GUINOT PUPA AREAN AROMATICS GUAM MARY COHR

# SKIP HIRE




**Mini Skip Service also available**

**Leli Camilleri**

Leli,
Triq il-Madonna tal-Ġilju, Mqabba
Tel: 9947 4468

ma' baned ewlenin. Fi ftit kliem, George kien wera li għad javvanza ħafna.

F'dik il-ħabta, il-baned kienu baned fil-veru sens tal-kelma, jiġifieri b'xi tmenin bandist kollha tal-post. Ħafna minn dawn il-baned kien ikollhom surmast barrani, aktarx Taljan jew Ġermaniż. Fl-Isla, sa mill-1928, il-Banda *Queen's Own* kellha lill-Professur Reginaldo Caffarelli bħala surmast direttur.[5] Kien ikun hemm ukoll assistant surmast Malti sabiex jagħti l-lezzjonijiet. Imma l-kumitat ta' dak iż-żmien iddeċieda li jibgħat lil Martin għal studju avvanzat taħt iċ-ċelebri Surmast Caffarelli, li offra li jiggwidah u li jinkoraġġih biex iġib 'l quddiem it-talent mużikali tiegħu. Kien hawn li George żviluppa bħala wieħed mill-aqwa strumentalisti, fejn apparti strumenti mużikali oħrajn, speċjalizza fil-*French Horn*.[6]



***George Martin (bilqiegħda fl-art it-tielet mil-lemin) iżomm f'idejh il-French Horn. Hawn jidher flimkien mal-bandisti l-oħra li fl-1934 iffurmaw il-Banda Queen's Own meta s-Surmast kien Mro. Carmelo Mifsud li jidher bilqiegħda fin-nofs tat-tieni filliera***



***Is-Surmast Professur Reginaldo Caffarelli***

Hekk kif bdiet it-Tieni Gwerra Dinjija, il-familja Martin evakwat mill-Isla[7] u sabet refuġju f'Birkirkara.[8] Hemm, f'Birkirkara, fl-24 ta' Lulju 1943 George ingħaqad fiż-żwieġ ma' Maria Concetta, bint John Coleiro u Maria Chircop,[9] imwielda Ħaż-Żabbar fil-11 ta' Novembru 1921. Dan iż-żwieġ ġie ċċelebrat fis-Santwarju ta' Sidtna Marija tal-Ħerba mill-Kanonku Dun Ġużepp Micallef u quddiem ix-xhieda Lawrenz Peresso, iben George, u John Martin, iben Alfred.[10]



***L-invit taż-żwieġ ta' George Martin u Maria Concetta Coleiro***



***George Martin u Maria Concetta Coleiro fil-jum taż-żwieġ tagħhom.***

Għall-bidu, il-familja ġdida ta' George u Concetta, kienet tgħammar f'numru 35, Triq Coleridge, il-Gżira. Fil-fatt, dak magħruf bħala *At Home* wara ż-żwieġ, sar f'din ir-residenza.[11] Aktar tard, u lejn l-aħħar tas-snin ħamsin, il-familja Martin stabbilixxiet ir-residenza tagħha f'numru 5, Blokk V, Triq Ħal Luqa, Ħal Tarxien. Minn din l-għaqda ta' mħabba twieldu erba' wlied: Joyce, Norman, Charles u Alfred.



***Il-familja ta' George u Concetta Martin: Joyce (bilqiegħda), Norman and Alfred (bil-wieqfa), u Charles (bilqiegħda fl-art)***

George Martin kien impjegat bħala skrivan pajżan mar-Royal Air Force. Huwa kien ukoll awditur intern ta' lukanda ewlenija u fil-Bank of Valletta.[12]

Ftit taż-żmien wara huwa kompla jistudja taħt Mro. Carmelo Pace F.L.C.M, L.R.S.M. li Martin stess kien jiddeskrivi bħala *Maestro per Eccellenza*.[13] Huwa għadda minn kors intensiv fl-armonija, il-kontrapunt, il-fuga, l-istrumentazzjoni, l-orkestrazzjoni u l-kompożizzjoni. Dan wasslu biex fl-1950 huwa kiseb id-Diploma tal-*Associate of the London College of Music.*



***George Martin (l-ewwel mix-xellug), bħala skrivan ċivili fir-Royal Air Force, flimkien ma' xi kollegi oħra tiegħu***




***Id-Diploma tal-Associate of the London College of Music li George Martin kiseb fl-1950***

George Martin stess jirrakkonta li f'żgħożitu, għalkemm il-baned kienu jkunu magħmula minn nies tal-post, ftit li xejn wieħed kien isib min idoqq il-*Corno*. Għalhekk, hu kien jiġi mistieden biex idoqq ma' diversi baned bħala bandist 'barrani'.[14]

**Surmast direttur ta' diversi baned**

Martin kien ukoll ġie msejjaħ biex ikun is-surmast direttur ta' għadd ta' baned. Barra dan, hu kien ukoll ġie magħżul biex jidderieġi n-*National Band of Malta* għal tliet darbiet. Dawn it-tliet okkażjonijiet kienu s-Sibt, 9 ta'Jannar 1960 ġewwa r-*Radio City Opera House*, il-Ħamrun;[15] is-Sibt, 17 ta' Diċembru 1966 ġewwa l-*Catholic Institute*, l-Furjana[16] u s-Sibt, 27 ta' Marzu 1971 ġewwa l-*Manoel Theatre*, fil-Belt Valletta.[17]

Il-karriera tiegħu bħala surmast direttur bdieha, fl-1952, mal-Banda *San Leonardu* ta' Ħal Kirkop.[18] Huwa kompla fejn ħalla s-Surmast ta' qablu, Mro. Leonard Agius. Għal din il-banda, is-Surmast Martin ikkompona sett ta' marċi, kif ukoll żewġ innijiet mill-isbaħ: jiġifieri l-Innu tal-Banda u l-Innu lil San Leonardu, kompost fl-1960, li fih jieħdu sehem Baritonu, Tenur u Kor. Dan l-innu għadu jintlaqa' b'ċapċip meta jindaqq kull sena fil-festa ta' San Leonardu.[19] Martin temm l-inkarigu tiegħu ma' din il-banda fl-1972.

Waqt li hu kellu f'idejh il-Banda San Leonardu, George Martin kien ukoll is-surmast direttur tal-Banda *Queen's Own* tal-Isla. Huwa beda jidderieġi lil din il-banda fl-1969.[20] F'dan il-perjodu u, b'mod parikulari fis-sena 1971, fl-Isla kienu saru festi kbar biex jitfakkar il-ħamsin anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-istatwa grazzjuża ta' Marija Bambina. Ċertament, il-Banda Sengleana, taħt il-bakketta tas-Surmast Martin, tat is-sehem sħiħ tagħha f'dawn il-festi. Proprju f'dik l-istess sena, 1971, il-Banda *Queen's Own* iċċelebrat l-ewwel ċentinarju mit-twaqqif tagħha.

Sa mill-bidu tat-twaqqif tagħhom, it-tliet baned tal-Kottonera, jiġifieri l-Banda *Duke of Edinburgh* tal-Birgu,[21] il-Banda *San Ġorġ* ta' Bormla[22] u l-Banda *Queen's Own* tal-Isla, qatt ma kellhom l-okkażjoni li jdoqqu flimkien. Din l-okkażjoni seħħet fl-Isla nhar is-6 ta' Settembru 1971, il-jum li fih f'din il-belt jitfakkru ż-żewġ assedji ta' Malta. Dakinhar, bdew marċi mit-tliet baned li għaddew minn toroq differenti u lkoll iltaqgħu ħdejn il-knisja tal-Porto Salvo.[23] Minn



***Mro. George Martin fi kwadru li jinsab f'dak li kien il-każin tal-Banda Queen's Own Band Club, tal-Isla.***

hemm bdiet dimostrazzjoni *a la Veneziana* b'għadd ta' kwadri mixgħulin. Il-kumitati tat-tliet baned għamlu minn kollox biex din il-manifestazzjoni, fl-antevigilja tal-festa ta' Marija Bambina, tirnexxi. L-istatwa sabiħa ta' Malta Rabbieħa għaddiet, tofroq il-folol tan-nies, tul Triq il-Vitorja sa ma waslet taħt il-kolonna tagħha.[24] Wara li sar diskors tal-okkażjoni mill-Kanonku Onorarju Dun Mikiel Cefai, l-istatwa ta' Malta ġiet merfugħa fuq il-kolonna waqt li t-tliet baned ingħaqdu flimkien u daqqew l-Innu Nazzjonali taħt it-tmexxija tas-Surmast tal-Banda *Queen's Own*, Mro. George Martin.[25] Martin temm l-impenji tiegħu mal-Banda *Queen's Own* fl-1973.[26]

Hekk kif temm il-ħidma minn mal-banda ta' belt twelidu, fl-1974, u għal tul ta' sena, huwa kien is-surmast direttur tal-Banda *Vilhena* tal-Floriana.[27] Fl-1974 ġie mfakkar iċ-ċentinarju mit-twaqqif ta' din is-Soċjetà u l-Banda kellha bħala surmast direttur lil Mro. George Martin. Is-Surmast Martin kien idderieġa b'suċċess lill-banda f'Kunċert Mużiko-Letterarju memorabbli bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju li sar nhar il-21 ta' April, 1974 fil-Knisja Arċipretali ta' San Publju.[28] Is-Surmast George Martin spiċċa l-inkarigu tiegħu minn mas-Soċjetà Filarmonika *Vilhena* fl-1975.[29]

**Surmast mal-Banda *Re Ġorġ V***

Waqt li Martin kien is-surmast direttur ta' dawn it-tliet baned imsemmija aktar qabel, huwa kellu wkoll f'idejh id-direzzjoni tal-Banda *Re Ġorġ V* tal-Imqabba. Hawn huwa ħa f'idejh il-bakketta fl-1956, wara s-Surmast Leonard Spiteri, u dam surmast sa ma' miet fl-1991.[30]Dan ifisser li George Martin kien is-surmast direttur ta' din il-banda għal 35 sena sħaħ. Għal din il-banda huwa kiteb l-*Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema*.[31] Sa mill-1966, jiġifieri sa minn meta żżanżan ħamsin sena ilu, dan l-innu baqa' jindaqq kull sena, u bih is-Soċjetà Mużikali *Re Ġorġ V* hija bil-wisq tant kburija.[32]

Fl-1981, f'għeluq il-ħamsa u għoxrin sena tas-Surmast George Martin bħala direttur ta' din il-Banda fl-Imqabba, saru festi speċjali. Is-Soċjetà *Santa Marija*, bħala turija ta' apprezzament, żanżnet bandiera ġdida tal-banda li ttellgħet għall-ewwel darba fl-10 ta' Awwissu, jum li kien iddedikat lis-Surmast Martin.[33]

Is-Surmast Martin, apparti li kien membru f'għadd ta' bordijiet tal-Gvern, fosthom fil-Kumitat Festi Nazzjonali, diversi drabi huwa kien jiġi msejjaħ fuq il-bord li kien jagħżel il-bandisti biex idoqqu mal-banda tal-Forzi Armati ta' Malta. Jista' jingħad li huwa wkoll wieħed mill-ewwel Maltin li ġie aċċettat bħala membru tal-*Performing Rights Society* ta' Londra. Fl-4 ta' Marzu tal-1974, Martin ġie maħtur Kavallier *di Grazia* tal-Ordni Sovrana ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm u dan għall-kapaċità tiegħu fil-qasam mużikali. Kellu wkoll l-unur kbir li l-bijografija tiegħu ġiet imdaħħla fid-*Dictionary of International Biography*, dizzjunarju li huwa awtorità u famuż mad-dinja kollha.

Il-lista tal-kompożizzjonijiet tas-Surmast George Martin hija twila mhux ħażin. Insibu, fost l-oħrajn, madwar tmenin marċ brijuż u għadd mhux żgħir ta' marċi funebri.[34] L-ewwel marċ li kiteb, meta kien għadu żgħir ħafna, kien jismu *Vive le Sengle* u fost dawk li l-aktar kienu għal qalbu hemm il-marċi Ħbiberija, *Ommna Marija*, *Jum ta' ferħ* u *Romeros*.[35] Martin ikkompona wkoll il-mużika ta' numru ta' innijiet sagri. Dawn jinkludu *Ave Maria* u *Innu lil* Ġesù *Redentur tal-Isla* li żżanżan fl-1970.[36] Ma' dawn jiżdiedu wkoll kemm iż-żewġ innijiet grandjużi, għal banda, solisti, u kor li diġà ssemmew aktar qabel, kif ukoll Quddiesa li hu kkompona u żanżan nhar l-1 ta' Novembru 1969, waqt iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ ta' bintu Joyce.[37]

Dan mhux kollox. Il-lista tinkludi wkoll erba'*Concert-Overtures*, fosthom dak bl-isem *Santa Cecilia* u l-fantasija mużikali *Moments Romantique*.



*Martin qed jiġi dikjarat bħala Cavaliere di Grazia fi ħdan l-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm*



*Partitura tal-Overture Santa Cecilia*

VENMAR Limited
TOTAL • PEST • CONTROL

P.O. Box 6, Żurrieq,
Tel: (+356) 21 642660
Mobile: (+356) 99 455015
e-mail: jsphgauci@yahoo.co.uk

**Services we offer:**

- Fumigation
- Flying & Crawling Vermin
- Rodent Control
- Woodworm treatment
- Termite & Mite Control
- Pest Control Products

**Call or e-mail us for further information.**

**Nofru servizzi bhal:**

- Fumigazzjoni
- Kontrol ta l-insetti li jtiru,'cockroach', u 'wirdien'
- Kontrol ta' grieden
- Kontrol ta' 'termites' u 'mites'
- Trattament tas-susa ta' l-injam
- Prodotti ghal-'pest control'

**Cempel jew ibghat e-mail ghal aktar informazzjoni.**

We also provide emergency weekend services.

PEST CONTROL SERVICE

CB™ COMPUTER BARGAINS

Tal-Mahznier Street,
Luqa LQA 1250, Malta

Tel: 2167 7999
Mob: 9945 3187

Email:info@computerbargainsmalta.com
Web: www.computerbargainsmalta.com

Interessanti li hawn jingħad ukoll li fil-perjodu taż-żmien li George Martin qatta' l-isptar San Luqa għal operazzjoni serja ħafna, fil-bidu tas-snin tmenin, huwa kiteb żewġ biċċiet mużika ta' xi għaxar minuti 'l waħda bl-isem *Dawn* u *Dusk*. Dawn iż-żewġ kompożizzjonijiet kienu xi ftit jew wisq *Descriptive Music*.[38]




***Is-Surmast Martin flimkien ma' Mons. Carmelo Xuereb, Vigarju Ġenerali, fl-okkażjoni ta' kunċert mużikali li kien sar nhar it-30 ta' Lulju 1985 biex ifakkar il-75 sena mit-twaqqif tal-King George V Band Club (illum Soċjetà Santa Marija Banda Re Ġorġ V)***

Bejn l-1970 u l-1986, George kellu f'idejh programm li kien jixxandar fuq iż-żewġ stazzjonijiet tar-Radju ta' Malta. Waqt dawn ix-xandiriet, Martin kien isemma għażla varjata ta' mużika klassika, operistika u bandistika. Dawn it-trażmissjonijiet kienu jiġu mfaħħra u segwiti minn bosta.

L-aħħar kompożizzjoni tiegħu hija *Salve Regina* għall-orgni u kor.[39] Hu rregala din il-kompożizzjoni lill-Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla, fejn hija miżmuma b'għożża u sa ftit tas-snin ilu kienet għadha titkanta f'Settembru ta' kull sena fin-Novena tal-Bambina.

**Tmiem ħajtu fid-dinja**

Is-Surmast George Martin temm din il-ħajja fid-dar tiegħu f'Ħal Tarxien nhar il-Ħadd, 24 ta' Frar 1991.Il-Banda *Re Ġorġ V*, bid-daqq ta' marċi kiebja, akkumpanjat il-katavru tiegħu f'korteo li minn Triq Carmelo Ciantar wassal sal-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba fejn ingħatalu l-aħħar tislima.[40] Mal-bandisti ingħaqdu is-soċji, il-partitarji rġiel u nisa, id-dilettanti tan-nar, is-soċjetajiet ċivili u reliġjużi tar-raħal kif ukoll barranin. Persuni distinti wkoll issieħbu mal-poplu Mqabbi kollu f'din it-tislima aħħarija. Kien wieħed mill-isbaħ funerali li qatt ra r-raħal tal-Imqabba.[41]



***Is-santa tal-mewt tas-Surmast Martin***



***Il-korteo funebri tas-Surmast Martin għaddej minn quddiem is-sede tas-Soċjetà Santa Marija Banda Re Ġorġ V***

Għall-ewwel, id-difna saret fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata fil-qabar numru 17 fil-Kappella tax-Xirka Marija Omm in-Niket, imsejjħa 'Tad-Duluri'. Sitt snin wara, nhar is-16 ta' April 1997, l-art tal-Imqabba laqgħet fiha l-fdalijiet mortali tas-Surmast Martin li ġew trasferiti miċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata għall-qabar A-2, propjetà tas-Soċjetà *Santa Marija* u Banda *Re Ġorġ V*, fiċ-Ċimterju Ġesù Nazzarenu.[42]

Il-mewt tiegħu, fl-età ta' 70 sena, kienet ħasda kbira għall-ammiraturi tal-baned Maltin u, b'mod speċjali, għall-poplu tal-Imqabba li fil-persuna tas-Surmast Martin kien jara u jammira bniedem li bil-ħidma li wettaq fil-qasam mużikali, huwa ġab 'il quddiem il-kultura mużikali fir-raħal. Il-karattru tiegħu kien jagħmlu ħafna fuq tiegħu u dejjem attiv. Il-Banda *Re Ġorġ V* kienet l-unika banda li żamm u li kien iħobb daqs il-mimmi ta' għajnejh. Hu baqa' sal-aħħar, sa jumejn qabel ma miet, jieħu ħsieb din il-banda b'responsabbiltà kbira.

Kien bniedem metikoluż fix-xogħol tiegħu u dixxiplinat. L-onestà u l-irġulija tiegħu lejn kollox u lejn kulħadd kienu karatteristiċi li jispikkaw fuq kull difett li umanament seta' kellu. Kien bniedem ferrieħi u ta' kuraġġ.

Illum li għaddew ħamsa u għoxrin sena mill-mewt tas-Surmast George Martin, nistgħu ngħidu li hu għadu magħna permezz tal-kompożizzjonijiet mużikali li ħallielna. Xi wħud minn dawn għadna nisimgħuhom jindaqqu. Imma fuq kollox, is-Surmast Martin kellu rokna speċjali f'qalbu għall-festa ta' Santa Marija tal-Imqabba. Xieraq għalhekk li ntemm din it-tislima lil dan is-Surmast b'appell li hu stess kien għamel f'intervista li hu kien ta fl-1989. Huwa kien qal hekk: "Ħudu ħsieb sewwa ta' din is-Soċjetà, sabiex il-festa kbira ta' Santa Marija tal-Imqabba tkompli dejjem aktar tikber għaliex hekk jixirqilha Ommna Marija Santissima."[43]

**Referenzi**

1 Mifsud Bonnici, R., *Mużiċisti Kompożituri Maltin u Għawdxin tal-Bieraħ u tal-Lum, Malta, 1951*.

2 Iben it-tabib Franġisk Adami u Tereża mwielda Camilleri, Ġużeppi, twieled l-Isla fit-3 ta' Mejju 1868. Ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Mejju 1894. Fl-1905 huwa sar Kappillan ta' Ħal Għaxaq u fid-29 ta' Ottubru 1908, meta kellu 40 sena, sar Arċipriet fl-Isla. L-akbar żewġ avvenimenti fil-parrokat tal-Arċipriet Adami kienu dak tat-3 ta' Jannar 1921 meta l-Kolleġġjata tal-Isla ġiet mgħollija għall-ġieħ ta' Bażilika u l-4 ta' Settembru tal-istess sena meta Mons. Dom Mauro Caruana OSB, Arċisqof-Isqof ta' Malta, inkuruna solennement l-istatwa ta' Marija Bambina b'digriet tal-Vatikan. Wara li kien ilu 18-il sena jmexxi l-Parroċċa tal-Isla, fl-1926 Adami ġie nnominat Monsinjur tal-Katidral ta' Malta. Huwa miet l-Imdina fil-11 ta' Diċembru 1930, ta' 62 sena. Jinsab midfun fil-Katidral ta' Malta. (Bonnici, A., *L-Isla fi Ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina*, Vol. III, Parroċċa tal-Isla, 1991, p. 197-262)

3 *Liber Baptizatorum*ParroċċaSenglea Vol. XIX, p. 327.

4 L-ewwel banda li kienet iffurmatafl-Isla teħodna lura lejn is-sena 1865. Din il-banda, kienet iġġib l-isem *La Sengle*, u kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tommaso Galea u daqqet għall-ewwel darbafil-pubbliku fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. L-għadd ta' bandisti ma' din il-banda kien qiegħed dejjem jonqos minħabba l-fatt li ħafna minnhom ingaġġaw mar-Royal Navy bħala bandisti. Dan wassal biex il-Banda *La Sengle* spiċċat fix-xejn. Fl-1871 insibu li fl-Isla kienet teżisti Soċjetà Filarmonika oħra u jidher li kien hemm xi ftit tar-rivalità bejn dawn iż-żewġ baned. It-tieni banda kienet iġġib l-isem *La Vincitrice* u d-Direttur tagħha kien is-Surmast Pasquale Millo. Nhar is-6 ta' Jannar 1874, il-Banda *La Vincitrice* tellgħet programm mużikali fl-Isla. Dan kien programm esegwit b'suċċess quddiem folla kbira li ġiet mit-tlitt ibliet tal-Kottonera. Bejn l-1897 u l-1905, il-Banda *La Vincitrice* kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Giuseppe Parisi. B'hekk il-banda kellha tkun l-ewwel waħda li jkollha surmast Taljan. Dan is-surmast kien neħħa l-użanza li kellhom il-baned kollha, li jimxu bir-ramm quddiem. Minflok,hu kien qiegħed il-klarinetti, kif għadhom sal-lum, jimxu fil-linja ta' quddiem f'kull marċ. Fis-sena 1903, il-Banda *La Vincitrice* biddlet isimha għal dak ta' *Queen's Own*. Dan sar f'ġieħ ir-Reġina Alessandra, mart ir-Re Dwardu VII tal-Ingilterra. Dan il-ġieħ ġie mogħti fl-okkażjoni tal-Viżta Rjali tar-Re Dwardu VII u Reġina Alessandra fi gżiritna nhar is-16 ta' April 1903. Ir-Reġina Alessandra tant kienet grata għal dan il-ġest min-naħa tal-membri ta' din is-Soċjetà, li tat il-permess li l-Banda *Queen's Own* iġġib l-istemma Rjali fuq l-istandard tagħha. Ir-*Writ* uffiċċjali ħareġ nhar il-5 ta' Awwissu 1903. Fl-2006, l-isem ta; din il-banda inbidel għal *La Vincitrice*. (Dispaċċi 1903, Arkivju Nazzjonali, Santu Spirtu, Rabat u Mifsud Bonnici, R., Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex, L-ewwel Ktieb, Malta, 1956, p. 87-94)

5 Caffarelli studja taħt Mannelli u kiseb diploma fid-daqq tat-trumbetta mill-*Conservatorio Santa Cecilia* ta' Ruma.Fl-1910 kien idoqq it-trumbetta *solo* mal-Banda *Comunale* ta' Ruma, fejn is-Surmast kien Alessandro Vessella. Barra minnhekk, huwa studja l-pjanu taħt Boccaccini (li kien student uħabib ta' Franz Liszt). Huwa kiseb diploma fil-kompożizzjoni u fl-istrumentazzjoni. Wara li dderieġa l-banda tal-*IstitutoPio IX*, għamel karriera jdoqq fil-kunċerti.Kien attiv f'Londra fejn daqq mar-*Royal Chamber Orkestra* ta' Buckingham Palace (sal-1915), f'Ruma mal-Orkestra Sinfonika ta' *Augusteo* (1916-1918) u f'Berne mal-orkestri ta' *Stadttheater* u ta' *Kursaal* (1912-1922). Fl-1923 huwa ġie Malta u, għall-bidu, huwa kien idoqq mal-Banda *La Vallette* u jgħallem fl-Iskola Nazzjonali tal-Mużika fil-Belt Valletta. Fid-9 ta' Luju 1927 huwa ngħaqad fiż-żwieġ ma' Stella Camilleri. Sfortunatament, Stella mietet waqt li kienet qed twelled l-ewwel iben tagħhom. It-tarbija mietet ukoll ftit wara t-twelid wara li ġiet mgħammda bl-isem ta' Mario. Kemm Stella kif ukoll binha Mario ġew midfuna fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata. Fiż-żmien tiegħu f'Malta, Caffarelli kien *1st trumpeter* tat-Teatru Rjal. Fl-1928 sar Surmast Direttur tal-Banda *Queen's Own* tal-Isla fejn dam sal-1933. F'dik is-sena huwa reġa' lura lejn Ruma u, għal seba' snin, għallem il-mużika b'xejn fl-*MuzioClementi* u ġie maħtur assistent surmast tal-*Banda dellaPolizia di Stato*. Mill-1937 dderieġa il-*Banda della 9° LegionedellaMiliziaFerroviaria* ta' Ruma. Bejn l-1941 u l-1960 huwa għallem it-trumbetta fil-*Conservatorio Santa Cecilia*ta' Ruma. Il-magħruf Ennio Morricone kien fost l-istudenti tiegħu f'dan il-Konservatorju. Is-Surmast Caffarelli miet fit-13 ta' Ġunju 1960 u jinsab midfun fiċ-*Cimitero del Verano* ta' Ruma. (Tagħrif miġjub minn http://www.forumtromba.it/phpBB3/viewtopic.php?f=1&t=15985 u ħajr lis-Sur John C. Navarro li jiġi pro-neputi tal-istess surmast)

6 Camilleri, T., "Intervista mas-Surmast Direttur tal-Banda tagħna, Chev.George Martin," f'*Soċjetà Santa Marija, Banda Re Ġorġ V*, Programmtal-Festa 1989, p. 18.

7 Minħabba li kienet tinsab hekk qrib tat-Tarzna, l-Isla, flimkien mal-ibliet tal-Kottonera, kienet fil-mira ta' bosta attakki ħorox tul is-snin tal-gwerra. Għaldaqstant, dawn l-ibliet kienu saru perikolużi biex wieħed jgħix fihom.

8 F'dak iż-żmien, il-familja Martin kienet toqgħod f'numru 73, Pjazza Sant'Elena.

9 F'dik il-ħabta, il-familja Coleiro kienet toqgħod f'numru 96, Triq San Rokku.

10 *Liber Matrimoniarum* ParroċċaSant'ElenaBirkirkara, Vol. XIII, p. 1029.

11 Informazzjoni miġjuba mill-invit tat-tieġ.

12 "Martin George," fi Schiavone, M., *Dictionary of Maltese Biographies*, Vol. II, p. 1104.

13 Carmelo Pace twieled fil-Belt Valletta nhar is-17 ta' Awwissu 1906. Huwakien l-akbar wild fost tlieta ta' Anthony u Maria Carmela mwielda Ciappara, oħt is-Surmast Vincenzo Ciappara. Carmelo ħa l-edukazzjoni tiegħu b'mod privat u fil-Kulleġġ ta' Santu Wistin fil-Belt. Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija meta f'Malta kien hawn ħafna nies tas-servizzi stazzjonati, kien jieħu pjaċir jisma' l-baned reġimentali jdoqqu marċi militari u funebri. Zijuh Vincenzo kien beda jgħallmu l-mużika fid-dar stess, u fil-kulleġġ, kien intgħażel biex imexxi l-kor tal-istudenti. Meta zijuh indunabil-progress kbir li Carmelo kien qed jagħmel fil-mużika, huwa introduċieh mal-Professur Carlo Fiamingo li beda jgħallmu l-vjolin. Aktar tard kien tħarreġ ukoll fl-armonija, kontrapunt, kompożizzjoni u orkestrazzjoni taħt Thomas Mayne. Zijuh kien jibgħatu wkoll għand il-kopjisti għal xi partituri ta' kompożituri bħal Carlo Diacono u Paolino Vassallo. B'dak il-mod, Carmelo kien sar familjari wkoll ma' dik it-tip ta' mużika. Fl-1931, Carmelo kiseb id-diploma ta' għalliem tal-mużika mir-*Royal School of Music* ta' Londra u beda jagħti l-lezzjonijiet. Iżda kif feġġet it-Tieni Gwerra Dinjija, it-tagħlim ma setax jibqa' għaddej, u Carmelo sar *Shelter Supervisor* fejn kien jieħu ħsieb madwar 600 refuġjat li ma kellhomx saqaf fuq rashom. Il-kompożizzjonijiet ta' Pace bdew minn meta kellu għoxrin sena, meta kiteb partitura għall-pjanu, vjolin u vjolinċell. Fl-1931, ħoloq fantasijagħall-banda fuq mużika tradizzjonali Maltija bl-isem ta' *Maltesina*. Dan kien mod oriġinali kif Carmelo

adatta l-għana Malti għal strumenti aktar kontemporanji. Mill-pinna ta' Pace nsibu wkoll oratorji, kantati, innijiet sagri lil ħafna qaddisin patruni madwar Malta u Għawdex, żewġ balletti, mużika tal-baned, tliet kunċerti għall-pjanu u ħafna xogħol klassiku ieħor. Huma erba' l-opri li jġibu l-firma ta' Carmelo Pace u huma kollha dwar ġrajjiet lokali. Is-Surmast Carmelo Pace miet nhar l-20 ta' Mejju 1993 fl-età ta' 86 sena. L-arkivji mużikali tiegħu huma miżmumin fil-Mużew tal-Katidral fl-Imdina, f'kamra msemmija għalih, filwaqt li l-manuskritti tal-opri li kiteb jinsabu fit-Teatru Manoel. (Farrugia, J. J., "Ulied is-seklu l-ieħor: Is-Surmast Carmelo Pace," f'*It-Torċa*, 24 ta' Awwissu 2003)

14 Hu kien tal-fehma li l-kelma 'barrani' ġejja mill-fatt li ftit li xejn kont issib nies idoqqu ma' banda li ma kinux mill-istess lokal. (Camilleri, T., "Intervista mas-Surmast Direttur tal-Banda tagħna, Chev. George Martin," f'*Soċjetà Santa Marija, Banda Re Ġorġ V*, Programmtal-Festa 1989, p. 18)

15 F'dan il-kunċert, is-Surmast Martin idderieġa l-*Concert Overture*'Santa Cecilia', li hu stess kien għadu kif ikkompona, kif ukoll selezzjoni mill-opra Boris Dodunov ta' Modest Mussorgsky.

16 Waqt dan il-kunċert, Martin idderieġa tliet biċċiet mużikali, jiġifieri *Tone Poem* 'Finlandia' ta' Jean Sibelius, is-*Suite* 'The Bartered Bride' ta' Bedřich Smetana u 'Impressions Alpestres' ta' Mro. Carmelo Pace.

17 F'dan it-tielet kunċert, Mro. George Martin idderieġa wkoll tliet kompozizzjonijiet mużikali. Dawn kienu: is-*Sinfonia* 'La Vestale' ta' Gaspare Stompini, 'Prelude' ta' Sergei Vasilievich Rackmaninoff u l-Ħames Sinfonija *in C Minor* ta' Ludwig Van Beethoven. (Ħajt lis-Sur Duncan Brincat għal dan it-tagħrif miġjub mil-libretti kommemorattivi li kienu ġew stamati f'dawn it-tliet okkażjonijiet)

18 L-Għaqda Mużikali San Leonardu, f'Ħal Kirkop, ilha mwaqqfa sa mill-1858 u dan bil-għan li tikkumplimenta ċ-ċelebrazzjoniet reliġjużi b'festi esterni f'ġieħ il-qaddis patrun tar-raħal. Illum din is-Soċjetà hija responsabbli mill-organizzazjoni tal-festi esterni biex b'hekk timmanifesta d-devozzjoni tagħha permezz tal-arti fl-armar, il-piroteknika u l-mużika.

19 Għax-xandâr magħruf Charles Arrigo (1929-2006), dan kien l-isbaħ innu li jeżisti f'Malta. Huwa kien jagħmel dak kollu possibbli biex ta' kull sena, ikun Ħal Kirkop f'jum il-festa biex jisma' dan l-innu. (Tagħrif mogħti minn Joyce Guillaumier)

20 Banda *Queen's Own*, Minuti tal-Kumitat, Seduta nru. 3, 27 ta' Jannar 1969.

21 Din il-banda twaqqfet fl-1883 bl-isem ta' *L'Unione*. F'Lulju 1891 saret it-talba lid-Duka li jkun il-patrun tagħha. Din it-talba ġiet aċċettata f'Diċembru tal-istess sena u xxandret uffiċjalment bl-isem ġdid fis-6 ta' Jannar 1892. Fl-1978 għall-imħabba kbira li l-Vittoriosani kellhom lejn San Lawrenz inbidel isem il-Banda minn *Duke of Edinburgh* għal *Soċjetà Mużikali Banda Vittoriosana San Lawrenz*. (Attard, A., *Soċjetà Mużikali San Lawrnez – Belt Vittoriosa A.D. 1883*, Malta, 2008)

22 Din il-banda ġiet imwaqqfa fl-1862. ("L-Istorja tal-Banda ta' Bormla – 125 sena ta' Storja Mużikali, Soċjali u Kulturali," *Leħen il-Banda San Ġorġ*, Nru. 19, Diċembru 1987)

23 *Bullettin tal-Parroċċa tal-Isla*, nru. 53, Settembru 1971.

24 Din l-istatwa allegorika ta' Malta kienet biċċa xogħol mill-isbaħ fil-kartapesta maduma mis-Senglean Karlu Darmanin. Sfortunatament, din ġarrbet ħsara irreparabbli waqt maltempata qalila li ħakmet lill-gżejjer Maltin fil-lejl ta' bejn it-8 u d-9 ta' Settembru 1971.

25 Tabone, C., *Djarju tal-Festi Ċinkwantinarji tal-Inkurunazzjoni tal-Bambina*, l-Isla, 1972, p. 60.

26 Banda *Queen's Own*, Minuti tal-Kumitat, Seduta nru. 8, 18 ta' Settembru 1973.

27 Minn gazzetti tal-epokanafu li għall-ħabta tal-1867 kienet diġà teżisti banda Furjaniża, iżda jidher li din ma kinitx il-banda tas-Soċjetà Filarmonika *Vilhena*, għalkemm setgħet ħarġet minnha l-istess Soċjetà li żżomm id-data uffiċċjali tat-twaqqif tagħha bħala s-sena 1874. L-ewwel surmast direttur tas-Soċjetà kien Mro. Giuseppe Borg. L-ewwel President tal-Banda *Vilhena* kien in-negozjant Baldassare Portanier. Il-Banda *Vilhena* malajr stabbiliet ruħha bħala waħda mill-baned ewlenin ta' Malta u l-attività tagħha fil-fatt ma kinitx ristretta biss għal dak li għandu x'jaqsam mal-kamp mużikali tant li kellha anki kumpanija teatrali bħalma kellhom każini tal-baned oħra. Tul is-snin, il-Banda Vilhena kellha surmastrijiet ta'fama u fost dawn, wieħed irid isemmi lit-Taljan Angelo Melilli li kien ikkompona l-*Inno Nazionale San Publio* li baqa'magħruf bħala'l-Innu ta'Melilli'.

28 Għas-Surmast Martin din kienet l-ewwel darba fil-karriera mużikali tiegħu, u l-ewwel surmast direttur, li dderieġa banda fi knisja. Għal dan il-kunċert kienu attendew bosta personalitajiet distinti Maltin u Għawdxin.

29 Holland, N., *L-Istorja Glorjuża tas-Soċjetà Filarmonika Vilhena*, Malta, 2006, p. 71.

30 Hu stess jgħid li għall-ewwel kien ġie avviċinat minn perusna prominenti mill-Imqabba u wara kien irċieva ittra mill-kumitat. (Camilleri, T., "Intervista mas-Surmast Direttur tal-Banda tagħna, Chev. George Martin," f'*Soċjetà Santa Marija, Banda Re Ġorġ V*, Programmtal-Festa 1989, p. 18)

31 Il-partitura tikkonsisti f'diversi partijiet li fihom 22 minuta mużika u hija kollha meħuda minn dawn il-versi ta' Patri J. M. Ghigo S.J.: Ave Marija bil-grazzja mimlija /Sellimlek l-Anġlu fil-milja tas-snin. / W'aħna ntennulek uliedek imġarrba/ Dejjem ħarisna u żommna safjin.

32 Lia, C., *Ġrajjiet is-SoċjetàSanta Marija u l-Banda Re Goerge V fl-Istorjatal-Imqabba*, Malta, 1997, p. 178.

33 "Kav. Mro. George Martin –F'Egħluqil-25 Sena Direttur tal-Banda King George V, Mqabba," fi *Programm tal-Festi Solenni li jsiru fil-Parroċċa tal-Imqabba f'ġieħ Santa Marija Patruna tar-Raħal*, 1981, p. 8.

34 Fost il-marċi funebri nsibu *Alla Memoria di J. F. Kennedy* u *Omaggio A Michele Sciriha*. Ftit huma dawk il-baned Maltin u Għawdxin li xi darba jew oħra ma kellhomx xi marċ minn tiegħu.

35 Martin jgħid li għalih il-marċi kienu qishom 'ulied' u, "bħal kull 'missier', inħobbhom kollha ndaqs." (Camilleri, T., "Intervista mas-Surmast Direttur tal-Banda tagħna, Chev. George Martin," f'*Soċjetà Santa Marija, Banda Re Ġorġ V*, Programmtal-Festa 1989, p. 19)

36 Il-versi ta' dan l-innu kienu nkitbu minn Anton Haber u ġew mogħtija *Nihil Obstat* mill-Kan. Ġużeppi Lupi, *Censor theologus,* nhar id-19 ta' Marzu 1968. L-Innu ġie mżanżan waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, nhar is-27 ta' Marzu 1970, u tkanta mill-kor ta' San Filippu, immexxi minn Patri Ġużeppi Busuttil SJ, waqt il-ħruġ tal-istatwa ta' Ġesù Redentur mill-Bażilika. (Banda *Queen's Own*, Minuti tal-Kumitat, Seduta nru. 16, 19 ta' Jannar 1970 u Seduta nru. 1, 12 ta' Frar 1970)

37 Tagħrif mgħoddi minn bintu Joyce stess.

38 Is-Surmast Martin innifsu rregala dawk il-kompożizzjonijiet lill-kirurgu li lejh huwa kellu ammirazzjoni kbira. (Camilleri, T., "Intervista mas-Surmast Direttur tal-Banda tagħna, Chev. George Martin," f'*Soċjetà Santa Marija, Banda Re Ġorġ V*, Programm tal-Festa 1989, p. 19)

39 Id-data fuq il-manuskritt ta' din il-kompożizzjoni li tinsab fl-arkivju tal-Kor Marija Bambina hija 21 ta' Ġunju 1990.

40 Din kienet l-ewwel darba li l-Banda *Re Ġorġ V* akkumpanjat f'funeral. Il-librett ta' marċi funebri li sar użu minnu dakinhar kien tħejja minn Mro.Anthony Camilleri li ħa l-bakketta tat-tmexxija tal-banda wara Mro.George Martin. (Tgħarif mgħoddi mis-Surmast Anthony Camilleri stess)

41 "It-Telfa ta' Mro. George Martin," f'*Festa ta' Santa Marija*, Mqabba, 1991, p. 50.

42 Arkivju Ċimiterju Santa Marija Addolorata. Fis-16 ta' Awwissu 1997 mietet Concetta Martin, il-mara tas-Surmast Martin. Illum din tinsab midfuna, ma' żewgha, fl-istess qabar fiċ-Ċimiterju tal-Imqabba.

43 Camilleri, T., "Intervista mas-Surmast Direttur tal-Banda tagħna, Chev.George Martin," f'*Soċjetà Santa Marija, Banda Re Ġorġ V*, Programm tal-Festa 1989, p. 19.


FGP
The Garage Door People
Serving You Since 1962
INSULATED OVERHEAD SECTIONAL DOORS
SILENT
WEATHER SEALED
VARIOUS DESIGNS & FINISHES
RESIDENTIAL & INDUSTRIAL DOORS
COMPETITIVE PRICES
REMOTE CONTROL AVAILABLE
FGP Ltd. is Malta's leading & longest established garage door manufacturer.
We supply a full range of residential, commercial & industrial garage doors and gates, barriers, bollards, remote control automations as well as miscellaneous sheet metal works.
FGP LTD. 109, VALLETTA ROAD LUQA LQA1762. TEL: 21667107/8, 21673627 FAX: 21675384 EMAIL: SALES@FGP.COM.MT WEB: WWW.FGP.COM.MT


Charlie It-Tirxa
GĦAL XOGĦOL
TA' QTUGĦ TA' BLAT, MINI SKIP,
TĦAMMIL, TWAQQIGĦ TA' BINI, XOGĦOL BIL-KUMPRESSUR, ROCK CAT,
ĠARR TA' TORBA, RAMEL, ŻRAR U ĠEBEL,
KIRI TA' BOB CATS, EXCAVATORS U HI-UP
7927 7420



*Anniversarju*

# Il-Ġublew tal-Fidda

**Il-Bord Editorjali jfakkar għeluq il-25 Sena ta' tliet anniversarji importanti fl-iżvilupp tas-soċjetà.**

Bħal kull sena, nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju 1991, il-Banda Re Ġorġ V esegwiet is-solitu Programm ta' Marċi fil-pjazza ta' quddiem is-sede tas-Soċjetà li bih sa dak iż-żmien kienet tiftaħ il-festi f'ġieħ il-Patruna tagħna Santa Marija mal-bidu tal-Kwindiċina. Li ma kienx solitu kien il-fatt illi wara l-mewt ħesrem tal-mibki iżda żgur qatt minsi Chev. Mro. George Martin, il-Banda kienet għaddiet propju 25 sena ilu taħt il-bakketta t'iben is-Soċjetà l-Inġ. Mro. Anthony Camilleri, B.Mech.Eng.(Hons.), F.V.C.M. (Hons.), L.Mus. V.C.M. (Hons), A.Mus.L.S.M. kif ukoll il-fatt li fi tmiem dan is-servizz, indaqqet għall-ewwel darba l-kompożizzjoni bl-isem Innu tal-Banda Re Ġorġ V, li l-istess Surmast Camilleri kien għadu kif ikkompona u għoġbu jirregala hekk kif ħa t-tmexxija tal-istess Banda f'idejh.



*Inġ. Mro. Anthony Camilleri jidher qed jippreżenta l-partitura oriġinali tal-Innu tal-Banda Re Ġorġ V lill-President tas-Soċjetà s-sur Carmel Zahra*

Dakinhar b'dan il-ġest ferm nobbli tas-Surmast Camilleri, kienet qed tinkiteb paġna oħra importanti fl-istorja tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V; kien qed jingħalaq proċess strateġiku ta' konsolidament, aġġornament u tiġdid mibdi sena qabel, jiġifieri fl-1990 meta permezz tal-ħidma tiegħu fi ħdan u mal-Kumitat Eżekuttiv[1] ta' dak iż-żmien u l-Kummissjoni *"Reviżjoni tal-Istatut"*[2], prattikament sar Statut ġdid tas-Soċjetà. Dan ġab diversi tibdiliet sostanzjali fosthom anke fl-isem u allura fil-*logo* u fl-identità viżwali tas-Soċjetà, minn *King George V Band Club* għal kif inhi magħrufa llum. Fil-pjan ta' ħidma li mbarka fuqu l-Kumitat Eżekuttiv ta' dak iż-żmien kien imiss ukoll li l-Banda jkollha l-Innu uffiċjali tagħha: Innu f'ġieħ dawk kollha li taw, qed jagħtu u ser ikunu qed jagħtu s-servizz tagħhom fi ħdanha, Innu li taha identità unika li kompla jgħonnijha u jseddaqaha b'kull ġieħ, Innu li fl-aħħar mill-aħħar sar ad unur l-Ewwel Soċjetà Mużikali Imqabbija li welldet u baqgħet tindokra l-istess Banda matul is-snin.




*It-trasformazzjoni anke fuq livell ta' immaġini viżiva li saret ukoll propju 25 sena ilu fl-1991 mad-dħul fis-seħħ tal-provvedimenti introdotti permezz tar-Reviżjoni tal-Istatut tas-Soċjetà*

Minn dakinhar 'il quddiem, kull programm mużikali tagħha sew fl-Imqabba, barra minn raħalna



*Dettall mill-partitura oriġinali tal-Innu tal-Banda Re Ġorġ V hekk kif ħareġ mill-pinna tal-Inġ. Mro. Anthony Camilleri fl-1991*

kif ukoll barra minn xtutna, ġie fi tmiemu permezz ta' dan l-Innu ferm għal qalb is-Soċjetà. Biżżejjed wieħed isemmi x'memorji sbieħ iġib dan l-Innu fost dawk kollha li kienu jifformaw parti mill-kontinġent li 20 sena ilu – propju bejn it-12 u d-19 ta' Lulju 1996 – kienu mal-Banda Re Ġorġ V waqt il-mawra tagħha fir-Reġjun tal-*Marche* ġewwa l-Italja; memorji li bilfors iqabbżulek demgħa ta' ferħ meta tiftakar f'dawk l-erba' programmi mużikali memorabbli li kienu strumentali sabiex jintrebaħ l-unur prestiġjuż fuq livell Ewropew ta' ***Les etoile d'or du jumelage*.**

Għaldaqstant, il-Bord Editorjali ħass li kien ferm sewwa u xieraq illi jkun imfakkar dan il-ġublew tal-fidda minn meta seħħet din il-ġrajja u r-rabta li din għandha ma' diversi avvenimenti oħra li seħħew f'dak il-perjodu permezz ta' dan l-artiklu biex qatt ma ninsew; jalla nibqgħu niftakru u ngħożżu dan il-wirt mużikali imprezzabli bħalma għandna nibqgħu ngħożżu kull ħaġa, kull mument, kull esperjenza, kull persuna li b'xi mod jew ieħor ikkontribwew biex is-Soċjetà u l-Banda tagħna huma dawk li huma llum.

**Referenzi**

[1] Bejn l-1989 u l-1995 huwa serva bħala viċi-President tas-Soċjetà.

[2] "Vera ħaqqhom prosit l-erba membri li ffurmaw din il-kummissjoni (is-sinjuri Carmel Psaila, Nazzareno Sciberras, Francis Vella u Twanny Camilleri) għaliex kellhom biċċa xogħol iebsa ħafna biex jikkonsultaw ħafna statuti ta' Soċjetajiet oħra ta' pajjiżna u javviċinaw nies illi fil-passat kellhom x'jaqsmu fid-direzzjoni tas-Soċjetà tagħna." Programm tal-Festa ta' Santa Marija - 1991, "Statut Ġdid tas-Soċjetà ifisser Rabta Aktar Qawwija Mal-Festa Ta' Santa Marija", Paġni 62-63.



PROGRAMM STRUMENTALI ESEGWIT
MILL-BANDA RE ĠORĠ V
IMQABBA - MALTA

*PROGRAMMA STRUMENTALE ESEGUITO*
*DALLA BANDA RE GIORGIO V*
*MQABBA - MALTA*

Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju - *Venerdi' 12 luglio* - **COMUNANZA**
Nhar is-Sibt, 13 ta' Lulju - *Sabato 13 luglio* - **AMANDOLA**
Nhar il-Ħadd, 14 ta' Lulju - *Domenica 14 luglio* - ***SANTA VITTORIA IN MATENANO***
Nhar l-Erbgħa, 17 ta' Lulju - *Mercoledi' 17 luglio* - **SMERILLO**

| | | |
|---|---|---|
| Overture Religioso | Fundatio | A.Camilleri |
| Traditional | Greensleeves | Arr. A. Reed |
| Selection | Aida | G.Verdi |
| Adagio | Spartacus | Khachaturian |
| Selection | The Sound of Music | R.Rodgers |
| | **Intervall - Intervallo** | |
| Overture | Poet and Peasant | F.Von Suppe' |
| Traditional | The Best of Maltese Folklore | Arr. A. Chircop |
| Selection | Jesus Christ Superstar | A.Lloyd Webber |
| Suite | Impressions of Seville | H.Simeone |
| March | Radetzky | J.Strauss |
| Innu | Banda Re Ġorġ V | A.Camilleri |
| Innu | Malti | R.Samut |
| Innu | Taljan | Mamelli |

**Mro. Anthony Camilleri L.Mus.V.C.M.(Hons.), A.Mus.L.S.M.**
**Surmast Direttur.**

Il-Banda ser tkun mistiedna tesegwixxi marċi tradizzjonali Maltin f' dawn l-irħula:
*La Banda sara' invitata ad eseguire delle marce tradizionali maltesi in diversi paesi:*

Nhar is-Sibt, 13 ta' Lulju - *Sabato 13 luglio* - **MONTEPORTINO u MONTEMONACO**
Nhar il-Ħadd, 14 ta' Lulju - *Domenica 14 luglio* - ***SANTA VITTORIA IN MATENANO***
Nhar l-Erbgħa, 17 ta' Lulju - *Mercoledi' 17 luglio* - ***FORCE***

***L-erba' Programmi Mużikali li l-Banda Re Ġorġ V esegwiet waqt il-mawra tagħha fir-Reġjun tal-Marche ġewwa l-Italja f'Lulju tal-1996***




***Ritratt tal-okkażjoni tal-mawra tal-Banda Re Ġorġ V ġewwa Santa Vittoria in Matenano fl-1996.***



*Tislima*

# “Joyful Memories” - It-tgħannieqa li ma ninsa qatt

## *B’tifkira għażiża f’għeluq l-20 sena mill-mewt tas-sur Leonard Farruġia: 1996-2016*

**Inġ. Mro. Anthony Camilleri, B.Mech.Eng.(Hons), FVCM (Hons), L.Mus.VCM (Hons), A.Mus.LSM, isellem il-memorja għażiża tal-mibki s-Sur Leonard Farrugia.**

*“Inwegħedkom li sakemm Alla jagħtina saħħa, il-memorja tal-għażiż Leonard Farruġia qatt ma tonqos mill-Banda tagħna.”*

Hekk għalaqt l-“Apprezzament” li kont ktibt fuq il-mibki iżda żgur qatt minsi s-sur Leonard Farruġia u li aktar tard ippublikajt fil-ktejjeb annwali għall-Festa ta’ Santa Marija tal-1996[1]. Mur għidli li propju dik il-festa kellha tkun ukoll l-aħħar waħda li fiha mexxejt il-Banda Re Ġorġ V minħabba l-“maltemp” u l-“irwiefen” kollha li nqalgħu minn ftit wara; imma dik storja oħra, li għalkemm 20 sena ilu, mhux il-mument u wisq iżjed l-iskop ta’ din il-kontribuzzjoni, li ħassejtni obbligat nagħmel għal dan l-anniversarju. Illum qed nikteb biex inġedded il-wegħda li kont għamilt dakinhar u nerġa’ nfakkar il-memorja ta’ dan il-prim kurunettista, kompożitur, għalliem u fuq kollox, raġel ta’ prinċipju li



*Tgħannieqa li ma ninsa qatt: nhar it-30 ta’ Lulju 1991, wara l-Programm Mużikali tal-Kwindiċina ta’ 25 sena ilu, is-Soċjetà għoġobha tagħmel riċeviment biex timmarka u tifraħ bil-ħatra tiegħi bħala Surmast Direttur. Minbarra f’Nardu, dan ir-ritratt iġibli memorji sbieħ ta’ Dun Karm Ghigo u ta’ pilastri oħra tas-Soċjetà li llum m’għadhomx magħna bħas-sur Joseph Ghigo u s-sur Peter Psaila*

ta ħafna lis-Soċjetà Santa Marija u lill-Banda Re Ġorġ V matul ħajtu… u li b’dispjaċir ngħid li huma ftit li jafu u allura jistgħu japprezzaw kemm għadna ngawdu frott ħidmietu llum ukoll.

*“U kif l-aħjar li nfakkar lil Nardu f’għeluq l-20 sena mit-telfa tiegħu?”* Ħsibt ħafna u rraġunajt li *“nikteb apprezzament ieħor ma jagħmilx sens – l-eloġji ma kienx jaħmilhom; marċ funebri kont diġà kkomponejt għalih f’għeluq il-ħames sena mill-mewt tiegħu– qed nirreferi għall-kompożizzjoni tal-2001 bl-isem “IN MEMORIAM – Leonard Farruġia (1931-1996)”[2] …”.* Iżda waqt li kont qed nisma’ jkun esegwit l-Innu Marċ immortali tiegħu “Marija Assunta” nhar Santa Marija 2015, ftakart li lejn l-aħħar li kont inwasslu sad-dar tiegħu wara l-kunċerti, kien tani manuskritt li fuqu beda “jħażżeż” marċ li kkompona qabel ma beda jittantah id-dawl t’għajnejh; kien talabni biex inkomplieh u noħroġlu l-partijiet tal-istrumenti minn fuqu biex inkun nista’ nikkunċertah u ninkludih fir-*recording* ta’ sett marċi ġodda li kont ippjanajt miegħu li nagħmlu fl-1997. Ftakart f’dan ukoll għax din ma kinitx l-unika darba li kien talabni noħroġlu l-ispartir: fil-fatt, sew l-uniku marċ funebri tiegħu bl-isem “Tislima”[3] kif ukoll l-Innu Marċ “Marija Assunta” huma kopji




*Il-qoxra tal-manuskritt oriġinali bil-kaligrafija tal-kompożitur*




do not waste your time
going around stop at

MAŻINI
AUTOPARTS & ACCESSORIES

GRAF FAI QH Gates WÜRTH Valeo ICER Japanparts

FERODO AISIN MONROE

where you will find
everything under one roof

*More brands available...*

Qrendi Road, Żurrieq (Ħdejn l-Armerija) ZRQ 04. Tel / Fax: 21 642465




*Il-jacket tas-CD bl-isem "Via Crucis" li s-Soċjetà Karmelitana u Banda Queen Victoria taż-Żurrieq ħarġet fl-2007: inkluż fi track 7 insibu l-marċ funebri ddedikat lill-memorja ta' Leonard Farruġia*




*Il-partitura tal-Marċ Funebri bl-isem ta' "IN MEMORIAM" – Leonard Farruġia (1931-1996) li kont ikkomponejt f'għeluq il-ħames anniversarju mill-mewt tiegħu fl-2001 u li kont ippreżentajt lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V f'Ġunju tal-2006*



*Il-partijiet tal-istrumenti individwali tal-uniku Marċ Funebri ta' Leonard Farruġia bl-isem "TISLIMA", li kont ħriġt fi żminijiet differenti*

tiegħi. Fittixt ftit fl-istudju u sibtu mill-ewwel għax għaraft il-kaligrafija. **X'memorji sbieħ ġabuli dawk in-noti meta bdejt naqrahom u ndoqqhom f'qalbi....memorji verament emozzjonali li mhux possibbli nispjegahom bil-kliem.....memorji ta' dik it-tgħannieqa li ma ninsa qatt!** Kien minn hawn li tista' tgħid li telqet l-istorja tal-marċ li jien semmejt propju ***"Joyful Memories"*** u li minn din is-sena ser ikun jista' jibda jindaqq wara li komplejt nibni fuq il-melodiji sbieħ li għalihom tant kien magħruf Nardu u żviluppajt dan l-aħħar xogħol tiegħu qabel ħalla dan il-wied tad-dmugħ għall-istrumentatura kollha tal-Banda kif nafuha llum.

## Il-manuskritt oriġinali

Miktub b'taħlita ta' linka u lapes, fih sibt li kien fassal il-partitura tiegħu fuq erba' pentagrammi:




*L-ewwel ftit battuti kif jidhru fil-manuskritt oriġinali bil-kaligrafija tal-kompożitur*

jiġifieri l-partitura li kelli f'idi kienet taqsira ta' waħda sħiħa (short score), u kien fiha biss il-parti tal-kurunetta, l-althorn, il-korni u l-baxx, b'xi indikazzjoni 'l hawn u 'l hinn ta' kif xtaq idaħħal il-perkussjoni. Hekk kien jaħdem Nardu fis-sempliċità tiegħu: jibda bil-melodija (li m'għandniex xi ngħidu, kien joħrogħa dejjem fuq il-kurunetta), il-kuntrakant (fejn għandek melodija sekondarja kantata b'motiv ieħor minn taħt fuq il-melodija prinċipali) li kien joħorġu fuq l-althorn, l-armonija ritmika li kien jiftaħha għall-korni u jagħlaq bil-baxx, biex jorbot kollox flimkien.

Mingħajr ma nidħol hawn fl-analiżi mużikali dettaljata iżda li jien bilfors kelli nagħmel qabel ma bdejt naħdem fuq dan l-arranġament, fi kliem sempliċi ngħid biss li t-tifsila tal-marċ hi dik tradizzjonali, jiġifieri ternarja, maqsum fi tliet taqsimiet differenti, bl-ewwel taqsima (in *La$^b$ maggiore*) tkun segwita minn passaġġ fuq ir-ram (in *Fa minore*) u t-triju (in *Re$^b$ maggiore*), kollha b'tema għalihom u replikati, jiġifieri l-passaġġ li jiffurmahom jirrepeti ruħu. Kemm l-ewwel taqsima, kif ukoll it-triju tasal għalihom permezz ta' introduzzjoni li żidt jiena minn żvilupp fuq l-ewwel tema li kien ħoloq il-kompożitur, filwaqt illi wara l-passaġġ tat-tieni replika, tirritorna l-ewwel tema mhux ripetuta.



*Xi pentagrammi mill-ewwel taqsima meħudin mill-manuskritt oriġinali u kif wara ġew żviluppati fil-partitura finali*

**L-ewwel tema (in $La^b$ maggiore)**

Din tibda b'anakrusi, jiġifieri b'nota valur ta' kroma li tiġi qabel l-ewwel taħbita tal-battuta li jkun imiss fil-frażi mużikali, magħmula minn sekwenza ta' sitt kromi. Din is-sekwenza hi ripetuta b'kollox tliet darbiet sakemm twassal għall-kadenza fit-tmin battuta biex tifforma sentenza mużikali. Din l-ewwel replika kien fija oriġinarjament 35 battuta iżda meta daħħalt il-*prima* u s-*seconda volta*, irriduċiet ruħha għal 32 battuta; li huwa numru biż-żewġ u li jagħti aktar stabbilità lil din it-taqsima. L-armonija mħaddma hi dik waħda sempliċi, fejn kull parentesi tirrappreżenta sentenza mużikali ta' 8 battuti:

$((La^b\text{-}Mi^b_7)\text{-}(Mi^b_7\text{-}La^b)\text{-}(La^b\text{-}La^b_7\text{-}Re^b)\text{-}(Re^b\text{-}Mi^b_7\text{-}La^b))$

**It-tieni tema (in Fa minore):**

L-intenzjoni tal-kompożitur hawnhekk kienet għalija ċara ħafna mill-ewwel: ried passaġġ b'saħħtu fuq ir-ram ta' 16-il battuta fit-tonalità minuri relattiva, li jibda wkoll b'anakrusi b'ritmu ta' semikroma, kroma bil-punt u semikroma. Huwa maħdum fuq erba' frażijiet ta' erba battuti 'l waħda u li fih akkordju interessanti fis-7 battuta ($Fa_{dim}$) li mingħajr ma trid jiġbidlek l-attenzjoni u jżid l-interess f'dan ix-xogħol.



*Xi pentagrammi mit-tieni taqsima meħudin mill-manuskritt oriġinali u kif wara ġew żviluppati fl-arranġament*

**It-Triju (in $Re^b$ maggiore)**

Oriġinarjament, din it-taqsima kienet fit-tonalità ta' Fa maggiore iżda ħassejt li kelli nniżilha b'intervall ta' terza biex nakkomoda aħjar ir-reġistru l-għoli ta' ċertu strumenti. It-tema hi magħmula minn 32 battuta, maqsuma f'erba' sentenzi mużikali ta' 8 battuti 'l waħda. F'kull sentenza, il-kompożitur fassal il-'botta u risposta' tiegħu ta' erba' battuti kull waħda biex b'hekk ħoloq bilanċ perfett fil-melodija ħelwa li kellu f'moħħu. Wara li l-ewwel 32 battuta jinstemgħu fuq il-klarinetti u r-ram, l-istess tema tinstema' fuq il-kurunetti u l-qasba f'ottava għolja, akkumpanjata mill-kuntrakant fuq l-ewfonji u l-althorns. Bħalma sibt fl-ewwel tema, kull sentenza mużikali bdiha b'anakrusi ta' kroma; hekk ukoll l-armonija, issegwi dik sempliċi tal-ewwel tema trasposta fit-tonalità ta' $Re^b$ maggiore:

$((Re^b\text{-}La^b)\text{-}(La^b\text{-}Re^b)\text{-}(Re^b\text{-}Si^b_7\text{-}Mi^b_{min})\text{-}(Mi^b_{min}\text{-}Re^b\text{-}La^b\text{-}Re^b))$.



*Xi pentagrammi mit-triju meħudin mill-manuskritt oriġinali u kif ġew żviluppati fil-partitura finali*

Il-poeta famuż Ġermaniż tad-19-il seklu *Christian Johann Heinrich Heine* darba kiteb hekk: *"Fejn jispiċċa l-kliem, tibda l-mużika"*. Huwa b'dan l-ispirtu li ridt infakkar il-memorja tal-għażiż Nardu preċiżament f'dan l-anniversarju, billi nagħti ħajja mill-ġdid lill-




*Ritratt tal-qoxra tal-partitura tal-arranġament bandistiku*




*L-ewwel ftit battuti tal-arranġament bandistiku*

aħħar kompożizzjoni tiegħu, noħrogħa mid-dlam tal-kexxun fl-istudju tiegħi sabiex kemm jista' jkun titgawda minn kulħadd: għaldaqstant ma qed nistenna l-ebda grazzi iżda biss li tindaqq b'rispett u kif inhu xieraq b'tifkira għażiża tiegħu.

Dejjem għedt u nibqa' ngħid li kien ta' privileġġ li qsamt l-ewwel esperjenzi mużikali tiegħi ma' mużiċist u kompożitur bħalma kien l-għażiż Nardu u għaldaqstant nħossni dejjem grat u obbligat lejh għal dak kollu li tgħallimt minn għandu. Dak li xtaq minni li nagħmel iżda li sallum ma kellix l-opportunità li nkompli nagħmel mal-Banda Re Ġorġ V ma kienx jiddependi biss minni; iżda li nibqa' nfakkar dak li għamel hu, dak li ħalla warajh hu, il-memorja u l-preżenza mużikali tiegħu, iva, dak jiddependi minni u hekk qed u ser nibqa' nagħmel ma kull opportunità. Issa b'ħarsti l-quddiem, konvint li l-marċ ***"Joyful Memories"*** ser jibqa' tifkira mużikali ħajja li jiġbor fih kullana ta' mumenti sbieħ li qsamna flimkien, t'emozzjonijiet qawwija u profondi li l-ebda poeta qatt ma jista' jesprimi fi vrusu, ta' dik **it-tgħannieqa li ma ninsa qatt!**

29 ta' Frar 2016

**Referenzi**

[1] Programm Festa Santa Marija 1996, paġni 35 u 37.

[2] Din il-kompożizzjoni indaqqet għall-ewwel darba mill-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq nhar Ħadd il-Palm tal-2002 u ġiet irrekordjata fuq CD (Track 7) bl-isem "Via Crucis" li l-istess Banda ħarġet fis-sena 2007. F'Ġunju tal-2006, fost affarijiet oħra kont ippreżentajt din il-kompożizzjoni lis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V waqt laqgħa li kont tlabt li ssir mal-Kumitat Eżekuttiv ta' dak iż-żmien.

[3] Din il-kompożizzjoni taf l-oriġini tagħha lejn nofs it-tmeninijiet iżda minħabba li kellha xi partijiet mill-istrumentazzjoni nieqsa, kont ħrigthom meta kont qed ngħaqqad l-ewwel librett ta' Marċi Funebri li qatt kellha l-Banda Re Ġorġ V. Sfortunatament, dan il-librett kellu jiżżanżan waqt il-funeral memorabbli tal-mibki iżda żgur qatt minsi Chev. Mro. George Martin 25 sena ilu. Niftakar qisu l-bieraħ lil Mro. Martin innifsu jidderieġi dan il-marċ funebri propju waqt l-aħħar kunċert tiegħu fi Frar tal-1991, hekk kif kont għadni kemm lestejt il-kopji kollha.



# CHEYENNE

AUTO MECHANIC GARAGE

REPAIRS ON ALL TYPES OF CARS • TURBO FITTING
• FULL CAR SERVICING • PRE TEST FOR VRT
• REPLACEMENT OF PETROL ENGINE TO DIESEL • BATTERIES

**Christian Mifsud**
Owner

1, Sejba Road, Mqabba ZRQ 09
Tel: 21 640684 • Mob: 79 444 420



# Albert Abela woodworks

*for all your furniture needs!*

Arcadia, Gilbiena Street, Zabbar

Contact 9988 5347
2167 7970

albertabelawoodworks@live.com



www.albertabelawoodworks.com



*Tislima*

# Is-Soċjetà Santa Marija ssellem lil żewġ partitarji

## *George Psaila*



George Psaila twieled nhar is-27 ta' Novembru 1940, iben Innocent Psaila u Maria Antonia Psaila née Galea. Huwa t-tielet wild fost tmien aħwa u attenda l-iskola Primarja tal-Imqabba. L-ewwel impjieg tiegħu kien xogħol iebes fil-barriera u wara ħadem mal-gvern bħala watchman.

Huwa żżewweġ lil Maria née Ghigo nhar is-17 ta' Mejju 1964 u kellu żewġt itfal Peter u Maria. Ġorġ, kif kulħadd kien jafu, kien dilettant kbir tal-kaċċa. Kien iħobb ħafna l-Madonna tal-Karmnu u ma kull żjara fil-Belt Valletta kien jinżel sal-knisja tal-Karmnu jismgħa quddiesa. Matul iż-żminijiet kien ukoll involut fil-kumpanija tat-teatrin Aurora tas-soċjetà Santa Marija Mqabba. Bħala partitarju attiv u ħabrieki fi ħdan is-soċjetà, ta' sehmu f'dak kollhu li kien hemm bżonn u huwa wkoll wieħed mill-benefatturi tal-pitturi li jinsabu fis-sala grandjuża Sala Santa Marija fis-sede tas-soċjetà.

Zgur iżda li l-ikbar passjoni tiegħu kienet in-nar u ħadem bil-bosta fi ħdan l-Għaqda tan-Nar Santa Marija Mqabba. Saħansitra meta kien ma jiflaħx xorta kien jagħmel sforz u jinżel fejn sħabu. Kien deskritt minn bosta bħala pilastru fil-ħidma tan-nar fi ħdan l-għaqda, u żgur li n-nuqqas tiegħu ser jinħass ħafna. L-aktar ġranet għeżież għalih kienu l-ġranet tal-festa u waqt ħruġ il-vara min-niċċa kont isibu dejjem minn ta' quddiem. L-ors tiegħu kien ikun meta fil-ħruġ tal-vara kien jerfgħa fiha u l-ħarsa ta' fuq wiċċu kienet tixhed l-imħabba li kellhu lejn Ommna Marija. Jalla li din l-imħabba li kellu għal Ommna Marija titħeġġeġ fina lkoll u dak kollhu li nagħmlu jkun xhieda tal-imħabba tagħna lejn din Ommna fis-sema.

## *Gianni Galea*



Fit-13 ta' April, 2016 tħabbret il-mewt ta' Ġanni Galea fl-età ta' 83 sena. Ġanni twieled, trabba u għex ħajtu kollha l-Imqabba. Huwa kien miżżewweġ lil Ġemma u kellhom tlett itfal, Anna, Mary u Joseph. Ġanni kien missier eżemplari, raġel ħabrieki, dħuli u ċajtier. Meta kien tifel huwa kien joqgħod tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-każin ta' Santa Marija. U għalhekk ma jistax jonqos li sa' minn ċkunitu huwa kellu mħabba kbira lejn Santa Marija kif ukoll lejn il-festa.

Ganni kien membru tal-Kumitat fis-snin ta' bejn 1973 sa 1977. Huwa serva ta' teżorier fil-kumitat tal-każin minn 1976 sal-1977. Għal bosta snin, sena wara sena, huwa kien jieħu sehem waqt il-purċissjoni ta' nhar il-festa ta' Santa Marija fl-irfigħ tal-vara wisq għażiża ta' Santa Marija flimkien ma' fratelli oħra. Qatt ma naqas li jieħu sehem fil-purċissjoni tat-translazzjoni, ta' lejliet il-festa u kien jilbes ta' fratell.

Min-naħa l-oħra ma kienx jonqos li fix-xhur ta' qrib il-festa, huwa kien jinżel il-kmamar tan-nar u jagħti daqqa t'id fil-preparazzjoni tan-nar tal-ajru, speċjalment lil Ċensu Galea is-sulott.

Naħseb li l-isbaħ żmien tas-sena, għal Ġanni, kien iż-żmien ta' qrib il-festa u l-għors tiegħu kien li jinżel il-pjazza u jgħin f'dak li jkun hemm bżonn u igawdi l-festa. F'dawn il-ġranet kont tarah ukoll jipprepara biex itella' l-arblu fuq il-bejt tad-dar tiegħu biex fil-ġranet tal-festa jtella' l-bandiera u l-festun.

L-imħabba ta' Ġanni lejn Santa Marija baqa' juriha sal-aħħar ftit ġimgħat ta' ħajtu, minkejja li saħħtu, kemm fiżakament kif ukoll mentalment kienet sejra lura. Kif jara xbieha ta' Santa Marija, huwa kien dlonk ilissen "ara Mari, kemm hi sabiħa" u bħal tifel żgħir kien ibus lill-Madonna.

Il-Bord Editorjali jixtieq isellem lill-partitarji kollha ta' din is-soċjetà li ħallew din id-dinja lejn l-aħħar tas-sena 2014 jew fis-sena 2015, u nirringrazzjawhom tas-sehem tagħhom b'risq il-festa ta' Santa Marija






*Anniversarju*

# 10 snin mill-ewwel edizzjoni tal-Presepju Ħaj...



**Carlo Sciberras, ifakkar anniversarju mill-ħidma tas-Sezzjoni Żgħażagħ, li tagħha kien President mis-sena 2004 sa 2009**

Is-sena 2006 hija sena li ser tibqa' mnaqqxa fl-istorja tas-Soċjetà tagħna, sena fejn l-magna żagħżugħa għal darba oħra ħalliet il-marka tagħha f'dak li għandu x'jaqsam ma' kreattività u mod ġdid kif jiġu mtellgħin attivitajiet ta' ċertu statura. Kien proprju wara l-ħolma mwettqa s-sena ta'qabel bl-ewwel fażi u proprju dik is-sena bit-tieni fażi tal-ewwel skambju kulturali miż-żgħażagħ Imqabbin li l-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ kompla ħidmietu bi proġett ieħor li wittà t-triq għall-kisba ta' diversi unuri u rikonoxximenti kif ukoll triq ta' għarfien nazzjonali li l-mekka distintiva' abbinata mal-attivitajiet taż-żmien il-Milied kellha tibda tkun proprju fir-raħal tal-Imqabba, permezz tal-Presepju Ħaj - bla dubju wieħed mill-ikbar avvenimenti tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija.

L-idea nibdet waqt laqgħa tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ li nżammet wara l-purċissjoni bil-vara artistika tal-Madonna tar-Rużarju f'Ottubru 2006; laqgħa li kienet saret bil-għan li jsir 'brainstorming' dwar attivitajiet ġodda li potenzjalment stajna norganizzaw





*Il-Poster Uffiċjali tal-ewwel Presepju Ħaj imtella' fl-Imqabba*







*Uħud miż-żgħażagħ ħabrieka li fi żmien qasir ttrasformaw l-binja tal-Isptar il-Qadim f'villaġġ tipiku għal dawk iż-żminijiet*







***Il-qofol tal-Presepju; il-Grotta ta' Ġesù Bambin***

għall-żmien il-Milied. Ġew impoġġijja fuq il-mejda diversi ideat fosthom anke li jiġi mtella presepju statiku b'figuri *lifesize*, imma l-immaġinazzjoni tal-membri ma waqfitx hemm.

Ġie kkunsidrat il-fatt li kellna immorru fuq xi ħaġa li tinvolvi fiha aktar lin-nies, attività min-nies għan-nies bir-raġunament li fl-aħħar mill-aħħar, proprju n-nies li kellhom ikunu l-element ewlieni biex l-attività toħloq interess u popolarità.

Fattur determinanti kien ukoll li ridna immorru fuq xi ħaġa totalment ġdida għar-raħal tal-Imqabba kif ukoll għall-irħula tal-madwar.

B'dan f'moħħna ddeċidejna li l-attività għall-Milied tas-sena 2006 kellha tkun proprju 'Presepju Ħaj'. Komplejna niddiskutu u nevalwaw il-possibilitajiet għall-postijiet ta' potenzjal fejn stajna ntellgħu din l-attività u l-għażla tagħna daret fuq l-Isptar il-Qadim fi Triq San Innoċenzju li hija binja storika tas-seklu 18 mibnija mill-Kavallieri ta' San Ġwann biex jitfejjqu l-vittmi tal-mard tal-pesta. Ġie avviċinat il-Kunsill Lokali tal-Imqabba li min-naħa tiegħu kien entużjast bl-idea tas-Sezzjoni Żgħażagħ u aċċetta li jagħtina l-Isptar il-Qadim.

It-triq ma kinitx waħda faċli, proprju minħabba li ż-żmien kien diġà qed igerbeb sew għad-data tat-22 ta' Diċembru, pero dan ma kienx ser jaqtalna qalbna. Bdejna mmexxu l-kelma biex ikomplu noħolqu l-entużjażmu u l-interess fost iż-żgħażagħ, soċi u partitarji ta' kull età u fi żmien qasir sejjaħna laqgħa ma' dawk kollha li b'xi mod jew ieħor kellhom interess li jieħdu sehem bħala personaġġi. Ir-rispons u l-entużjażmu kien wieħed impressjonanti.

Fl-istess waqt il-binja tal-Isptar il-Qadim kienet qegħda diġà tieħu dehra differenti permezz tal-ħidma mingħajr waqfien taż-żgħażagħ f'bini tas-sett, kif ukoll sistema elettronika ta' dawl li tagħmel simulazzjoni ta' nżul ix-xemx li ddaħħlek fil-ħemda tal-lejl. Il-ħidma kollettiva spikkat fejn kulħadd ta' is-sehem tiegħu f'ħafna aktar elementi bħal kordinament ta' *props*, kostumi, għażla ta' xeni u karattri, għażla u koordinament mużikali, *rehearsals* kif ukoll kordinament dwar x'annimali kienu ser jinġiebu biex finalment jingħaqad kollox f'villaġġ tipiku li jospita fiħ il-Grotta tat-twelid.

L-ewwel edizzjoni kienet tikkonsisti f'madwar erbgħin personaġġ b'xeni ivarjaw miċ-ċensiment, Erodi, is-Slaten Maġi, il-mastrudaxxa, il-bejjiegħa fis-suq, il-ħassiela, il-ħaddied, ir-rieqed u finalment il-qofol tal-Presepju – il-Grotta, ta' Ġesù Bambin; żgur li Luca Falzon li għaxar snin ilu kien għadu tarbija tat-













*Uħud mix-xeni li ġew rappreżentati f'din l-ewwel edizzjoni tal-ewwel Presepju Ħaj fl-Imqabba*

twelid ser jibqa' jgħożż dawk il-mumenti fejn proprju hu stess kien l-ewwel bambin tal-ewwel Presepju Ħaj fl-Imqabba.

L-andament tal-ewwel edizzjoni issarraf f'suċċess kollettiv kbir, l-ammont ta' viżitaturi kien wieħed impressjonanti li baqa' jiżdied sal-aħħar ġurnata sewwa sew dik tas-26 ta' Diċembru.

Fattur determinanti kien l-għaqda kbira bejn iż-żgħażagħ tagħna li ma qtajna qalbna qatt quddiem diffikultajiet li setgħu jinqalaw tul il-kors tal-proċess b'ħidma li mhux talli waqfet ma tmiem l-ewwel edizzjoni talli kompliet tikber, twarrad u tavvanza b'edizzjonijiet oħrajn li wassluna għar-rebħ tal-Kompetizzjonijiet Nazzjonali tal-Milied s-sena ta' wara fl-2007 kif ukoll fis-sena 2012.


Photocopy service in colour or black & white with competitive prices
Don't leave your memories on your phone or memory card. Print them for only 18c each
Helium service
TOYS
Costumes and accessories are available all year round
You can find a large variety of stationery, books, greeting cards, gifts for all occasions, toys, summer items and much more
Binding, lamination and book covering also available
DES Malta
DIE ECKE SIĠĠIEWI
D.E.S
IMPORTERS & DISTRIBUTORS
Triq Mons.M.Azzopardi SIĠĠIEWI - T. 2146 3403
Triq l-Iskola SAFI - T. 21 / 2764 1149
WANNA PARTY
COSTUMES & ACCESSORIES
Daniels Shopping Complex
HAMRUN - T. 2123 3369
Wanna Party Malta
Balloons decorations for all occasions



# Gradwati ġodda

## *Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lil tliet partitarji*

### *Rev. Dr Kan. Jonathan Farrugia*



Dun Jonathan Farrugia twieled fid-19 ta' Settembru 1978, iben Joseph u Josephine. Ġie joqgħod l-Imqabba fl-1987. Kien membru tal-Banda Re Ġorġ V fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija tal-Imqabba mill-1997 sal-2001, meta daħal is-Seminarju. Ġie ordnat saċerdot fil-konkatidral ta' San Ġwann nhar it-3 ta' Lulju 2008 u għamel il-quddiesa ta' ringrazzjament fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija tal-Imqabba fit-2 ta' Awwissu. Serva u għadu jservi bħala saċerdot fil-Bażilika ta' Marija Bambina tal-Isla, fejn inħatar Kanonku Onorarju fl-2011 u Kanonku Effettiv fl-2015. Fil-Kapitlu Senglean Dun Jonathan għandu l-kariga ta' Teżorier. Minħabba l-marki għoljin li ġab fil-Liċenzjat tat-Teoloġija intagħażel mill-Bord tal-Istudju tal-Arċidjoċesi għal *scholarship* f'Ruma biex jispeċjalizza fil-Patristika fl-*Institutum Patristicum Augustinianum*, li hu l-istitut ewlieni fid-dinja li jispeċjalizza biss fuq l-istudju tal-Missirijiet tal-Knisja. Dan l-istitut kien ġie mwaqqaf mill-Kardinal Malti Prosper Grech, li kienu ukoll l-ewwel Preside, fl-1971 fuq talba tal-Papa Beatu Pawlu VI. Għad-Dottorat Dun Jonathan għażel li jistudja t-tagħlim dwar id-dnub fl-omeliji ta' San Girgor ta' Nissa, li jiġi ħu San Bażilju l-Kbir li tiegħu għandna kappella fl-Imqabba. Fil-proċess tal-ħidma ittraduċa għall-ewwel darba mill-Grieg żewġ omeliji ta' dan il-Missier. Iddefenda t-teżi tad-dottorat "ἁμαρτία in the homilies of Gregory of Nyssa" nhar id-19 ta' Frar 2016 u ingħata l-għola grad, *summa cum laude*, wara diskussjoni pubblika ta' sagħtejn ma' tliet professuri fil-qasam. Dun Jonathan huwa l-ewwel Malti li kiseb id-Dottorat minn dan l-Istitut Patristiku prestiġġjuż. Wara d-difiża tat-teżi, Dun Jonathan ġie offrut li jippubblikaha ma' wieħed mill-aħjar *publishers* f'dan il-qasam li huwa bbażat fil-Belġju u bħalissa qiegħed jagħmel l-emendi meħtieġa biex din l-offerta issir realtà. F'Marzu li ġej għandu jibda jgħallem il-Patristika fl-Università ta' Malta.

### *JeanCarl Grech*




Twieled fil-11 ta' Jannar 1992, iben Joseph u Maria Grech. Il-fustani minn tliet aħwa, Remenda u Jonathan. Hu attenda l-iskola primarja ta' Tereza Nuzzo fil-Marsa, u wara ħa l-edukazzjoni sekondarja fil-Kulleġġ Santu Wistin, fil-Pieta. Il-mixja akkademika tiegħu kompliet fejn kiseb l-edukazzjoni post-sekondarja fl-Ekonomija ġewwa Ġan Franġisk Abela, Junior College, l-Imsida.

Wara dawn is-snin ta' studju, JeanCarl, kompla l-istudji tiegħu fl-Università ta' Malta. Din is-sena huwa gradwa b'Baċellerat fl-Ekonomija u l-Management, bl-unuri fil-Management.

Bħalissa JeanCarl hu impjegat bħala Analista, fid-dipartiment tal-Istrateġija tal-Investment fi ħdan il-Mediterranean Bank plc.

JeanCarl, minn età żgħira kellu għal qalbu L-Imqabba u s-soċjetà Santa Marija. Fil-fatt huwa studja l-mużika taħt Mro David Agius bhala Aliev, u llum il-ġurnata jdoqq is-saxophone alto mal-banda Re Ġorġ V fejn ilu bandist attiv għal dawn l-aħħar 8 snin

## *Matthew Spiteri*



Twieled fl-4 ta' Settembru 1993, iben Christopher u Maryanne Spiteri. Hu attenda l-iskola primarja P.P. Saydon ġewwa ż-Żurrieq, u wara kompla l-istudji tiegħu ġewwa l-Junior Lyceum ta' San Ġużepp, Kordin. Il-ħidma akkademika post-sekondarja ta' Matthew kompliet ġewwa l-Junior College fl-Imsida fejn kompla jiffoka l-istudji tiegħu fuq l-Informatika u l-Matematika.

Wara ż-żmien ġewwa l-Junior College, Matthew kompla l-istudji tiegħu ġewwa l-Istitut tal-Arti u d-Disinn fl-MCAST. Fl-2015, huwa gradwa b'Bacellerat tal-Arti fid-Disinn Grafiku u Interattiv.

Bhalissa, Matthew hu impjegat bħala Disinjatur Grafiku mal-kumpanija Brand Expo Design fil-qasam tar-riklamar.

Matthew, sa minn età zgħira, minn dejjem kellhu għal qalbu l-Imqabba kif ukoll is-Soċjetà Santa Marija, u ta' kull sena jara kif jista jagħti daqqa t'id biex jgħin fil-festa.

SOĊJETÀ SANTA MARIJA u BANDA RE ĠORĠ V
MQABBA
EST. 1910

***Is-Soċjetà Santa Marija tixtieq tifraħ lil dawk kollha li kisbu xi suċċess fl-istudji tagħhom.***



# Ir-Re George V - 105 snin mill-Inkurunazzjoni

**F'għeluq il-105 snin mill-inkurunazzjoni tar-Re George V, Remenda Borg Grech B. A. (Hons) tagħti ħarsa lejn dan l-avveniment u l-konnessjoni tiegħu ma' Malta.**

L-interess tiegħi f'dan l-avveniment ikolli nammetti beda wara li ltqajt mas-Sur Andrew Gauci, kollezjonist u riċerkatur. Is-Sur Gauci spjegali l-interess kbir li għandu fir-Re George V u kien għalhekk li għamel kuntatt mas-Soċjetà tagħna, bħala l-unika Soċjetà li ġġorr l-isem ta' dan ir-Re. Hekk kif tiltaqa' mas-sur Gauci tispikka mill-ewwel din in-namra fih u jispjega kif ilu jikkollezzjona diversi oġġetti u ritratti relatati ma' dal-monarka.



*Ir-Re Ġorġ V*

**Huwa kien Re tal-Ingilterra u d-dominji Brittaniċi kif ukoll Imperatur tal-India, mis-6 ta' Mejju 1910, meta miet missieru r-Re Edward VII, sal-mewt tiegħu**

L-ewwel nett, iżda, ejja nagħtu ħarsa lejn dan ir-Re li s-Soċjetà tagħna ġġorr ismu. Ir-Re Ġorg V twieled bħala George Frederick Ernest Albert fit- 3 ta' Ġunju 1865 u miet fl-20 ta' Jannar 1936. Huwa kien Re tal-Ingilterra u d-dominji Brittaniċi kif ukoll Imperatur tal-India, mis-6 ta' Mejju 1910, meta miet missieru r-Re Edward VII,sal-mewt tiegħu.

Bħala Prinċep huwa serva taħt il-kmand taz-ziju tiegħu, iI-Prinċep Alfred, Duka ta' Edinburgh. Il-Prinċep Alfred kien stazzjonat Malta u jidher li bħala Prinċep, George għadda xi żmien f'Malta. Fatt interessanti huwa li f'Malta huwa sar iħobb lill-kuġina tiegħu Marie ta' Edinburgh. Iżda minkejja li missieru u zijuh approvaw min din ir-relazzjoni, iż-żewġ żgħażagħ sabu oppozizjoni kbira minn ommijiethom. Għaldaqstant, Marie, taħt il-gwida ta' ommha irrifjutat lil Prinċep George u żżewġet minflok lil Ferdinand, li sar Re tar-Rumanija fl-1914.

Fl-1891, ħu George, Albert tgħarras mal-Prinċipessa Victoria Mary ta' Teck, magħrufa bħala May. 6 ġimgħat biss wara, iżda, Albert miet bil-pneumonia, wara li George kien għadu kemm qed jirkupra minn marda serja huwa stess. Ir-Reġina Victoria kienet tqis lil May bħala l-aħjar għażla għan-neputi tagħha. Sena wara l-mewt ta' Albert, George propona lil May u hija aċċettat. Huma żżewġu fis-6 ta' Lulju 1893 fil-Kappella Rjali ġewwa l-palazz ta' St James f'Londra. Huma kellhom sitt itfal: Edward, Albert, George,Henry, John u Mary.

Il-mewt ta' ħuħ ġabet fit-tmiem il-karriera navali ta' George u issa sar id-Duka ta' York, Earl ta' Inverness u Baruni Killarney fl-24 ta' Mejju 1892. Il-mewt tar-Reġina Victoria fl-1901 wasslet lil missier George biex isir ir-Re Edward VII u George wiret it-titli ta' Duka ta' Cornwall u Duka ta' Rothesay.Minn dik is-sena sar magħruf bħala *His Royal Highness The Duke of Cornwall and York*.

Fl-1901, George u May żaru l-Imperu Brittaniku.Huma żaru Ġibiltà, Malta, Port Said, Aden, Ceylon, Singapore, l-Awstralja, New Zealand, il-Mauritius, l-Afrika ta' Isfel, il-Canada u l-kolonja ta' Newfoundland.

Fis-6 ta' Mejju 1910 miet ir-Re Edward VII u George sar ir-Re l-ġdid tal-imperu. Sinjal tal-għaqda kbira li kien hemm bejnu u missieru nsibuh f'nota li kien ħalla wara l-aħbar tal-mewt ta' missieru: *"I have lost my best friend and the best of fathers ... I never had a [cross] word with him in my life. I am heart-broken and overwhelmed with grief but God will help me in my responsibilities and darling May will be my comfort as she has always been. May God give me strength and guidance in the heavy task which has fallen on me".*

F'taħdita interessanti li kelli mas-sur Andrew Gauci, huwa wrieni ritratt li jżomm b'tant għożża



*Ir-Re Ġorġ V liebes uniformi ta' riġment Skoċċiż. Ritratt mill-kollezzjoni privata ta' Andrew Gauci*

tar-Re George V, ritratt li qiegħed għal qalb dan il-kollezzjonist. Is-Sur Gauci spjega li Re George V jidher hawnhekk b'rank ta' kurunell oronarju, liebes uniformi ta' riġment skoċċiż.

Iżomm b'għożża wkoll *postcard* li għandu li turi il-Kontinġent Malti li kien mistieden għall-inkurunazzjoni tar-Re George V, li seħħet fit-22 ta' Ġunju 1911. Din il-postcard turi ir-reġiment Malti ġewwa l-Colonials Camp ġewwa Chelsea, Londra. Hekk kif flejt il-postcard fuq wara ġibidli l-attenzjon it-timbru ta' Gale & Polden, pubblikatur popolari tal-*cards* militari.



*Ir-Riġment Malti li attenda għall-inkununazzjoni tar-Re Ġorġ V*




*Postcard mill-kollezzjoni privata ta' Andrew Gauci*

Kif tindika il-*caption* fil-qiegħ tal-postcard, ir-ritratt ittieħed fl-iskola magħrufa bħala Duke of York's School f'Chelsea. Din l-iskola ġiet imwaqqfa fl-1803 permezz ta' att tar-Royal Warrant datat 1801. L-għan ewlieni ta' din l-iskola kien li l-orfni tas-suldati Ingliżi, li kienu ġew maqtula fil-gwerrer magħrufa bħala n-Napoleonic Wars bejn 1793 u 1815, jirċievu l-edukazzjoni tagħhom fiha. Din kienet it-tieni skola fir-Renju Unit li kienet *boarding school* u kienet tilqa' fiha tfal kemm bniet u kemm subien. sal-1892 din l-iskola kienet magħrufa bħala Royal Military Asylum u wara l-isem ġie mibdul f'The Duke of York's Royal Military School u fil-proċess saret skola tas-subien biss. Fl-1909 din l-iskola ġiet rilokata f'Dover, Kent u bdiet tintuża mill-awtoritajiet militari waqt l-Ewwel Gwerra Dinjija (1914 – 1918). Illum il-ġurnata dan is-sit fejn kien hemm din l-iskola jilqa' fih il-Saatchi Gallery u id-Duke of York's Royal Military School Old Boys' Association.

Fil-gazzetta *The Press*, fl-edizzjoni maħruġa nhar l-Erbgħa 3 ta' Mejju 1911, hemm deskrizzjoni tal-preparamenti għall-inkurunazzjoni tar-Re George V. L-artiklu jelenka d-diffikultajiet li kien hemm sabiex jinstabu lukandi u postijiet fejn nies minn barra Londra setgħu joqgħodu għall-perjodu taċ-ċelebrazzjonijiet tal-inkurunazzjoni. L-artiklu jsemmi li l-mistiedna mill-kolonji Ingliżi – li Malta kienet waħda minnhom – ser ikunu ospitati f'kampijiet fid-Duke of York's Headquarters, f'Chelsea, Londra. Jidher li kienu mistennija madwar 200 uffiċjal u 1500 raġel mid-diversi kolonji Ingliżi. Jirriżulta li l-art ta' Duke of York's Headquarters ma kinitx biżżejjed biex tilqa' għal dawn in-nies kollha u għaldaqstant kienu qed isiru arranġamenti sabiex jintużaw ukoll parti mill-art ta' Chelsea Hospital. Jidher iżda li r-reġiment Malti kien imissu joqgħod fid-Duke of York's school hekk kif ittieħed ritratt tal-okkażjoni hemmhekk.

Is-sur Gauci identifika lill-Kaptan Alfred Arrigo bħala l-ħames wieħed mix-xellug fil-filliera ta' isfel, fejn hemm l-uffiċjali bilqegħda. Huwa spjega wkoll li ħdejh fir-ritratt jidru l-Maġġur Anthony Vella u l-Kaptan Joseph Tuema Castelletti.




*Invit għal żewg programmi mużikali fl-okkażjoni tal-Inkurunazjoni tar-Re Ġorġ V, mill-kollezzjoni privata ta' Andrew Gauci*

It-tieni postcard li wrieni s-Sur Gauci kienet postcard ta' 2 programmi mużikali li saru mill-Filarmonica King's Own taħt it-treġija ta' Mro G. Monterosso u l-Filarmonica La Vallette taħt it-treġija ta' Mro G. Vitaliti fl-okkazzjoni tal-inkurunazzjoni tar-Re George V nhar it-22 ta' Ġunju 2011. Fuq wara tal-postcard jidhru s-siltiet mużikali magħżula miż-żewġ baned u l-ħinijiet li fih daqqew: il-programm beda bil-Filarmonica King's Own Band u spiċċa bil-Filarmonica


Filarmonica KING'S OWN

dalle 6 a 8 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Marcia sinfonica | I DIAVOLI ROSSI | Rivela |
| Sinfonia | NORMA | Bellini |
| Finale IV | IL TROVATORE | Verdi |
| Atto II | FEDORA | Giordano |
| Inno al sole | IRIS | Mascagni |

Mro. G. MONTEROSSO
Direttore

Filarmonica LA VALLETTE

dalle 8 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Marcia | PARTENOPE | Vitaliti |
| Sinfonia | IL GUARANY | Gomez |
| Scena e due.to | BALLO IN MASCHERA | Verdi |
| Serenata (assolo per Flicorno) | | Vitaliti |

INNO LA VALLETTE
GOD SAVE THE KING

Mro. G. VITALITI
Direttore

***Invit għal żewġ programmi mużikali fl-okkażjoni tal-Inkurunazjoni tar-Re Ġorġ V, mill-kollezzjoni privata ta' Andrew Gauci***

La Vallette. L-aħħar innu li ndaqq, bix-xieraq, kien il-*God Save the King*.

Ir-Re żar il-gżira ta' Malta sena wara, imma fuq dan nitkellmu 'il quddiem.


**Sorsi għall-informazzjoni:**

http://paperspast.natlib.govt.nz/cgi-bin/paperspast?a=d&d=CHP19110503.1.10&e=-------10--1----0--

http://www.biography.com/people/george-v-9308922#related-video-gallery

http://www.exciting.org.uk/postcards/chelsea/g-m/chelsea2.html

https://en.wikipedia.org/wiki/Duke_of_York%27s_Royal_Military_School

https://en.wikipedia.org/wiki/George_V



Tfal tat-Titular
...ulied il-padruna
santa marija
est : 2010

# Għandek tfal ta' bejn it-3 u t-12-il sena?

Daħħalhom bħala membri fil-Klabb Tfal tat-Titular issa!

Niltaqgħu darba fil-ġimgħa,
għall-attivitajiet edukattivi, artistiċi,
rikreattivi u aktar.

Avviċina lill-membri tal-Klabb jew tas-Sezzjoni Żgħażagħ.

# Awguri



Is-soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lill-Kanonku Dr Dun Jonathan Farrugia għall-ħatra tiegħu bħala Kanonku effettiv tal-Kolleġġjata tal-Isla. Tifraħlu wkoll għall-ksib tad-Dottorat

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Rita Saliba għas-sehem tagħha fil-letteratura Maltija. Hija kienet ir-rebbieħa fil-Konkors ta' Kitba letteratura għaż-żgħażagħ 2015 bil-manuskritt 'Il-Kulur tal-Lellux'. Hija wkoll irrapreżentat lil Malta f'Ġunju 2016 fil-proġett 'Poetry in Potato Bags' ġewwa l-Olanda, proġett li jagħmel parti mill-Valletta 2018.

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Jessica Farrugia li fl-2015 intgħazlet bħala player tan-Nazzjonal ta' Malta tan-Netball u fl-2016 ikkompetiet mal-istess team fil-Netball Europe Open Championships ġewwa Newcastle r-Renju Unit. F'din il-kompetizzjoni Malta kisbet żewġ rebħiet kontra Ġibilta u l-Israel. Jessica ilha player tan-Netball għal dawn l-aħħar 6 snin.

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Nicky Baldacchino li għadu kemm ġie mgħoti d-Diploma UEFA A fil-coaching, waħda mill-għola kwalifiki fil-coaching tal-football. Hu beda l-karriera tiegħu fil-coaching tal-football fl-1997 ma Zurrieq FC Youth Nursery. Fis-sena 2001 għamel l-ewwel course tieghu fiċ-ċentru tekniku tal-MFA li kien il-Coaching Young Footballers Certificate. Fl-2003 ingħaqad man-Nursery ta' Mqabba FC fejn kopra numru ta'pożizzjonijiet tekniċi fi ħdan l-Imqabba FC Youth Nursery u l-first team sa dan l-istaġun li għadu kif spiċċa 2015/16 fejn okkupa il-kariga ta' Head of Coach. Matul dan il-perjodu, Nicholas kompla għamel numru ta' korsijiet fejn fl-2006 ġab l-Club Coach Certificate, fl-2008 ġab il-liċenzja C u fl-2012 ikkwalifika bħala UEFA B coach. Qabel l-istaġun 2014/15 għamel il-kors "Director of Youth Coaching" li bih tikkwalifika sabiex tkun tista' tmexxi Youth Nursery bħala il-Head Coach. Din is-sena hu temm b'suċċess il-Physical Trainer Level 1 Diploma tal-MFA. Għall-istaġun 2016/17 ser ikun qed imexxi l-istaff tekniku fil-Youth Development Sector tal-Valletta FC.

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Maria Ghigo li fl-2015 intgħażlet mill-Malta Amateur Athletics Association biex tkun wahda minn fost 14-il atleta biex jirrapreżentaw lil Malta u ngħaqdu ma' 13-il pajjiż Ewropew ieħor fil-logħob Ewropew tal-Atletika għaż-żgħar ġewwa Brno fir-Repubblika Ċeka. Maria ħadet sehem f'żewġ dixxiplini li huma long jump u tiġrija tal-1500m. Għalkemm ma ġabitx medalji, marret tajjeb għax għamlet qabża tajba ħafna u ħin tajjeb fit-tiġrija, fejn rnexxielha tidħol it-tielet mill-heat tagħha. Maria ilha titrenja mas-St. Patricks Athletics club għal dawn l-aħħar ħames snin u tieħu sehem f'diversi kompetizzjonijiet lokali u rebħet diversi medalji u tazzi.

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Rene Camilleri wara li fis-26 ta' Ottubru 2015 huwa qagħad għall-eżami tal-Associate Diploma of the London College of Music (Clarinet Performance) u klassifika l-ewwel fis-sezzjoni tiegħu. Rene Camilleri jinsab fl-aħħar sena tiegħu fil-kors li għandu jwasslu għall-lawrja t'Inġinier iżda xorta jibqa' għaddej bl-istudju fuq il-klarinett u t-teorija tal-mużika, billi hija xewqtu li jkompli miexi aktar il-quddiem fil-karriera mużikali tiegħu. Dan l-aħħar kkompona wkoll diversi diski oriġinali mall-grupp Water Wings li tiegħu jifforma parti u miegħu idoqq il-keyboards.

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lis-sinjura Joyce Guillaimer għall-Midalja mgħotija ta' Ġieħ ir-Reppublika.

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Delia Cilia Galea għall-kisba tad-diploma avvanzata fil-"Beauty and Complementary Therapys"

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Miguel Ghigo li aktar kmieni din is-sena ħa sehem f'tournament tal-Football Torneo Internazionale Etna Sud ġewwa Sqallija mal-Youth Development Section ta' Valletta F.C.

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Carmel Bianchi li kien mogħti Ġieh Ħal Qormi mill-Kunsill lokali ta' Ħal Qormi

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tifraħ lil Chris Schembri Baldacchino li kiseb Diploma Professjonali fil-Marketing Digitali

Il-Kummissjoni Banda tifraħ lil Mark Zammit f'għeluq il-25 sena bandist tal-post mal-banda Re Ġorġ V u tawguralu kull suċċess fl-istudji tiegħu.



*Il-Vara Titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba imnaqqxa fl-injam minn Mastru Xandru Farrugia. F'dan ir-ritratt tidher fuq il-qabar l-antik qabel l-1928.*



*Anniversarju*

# 10 snin tal-pubblikazzjoni 'It-Titular'...

**Carlo Sciberras, jagħti ħarsa lejn il-bidu tal-pubblikazzjoni 'It-Titular' li din is-sena qed infakkru l-għaxar sena mill-ewwel pubblikazzjoni**

Aċċettajt l-istedina tal-Bord Editorjali sabiex inwassal il-messaġġ tiegħi bħala kommemorazzjoni tal-għaxar anniversarju tal-pubblikazzjoni 'it-Titular' f'din l-okkażjoni speċjali għall-Imqabbin f'dawn il-ġranet ta' ferħ li l-festa tar-raħal iġġib magħha.

> **Qisu l-bieraħ, meta flimkien ma' sħabi membri tal-kumitat taż-żgħażagħ tajna bidu għall-mod differenti ta' kif nikkomunikaw u nwasslu l-messaġġ tagħna ż-żgħażagħ**

Pubblikazzjoni li ġiet imwielda proprju mis-Sezzjoni Żgħażagħ fi Frar 2006 bil-għan ewlieni li tibni u ssostni djalogu regolari bejn is- Soċjetà u ż-żgħażagħ tagħha, flimkien mal-kumplament tal-isfera komunitarja Mqabbija. Illum, għaxar snin wara nistgħu ntennu li dan il-għan ġie milħuq b'pubblikazzjoni daqstant popolari li eċċellat tul is-snin.

Qisu lbieraħ, meta flimkien ma' sħabi membri tal-kumitat taż-żgħażagħ tajna bidu għall-mod differenti ta' kif nikkomunikaw u nwasslu l-messaġġ tagħna




ż-żgħażagħ. Ma nistax ma nagħtix kreditu ukoll lil Nicholas Baldacchino u Chris Schembri Baldacchino li ħadmu spalla ma' spalla miegħi fl-ewwel bordijiet editorjali sabiex waħda mill-ħolmiet li kellna dak iż-żmien bħala Kumitat taż-Żgħażagħ, wettaqniha bl-aħjar mod possibbli.

Kien lejn Novembru tal-2005 waqt laqgħa tal-Kumitat taż-Żgħażagħ, li niżżet din l-idea, idea li kellha wkoll l-għan li tikkonsolida l-mod ta' kif kellhom jiġu miksubin il-miri prinċipali tal-amministrazzjoni tal-istess Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ li daħal bihom hekk kif ħa t-tmun tat-tmexxijja tas-Sezzjoni Żgħażagħ fis-sena 2004. Miri li bla ebda dubju ma setgħu jintlaħqu qatt mingħajr komunikazzjoni attiva.

L-idea intgħoġbot mill-ewwel u dlonk inbdiet fażi ta' riċerka fuq kontenuti varji li jqanqlu ċertu interess u eventwalment kellhom jagħtu lil din il-pubblikazzjoni l-popolarità meħtieġa biex ikun hemm sensazzjoni ta' stennijja għal kull ħarġa. L-artikolisti kienu eċitati bl-idea u s-sapport kien wieħed inkoraġġanti. Nistqarr ukoll li meta ġejna biex nagħtu isem lil din il-pubblikazzjoni kien hemm lok għal dibattitu interessanti fejn il-membri kollha ħarġu b'ideat validissimi, bl-għażla naturali tkun 'It-Titular', kelma waħda li tgħaqqad kollox ġo fiha!

Niftakar kellna rispons qawwi min-negozji li għoġobhom jirreklamaw l-prodotti u s-servizzi tagħhom u għaldaqstant kienu u qed ikunu parti important mis-suċċess ġenerali ta' din il-pubblikazzjoni – ta' dan jien nirringrazzjahom u nħeġġiġhom biex ikomplu jkunu ta' spalla għal dawn iż-żgħażagħ b'risq l-istess żgħażagħ li tant qegħdin jagħmlu ġid lix-xibka soċjali tal-lokalità tagħna.

Ġew introdotti wkoll ħarġiet speċjali tal-pubblikazzjoni 'it-Titular' li kkommemoraw avvenimenti u anniversarji importanti. Tul is-snin l-livell baqa' dejjem jitjieb b'kontenut innovattiv u dehra li eċċellat fil-professjonalità fejn minn ħarġa ta' 16-il paġna, illum il-ġurnata qed ikollna ħarġiet saħansitra b'60 paġna li jkomplu jikkomfermaw is-suċċess ġenerali ta' din il-pubblikazzjoni b'ħidma u kordinazzjoni kbira tal-membri tal-Bordijiet Editorjali

tagħha tul dawn l-aħħar għaxar snin li kienu ffurmati minn Mario Zammit, Joseph Briffa, Robert Ghigo, Carlo Sciberras, Nicholas Baldacchino, Chris Schembri Baldacchino, Jeremy Mercieca, Jessica Farrugia, Sarah Farrugia, Sergio Falzon, Felix Galea, Marica Mifsud, Antonella Mifsud, Samantha Baldacchino, Maria Galea, Silvana Tabone u Kyle Farrugia flimkien mal-kumplament ta' għexieren ta' żgħażagħ li ħadmu qatigħ fil-Kumitati taż-żgħażagħ tul dawn l-għaxar snin tal-pubblikazzjoni 'It-Titular' u li kienu ta' sostenn għall-Bordijiet Editorjali kollha sa mill-bidu nett.

Minn dan l-ispunt nieħu l-okkażjoni biex inħeġġeġ aktar żgħażagħ biex ikomplu għaddejjin b'din il-ħidma sfieqa tagħhom u biex ikompli jintlaħaq bl-aħjar mod possibbli l-għan li għaliħ ġie mwelled 'it-Titular', u għala le, anki jiġu identifikati modi ġodda 'in linea' maż-żminijiet futuri li jiżguraw ħajja twila lil din il-pubblikazzjoni.

Wieħed mill-akbar sodisfazzjonijiet li jġibu magħhom okkażjonijiet bħal din hu l-fatt li ż-żerriegħa li nżerat għaxar snin ilu serviet biex tul il-kors ta' dan l-anniversarju rnexxielhom jitrawwmu żgħażagħ oħrajn li mhux biss komplew ikabbru dak kollu li għamlu ż-żgħażagħ ta' qabilhom imma għarfu jkunu huma wkoll fil-quċċata f'dak kollu li sar tul l-aħħar għaxar snin tal-pubblikazzjoni 'it-Titular'.


# Alessio's Old Cottage

**Triq il-Parroċċa, Mqabba Tel: 2168 3292**

**Ħinijiet tal-ftuħ:**
**Mit-Tnejn sas-Sibt:**
***6.30am - 12.00pm***
***5.00pm - 8.00pm***
**Ħdud u Festi:**
***6.30am - 12.00pm***

***Issibu dak kollu li teħtieġu:***
***Kartolini, affarijiet tal-iskola, rigali,***
***żraben u ħwejjeġ għal kull età,***
***kif ukoll videos, CDs, cassettes, films,***
***affarijiet ta' Hi-Fi u ġugarelli***



VIPER
*Garage*

Body Modifications
Mechanical Repairs

Bartmik Industrial Estate,
Level -2, Garage 3,
Sqaq il-Mithna,
Off Mqabba Road,
Qrendi.
Tel: 99420835
Email: viper.ivan@gmail.com

Classic Car
Restoration
Panel Beating



# 120 sena ilu fl-Imqabba: iżżanżnu l-evanġelisti ta' Filippo Venuti fil-pennakki tal-koppla

**Il-Kan. Dr Jonathan Farrugia S.Th.D. jikteb dwar l-inawgurazzjoni ta' 4 pitturi li minnhom 3 intilfu fil-gwerra**

Anniversarju ieħor li raħalna qiegħed ifakkar tul din is-sena huwa dak tal-inawgurazzjoni ta' 4 pitturi li minnhom 3 intilfu fil-gwerra. Dawn huma l-evanġelisti li l-artist Filippo Fortunato Venuti kien pitter għall-Imqabba fl-1896. Minn dawn fadal biss il-pittura ta' San Luqa li tinsab fil-pennakk fuq il-pilastru ta' maġenb l-artal tal-Viżitazzjoni tal-Madonna.

**Il-fatt li l-evanġelisti tal-Imqabba jissemmew l-ewwel fil-lista jista' jkun li jfisser li kienu fost l-ewwel xogħlijiet li għamel hawn f'Malta**

Milli nistgħu nifhmu il-bidu tal-komunikazzjoni bejn il-parroċċa tal-Imqabba u l-artist Venuti bdiet fil-parrokat qasir ta' Dun Karm Bugelli, li kien kappillan bejn l-1894 u l-1895. Minn dak li se naraw jidher li l-evanġelisti kienu fost l-ewwel xogħlijiet ta' Venuti fl-Imqabba, u kienu lesti qabel Mejju tal-1896, ftit ġimgħat qabel ma ħa l-pussess Dun Kalċidon Schembri. Milli nista' nifhem, għalhekk, il-ftehim għalihom sar fi żmien Bugelli, iżda mbagħad iżżanżnu meta Schembri kien diġà qed imexxi l-parroċċa bħala amministratur[1].

Il-pitturi tal-evanġelisti jissemmew għall-ewwel darba f'korrispondenza fil-gazzetta *Malta Tagħna* tad-9 ta' Mejju 1896[2]. F'din l-ittra "Hisopo" jirrakkonta kif, wara li qara ħafna minn fuq il-gazzetti dwar dawn l-evanġelisti li saru fl-Imqabba, hu stess mar jarhom b'għajnejh. Jgħid li tant huma sbieħ li aktar ma tħares lejhom tibda tistħajjel li qed jitkellmu miegħek:

*"Il bierah chelli ix-xorti illi uara tant illi krait fil gazzetti nghaddi mill'Imkabba u thalt geuua il Cnisia u hat piacir uisk, il ghaliex rait hagia tal ghageb; rait hedauc l'operi colla illi saru, u fost l'ohrain, is-sbieh Evangelisi maghmulin mill bravu Giovanni*[3] *Venuti pittur mill akua. Hua ta min jehu piacir, il ghaliex kat ma tixba thares leihom u actar ma tokghod tiffissa thares leihom tisthajjilhom illi keghdin jitchelmu mighec."*[4]

Hisopo jgħidilna li dawn tpittru mill-Prof. Giovanni Venuti "artist mill-akua"[5]. Jgħid ukoll li l-moħħ warajhom kienu s-saċerdoti Imqabbin Dun Lawrenz Zammit (li kien il-prokuratur tal-knisja), Dun Salv Schembri, Dun Ewġenju Mallia u Dun Ġużepp Galea, u jispiċċa biex ifaħħar lill-Imqabbin li taw is-sapport tagħhom lil dawn is-saċerdoti biex setgħu jżejnu l-knisja b'dawn l-opri sbieħ għad-differenza ta' oħrajn li kienu kontrihom[6].

Ix-xogħol ta' Venuti, mingħajr ma jiġi speċifikat xiex, u t-tħabrik ta' Dun Lawrenz, jerġgħu jiġu mfaħħra f'ittra ta' "Imqabbi Devot" lill-istess gazzetta ddatata 29 ta' Awwissu 1896, li fiha tiġi mfaħħra l-festa kbira f'ġieħ l-Assunta li kienet għadha kemm seħħet fl-Imqabba:

*"Rnexxiet bil bosta il festa ta Santa Maria d'is-sena. Il Cnisia chienet imzeina mill'isbah ghal chemm damasc ma'rmainiex, il ghaliex ma chienx ghadu lest. Il pittura il g'dida tas-sur Venuti u l'indoratura tas-sur F. Coleiro nghog'bu uisk, u coll min tisma ifahhar l'iz-zelant procuratur Dun Laurenz Zammit, illi tant impegna u thabat biex isiru daun l'opri li semmeina u tant opri ohra ucoll illi zeinu, sebbu u onorau it-tempiu t'Alla."*[7]

Fl-arkivju parrokkjali nsibu nota qasira li nkitbet wara l-1901 dwar din l-opra artistika fin-notamenti ta' żmien il-kappillan Kalċidon Schembri: "*Nel suo tempo si fecero i quattro evangelisti in pittura del Prof. Filippo Venuti, poi si fece ancora in pittura dello stesso professore la cupola.*"[8]

Id-darba li jmiss li dawn il-pitturi jissemmew hija f'pubblikazzjoni Taljana li ġġib l-isem ta' *Natura e arte*. Il-ħarġa tal-1903-1904 fiha artiklu fuq l-artist Filippo Venuti u fih insibu lista ta' wħud mix-xogħlijiet li hu għamel f'Malta sa dak iż-żmien[9]. L-evanġelisti tal-Imqabba huma proprju l-ewwel xogħlijiet li jissemmew tiegħu fil-lista li jagħti l-artikolista T. De Domenicis: "*Dimorante a Malta per mitezza di clima, pel quieto soggiorno, Filippo Venuti vi abita da nove anni colla famiglia e numerose sono le opere che vi ha compiute. Cito fra esse i quattro Evageli alla Micabibba; nella Chiesa Cattedrale del Gogo, la cappella del Sacramento; nella chiesa di S. Giorgio dove eseguì in iscorcio la pittura del piano della cupola. A Birchircara, nella chiesa dei Teresiani scalzi; presentemente sta dietro ad adornnare di sedici quadri molto pregevoli [per] la cappella Stella Maris*[10]*. Al Zeitun ha adorna di pittura una chiesa privata del Marchese Testaferrata-Bonnici-Asciak.*"[11] Il-fatt li l-evanġelisti tal-Imqabba jissemmew l-ewwel fil-lista jista' jkun li jfisser li kienu fost l-ewwel xogħlijiet li għamel hawn f'Malta. Skont

dan l-artiklu fl-1904 Venuti kien ilu 9 snin Malta, dan ifisser li ġie lejn is-sena 1895, u l-fatt li f'Mejju tal-1896 kienu ġa lesti jagħti aktar sapport lil din l-ipoteżi. Tajjeb ngħidu li din il-lista fiha ħafna xogħlijiet neqsin, fosthom diversi kwadri titulari (l-Imqabba, il-Balluta u Wied il-Għajn), xogħlijiet fi knejjes oħra (Birkirkara, il-Kalkara) u anke xogħol privat (Palazzo Parisio).

Dal-pitturi jerġħgu jissemmew fil-qosor fil-ktejjeb li ħareġ Dun Lawrenz Zammit fl-1927 meta jitkellem fuq ix-xogħol ta' tiżjin li sar fil-parti tal-koppla, u din id-darba nsiru nafu min kienu l-benefatturi li ħallsuhom:

*"Fil 1897*[12] *l'imsemmia coppla flimchien ma l'arcuni u lunetti li fukhom tinsab mibnia, chienu indurati min Mru. Fragisc Coleiru u pitturati mil Professur Filippu Venuti min Ruma li fil-lunetti pingia l'erbgha evangelisti li tant inghobu ghal idea sabieħa u gdida tahhom; daun saru uiehed a spejes tal imħalef Giovanni Pullicino, ieħor ta' Mariu Briffa, ieħor ta' Innocenzu Camilleri, u l'ieħor ta Giusep Caruana u ta Andrea Galea; u fil coppla pingia l'Incoronazioni tal Gran Vergini Maria fis-Sema mit-tliet Persuni Divini."*[13]

Wara din id-data l-pitturi ma jissemmex aktar minħabba li 15-il sena wara tlieta minnhom inqerdu. Il-pittura ta' San Luqa għadna nistgħu ngawduha u tissemma fil-pubblikazzjoni reċenti *L-Imqabba mal-medda taż-żmien*.

**L-abbozzi l-oriġinali**

Lejn Novembru tal-2014 kelli x-xorti nara b'għajnejja l-abbozzi l-oriġinali ta' Venuti għal dawn l-erba' evanġelisti. Mill-informazzjoni li ġbart, dawn, flimkien mal-abbozzi tal-pittura tal-koppla u tal-pittura ta' fuq il-bieb prinċipali tal-knisja, baqgħu għand familja fl-Imqabba sas-snin Tmenin tas-seklu l-ieħor, imbagħad inbiegħu u issa jinsabu għand sidien differenti. Illum l-abbozzi tal-evanġelisti jinsabu f'kollezzjoni privata u sidhom avviċinani u qalli bihom u ġentilment tani permess nieħu kopja tagħhom biex jinħarġu bħala sett ta' 4 ritratti bħala *fund raising* għall-parroċċa. Dawn ħarġu fil-pubbliku għall-ewwel darba fil-festa tituarli tal-2015, u issa, wara li l-esklussività tas-sejba ħaditu l-parroċċa, kif inhuwa xieraq ladarba dawn kienu opri li jinsabu fil-knisja, qed inġibhom f'din il-pubblikazzjoni.

Milli naraw fl-abbozzi nifhmu li t-tliet pitturi ġodda ta' Micallef Grimaud li saru wara l-gwerra żammew mal-istil tal-pitturi l-oriġinali, u tant jixbħuhom li nistgħu ngħidu b'ċertezza li l-artist kellu aċċess għalihom. Fl-abbozzi ninnutaw li waħda mill-figuri, dik ta' San Ġwann, hija ferm aktar dettaljata u fina mill-figuri l-oħra; kważi tista' titqies bħala pittura kompluta *per se*, mhux bħala abbozz. Mit-tlieta l-oħra San Mattew jidħol f'ċertu dettall ukoll, iżda san Luqa u San Mark huma nieqsa mid-dettalji, anke fil-fattizzi tal-uċuħ u fl-idejn. Nifhmu illi Venuti hawn ried jagħti l-idea ġenerali ta' kif se jkunu l-pitturi, u, biex jagħti togħma tal-kwalità li kien se jkollhom, għamel waħda – dik ta' San Ġwann – dettaljata kemm jista' jkun. Għall-oħrajn ikkuntenta biss li jagħti ftit aktar minn s*ketch*.

Ninnutaw ukoll li oriġinarjament, jew almenu skont l-abbozzi, dik li llum hija l-figura ta' San Luqa kellha tkun San Mark, filwaqt li dik ta' San Mark kellha tkun San Luqa. Nistgħu naslu għal din il-konklużjoni grazzi għall-fatt li waħda minn dawn il-pitturi – dik ta' San Luqa – għadha teżisti u għadha f'postha. Dan nifhmuh mill-annimali li għandhom magħhom iż-żewġ evanġelisti. San Luqa dejjem jiġi raffigurat b'gendus waqt li San Mark ikollu miegħu ljun. Fl-abbozz li jixbaħ il-pittura ta' San Luqa naraw annimal qisu ġeru ħdejn is-saqajn – bi ftit immaġinazzjoni nistgħu ngħidu li huwa ljun. Fl-abbozz tal-figura liebsa l-isfar u l-aħmar – li fil-pittura ta' Micallef Grimaud hija ta' San Mark, bl-iljun – ħdejn l-irkoppa naraw dell ta' forma ta' baqra jew barri, li allura suppost huwa l-gendus. Ir-raġuni għala dawn bidlu posthom ma nafuhiex, forsi għax reġa' bdielu l-artist, forsi għax ħa żball, jew inkella skont ix-xewqa tal-benefatturi, minjaf...

**Għeluq**

Minn dan il-ftit tagħrif li qed nagħti f'dan l-artiklu inkomplu nibnu xi ftit l-istampa ta' żmien sabiħ ħafna fl-istorja tal-knisja ta' raħalna, żmien ta' ħidma fis-settur artistiku li nistgħu ngħidu baqgħet sejra għal aktar minn tletin sena. Kien proprju f'dan il-perijodu li saru ħafna opri artistiċi – uħud minnhom illum mitlufa jew imwarrba – li jinkludu l-iskultura fil-prospettivi tal-artali, il-bidla tal-artali minn ġebel għal irħam, il-pitturi kollha ta' Venuti, inkluż il-kwadru titulari attwali meqjus bħala l-kapulavur tiegħu, id-damask u l-istendardi rrakkmati tal-fratellanzi, il-pulptu, xi konfessjonarji mill-antiki, l-apparat pontifikali li jintuża f'Santa Marija, l-artal maġġur tal-irħam tal-*malachite*, ir-relikwarju l-prim ta' Santa Marija, il-bradella l-antika u l-pedestall tal-vara tal-Madonna tal-Ġilju.Il-qofol ta' din l-attività ntlaħaq bil-proġett kolossali (għal raħal żgħir bħall-Imqabba) tal-bradella interzjata fil-ġewż u l-pedestall tal-fidda għall-vara tal-Assunta. Dan kollu kien mertu tas-saċerdoti tal-parroċċa, b'mod speċjali tal-prokuratur ħabrieki Dun Lawrenz Zammit, saċerdot edukat u ta' skola li ħabb il-knisja ta' raħal twelidu. Jixraq li nonoraw il-memorja ta' benefatturi bħal dawn billi ngħożżu x-xogħol li għamlu u billi naħdmu bis-sħiħ, bħala aħwa Imqabbin, biex dak li baqa' nieħdu ħsiebu.

**Referenzi**

[1] Mid-dettalji li nsibu fl-arkivju parrokkjali u fil-ktieb *L-Imqabba mal-medda taż-żmien* nafu li l-kappillan Bugelli ħa l-pussess bħala kanonku ta' Bormla fl-4 ta' Diċembru 1895, meta presumibilment irriżenja mir-rwol ta' kappillan fl-Imqabba. Dun Kalċidon Schembri ħa l-pussess fis-6 ta' Ġunju 1896, għalhekk nifhmu li għal xi xhur kien fostna bħala amministratur. Il-pitturi tal-evanġelisti tpittru f'dan iż-żmien ta' tranżizzjoni.

[2] Din ir-referenza, kif ukoll oħra tad-29 ta' Awwissu 1896, ġew misjuba mis-Sinjura Carmen Lia u ġew ippubblikati għall-



*L-abbozzi l-oriġinali ta' Filippo Venuti għall-Evanġelisti tal-Imqabba*



Reno Farrugia
(tal-Ghawdxi)

**Funeral Service**

irrikorru
'Emerald' Triq il konvoj ta' Santa Marija
Mqabba

**Mob : 99491477**

# SILVIO'S

*For all types of chairs, stools, armchairs and tables*



Chairs and tables
***FOR HIRE***

**Telephones:**
**2146 8982, 2146 1683**
**Mob: 9945 4333**

11, Triq il-Kataniż, Żebbuġ - Malta

ewwel darba f'artiklu tagħha ppubblikat fil-ktieb ta' din il-festa tal-1996, paġna 105 u 107.

[3] L-isem huwa żbaljat għax suppost huwa Filippo.

[4] *Malta tagħna* Nru 309, 13 ta' Mejju 1896, 2.

[5] Hisopo jipprova jagħti l-impressjoni li mhux Imqabbi, madanakollu fl-istess ittra jfaħħar lis-saċerdoti tar-raħal li kienu wara dal-proġett, ħaġa kemxejn stramba għal xi ħadd li ma jgħixx fl-Imqabba. Madakollu l-isem tal-artist – ħaġa li skont is-sens komun aktar kellu jkun jafha, ladarba Venuti kien qed jaħdem anke fi knejjes oħra – jiktbu ħażin għal darba tnejn. Jien tal-opinjoni li dan Hisopo huwa xi Imqabbi li kien jiffavurixxi lil dawn is-saċerdoti – mill-ittra jidher li kien hemm uħud li kienu kontrihom – u uża l-medja soċjali ta' dak iż-żmien biex ifaħħarhom ma' Malta kollha. Il-fatt li jġib isem l-artist – li f'Malta żgur kien magħruf aktar mis-saċerdoti tal-Imqabba! – ħażin aktar jagħti piż lil din l-ipoteżi, għax fl-aħħar mill-aħħar ma nimmaġinax li kien jinteressah wisq min pittirhom! Lil Venuti jsejjaħlu "artist mill akua"; Venuti kellu kapaċitjiet artistiċi notevoli, imma qatt ma laħaq il-livell ta' Taljani oħra bħal Gagliardi u anqas ta' Maltin bħal Calì, għalhekk "artist mill akua" hija bla dubju iperbole barra minn lokha li xi ħadd li jifhem fl-arti ma kienx se jgħidha.

[6] L-awtur l-ewwel jgħid li dawn huma nies kontra l-arti u mbagħad li huma nies kontra s-saċerdoti. Venuti kien hemm drabi meta ġie kritikat fil-gazzetti minħabba li ma kellux it-teknika ta' oħrajn aħjar minnu, jiġifieri diffiċli tgħid li min ma kienx japprezza lil Venuti kien "kontra l-arti". Aktar naħseb li Hisopo, li kif għedt nemmen li kien Imqabbi, kien qed jirreferi għal xi diżgwid intern li kien jeżisti fir-raħal bejn dawn s-saċerdoti u xi nies oħra.

[7] *Malta tagħna* Nru 340, 29 ta' Awwissu 1896, 3.

[8] Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba, *Notizie appartenenti a cotesta Santa Parrocchiale Chiesa della terra Micabiba*..., 10r. Fir-realtà, bħalma għedna, dawn tlestew fiż-żmien ta' tranżizzjoni bejn żewġ kappillani ladarba nafu li kienu lesti xahar qabel ħa l-pussess il-kappillan Schembri. Din in-nota nkitbet xi żmien wara li Schembri spiċċa l-parrokat tiegħu fl-1901.

[9] Fuq dan l-artiklu kont ktibt fid-dettall fis-sena 2006 fil-programm ta' din il-festa. Dan huwa l-uniku artiklu li jagħti dettalji dwar il-familja u l-ħajja ta' Venuti qabel ma' ġie Malta u kien ġie ppubblikat għall-ewwel darba minni fl-artiklu *Filippo Fortunato Venuti u l-kwadru titulari tal-Assunta fl-Imqabba* (2006). Aktar dwar dan fil-programm tal-festa tas-sena d-dieħla.

[10] Din hija l-knisja parrokkjali, matriċi, ta' Stella Maris ta' Tas-Sliema. Naħseb tissejjaħ "cappella" peress li hija żgħira ħafna. Għal din il-knisja Venuti pitter 16-il kwadru mill-ħajja tal-Madonna, li ġew restawrati dawn l-aħħar snin fi żmien il-parrokkat ta' Mons. Joe Bartolo, ex kappillan tal-Imqabba.

[11] T. De Domenicis, *L'arte italiana a Malta. Filippo Venuti*, in *Natura ed arte* 1903-1904 (Milano), 269-270.

[12] Id-data 1897 għandha tifferi għall-koppla mhux għall-pennakki, li presumibilment saru qabel. Ladarba jissemmew fil-gazzetta f'Mejju 1896, bil-fors li d-data tal-1897 ma tgħoddx għalihom.

[13] Lawrenz Zammit, *Il cnisia parrochiali tal Imkabba*, Malta 1927, 19.






dee's™
pizzeria & takeaway
OPENING HOURS
Mondays Closed
Tuesdays - Fridays:
9:00am - 1.30pm
5:00pm till late
Saturdays:
9:00am - 1.30pm
4:00pm till late
Sundays:
4:00pm till late
Tel: 21680200
Mob: 79680200
17, Triq Dun Guzepp Zammit, Zurrieq
Special Offer
1.5 Litre Coca Cola with every €25 spent
Find us on: facebook®
FREE delivery
Terms and conditions apply
We also deliver to workplaces, factories, offices, etc...
(both lunchtime and evening)
www.dees-pizzeria.com



*Il-pittura l-originali ta' San Ġwann u San Mattew f'ritratt tal-1898.*



**Bravi l' Imkabbin!**

Il bierah chelli ix-xorti illi uara tant
illi krait fil gazzetti nghaddi mill' Im-
kabba u thalt genua il Cnisia u hat
piacir uisk, il ghaliex rait hagia tal gha-
geb; rait hedanc l' operi colla illi saru,
u fost l'ohrain, is-sbieh Evangelisti magh-
mulin mill bravu Giovanni Venuti pittur
mill akua. Hua ta min jehu piacir, il
ghaliex kat ma tixba thares leihom u
actar ma tokghod tiffissa thares leihom
tisthajjilhom illi keghdin jitchelmu mi-
ghec. U min hua issa hedan illi tha-
bat sabiex isiru dauna l' operi colla?
Is-Sacerdot Dun Laurenz Zammit, pro-
curatur zelanti, sacerdot onest u bravu,



**IL FESTA TA SANTA MARIA**

**L' IMKABBA**

Rnexxiet bil bosta il festa ta Santa
Maria d' is-sena. Il Cnisia chienet imzei-
na mill' isbah ghal chemm damasc ma'r-
muiniex, il ghaliex ma chieux ghadu lest.
Il pittura il g'dida tas-sur Venuti u l' in-
doratura tas-sur F. Coleiro nghog'bu
uisk, u coll min tisma ifahhar l' iz-
zelant procuratur Dun Laurenz Zammit,
illi tant impegna u thabat biex isiru
daun l'opri li semmeina u tant opri oh-
ra ucoll illi zeinu, sebbhu u onoraru it-
tempiu t' Alla.



Dimorante a Malta per mitezza di clima,
pel quieto soggiorno, Filippo Venuti vi abita
da nove anni colla famiglia e numerose sono
le opere che vi ha compiute. Cito fra esse
i quattro Evangeli alla Micabibba, nella Chiesa
Cattedrale del Gogo, la cappella del Sacra-
mento, nella Chiesa di S. Giorgio dove eseguì
in iscorcio la pittura del piano della cupola. A
Birchircara, nella chiesa dei Teresiani scalzi,
presentemente sta dietro ad adornare di se-
dici quadri molto pregevoli la cappella Stella
Maris. Al Zeitun ha adorna di pittura una
chiesa privata del Marchese Testaferrata-Bon-
nici-Asciak.

*Siltiet mill-ġurnal 'Malta tagħna' tal-1896 u mir-rivista 'Natura e arte' tal-1903 fejn jissemew xogħolijiet ta' Venuti.*

# Il-Warda tal-Madonna



**Maria Gatt**

O' Warda tal-Madonna
Min tak dak il-kulur?
Inti warda mill-isbaħ
Issebbaħ kull fejn tmur.

Kulurek jidher sbejjaħ
Jidher ta' aħmar sħun.
Maz-zokk 'l isfel għandek xewka
Ħiereġ anke xi blanzun.

Xħin inftaħt urejt kulurek.
Aħmar tal-isbaħ ġmiel
Bdejt titfa' l-fwieħa tiegħek
Fewwaħt inti kullimkien.

Xħin tmissek kemm int fina.
Taħsbek tal-bellus fin.
Tathulek in-natura.
Żgur le, mhux il-bnedmin.

Qegħduk ġo vażun dejjaq
Poġġewlek żewġ werqiet
Ftit ilma, fjuri rqaq bojod
Biex aktar tidher sabiħ.

Poġġewk quddiem l-istatwa
Li hemm fit-tarf tar-raħal
Qiegħda b'idejk miftuħa
Tħares lejn dan ir-raħal.

Għaddew xi ftit tal-ġranet
Il-warda tbielet sew
Għaddiet ix-xbejba twajba
U ġabitlek warda bajda

O' Marija kemm int sbejħa
Tielgħa s-sema b'dirgħajk miftuħin
Itfa' int il-barka tiegħek
Fuq uliedek l-Imqabbin.

Madonna kemm int fil-għoli
Tidher int minn kullimkien
L-Imqabbin għażluk patruna
Bik huma imkabbrin

Xħin ngħaddu, nieqfu nsellmulek
Bit-talba. Salve Regina.
B'għajta Waħda Ilkoll Ngħajtu
Viva Santa Marija.



# 50 sena mill-estensjoni tar-runway 24 – 06

**Jonathan Mifsud jikteb dwar l-iżvilup f'Malta fil-qasam tal-avjazzjoni u l-ajruport li wassal għall-estensjoni tar-runway fl-1966.**

Matul iż-żminijiet mgħoddija f'Malta inbnew diversi bażijiet minn fejn il-qawwiet tal-forzi tal-ajru Ingliżi kienu joperaw. Fost dawn insibu l-bażi ta' Kalafrana, Ħal Far, Marsa, Qrendi, Ta' Qali u Ħal Luqa. L-ajruport internazzjonali ta' Malta jaf il-bidu tiegħu minn żminijiet it-tieni gwerra dinjija. Fl-1935 il-qawwiet tal-forzi tal-ajru Ingliżi ħassew il-ħtieġa li jibnu bażi oħra li tinkludi l-ewwel strippa bit-tarmak b'tul ta' ftit iktar minn kilometru u wisa ta' ħamsin metru sabiex minnha jkunu jistgħu joperaw ajruplani kemm ċivili kif ukoll militari f'diversi kundizzjonijiet ta' temp. L-art magħżula kienet fuq għoli ta' 250 pied 'il fuq mill-baħar, madwar 3 kilometri l-bogħod mill-Port il-Kbir fuq art mimlija għoljiet u mdawwra b'bosta barrieri tal-ġebel tal-franka. Ta' min isemmi li l-post tan-nar l-antik tal-kamra tan-nar tas-Soċjetà Santa Marija li kien tar b'diżgrazzja fil-31 ta' Mejju 1937 kien fuq l-art magħżula għal dan il-proġett. Għalhekk il-kamra tan-nar tas-Soċjetà Santa Marija wara din id-diżgrazzja ma kellhiex iżjed għad-dispożizzjoni tagħha post fejn il-ħafna dilettanti tan-nar ta' dak iż-żmien setgħu jkomplu jaħdmu n-nar.

**Matul it-tieni gwerra dinjija din ir-*runway* kienet ta' importanza kbira għaliex minnha kienu jitilgħu u jinżlu l-ajruplani *Wellington* tal-qawwa tal-ajru Ingliża li kienu ta' difiża għal Malta mill-qawwiet tal-ajru u tal-baħar Taljani u Ġermaniżi**

Ix-xogħol ta' tħammil u nvellar tar-*runway* beda bil-bidu tas-sena 1939 u tlesta f'Marzu ta' sena wara. L-isem li ngħata lil din ir-*runway* kien *runway* 24-06 minħabba id-direzzjoni dritta li din timmarka fuq il-boxxla. F'Diċembru tal-1940 bdew joperaw minnha l-skwadra tal-*Wellington Bombers* tal-qawwa tal-ajru Ingliża kif ukoll bdew jinżlu ajruplani ċivili fuq titjiriet skedati mill-Italja kif ukoll mil-Libja. Mat-tlestija tar-*runway* 24-06 inbnew *Air Terminal* u diversi mħażen fil-madwar fiż-żoni li llum magħrufa bħala tar-Robba u tal-Isqof. Fost dawn l-imħażen kien hemm sitt tined li joffru kenn għall-ajruplani, *barracks* tas-suldati, maħżen tal-bombi, uffiċini u żona minn fejn jitqassam il-pitrolju li kien jintuża mill-ajruplani. Sabiex ir-*runway* tkun protetta mill-forzi tal-barrani, mal-perimetru tagħha inbew ukoll kanuni. It-titjiriet tal-ajruplani ċivili



*Dehra mill-ajru tal-bażijiet ta' Ħal Luqa u ta' Ħal Safi*



*It-tiġrif tal-post tan-nar fid-disgrazzja tal-31 ta' Mejju 1937*



*Dehra mill-ajru mat-tlestija tar-runway 24-06 fl-1940*



easygas
MALTA LTD
For Cleaner & Cheaper Energy!
Valletta Road, Luqa
T 2122 6126
M 7922 2112
E easygasmalta@hotmail.com



***Il-ħsarat li ġarrbet il-knisja parrokjali nhar id-9 ta' April 1942***

kellom jiġu sospiżi fl-ewwel ta' Ġunju 1940 minħabba li l-effett tat-tieni gwerra beda jinħass. Matul it-tieni gwerra dinjija din ir-*runway* kienet ta' importanza kbira għaliex minnha kienu jitilgħu u jinżlu l-ajruplani *Wellington* tal-qawwa tal-ajru Ingliża li kienu ta' difiża għal Malta mill-qawwiet tal-ajru u tal-baħar Taljani u Ġermaniżi. Tant hu hekk li f'dawk iż-żminiejiet kien hawn stazzjonati mal-42 ajruplan *Wellington* u madwar 4,300 persuna kienu involuti mal-operat tal-bażi ta' Ħal Luqa. Sabiex ir-*runway* tkun mat-teknoloġija ta' dawk iż-żminijiet, ġiet installata sistema ta' nżul in-naħa ta' *runway 24* sabiex l-ajruplani jkunu jistaw jinżlu b'iktar sigurta kif ukoll ġie installat l-ewwel *radio direction finding* radar fuq Ħad-Dingli. L-ajruport kien deskritt tajjeb f'dawk iż-żminijiet minn Nicola Malizia, li hu nnifsu kien involut fl-Aeronautica Taljana '*...Luqa (o Mikabba), situato a Sud di La Valletta, era l'aeroporto meglio attrezzato dell'isola, disponendo, già a quel tempo di ben quattro piste incrociate in cemento, piazzole di decentramento, ricoveri e attrezzature efficaci…*' Minħabba li r-raħal tal-Imqabba jinsab ħafna qrib din ir-*runway*, sofra ħsarat kbar matul it-Tieni Gwerra Dinjija u ħafna mid-djar iġġarfu filwaqt li 19-il Imqabbi tilfu ħajjithom. Nhar id-9 ta' April 1942, il-knisja parrokkjali ġarrbet ħsarat kbar wara li bomba tal-għadu splodiet fuq wieħed mill-pilastri maġġuri u ġġarfet il-koppla, il-kappellun tal-Kunċizzjoni, parti mill-kor u waħda mis-sagristiji.

Fl-1956 il-bażi ta' Ħal Luqa kienet bażi ta' tkixxif permezz ta' ajruplani *Meteors, Lancasters, Shackletons, Valiant u Canberra minħabba l-involviment tal-qawwiet Ingliżi fl-Operation Musketeer fil-Kanal tal-Eġittu*.

Wara t-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija reġgħu bdew it-titjiriet ċivili fuq skeda regolari mill-ajruport ta' Ħal Luqa permezz ta' ajruplani tat-tip *de Havilland Doves, Lancastrians, DC3's u Vikings*. Minħabba iż-żieda fit-titjiriet ċivili u ż-żieda fl-ammont ta' passiġġieri wassal sabiex jinbena *Civil Air Terminal.* Il-preparazzjonijiet għal Luqa *Terminal* bdew fis-sena 1956 u l-gvern Ingliż prinċipalment kien is-sors tal-finanżjament ta' dan il-proġett li sewa s-somma ta' LM300,000. Dan il-*Terminal* il-ġdid ġie inawgurat fil-31 ta' Marzu 1958 mill-gvernatur ta' Malta ta' dak iż-żmien Sir Robert Laycock. Dan it-*Terminal* kien jikkonsisti f'binja ta' żewġ sulari li kellu restaurant, uffiċju postali, uffiċju tal-*Cable and Wireless* kif ukoll post ta' osservazzjoni għall-pubbliku. Minħabba dan it-titjib li ġab miegħu dan it-*Terminal,* bosta tipi ta' ajruplani ġodda setgħu jibdew joperaw lejn Malta u b'hekk it-turiżmu beda jieħu l-importanża tiegħu fl-ekonomija. Minħabba iż-żidiet fl-ammonti ta' passiġġieri kien kostanti, dan it-Terminal tkabbar kemm-il darba u baqa' jintuża sal-1991.



***Dehra mill-ajru tal-ajruport fl-1966 wara li ġiet imtawla runway 24-06***

Minħabba l-introduzzjoni tal-ajruplani bil-magni tat-turbini, fl-1966 *runway* 24-06 ġiet imtawwla għat-tul preżenti ta' 7,800 pied kif ukoll ġiet installata sistema ta' inżul fuq runway 24. Iżda dan ma kienx biżżejjed



***Dehra mill-ajru ta' barrieri madwar runway 24-06 in-naħa tal-Imqabba***



***Ajruplan tat-tip Vulcan għaddej minn ħdejn ajruplani tat-tip Sea Vixen li kienu ġew minn fuq il-bastiment HMS Hermes f'Lulju 1970***




***Ajruplan tat-tip Boeing 757 tal-merkanzija fl-aħħar fażijiet ta' nżul fuq runway 05***



***Ajruplan tat-tip Dakota C3 fil-fażi ta' tluq minn runway 05***

sabiex il-pajjiż jilħaq il-miri tiegħu fit-turiżmu. Dan wassal sabiex fl-1968 bdew jitħejjew pjanijiet kif dawn il-miri setgħu jintlaħqu. Il-pjanijiet bdew jiġu mwettqa fl-1973 fejn ix-xogħol kien jikkunsisti fit-titwil tar-runway l-oħra 14-32 għal tul ta' 11,000 pied u attrezzament b'sistema ta' nżul Category 2. Din ir-runway kienet ġiet magħżula minħabba diversi fatturi li kienu jinkludu minn fejn l-iktar li jonfoħ ir-riħ kif ukoll id-diffikultajiet ta' tlajja u nżul kif ukoll barrieri fil-perimetru ta' runway 24-06.

Dan il-pass wassal sabiex fl-1977 niżel f'Malta l-ewwel ajruplan tat-tip *Wide Body* u b'hekk is-settur turistiku kompla jitjieb. L-użu tal-bażi ta' Ħal Luqa kien ġie dekomissjonat nhar id-29 ta' Settembru tal-1978, fejn dakinhar kien tħejja programm speċjali ta' titjir minn ajruplani tal-qawwa militari Ingliża li kienu jinkludu lit-team akrobatiku tar-Red Arrows permezz tal-ajruplani tagħhom tat-tip *Gnat*, kif ukoll *Harrier* u *Jaguar*. Minħabba dan il-fatt l-użu ta' *runway* 24-06 naqas drastikament.

Kienu diversi l-inċidenti li seħħew fuq runway 23-06. Fost dawn kien hemm l-inċident li seħħ fis-7 ta' Diċembru 1978 meta ajruplan tat-tip Canberra bir-reġistrazzjoni WT530 waqa eżatt hekk kif kien tiela, wara li tilef is-saħħa mill-magni tiegħu minħabba kontaminazzjoni fil-fuel. Il-fdalijiet tal-ajruplan kienu ġew fit-triq Tas-Sejba bi' dritt ir-*runway* 24.

Illum il-ġurnata ir-*runway* bidlet isimha għal *runway* 23-05 minħabba l-varjazzjonijiet manjetiċi tad-dinja. L-użu tar-*runway* 23-05 illum huwa għat-tlugħ u nżul ta' diversi ajruplani ta' qies żgħir bħal *Microlights* sa dawk kbar bħal *Narrow bodies* tal-passiġġieri.



*L-Esperjenza tal-barranin f'raħalna*

# Bedford Town Band Trip To Mqabba, Malta

*– 9th-16th August 2016*

**Graeme Down writes about the Bedford Town Band experience in Mqabba for the second time in 2016**

**The Festival in the evenings was new to most and those who had been before saw similarities and differences from ten years ago**

Bedford Town Band delighted to accept an invitation to return to the town of Mqabba on the 10th anniversary of the Band's previous trip to help celebrate the annual 'Feast Of The Assumption Of Our Lady'. Some ten members of the 2005 party travelled amongst the 32 players and their families to Malta and those who hadn't been before were told to expect a fabulous week in glorious, hot, sunshine with great hospitality.

The Band was greeted at the airport by members of Mqabba's Band – in the red T-shirts provided for the week – and taken off to the Hotel on the Sliema promenade that would be 'home' for the week.



*Bedford Band during the Feast of the Assumption in Mqabba*

The week was organised so that members of the band had the chance to explore the Island during the day before being taken off to Mqabba to experience, and perform in, the festival during the evenings.

The daytime activities included a number of different trips to Valetta, boat excursions around the Island (including one to the fabulous Blue Lagoon following which the Band swam in the sea and explored the coral reefs) and trips to the ancient city of Mdena and to the Marsovin Winery (where the members of the Band did their bit to uphold the drinking traditions of the English Brass Band!).



*Visit at Marsovine Winery*

The Festival in the evenings was new to most and those who had been before saw similarities and differences from ten years ago. On the first evening, the Band paraded around Mqabba shoulder to shoulder with the Bandsmen and women from the local band (a departure from ten years ago when Bedford were spectators). The atmosphere was happy, excited and very, very loud with the streets full of people chanting and shouting in celebration whilst the church bells rang out in apparent competition with the slow moving band below.

The main event from Bedford Town Band's perspective was the formal concert on the stage in the Main Square. Under the Directorship of Ian Smith, the Band played around a dozen pieces, including solos from Tony Wiles and Graeme Down and were very well



**_Bedford Band performing at the Hotel_**



**_Bedford Band performing at the Hotel_**

supported by an enthusiastic audience. That the church bells didn’t stop ringing was a very unusual experience (and another change from ten years ago) making the concert feel much more relaxed and enjoyable and adding to the overall experience. It was certainly extremely warn (even at 11:00 in the evening) so in every respect the concert was performed in conditions that the English are not used to !!

The band had another very unusual playing experience and was delighted when several members of the Mqabba Band came to listen to the concert performed at the Hotel – outdoors, next to the swimming pool, on the seventh floor !! It really was a surreal experience but none of the band will ever perform anywhere where there is such a view.

On the Thursday evening, the Band was invited as guests to the world renowned firework display. Those who had not visited Mqabba previously understood that the fireworks were going to be spectacular … But not that spectacular. Wow !! No-one has yet been able to put into words that explain to family and friends just how amazing the fireworks were … Unlike ten years ago, there are now loads of photographs and videos that help to do that.

And finally, the Band was honoured to play whilst the Statue of Santa Marija processed around the village on the shoulders of local people. Again, the church bells rang out, the fireworks went off and the streets were full with people celebrating and having a wonderful time. The Band was delighted to have played a small part in what each member of the Band can now appreciate is such an important day in the lives of the local people.

The Band very much hopes that the people of Mqabba will remember us fondly and that we helped to add to the festivities in our small way. Those from the Band who had been before were right; it is a wonderful Island with glorious weather and fantastic people.

The members of Bedford Town Band will never forget our experiences at Mqqaba’s annual ‘Feast Of The Assumption Of Our Lady’ and thanks the people of Mqabba and the members of the local Band for being so hospitable. We thank you for making our week such an amazing experience and hope to see you again soon … Now, about 2025 … Should Bedford Town Band be putting dates in our diaries?



# Lil'hinn minn xtutna

## *Tifkira tal-imigranti li ħallew raħalna matul iż-żminijiet*

**Joe Ghigo, emigrant minn Melbourne, jikteb dwar l-emigranti li ħallew l-Imqabba matul iż-żminijiet.**



*Joe Ghigo*

Insellem lis-Soċjetà tagħna u nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Nawgura festa kbira u solenni bħalma dejjem kienet minn żminijiet il-ġenituri tagħna kollha.

Għaddew sentejn minn meta konna qegħdin niċċelebraw b'suċċess il-festa tas-sena 2014 flimkien u sirt naf ħafna żgħażagħ wara tant żmien nieqes mir-raħal tiegħi l-Imqabba kif ukoll pajjiżi Malta. Fl-2014 rajt kemm hemm żgħażagħ li għandhom il-festa titulari għal qalbhom u jaħdmu sabiex il-veru festa Imqabbija tkun iċċelebrata b'suċċess sena aqwa minn oħra. Prosit tal-entużjażmu li għandkom. Ġejt mitlub sabiex nikteb kelmtejn dwar l-emigrazzjoni lejn l-Awstralja b'mod partikulari dwar l-Imqabbin.

L-emigrazzjoni lejn l-Awstralja bdiet 'il fuq minn mitejn sena ilu. Jingħad li l-ewwel Malti li rifes l-Awstralja kien ġie ma' grupp Ingliżi li kienu ikkundannati fl-1810 għax kienu telqu mir-Reġiment Ingliż. Malta dak iż-żmien kienet kolonja Ingliża. L-ewwel emigrant Malti li kien ġie Melbourne kien Antonio Azzoppardi fl-1837 u għamel suċċess bħala negozjant.Xi Maltin imxew fuq il-passi ta Antonio Azzoppardi u sal-1881 il-popolazzjoni Maltija ġewwa Melbourne Victoria kienet ta' 73 Malti.

Dak iż-żmien kien importanti għal Malta li l-Maltin isiefru għax kienet parti minn strateġija ta' popolazzjoni tal-Imperu Ingliż li kellu l-kulur ta' karnaġġjon bajdani. F'dawk iż-żminijiet il-Maltin kienu għadhom assoċċjati ma' razza ta' karnaġġjon skur għalhekk kellhom jinbidlu l-liġijiet sabiex il-Maltin setgħu kienu aċċettati bħala emigranti. Fi żmien l-ewwel gwerra dinjija l-kwota għal emigranti Maltin ġiet ristretta drastikament fl-1920. Fl-1923 saret pressjoni u l-kwota reġgħet żdiedet u n-numru ta' Maltin li twieldu Malta u li marru jgħixu ġewwa Victoria kien ta' 395 sal-1933. Fl-1948 kien ġie introdott il-passaġġ assistit għall-Awstralja, u n-numru ta' Maltin li twieldu Malta u ġew Melbourne tela għal 26,452 bejn is-snin 1950 u 1966.

L-emigrazzjoni mill-1970 mill-Maltin lejn l-Awstralja naqqset bil-mod. Fil-Victoria hawn l-akbar numru ta' Maltin li jgħixu fl-Awstralja kollha li jammontaw għal 19,728. Il-maġġoranza tal-Maltin illum huma imferxin ħafna aktar minn qabel għax fil-bidu konna nitilgħu lejn is-Sunshine, St Albans, North Melbourne, Altona li jinsabu fil-Western Suberbs.

**Dwar t'Aqdu**

Ħafna Imqabbin ukoll ġew l-Awstralja. Ħafna baqgħu l-Awstralja u oħrajn reġgħu lura l-Imqabba. Mgħarraf li bejn l-1910 u l-1915 kienu marru l-Awstralja erba' aħwa li kienet qaltli bihom waħda minn tal-familja stess, insemmilkhom aktar 'l isfel. Naħseb li jkun aħjar li insemmilkhom il-laqam tal-familja għax aktar niftehmu. Dawn kienu minn ta' Aqdu, jisimhom Toni, Ċensu, Lelu u Ġorġa Tonna. Dawn kienu joqgħodu Broken Hill ġewwa New South Wales u aktarx kienu jaħdmu fil-minjieri. Kollha mietu imma Lelu kien ġie lura Malta u kien joqgħod fejn it-torri tal-Imqabba u jien niftakru ħafna. Kien hawn ieħor minn raħalna li kien Broken Hill ukoll li jismu Żeppi li l-laqam tal-familja tiegħu hu tal-Geżwerinna. Min naħa ta' Aqdu f'Melbourne hawn Ċikka tal-Lager li tagħtni din l-informazzjoni dwar l-erbgħa aħwa Tonna. Ċikka ilha Melbourne 56 sena. Ċikka għanda 85 sena u r-raġel tagħha għandu 88 sena. Ċikka għandha oħta Dolor li toqgħod South Australia, u kien hawn ħuthom Spiru u Ġanni li ħallew din id-dinja.

**Dwar Fattu**



*Joyce ta' Fattu*

Koppja oħra li ġew l-Awstralja mill-Imqabba u li kien iħobb ħafna il-festa kien Josephat Galea li hu t-tifel ta' Ċensu Galea id-Derek. Il-mara tiegħu Madalen tiġi oħt Ċensu il-ħaddied ix-Ximma min-naħa tal-Bażżi.Dawn kienu ġew fl-Awstralja fl-1954 u marru joqgħodu Cairns ġewwa Queensland.Fl-1958 marru Melbourne u l-familja ta' sebgħa komplew jgħixu ġewwa Melbourne. Josephat kien jieħu gost meta kont natih xi aħbarijiet fuq is-Soċjetà tagħna.

Baseggio
paints
LE VERNICI DI VENEZIA

Imported By: *'Tahabel Ltd.'*
E-mail: daniel_ferriggi@hotmail.com
Mob: 7953 6969

FAJSU
Supply of
STEEL SHEET | PLATE | BAR | TUBE | PIPE
SALES OF BUILDING MATERIAL
IL-FAJSU CO.LTD.

"Tal-Ħarruba", Triq il-Ġarġir, Nigret, Rabat Rbt 4631 Malta
Email: il-fajsu@hotmail.com
Mob: 7945 4448, Tel: 21 454 448, 2145 6937 Fax: 2145 0985

Josephat ta' Fattu miet fl-2006 fl-għomor ta' 87 sena, filwaqt li l-mara tiegħu mietet fl-2011 fl-għomor ta' 91 sena.



*Rita Tonna Ta'Liża*

**Ta' Liża/Tal-Galletta**

Mill-Imqabba ġew ukoll il-familja ta' Ġanni u ta' Liża. Tal-Galletta kienu telqu minn Malta, l-ewwel Rita u it-tfal ta' Ġanni u Karmena, Ġużi, Liża u Ronny fl-1961, u ftit wara marru l-ġenituri Ġanni u Karmena u t-tarbija Collin ta' ftit xhur. Mary u Michael li jiġu t-tfal ta' Ġanni u Karmena kienu imfarfrin. Illum il-ġurnata Ġanni u Karmena mietu, imma Rita qiegħda toqgħod ġewwa residenza tal-anzjani bl-età ta' 90 sena. Għamiltilha żjara ftit ta' ġimgħat ilu fil-bidu ta' Ġunju .Kien hawn Gerald ta' Liża wkoll u l-mara Nena joqgħodu bieb ma' bieb ma' kuġinuh Ġanni. Gerald kien ħalliena imma Nena għadha ħajja.

**Ġanni ta' Kalċ**

Kien hawn ukoll Ġanni Camilleri ta' Kalċ li kien dam Melbourne għal żmien twil qabel ma' reġa lura l-Imqabba. Ġanni kien magħruf bħala Ġanni tal-club. Fil-fatt jien kont mort il-club tiegħu biex insir nafu snin ilu.

**Żeppi Sciberras ta' Kazza**

Koppja oħra li xjaħet Melbourne huwa Żeppi Sciberras ta' Kazza li kienu joqgħodu fil-pjazza fl-sqaq. Aktar tard kienet ġiet oħtu Ġeorġa mat-tifla Mary. Illum Ġeorġa tgħix ġewwa residenza tal-anzjani. Żeppi telaq minn Malta fl-1961 u wara tliet xhur iltaqa ma' Grace ġewwa Melbourne u żżewġu sena wara. Huma kellhom tlett itfal. Iż-żmien jgħaddi min fuq kulħadd u huma qegħdin jgħixu ġewwa villaġġ tal-irtirar.



*Żeppi ta' Sunta Ta' Kazza*

**Ġanni Tonna il-Brimbu**

Familja oħra kbira li ħalliet l-Imqabba żmien ilu hija dik ta' Ġanni Tonna l-Brimbu. Din il-familja kellha ħafna tfal u llum tista tgħid li huma anzjani kollha. Il-familja Tonna ħallew Malta meta kellhom tmiem tfal u d-disa' wieħed twieled ġewwa Melbourne 45 sena ilu.

**Żeppi Galea taż-Żokra**

Żeppi Galea taż-Żokra kien joqgħod St Albans fil-qalba ta' fejn għexu ħafna Maltin. Hu kien bushman għax hu kien dejjem jiġri l-barra għal kaċċa. Ftit li xejn kien ikun id-dar iżda dejjem kien isib lil xi ħadd biex jitmgħalu l-għasafar li kien irabbi. Illum hu qiegħed Malta, igawdi lill-familja tiegħu u l-festa ta' Santa Marija li ssir fl-Imqabba.

**Żaren tal-Pejxa**

Fost ħafna oħrajn kien ġie waħdu Żaren tal-Pejxa fl-1964. Wara ftit żmien hu iltaqa' ma' tfajla u żżewweġ fl-1972. Żaren flimkien mal-mara tiegħu żaru lil Malta l-aħħar is-sena l-oħra.

**Żaren Baldacchino ir-Ruprup**

Żaren Baldacchino ir-Ruprup li huwa mill-familja ta' Majs, ilu Melbourne u joqgħod fejn kienu joqgħodu ħafna Maltin fosthom anke l-Imqabbin. Huwa miżżewweġ mara Filippina u għandhom żewġ subien Louis u Noel. Żaren kellu ħutu ġewwa Melbourne ukoll li huma Teddy, Carmen li magħrufa bħala Miss Baldacchino li kienet għalliema ġewwa l-iskola tal-Imqabba u Ġuża. Għal żmien qasir telgħu l-Awstralja wkoll Ċensa, Ċikka u Kruċi. Ġuża Gauci u Teddy illum il-ġurnata joqgħodu l-Imqabba. Żaren kien ġie għand zijuh Żaren tal-Manġinu ukoll li kien ilu Melbourne u kien joqgħod ma' Katerin ta' Ballara.



*Zaren ir-Ruprup*

**Żeppi, Lippu, Mary u Ċisju**

Żeppi, Lippu, Mary u Ċisju kienu joqgħodu fit-triq tan-nofs u ħallew l-Imqabba bejn is-snin 1961 u 1964.Żeppi, Mary u Lippu baqgħu Melbourne, imma Ċisju wara li kien ġej u sejjer bejn iż-żewġ pajjiżi baqa' joqgħod Malta mal-familjari tiegħu. Mary kienet ġiet l-aħħar lejn Malta fl-1992.

**Mikiel Mallia tas-Sjet**

Mikiel Malia tas-Sjet huwa anzjan ieħor li ġie joqgħod ġewwa Melbourne mill-Imqabba meta kellu l-età ta' 21 sena fl-1954. Wara ftit huwa ltaqa' ma' Awstraljana li jisimha Maree u wara li dawn ingħaqdu biż-żwieġ huma kellhom tifla u tifel. Illum Mikiel u Maree huma nanniet ta' ħames neputijiet.

**Tar-Rukkell**

Ħafna jgħidu li kienu familja ta' wieħed u għoxrin aħwa b'sebgħa minnhom marru joqgħodu ġewwa Melbourne. Illum ħafna minnhom jinsabu fi żmien avvanzat tal-ħajja tant li ħafna minnhom ħallew din id-dinja. Dawn huma Tona, Żeppi, Kola, Inġierka, Jimmy, Ċensu. Żeppi, Kola u Jimmy huma mejtin filwaqt li Tona tinsab f'residenza tal-anzjani fl-età ta' 85 sena. Il-familja ta' Tona kienu ħallew Malta fl-1960 u kienet miżżewġa Ħal-Kirkop (ta' Bajta) u kunjomha Callus.

**Ta' Ġlormu**

Ma nistax ukoll inħalli barra lill-familja tal-Pjuma magħrufa iktar bħala ta' Ġlormu. Beda t-triq lejn Melbourne Ġużi fix-xahar ta' Settembru 1963 ta' 53 sena u marru warajh erbgħa minn ħutu Nenu, Ronny, Teddy u Veronica li ħalliet din id-dinja fl-età ta' 34 sena. Hija kienet taf li ser tħalli din id-dinja u għalhekk xtaqet li tindifen ġewwa l-Imqabba kif fil-fatt ġara f'Ottubru tal-1992. Ġużi għalkemm baqa' Melbourne, iffrekwenta Malta ħafna drabi. Nenu u Ronny u reġgħu lura Malta fejn għadhom jgħixu mal-familja tagħhom barra r-raħal filwaqt li Teddy reġa' lura Malta u qed jgħix l-Imqabba. Partitarju akkanit ieħor tal-festa u li kien mar Broken Hill żmien twil ilu ħafna u li llum ftit jafuh huwa Ġanni ta' Brojnok u l-Bondin.

**Ta' Ketrinu**

Ma rridx nonqos milli nsemmi lil Annie ta' Ketrinu li hija miżżewġa lil Ninu ta' Pexxu. Dawn jgħixu fuq propjetà sabiħa ġewwa Melton madwar 30 kilometru 'il bogħod minn Melbourne. Huma telqu minn Malta fl-1973 u għandom tlett ulied u saru nanniet ta' ħamsa. Ħu Annie, Philip joqgħod New South Wales u ta' sikwit ikun għall-festa ġewwa l-Imqabba.

Niftakar li madwar is-sena 1960 kien hawn ħafna żgħażagħ Imqabbin mal-kumplament tal-Maltin ġewwa Melbourne. F'dawk iż-żminijiet fl-Awstralja ma tantx kien hawn fejn tmur u konna nistennew tmiem il-ġimgħa sabiex niltaqgħu u naraw lil George Cross team tal-Maltin jilgħabu l-ballun. Dak iż-żmien il-George Cross team kien b'saħħtu ħafna. Il-Maltin kienu jkunu bl-eluf u konna nitpaxxew bil-wirjiet ta' dan it-team. Min jaf kemm-il darba kien jinqala l-inkwiet u tindaħal il-pulizija flimkien mal-kavallerija u jqum pandemonju sħiħ li saħansitra l-logħba kienet tiġi abbandunata. Ħafna Imqabbin konna niltaqgħu biex naraw il-futball. Ħafna kienu għamlu ftit snin ġewwa Melbourne u oħrajn reġgħu lura. Niftakar li konna kollha żgħażagħ u llum nimmaġina li kollha anzjani kull min baqa' ħaj.

Ser ikolli nuża laqmijiet sabiex insemmi xi ftit li baqgħu l-Awstralja u ħa nibda min-naħa tal-Mawmaw. Il-familja tar-Rukkell, Ġamri il-Qiex, u ħuħ Karmnu il-Grima, l-aħwa Galea taz-Ziz, Karmnu, Pinu, George u Ġakki.Il-familja tal-Ħami li kienu ħafna. L-aħwa Anġlu u Danjel tad-Demsey, Joe Farruġia il-Fenka u Rokku il-Petty, Ġilju Baldacchino tas-Saħta, Karmnu tal-Kief, Pawlu Barbara tal-Fufus, kuġinuwh Kamnu Tanti Taċ-Ċakkur li jinsab Queensland. Ġorġ tal-Mazzita, Charlie Tanti tad-Dinglija, l-aħwa Tanti, Indri, Żaren u Ġuża tat-Tikka. Il-familja ta' Ġorġ Camilleri tal-Iskos marru joqgħodu New South Wales fuq 55 sena ilu. Niftakar li Lino kien reġa' lura Malta iżda llum mejjet, miet ukoll ħuħ Feliċ u l-ġenituri. Insemmi wkoll xi ismijiet bħal Żeppi u Grezzju tal-Gieżi, Karmnu u oħtu Sarah ta' Pataw, Duddu tal-Pawlika, Ċikku tal-Maz, Ġilju tal-Mazzita, Żaren is-sarena, Lippu tal-Kief, Pawlu tal-Borsina, Mikiel tal-Gajs. Nina u l-familja tal-Borżina joqogħdu ġewwa Sunshine u kienu ħallew Malta fl-1962. Hawn ukoll il-familja ta' Ċensu n-Naw li kienu familja kbira minn tal-Ballara kif ukoll Katerin xebba Dingli minn tal-Ballara. Ta' min insemmi wkoll lil Karmnu Żammit Ta' Gafieru li miżżewweġ il-Qrendi, Joe u Ġanna ta' Anġierka li miżżewwġa lil Pawlu l-Jakas, Ġiġi Camiliieri tal-Kavall li għadu joqgħod fl-Imqabba, Anġlu Farrugia s-Sarangu.



*Cikka tal-Lager*



*Mary Gauchi Ta' Doru*

Nispera li permezz ta' dawn il-kelmtejn fakkartkom f'ħafna Imqabbin. Naf żgur li ħafna Imqabbin jiftakkru lil dawn l-Imqabbin li ħallew lil pajjiżna għal żmien twil ilu. Żgur li ħafna miż-żgħażagħ ma jafux lil dawn l-Imqabbin u għalhekk użajt il-laqmijiet biex forsi niftehmu aħjar fuq min qed nitkellmu.

Nikkonkludi billi f'ismi u f'isem il-familja tiegħi nawgura l-festa t-tajba lill-kumitat Eżekkuttiv, liż-żgħażagħ, lis-soċji kollha tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tal-Imqabba li tant għandhom il-festa għal qalbhom u nawgura b'mod speċjali lil dawk li b'tant sagrifiċċju jqattgħu l-ħin tagħhom ġewwa l-post tan-nar. Insellem lill-kappillan, lill-kleru u nawgurawlhom festa solenni kif jixraq lil patruna tagħna fl-Imqabba. Minn qalbi nawguralkom festa sabiħa kif dejjem iċċelebrajtu.

Viva Santa Marija Patruna tal-Imqabba.

# In-numri ta' Santa Marija



**John Zammit jikteb dwar in-numri relatati mal-Festa ta' Santa Marija**

Billi Santa Marija hi waħda mill-festi pubbliċi fissi f'pajjiżna u f'ħafna pajjiżi, hemm numri fissi wkoll marbutin ma' din il-festa kbira fil-pajjiżi Nsara kollha: il-15 u t-8 li huma n-numri tal-jum u x-xahar ta' din l-aktar data importanti matul is-sena tal-parroċċa tar-raħal tagħna. Imma l-istess żewġ numri u numri oħrajn huma marbutin ma' elementi oħrajn tal-festa tar-raħal tagħna.

## *15*

Apparti l-ġurnata f'Awwissu li fiha tkun festeġġjata l-Assunzjoni ta' Marija f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja, il-ħmistax hu wkoll in-numru tal-ġranet ta' tħejjija għal din il-festa. Dan il-perjodu – li jibda fit-30 ta' Lulju fil-parroċċi fejn issir il-festa ta' Santa Marija fil-ġurnata tagħha – hu fil-fatt magħruf bħala 'Kwindiċina', mill-kelma bit-Taljan għal dan in-numru, 'quindici', li minnha toħroġ il-kelma 'quindicina' li tfisser 'ġabra ta' ħmistax'. Dan il-mudell għall-ismijiet ta' perjodi ta' ġranet mit-Taljan narawh ukoll fil-perjodu ta' tħejjija ta' disat ijiem għal ċerti festi li hu magħruf ukoll bl-istess mod: novena mill-kelma Taljana, oriġinarjament Latina, għan-numru disgħa.

## *11*

Minkejja li ħafna jaħsbu li hawn seba' parroċċi ddedikati lil Santa Marija, fil-fatt hawn ħdax. Tmienja minnhom jiċċelebraw il-festa partunali fil-jum proprju tal-15 t'Awwissu waqt li tlieta jħallu għal Ħadd wara. L-ewwel tmienja huma: il-parroċċa tal-Katidral fir-Rabat, Għawdex, Ħ'Attard, il-Mosta, il-Gudja, Ħal Għaxaq, il-Qrendi, l-Imqabba u l-parroċċa tal-Knisja l-Qadima ta' Birkirkara li reġgħet saret parroċċa fl-2005.[1] Il-parroċċi li jagħmlu l-festa titulari ta' Santa Marija Ħadd wara huma: Ħad-Dingli, l-Imġarr u ż-Żebbuġ, Għawdex.

## *8*

Apparti n-numru tax-xahar tas-sena meta ssir il-festa tal-Assunta fil-quċċata tas-sajf, in-numru tmienja hu marbut ukoll mal-Ottava, il-ġurnata li tagħlaq il-festa tar-raħal tagħna. Ottava ġejja mill-kliem bil-Latin għal 'fit-tmien jum': 'octava die'. L-Ottava ssir tmint ijiem fuq il-15 t'Awwissu b'quddiesa solenni, it-tqegħid mill-ġdid tar-relikwija f'postha u l-kant tat-Te Deum b'ringrazzjament għal festa patrunali oħra li tkun għadha kemm għaddiet.

## *7*

Kif diġà għedna, ħafna jaħsbu li hawn seba' Santa Marijiet, meta fil-fatt hawn ħdax-il parroċċa ddedikati lil Santa Marija. Din l-impressjoni, madankollu, ġejja mill-pellegrinaġġ li kien isir sal-ewwel snin tas-seklu 20 bil-mixi fil-lejl tal-festa ta' Santa Marija u li kien iżur il-knejjes parrokkjali li kienu jkunu qed jiċċelebraw din il-festa dakinhar tal-15 t'Awwissu f'Malta. Dawn kienu sebgħa għax sa dak iż-żmien il-parroċċa ta' Ħad-Dingli kienet tiċċelebra l-festa tal-Assunta fil-ġurnata proprja.[2] Dan il-pellegrinaġġ kien isir billejl biex il-pellegrini ma jbatux is-sħana qawwija t'Awwissu. Is-sinjifikat tal-pellegrinaġġ imbagħad intilef kważi għalkollox bil-miġja tat-trasport bil-karozzi matul is-seklu 20.

## *3*

Il-festa patrunali tal-parroċċa għandha tlett ijiem ta' tħejjija speċjali magħrufin bħala 't-Tridu'. Din il-kelma ġejja mill-kliem bil-Latin 'tres dies', li tfisser proprju 'tlett ijiem'. Għalhekk, 'Tridu' ismu miegħu: bilfors irid ikun fih tlett ijiem u ma jista' jkollu ebda numru ieħor ta' ġranet, inkella ma jistax jissejjaħ 'Tridu'.

It-Tridu tal-festa titulari tar-raħal tagħna jsir apparti lejlet il-festa u għalhekk dejjem fil-11, fit-12 u fit-13 t'Awwissu biex lejlet il-festa titulari jsiru ċelebrazzjoni



***Ċelebrazzjoni xierqa fit-Tielet Tridu li, ismu miegħu mil-Latin: bilfors irid ikun fih tlett ijiem***

apparti bħat-Te Deum filgħodu b'ringrazzjament għal għeluq it-tlett ijiem tat-Tridu u mbagħad it-Tranżlazzjoni tar-Relikwija filgħaxija fil-Vġili tal-festa, jiġifieri l-lejla qabel festa ewlenija tal-Knisja.

**Referenzi:**

[1] Il-parroċċa ta' Santa Marija f'Birkirkara kienet diġà saret zona pastorali awtonoma b'digriet fil-25 ta' Marzu 1992. Imbagħad, il-Ħadd 8 ta' Mejju 2005, din iż-zona pastorali awtonoma reġgħet ingħatat it-titlu ta' parroċċa li kellha qabel sa kmieni fis-seklu 18. Aktar tagħrif fis-sit tal-Parroċċa Santa Marija ta' Birkirkara: http://www.santamarijabirkirkara.com/

[2] Tagħrif meħud mill-artiklu 'Mid-August Maltese Festa' fil-*Malta Review,* pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Informazzjoni, ħarġa numru 38, Awwissu 1965, pġ. 9-10.





# Lil Santa Marija, l-Omm tal-Parir it-Tajjeb

**Stefano Farrugia**

Kull meta niftakar f'dak ismek tant ħlejju
li jimla l-qlub niedma bil-faraġ, fis-skiet,
kull meta ninġabar ma' ħuti fl-Imqabba,
nistabar bi ġmielek bħal ġmiel is-smewwiet.

Sabiħa bħal warda li tiftaħ f'żgħożitha,
sabiħa bħal tajra tittajjar fis-sliem,
sabiħa bħal xmara miksija bil-bjuda
li tisboq b'imħabbtek il-minġel tat-tmiem.

Ħarsitek fis-sema, riġlejk fuq id-dinja
li trid issaffiha mis-semm tal-ħtijiet
u kelmtek bħal duwa li ddewwi kull dnewwa
meta aħna mistħija ninħbew fid-dnubiet.

Fit-tieġ ġewwa Kana stedintna biex nobdu
kull kelma li toħroġ minn fomm Ibnek ħaj
w fuq l-għolja f'dulurek int ġbartna qalb waħda,
familja ta' mħabba, bħal merħla mar-ragħaj.

Jekk forsi tarana nitqatlu fil-ħalel
u naqtgħu nifisna fin-nar tat-turment,
twiddibna bil-ħlewwa kif ftaħt għajnejn Ibnek
xħin sibtu fit-tempju jitħaddet attent.
Mis-sema pajjiżna ħdejn Ibnek tweżinna,
twebbisna bil-qawwa li joffri t-twemmin,
tlibbisna bit-tama li għada hemm ħajj'oħra,
lil hinn minn kull mewġa li ġġorr l-imsejknin.

Miġbura f'dar Ibnek fil-qalba tar-raħal
fejn ismek bħal tarka sar barka għar-raħlin,
titolbok il-kotra ħerqana fl-Imqabba
bil-ħajr u l-foħrija ta' wlied magħqudin.

O Santa Marija flimkien insellmulek,
noffrulek kemm ruħna w ġisimna dgħajfin
biex tkompli tgħarbilna bħall-qamħ mis-sikrana
ħa naslu nissieħbu f'saltnatek safjin.

*L-Imqabba, It-12 ta' Frar 2016*

**FRAME MAKER**

caruanachristian@gmail.com

For any kind of frames and glass cutting

*Opening Hours:*
*Mon - Tue - Thur - Fri:*
*4.00pm - 7.30pm*
*Sat: 8.00am - 1.00pm*
*Wed: Closed*

**57, St. Catherine Street,**
**Mqabba MQB 1203**

**Tel: 2168 3308**
**Mob: 9988 8691**

La Principessa Dolceria

UB10, Industrial Estate, San Ġwann

Tel: 2137 8749 • Mob: 7972 9718

La Principessa Pastizzeria

P.P Saydon Street, Żurrieq

Naċċettaw ordnijiet ta' xogħol għal kull okkażżjoni

We accept orders for any occasions

**TROCADERO**
*Pastizzeria & Confectionery*

**Tel: 2164 7233**

**Triq San Bażilju,**
**Mqabba**
*(Wara l-Knisja)*

Nispeċjalizzaw f'kull kwalità ta' għaġina, ravjul, pastizzi, eċċ... Dawn l-affarijiet issibhom kemm imsajrin kif ukoll tal-friża.

*Ikollna ukoll soft drinks, ġelati, sigaretti, eċċ...*

**Naċċettaw ordnijiet għall-parties.**

*Mill-Istorja tas-Soċjetà*

# Giovanni Zammit

## *Membru Ewlieni taċ-Circolo Giorgio V*



**Angelo Schembri jfakkar l-memorja ta' Giovanni Zammit u l-avvenimenti li waslu għat-traġedja fl-Imqabba**

F'kull Soċjetà Mużikali mwaqqfa fi gżiritna, minn żmien għal żmien issib membri li jiddistingwu ruħhom iżjed minn oħrajn, b'ħidma sħiħa b'risq il-Każin u l-Partit tal-Festa li jkunu jgħożżu. Ma tkunx għażla tagħhom li jispikkaw iżjed minn ħaddieħor – ikun xogħolhom u l-passjoni lejn l-għaqda li jħobbu, li jitkellmu għalihom. U għalhekk mhux każ rari li fl-istejjer għonja tas-soċjetajiet mużikali tagħna, jinstabu nies li litteralment ikunu taw ħajjithom għall-festi li niċċelebraw. Meta, ftit tax-xhur ilu, ġejt avviċinat mill-Bord Editorjali ta' din il-pubblikazzjoni, biex nagħti sehmi permezz ta' kitba riċerkata li tkun ta' interess għall-qarrejja li jsegwuha, ftakart li madwar sena ilu kont iltqajt ma' ittra ppubblikata fil-ġurnal Malta Tagħna tal-24 t'Awwissu 1901, li fiha l-korrispondent[1] ifaħħar il-festa kbira li kienet għadha kemm ġiet iċċelebrata f'ġieh l-Assunzjoni tal-Verġni Mbierka fl-Imqabba. Tajtha titwila mill-ġdid u għajnejja ltaqgħu ma' isem Giovanni (Ġianni) Zammit, li ġie mfaħħar m'oħrajn fi tmiem l-ittra għall-mod mill-isbaħ li bih ramaw Triq il-Parroċċa, komunement magħrufa bħala t-Triq tan-Nofs. Ġieni f'moħħi li Giovanni Zammit ma kienx isem ġdid għalija fir-riċerka li nagħmel minn żmien għal ieħor, u huwa għalhekk li permezz ta' din il-kitba nixtieq infakkar lil dal-personaġġ prominenti li ħadem u stinka sa ħalla ħajtu għall-Festa tal-Assunta fl-Imqabba. Irrid ngħid ukoll, li minbarra l-materjal esklussiv li rnexxieli nakkwista għal din il-kitba, ikkonsultajt diversi drabi l-ktieb Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba, miktub mis-Sinjura Carmen Lia.[2] Ta' min jgħid li f'dan il-ktieb, is-Sinjura Lia għarfet il-kontribut qawwi li Giovanni Zammit ta' lic-Circolo Giorgio V u dwaru tikteb b'mod estensiv kif xieraq.



*Giovanni Zammit*

**U għalhekk mhux każ rari li fl-istejjer għonja tas-soċjetajiet mużikali tagħna, jinstabu nies li litteralment ikunu taw ħajjithom għall-festi li niċċelebraw**

Ħarsa bijografika lejn Giovanni Zammit turina li hu twieled l-Imqabba miż-żwieġ ta' Giuseppe u Maria née Galea, fl-għodwa tal-4 ta' Settembru 1880 u tgħammed dakinhar stess filgħaxija mill-Kappillan Dun Franġisk Vella.[3] Ingħata l-ismijiet Ioannes, Josephus u Laurentius. Ħutu kienu Dun Mikiel[4] u Grazzja Zammit. Il-familja kienet magħrufa bil-laqmijiet Ta' Brajnek jew Ta' Saguna. Fis-6 t'Ottubru 1917 iżżewweġ lil Giuditta bint Andrea Scicluna u martu Giuseppa née Zammit. Iż-żwieġ ta' Giovanni u Giuditta ġie mbierek miz-ziju tal-għarus Dun Lawrenz Zammit fi tmiem quddiesa li ġiet iċċelebrata fil-Knisja tan-Nazzarenu fl-Imqabba stess.[5] Wieħed mix-xhieda taż-żwieġ kien l-Avukat Dr. Filippo Pullicino minn tas-Sliema.[6] Miż-żwieġ ta' Giovanni u Giuditta Zammit, twieldu żewġt ibniet, Giuseppa u Maria. Ħu missieru Giuseppe, kien Dun Lawrenz Zammit,[7] li kien Prokuratur tal-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba, benefattur tagħha u kittieb ta' żewġ kotba storiċi: *Għat-Tielet Ċentenariu tal Erezioni tal Cnisia Parrocchiali ta l'Imkabba fil Festa Solenni tal Gloriusa Assunzioni tal Beata Vergini Maria fis-sena 1898* (1898) u *Descrizioni Storica tal Cnisia Parrochiali tal Imkabba* (1927). Ħuh Dun Mikiel, sa minn meta kien għadu kjeriku, kien ukoll wieħed mid-deputati tal-Festa ta'

Santa Marija. Għalhekk nistgħu liberament ngħidu li Giovanni Zammit kien influwenzat familjarment mill-imħabba lejn il-Knisja Parrokkjali ta' raħal twelidu u l-Festa ta' Santa Marija.

L-ewwel darba li jissemma pubblikament is-sehem ta' Giovanni Zammit fil-Festa tal-Assunta jkun f'dik l-ittra tal-1901 li semmejt fl-introduzzjoni ta' din il-kitba, fejn jiġi mfaħħar ma' oħrajn għall-armar li ramaw fi Triq il-Parroċċa fil-kuntest tal-festa kbira li kienet saret dik is-sena *"…din is-sena in quantu ghall armar ta barra issupera ic-centinariu ghall ghaxar darbiet."* Tliet snin wara, fil-ħarġa tal-ġurnal Malta Tagħna tas-27 t'Awwissu 1904, jerġa' jissemma Giovanni Zammit, li f'idejh u f'idejn Nicola Scicluna ġie afdat it-tiżjin u l-armar tat-toroq kollha tal-Imqabba għall-Festa tal-Assunta. Sena wara l-istorja terġa tirrepeti ruħha[8] u dan jindika li isem Giovanni Zammit, beda kulma jmur ikun dejjem assoċjat dejjem iżjed maċ-ċelebrazzjonijiet tal-Festa. Sa mis-sena 1905, kien twaqqaf fl-Imqabba l-Casino Santa Maria li kien jieħu ħsieb iż-żewġ festi ewlenin tar-raħal. Dan, fl-1910 bidel ismu għal Circolo Giorgio V b'tifkira tal-bidu tar-renju tar-Re Ġorġ V, u minn hemm jidher li fl-Imqabba nħolqu l-partiti tal-festi għax dal-Każin twaħħad mal-Festa ta' Santa Marija u sena wara twaqqaf iċ-Circolo Pio X biex jorganizza l-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Fl-ewwel Kumitat taċ-Circolo Giorgio V,[9] Giovanni Zammit inħatar bħala Kaxxier. Iżda l-armar u l-Kumitat, ma kinux l-uniċi oqsma li fihom kien jagħti sehmu. Fir-Reġistri tal-Okkorrenzi tal-Pulizija tal-epoka, nsibu rapport datat 7 ta' Lulju 1911, li jgħid li saret tfittxija fil-Casino Santa Maria li kien jinsab 1, Strada Carmine, b'suspett li kien qed jinħażen xi materjal splussiv. Fil-fatt, ġew elevati 280 bomba mill-istess każin li ġabu fl-inkwiet lill-President Paolo Caruana tal-Avemaria u lil Antonio Grech ta' Pupoll li kien sid il-Każin. Dakinhar stess Giovanni Zammit ta' Saguna, li allura kien il-Kaxxier tal-imsemmi każin, ġie akkużat li ħadem logħob tan-nar f'post mhux awtorizzat. Dan il-każ ma qatax qalb Giovanni, u fil-fatt sena wara nsibuh jerga' jissemma' b'ismu fil-Malta Tagħna għas-suċċess li kien inkiseb fil-Festa Titulari tal-1912. Il-maggor parti tal-armar estern li jintrama għall-festa ta' Santa Marija, inħadem u żżanżan bejn l-1920 u l-1923 bit-tħabrik ta' Giovanni Zammit, Baskal Gauci (tal-Pasens) u Lorenzo Zammit (tal-Mejlaq). Fosthom nistgħu insemmu s-sett tal-Appostolat, Sant'Anna u San Gwakkin u l-istatwa maestuża tal-Inkoronazzjoni tal-Madonna, kollha maħduma mill-istatwarju Karmnu Mallia l-Lhudi ta' Ħal Qormi, u kompluti bil-pedestalli tagħhom. Jingħad li dawn kienu jinġabu minn Ħal Qormi fuq karettun tal-molol minn Giovanni nniffsu u Ganni Busuttil (ta' Soldi).

Mir-Reġistri tal-Okkorrenzi tal-Pulizija,[10] jirriżulta li kien hemm xi diżgwid bejn Giovanni u ħuħ Dun Mikiel, hekk kif f'temp ta' xahrejn lejn l-aħħar tas-sena 1916, insibu żewġ rapporti minn Dun Mikiel dwar vendikazzjonijiet li kienu sarulu mal-bieb tal-ġnien fi Strada Parrocchiale fl-inħawi Ta' Buar.[11] Fiż-żewġ każi, Dun Mikiel ikun ċar u jistqarr li jissuspetta li kien xogħol ħuħ Giovanni. Giovanni jissemma f'każ ieħor partikolari f'dawn l-okkorrenzi. Fid-19 ta' Novembru 1924, Carmelo Zammit tan-Naxxari irrapporta li madwar tmien snin qabel, kien silef xi għamara lil Giovanni Zammit ta' Brainech, biex tintuża fil-Club George V. Sena wara nfurmawh li Zammit kien biegħ l-għamara, bid-dħul minn dak il-bejgħ imur għall-fondi tal-istess Każin. Mhux magħruf għala tan-Naxxari mar jagħmel ir-rapport daqstant snin wara li seħħ il-każ allegat.

Sfortunatament, Giovanni Zammit kellu jtemm ħajtu billi jissemma fir-Reġistri tal-Okkorrenzi b'mod iżjed makabru mill-każi li għadni kemm semmejt. In-namra għan-nar mhux talli qatt ma telqet minn moħħ u qalb Giovanni, talli swietu ħajtu. Fiż-żmien li qed nikteb dwaru, ħadd ma kien għadu joħlom bl-infurzar ta' liġijiet dwar saħħa u sigurtà. Bilkemm kienu għadhom infetħu postijiet tan-nar biex jintużgħu speċifikament biex fihom jinħadem u jinħażen in-nar. Għalhekk id-dilettanti kienu jutilizzaw xi dwejriet f'għelieqi jew kmamar fil-barrieri, 'il bogħod minn għajnejn in-nies biex fihom jaħdmu n-nar ħalli ma jħallu nieqsa minn xejn lill-festa li kienu jħobbu. Jinsabu dokumentati diversi każi ta' tfittxijiet mill-pulizija fi djar residenzjali b'rabta ma' suspett ta' manifattura ta' logħob tan-nar jew żamma ta' sustanzi splussivi. Kull meta kienet tkun qed toqrob festa partikolari ta' raħal, sa minn xahar qabel, il-pulizija kienet tiddentifika xi persuni li jkun hemm xi suspett dwarhom li qed jaħdmu n-nar illegalment, u tmur tqallbilhom djarhom.[12] F'diversi każi, dawn kienu jirriżultaw fl-affermattiv. Giovanni Zammit ta' Brajnek, kellu jtemm ħajtu fl-għomor ta' 44 sena, b'riżultat ta' splużjoni ġo daru f'51/52, Via Valletta, li seħħet fis-16 ta' Lulju 1925. Zammit kien joqgħod faċċata tal-Iskola Primarja tal-Imqabba, fejn illum toqgħod il-Familja Galea fid-dar numru 105. L-okkorrenza tal-Pulizija li kien għassa dakinhar tgħid li waqt li Giovanni kien f'daru jħallat 10 libbri porvli mal-putassa, b'xi mod dal-materjal ħa n-nar u kkaġuna splużjoni kbira, li ħallietu ferut gravi kif ġie ċċertifikat minn Dr. R. Milanesi. Din l-isplużjoni kkawżat danni kbar mhux biss fid-dar imsemmija ta' Zammit, iżda anke f'dik ta' maġenbha nnumerata 50, proprjetà ta' William Spiteri mill-Belt, u li fiha kien joqgħod Michele Ghigo u l-familja tiegħu. Zammit ittieħed l-Isptar Ċentrali tal-Furjana u rapport tal-każ ġie mgħoddi lill-Maġistrat Dr. G. Depasquale, li mar iżur il-post tal-inċident minnufih. Sfortunatament, Giovanni Zammit tilef ħajtu jumejn wara, fit-18 ta' Lulju fis-2.30am,[13] ibati minn ħruq ma' ġismu kollu u qatgħa kbira kkawżata mill-isplużjoni. Il-funeral tiegħu sar mill-Kappillan Dun Pacifiku Mifsud[14] u ndifen fil-qabar numru 42, fil-Knisja Parrokkjali.[15]

Każ bħal dan, kif xieraq ittieħed b'serjetà kbira u saret inkjesta dettaljata li tlestiet gimagħtejn wara,









***Credit tar-ritratti: Emmanuela Galea***

fl-1 t'Awwissu 1925.[16] Fortunatament, din l-inkjesta għadha kkonservata f'kundizzjonijiet tajbin ħafna u aċċessibli għal min ikun jirriċerka.[17] Tibda bir-rapport tal-Maġistrat Depasquale fejn jgħid li wara li rċieva r-rapport dwar l-inċident mill-pulizija, l-għada 17 ta' Lulju 1925 fil-11am mar fil-post u osserva kwantità kbira ta' ġebel qadim, trab u biċċiet tal-injam li bl-isplużjoni kienu saħansitra waslu sal-bankina tal-iskola. Il-Maġistrat ikompli billi jgħid li d-dar ta' Zammit 51/52 kellha s-saqaf tas-sular ta' fuq u l-faċċata kollha mwaqqgħin u x-xorok jheddu li jaqgħu minn mument għal ieħor. Fl-istess qagħda kienu l-ħitan li jifirdu d-dar ta' Zammit minn dik tal-ġirien il-Familja Ghigo. Il-Maġistrat inkariga lill-Perit biex jagħti stima tad-danni u wara mar l-Isptar Ċentrali biex jinterroga lil Zammit dwar l-isplużjoni. L-għada 18 ta' Lulju, l-Maġistrat reġa' kien fuq il-post tat-traġedja u hemmhekk ingħata ċ-ċertifikat tal-mewt ta' Zammit li kienet seħħet kif għedna fis-2.30am ta' dakinhar. Fi kliem il-Maġistrat, irriżulta li dakinhar li seħħ l-inċident, Giovanni kien waħdu d-dar u għall-ħabta tas-7.30am, waqt li kien qed iħallat il-materjal pirotekniku, b'mod aċċidentali din it-taħlita ħadet in-nar f'idejh u kkawżat splużjoni li waqqgħet parti kbira minn daru u dar ġaru. Fl-inċident, Zammit safa' mirdum taħt il-ġebel li tar minn daru stess u nstab maħruq fi stat gravi. Il-Maġistrat ikkonkluda li kien hemm mal-100 lira sterlina spejjeż fid-dar ta' Zammit u 12-il lira oħra fid-dar ta' maġenbu. L-Ispettur Giuseppe Saliba mill-Għassa tal-Imqabba, ukoll jikteb rapport fejn jikkonferma kulma kien seħħ u jżid li l-familja ta' Michele Ghigo ġiet imwaqqfa milli tidħol lura f'darha minħabba l-istat ħażin li kienet tinsab. Bħall-Ispettur Saliba jagħmel it-Tabib R. Milanesi li jgħid li fil-maġġor parti tal-partijiet ta' ġismu, il-vittma kien qed isofri minn ħruq tal-ewwel grad u li kellu ħafna ġrieħi gravi. It-Tabib G. Apap jikkonferma li Zammit ittieħed l-Isptar Ċentrali fl-9.50am tal-għodwa li fiha seħħ l-inċident. Iżid li minkejja li kien f'periklu li jitlef ħajtu, kien jinsab fi stat li jista' jixhed. U hekk tasal ix-xhieda tal-vittma Giovanni Zammit. Jibda billi jgħid li dakinhar għall-ħabta tas-7.30am kien miexi f'waħda mill-kmamar tas-sular ta' fuq ta' daru, induna b'xi nar taħt saqajh u nċidentalment laqat xkora tal-karti li kien fiha għaxar libbri porvli li kien xtara mill-Belt. Zammit jgħid li hekk seħħet l-isplużjoni fejn hu spiċċa mirdum ġod-debris. Isostni li dak il-ħin fid-dar ma kien hemm ħadd, għalkemm ma kienx ċert setax kien hemm martu fis-sular t'isfel. Itemm ix-xhieda tiegħu billi jeskludi lil kulħadd minn xi ħtija li kkawżat l-inċident, fi kliem ieħor jammetti l-ħtija tiegħu. L-inkjesta ovvjament tinkludi ċ-ċertifikat tal-mewt iffirmat mill-Chirurgo Visitatore S. Caruana. Issegwi x-xhieda tal-Kuntistabbli Giuliano Zammit li fil-ħin tal-isplużjoni kien l-Għassa taż-Żurrieq u kien imsejjaħ biex imur l-Imqabba fuq il-post tal-inċident. Il-Kuntistabbli jgħid li ra lill-midrub fuq sufan tal-kanapè u staqsieh dwar l-inċident. Xhieda oħra nklużа fl-inkjesta tkun ta' Giovanni Galea mill-Imqabba, fejn jgħid li waqt li kien qed jaħdem fil-barriera li kienet tinsab fi Sqaq Buhar,[18] daqs sitt minuti 'il bogħod mill-Imqabba, ra daħna kbira tiela u ħarab jiġri għal ġol-għelieqi sakemm wasal f'Via Valletta fejn sab id-dar ta' Giovanni Zammit imġarrfa. Ikompli li nstema' xi krib ġej minn taħt il-ġebel imfarrak, u wara li persuna oħra qatgħet qalbha milli tidħol fid-dar, minħabba l-istat ħażin li kienet fih, hu rnexxielu jneħħi xi ġebel biex Zammit seta' jittella' u jitpoġġa fuq sufan ġo kamra fuq ġewwa. Xhieda oħra miġbura tkun ta' Dun Michele Zammit, deskritt bħala mwieled l-Imqabba u residenti l-Qrendi u li kien ħu l-vittma. Dun Mikiel jagħti nformazzjoni dwar kif kienet maqsuma f'termini ta' pussess id-dar li fiha kien jgħix ħuh. Giovanni kellu l-akbar ammont ta' ishma, iżda miegħu kien hemm ukoll Dun Mikiel u oħthom Grazia miżżewġa lil Carmelo Zammit. Ta' min jgħid li dawn ix-xhieda kienu kollha marbuta bil-ġurament, kif inhi n-norma f'każi simili. Il-Perit Salv. Ellul itemm l-inkjesta billi jippreżenta l-estimi tal-ħsarat li jkunu nvoluti fiż-żewġt idjar milquta mit-traġedja.

Kif għedt iżjed qabel, Carmen Lia fl-1997, kitbet dwar dal-każ u ntervistat nies li saħansitra kienu għadhom jiftakru t-traġedja li fiha miet Giovanni Zammit ta' Brajnek.[19] Kien hemm min stqarr li ftit qabel, Zammit kien deher ħiereġ mill-ġardina li kellu fi Triq il-Fjuri u daħal id-dar. Kien hemm min zied li t-traġedja setgħet kienet akbar li kieku kien hemm it-tfal deħlin l-Iskola Primarja. Jingħad li t-tfal ma kinux barra l-bieb tal-iskola bħas-soltu, għax ċertu Censu Mangion li kien landier, beda jdoqq xi orgni u allura mxew miegħu u warrbu mill-periklu mingħajr ma jafu. Fost in-nies li ntervistat Lia, kien hemm Nikola Zammit, neputi tal-vittma u bin oħtu Grazia. Hu stqarr li fil-ħin li seħħet l-isplużjoni, ommu ndunat x'ġara u ħarbet tiġri lejn Via Valletta. Kienu diġà qegħdin ifittxu lil Giovanni u dan instema' jgħid "Hawn qiegħed Kraf's" b'referenza għal Giovanni Galea magħruf bħala Krafes, li iżjed 'il fuq, mix-xhieda li ta', kien diġà qal li hu rnexxielu joħroġ lill-midrub minn taħt il-ġebel fejn kien intradam. Grazia marret tgħannaq u tbus lil ħuha, iżda tennielha biex ma tmissux għax kellu ġismu maħruq. Wieħed irid iqis ukoll li l-każ seħħ inqas minn xahar mindu tiġi ċċelebrata l-Festa tal-Assunta u Zammit kien qed jaħdem għall-festa li kellha tiġi ċċelebrata fi żmien qasir. Jidher li huwa kien magħruf għall-murtali tal-kulur bil-bomba magħrufa bħala tar-Ruġġiera li kienu mfittxija mid-dilettanti fil-jiem tal-Festa ta' Santa Marija. Kapaċità oħra ta' Giovanni Zammit kienet il-mod kif jikkarga t-tempijiet tal-murtali, tant li rari kien ifallilu xi murtal. Osservazzjoni oħra li tinkludi Carmen Lia hija li ntqalilha li mart Giovanni, Giuditta ta' Gezwirina, kienet tgħid li żewġha kien iridha toqgħod maġenbu waqt li kien ikun qed jaħdem in-nar. B'xorti tajba, dakinhar ma kinitx id-dar u ħelset mill-periklu li tindarab jew agħar minnhekk titlef ħajjitha. B'riżultat ta' din it-traġedja, Pasquale Gauci u Giuseppe Facciol

tal-Pasens, ma ħadmux nar iżjed. Facciol kien qed jiġi mrawwem minn Giovanni Zammit innifsu u dakinhar tal-inċident, meta reġa' lura l-Imqabba mix-xogħol, infurmawh x' kien ġara. Mar l-Isptar Ċentrali jara lill-ħabib u mgħallem tiegħu li tah parir biex ma jaħdimx nar iżjed u biex jarmi l-murtali li kellu f'ġiebja, għax hekk biss seta' jevita d-diżgrazzja li kienet ġrat lilu.

Dan l-artiklu, jagħti ħarsa storika lejn il-Festa tal-Assunta fil-bidu tas-seklu għoxrin u ħarsa bijografika lejn bniedem li litteralment ta' ħajtu għall-ideal li kien jemmen fih. Aktar minnhekk, dal-artiklu huwa ntiż li jrodd ħajr u jfakkar persunaġġi li mal-korsa taż-żmien, ikunu bdew jintesew. Jekk wieħed iqis li minn din il-ġrajja għaddew 91 sena, ma jagħtix tort lill-ġenerazzjoni tal-lum li ma tkunx taf b'nies bħal Giovanni Zammit. Iżda kitbiet bħal din, joffru l-kapaċità li jitfakkru u jiġu apprezzati mill-ġdid l-isforzi u l-ħidmiet ta' dawk li qabilhom irsistew għall-Festa tal-Assunta. Meta taqra dwar il-ħidma li rnexxielu jwettaq f'perjodu qasir ta' 43 sena t'għixien, tassew tasal għall-konklużjoni kemm verament kien bniedem dedikat li ħabb lil Santa Marija, l-Festa u s-Soċjetà tagħha tal-Imqabba, dan Giovanni Zammit ta' Brajnek !

**Noti u Referenzi:**

1 L-ittra hija ffirmata bin-nom de plume Devot.

2 Il-ktieb ġie ppubblikat fis-sena 1997 b'tifkira t'għeluq il-50 anniversarju mit-twaqqif tal-Banda Re Ġorġ V.

3 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba – Lib. Bapt. Vol. VII (1871-1900), 60.

4 Dun Mikiel Zammit ġie ordnat saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1907 u ċċelebra l-Prima Messa tiegħu fil-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba fil-5 ta' Jannar 1908.

5 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba – Lib. Matr. Vol. VI (1905-1939), 78.

6 Dr. Filippo Pullicino jidher li kien il-bniedem strumentali biex seta' jinfetaħ l-ewwel Casino Santa Maria. Hu kellu dar ta' villeġġjatura fl-Imqabba u kellu wkoll ħbieb Imqabbin, fosthom Spiru Schembri ta' Barbra u Giovanni Zammit ta' Brajnek, li dwaru hu dan l-artiklu. Skont xhieda mogħtija lil Carmen Lia minn Maria Mifsud, fl-1905 Spiru Schembri talab lill-Avukat Pullicino biex jużaw id-dar fuq imsemmija, biex ikun jista' jinfetaħ il-Każin u jkollhom fejn jiltaqgħu. Dr. Pullicino tah l-użu tal-fond mingħajr spejjeż ta' kera u b'apprezzament għal dan il-ġest ġeneruż, l-ewwel kumitat tal-Casino Santa Maria mmexxi mill-President Pawlu Caruana, ħatar lill-Avukat bhala President Onorarju. Dr. Filippo Pullicino baqa' jżomm din il-kariga sakemm inħatar Imhallef. skont kitba ta' Patri Karm Zammit ippubblikata fis-sensiela Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi tagħhom, PIN Publications 1993, dan il-lok misluf minn Dr. Pullicino kien jinsab f'Nru. 108, Triq il-Parroċċa.

7 Dun Lorenzo Zammit ġie ordnat Saċerdot fis-17 ta' Diċembru 1887.

8 Malta Tagħna 26 t'Awwissu 1905.

9 L-ewwel Kumitat tac-Circolo Giorgio V kien kompost minn disa' membri mmexxija mill-President Felic Zammit tar-Reġina.

10 Ir-Reġistri tal-Okkorrenzi tal-Pulizija li qed nikkonsulta jibdew mis-sena 1900 u jinkludu ż-Żurrieq, l-Imqabba, l-Qrendi, Hal Safi u Hal Kirkop. Sa tliet snin ilu dawn kienu jinżammu fl-Għassa taż-Żurrieq, iżda issa jinsabu kkonservati fl-Arkivji Nazzjonali r-Rabat.

11 Fid-29 ta'Diċembru 1916, Dun Mikiel jirrapporta li mal-bieb tal-ġnien li kellu fl-inhawi Ta'Buar, sab miktub *"Dana il bieb haja kasira bakalu ghax nargia naharku"*.

12 Każ ieħor jaħraq seħħ fl-24 ta'Lulju 1913, meta b'ordni tal-Ispettur A. F. Inglott, saret tfittxija fir-residenza 38, Strada Parrocchiale fuq suspett ta'manifattura tal-logħob tan-nar. Ġew konfiskati xejn anqas minn 1150 bomba u kwantità żgħira ta' putassa u antimonju. Ix-xogħol fuq dal-murtali kien qed isir minn Giosafatto Galea ta'Fattu. Il-fatt li s-sejba saret lejn l-aħħar ta' Lulju, jindika li dawn il-bombi kienu qed jiġu ppreparati għall-Festa tal-Assunta.

13 Similarità li hija konsistenti f'dal-każ tal-mewt ta' Giovanni Zammit hija li hemm diversi żbalji fid-dati, età ecc. Pereżempju ma kienx jidher li hemm qbil dwar il-ħin ta' mewtu, iżda issa mill-Inkjesta kkonkludejna li seħħet fis-2.30am. Skont ir-Reġistru tat-Twelid, Giovanni Zammit kellu 44 sena u riesaq lejn il-45. Madanakollu kemm l-Inkjesta u anke l-ġurnal Malta Tagħna tal-25 ta' Lulju 1925, jgħidu li kellu 43 sena.

14 Dun Pacifiku Mifsud mill-Mosta, serva bħala Kappillan tal-Imqabba mill-1922 sal-1931 u mbagħad inħatar bħala Arċipriet taż-Żejtun.

15 Arkivju Parrokkjali tal-Imqabba – Lib. Mort. Vol. VI (1882-1933), 266. Ħajr lill-Kan. Dun Jonathan Farrugia għar-riċerka fl-Arkivju Parrokkjali fir-Reġistri tal-Magħmudijiet, Żwieġ u Mwiet.

16 *Processo verbale relativo all' accesso tenuto alla Micabiba, Via Valletta Ni. 51 e 52, in connessione di una esplosione in avvenuta* – 1/8/25

17 Ħajr speċjali lis-Sur Joseph Amodio Assistant Arkivista fl-Arkivji Nazzjonali tal-għajnuna kbira fit-tiftix tad-dokumenti relatati ma' dan l-artiklu.

18 Sqaq Buhar jinsab fuq nett ta' Triq il-Parrocca fuq ix-xellug tat-triq, b'niċċa bi statwa ta' San Mikiel li timmarka l-bidu tiegħu. Minkejja li msejjah sqaq, dan joffri aċċess għal dawra mhux żgħira mal-periferija tal-Imqabba u jwasslek sat-Torri Vincenti u jiżbokka f'Triq Valletta, ftit metri 'il bogħod minn fejn seħħet l-isplużjoni fid-dar ta' Giovanni Zammit.

19 Għal iżjed informazzjoni ara: Carmen Lia f'Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja tal-Imqabba 1997, Pagni 101-104 u 117.



# Meludia

**Catherine Tabone, Direttur tal-Kultura tikteb dwar ftehim ta' sħubija li sar bejn il-Gvern Lokali u l-kumpanija Franċiża Meludia u żjara li saret mill-fundatur ta' din il-kumpanija fl-Imqabba fis-sede tas-soċjetà.**

Permezz tad-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, Malta ffirmat ftehim ta' sħubija interessanti mal-kumpanija Franċiża *Meludia* li toffri pjattaforma *online* ta' tagħlim mużikali. Fl-1 ta' Mejju 2016, l-aċċess għall-pjattaforma tal-Meludia sar disponibbli bla ebda ħlas għal kull resident ta' Malta u għal kull min iżur pajjiżna.

**Malta, minkejja d-daqs tagħha, produċiet ħafna mużiċisti kbar u ta' sikwit poġġiet l-edukazzjoni tal-mużika fuq quddiem**



*Carmel Briffa u Remenda Borg Grech f'isem is-Soċjetà jattendu għat-tnedija tal-proġett Meludia ġewwa t-Teatru Manoel*

Malta, minkejja d-daqs tagħha, produċiet ħafna mużiċisti kbar u ta' sikwit poġġiet l-edukazzjoni tal-mużika fuq quddiem. Meta t-tenur Malti, li hu magħruf mad-dinja kollha, Joseph Calleja skopra Meludia, mal-ewwel induna bil-kwalitajiet pedagoġiċi b'saħħithom u l-aproċċ ġdid u avvanzat għall-iżvilupp tal-perċezzjoni tal-mużika, tal-kapaċitajiet tas-smigħ u tal-kisba tal-fatturi fundamentali tal-mużika li din il-pjattaforma ġġib magħha. Hu ra lill-Meludia bħala l-għodda ideali biex kull resident ta' art twelidu jkollu litteriżmu mużikali. Għaldaqstant huwa għarraf lil Prim Ministru Joseph Muscat b'dan il-proġett, li mal-ewwel qabel li jkun hemm skjerament fuq livell nazzjonali.

Il-kumpanija Franċiża Meludia, li hija bbażata f'Pariġi bdiet topera fl-2012 u ilha minn dan iż-żmien tirċievi premijiet prestiġjużi, fosthom il-Midalja tad-Deheb fil-Concours Lépine Internazzjonali għall-Innovazzjoni tal-2014, kif ukoll kienet fost il-finalisti għall-aqwa innovatur fil-mużika fil-SXSW Festival f'Austin, Texas fl-2015.

L-approċċ rivoluzzjonarju tal-Meludia lejn it-tagħlim tal-mużika ġie rikonoxxut u approvat min-numru li dejjem qiegħed jikber ta' istituzzjonijiet, *ensembles*, mużiċisti u edukaturi magħrufa mad-dinja kollha. Dawn jinkludu lil Curtis Insititute of Music u professuri minn MIT f'Boston u Sorbonne University f'Pariġi.



*Numru ta' aljievi u żgħażagħ jattendu il-Meludia Roadshow fis-Sala tal-Banda*



*Bastien Sannac CEO ta' Meludia ippreżentat bi ktieb ta' tifkira mis-Segreatju Ġenerali tas-Soċjetà Carlo Sciberras*

Il-"Metodu Meludia" li huwa mibni u bbażat fuq 25 sena ta' riċerka, huwa uniku fis-sens li jaggrega



*Ritratt ta' tifkira taż-żjara ta' Bastien Sannac*



*Bastien Sannac jintervista lil Remenda Borg Grech Viċi Segretarju tas-Soċjetà*



*Intervista fuq stazzjon tat-televiżjoni lokali*

numru ta' metodi rikonoxxuti ta' kif titgħallem il-mużika, li jinkludu Orff, Willems, Dalcroze, Kodály u Martenot, kif ukoll avvanzi riċenti fix-xjenza konoxxittiva, li tinkludi tagħlim rinfurzat u tagħlim impliċitu. Bl-iżvilupp tal-abbiltà tal-utent li jifhem u japprezza aktar il-lingwa tal-mużika, il-"Metodu Meludia" jgħolli b'mod naturali l-livell ta' impenn u motivazzjoni u, fl-istess ħin, jiżviluppa perċezzjoni għall-mużika istintiva u l-abbiltà li tisma' aħjar. Dak li jagħmel din l-applikazzjoni fuq l-Internet tal-"Metodu Meludia" eċċezzjonali huwa li din hi għodda interattiva u progressivva, u tieħu gost tużaha wkoll.

Mat-tnedija f'Mejju, it-tim tal-Meludia qatta' ġimgħatejn idur il-gżejjer Maltin, biex jintroduċi l-pjattaforma fl-iskejjel, l-università, ċentri tal-komunità, djar tal-anzjani, sptarijiet, ħabsijiet, l-orkestra nazzjonali, l-iskola tal-mużika, każini tal-banda eċċ. Dawn iż-żjarat saru bil-għan li jitqajjem għarfien pubbliku dwar l-importanza tal-litteriżmu fil-mużika u servew ukoll bħala introduzzjoni għas-600 eżerċizzju u fuqhom li fiha l-pjattaforma Meludia. Waħda miż-żjarat li saru matul dan il-perjodu, seħħet propju fil-każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, fejn kien hemm attendenza sabiħa minn partitarji u alljievi għall-preżentazzjoni li taw ir-rappreżentanti tal-Meludia. B'dan il-mod, kemm jista' jkun residenti Maltin, irrispettivament mill-istatus soċjali u l-isfond mużikali tagħhom, saru jafu b'din l-inizjattiva interessanti.

Il-pjattaforma Meludia diġà attirat l-attenzjoni tal-media internazzjonali bis-saħħa tal-proġetti fuq skjerament nazzjonali fuq skala kbira tagħha. Fl-2015, il-gvern tar-Repubblika tal-Estonia għażel lill-Meludia għall-popolazzjoni tiegħu ta' 1.3 miljun, fejn hu qiegħed joffri edukazzjoni fil-mużika lil kull raġel, mara, tifel u tifla fin-nazzjon.

Ħolqa għas-sit tal-Meludia:

http://www.meludia.com

Id-Direttorat għall-Kultura ġie mwaqqaf sabiex jiżgura li l-irwol ta' governanza tal-Ministeru responsabbli għall-kultura jiġi mwettaq b'mod effiċjenti u espedjenti, u li kwistjonijiet importanti li għandhom effett fuq is-settur jitressqu għall-attenzjoni tal-awtoritajiet politiċi u amministrattivi kompetenti.

Ir-responsabilitajiet prinċipali tad-Direttorat huma dawn li ġejjin:

a. għotja ta' politika, direzzjoni u konsulenza dwar l-arti, il-patrimonju, u l-qasam awdjoviżiv;
b. l-immaniġġjar ta' żewġ programmi relatati mal-kultura, l-arti u l-industriji kreattivi, li huma l-Culture Card u l-Iskema tad-Diġitizzazzjoni għaċ-Ċinema;
c. il-preparazzjoni ta' kontribuzzjonijiet għal dibattiti u diskussjonijiet pubbliċi;
d. ħidma mill-qrib mal-entitajiet u partijiet interessati rilevanti dwar kull materja relatata mas-settur kulturali u dak kreattiv ta' Malta;
e. xogħol ta' preparazzjoni għal żewġ proġetti kapitali.

# Messaġġ tal-Għaqda Każini tal-Banda għas-sena 2016

**L-Avukat Noel Camilleri, President tal-Għaqda Każini tal-Banda, jwassal il-messaġġ tiegħu għall-jiem tal-festa.**

Meta jkun qed joqrob iż-żmien li matulu dik il-belt jew raħal jkun ser jiċċelebraw il-festa dedikata lil qaddis partikolari, dik il-komunità tibda bil-preparamenti tagħha biex tiċċelebra b'mod xieraq il-festa li fiha żewġ aspetti importanti u konnessi. Dawn jikkonsistu f'dawk reliġjużi marbutin b'mod intrinsiku ma' dawk tradizzjonali u popolari. Kulħadd jkollu stennija biex jara x'ser ikun organizzat minn dik is-soċjetà Mużikali li ħafna darbi jkunu huma li jixprunaw u jorganizzaw il-festi partikolarment dawk esterni anke jekk hemm uħud li huma involuti, u hekk għandu jkun, f'dawk interni ukoll għaliex il-festa mingħajr xi wieħed minn dawn l-aspetti tagħha tkun qed titlef parti minn dak li verament tagħmel festa Maltija. L-aspettativa ta' dik il-komunità huwa wieħed mistenni, imma bħala Soċjetajiet Mużikali għandna responsabilità kbira biex dawk l-aspettativi ma jkunux għoljin iżżejjed li minflok ġid jagħmlu ħsara mhux biss għas-soċjetà mużikali imma anke lill-komunità bħala tali.



*Dr Noel Camilleri President tal-Għaqda Każini tal-Banda*

**Din l-istennija tal-komunità turi li s-soċjetajiet Mużikali huma punt ta' referenza u għalhekk huwa fl-obbligu tagħna li dawn il-festi niċċelebrawhom kif jixraq, bil-mezzi tagħna, mingħajr eċċessi u bi spirtu verament nisrani**

Din l-istennija tal-komunità turi li s-soċjetajiet Mużikali huma punt ta' referenza u għalhekk huwa fl-obbligu tagħna li dawn il-festi niċċelebrawhom kif jixraq, bil-mezzi tagħna, mingħajr eċċessi u bi spirtu verament nisrani. Għandna d-dmir li naraw li ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi jżommu t-tradizzjonijiet tagħhom u elementi li ma humiex direttament relatati ma għandhomx jkollhom post fil-festi tagħna għaliex il-ġid li s-soċjetajiet Mużikali jagħmlu b'mod volontarju jista' jisfaxxa fix-xejn. Tajjeb li bħala għaqdiet Mużikali niftakru u nfakkru fl-ammont ta' volontarjat bħal pereżempju t-tagħlim tal-mużika li ssir kollu kemm hu b'xejn iżda li xorta waħda huwa ta' livell għoli u dan jixhduħ ir-riżultati li jġibu l-istudenti ma' istituzzjonijiet barranin. Dan kollu jsir ġewwa l-bini tal-għaqdiet Mużikali Maltin u Għawdxin li iżda mhux dejjem huwa apprezzat u rikonoxxut kif jistħoqqlu.

Is-soċjetà partikolarment fuq bażi lokali imma anke fuq bażi nazzjonali tagħraf kemm is-soċjetajiet Mużikali jagħmlu xogħol għall-festi Maltin u Għawdxin. Dan huwa stat ta' fatt għaliex kieku ma jkunx hemm din l-aspettativa kollha mill-poplu kollu. Imma bħala soċjetajiet Mużikali għandna d-dover u l-obbligu li nindukraw dawn il-festi b'mod li nibqgħu norganizzawhom b'mod dixxiplinat, b'serjetà u mingħajr ma nħallu elementi estranji għall-ħidma tal-baned tagħna, jieħdu dak li l-każini tradizzjonali ħadmu għalih, f'dawn l-aħħar mija u tmenin sena u għadhom jaħdmu għalih qattiegħ, b'mod volontarju u b'sens ta' lealtà lejn il-komunità fejn huwa stabbiliet.

Għalhekk f'isem l-Għaqda Każini tal-Banda filwaqt nawgura l-festa t-tajba, inħeġġeġ li nkomplu naħdmu u niċċelebraw il-festa tagħna b'unità, bl-element reliġjuż fiċ-ċentru tagħha u nagħrfu li l-festa għandha tkun okkażjoni li matulha nkomplu nuru li s-soċjetajiet Mużikali jagħrfu r-responsablità li għandhom billi jiċċelebraw il-festa b'maturità, b'moderazzjoni u mingħajr eċċessi u li nkompli nsaħħu l-element kulturali u tradizzjonali li huma parti essenzjali mill-festi Maltin u Għawdxin.



*Tislima*

# Giovanni Ghigo 1980 - 1993

**Giovanni Farrugia ifakkar il-memorja ta' Gabriel Ghigo, devot u partitarju ħabrieki tas-Soċjetà Santa Marija**



*Giovanni Ghigo*

L-istorja tiġi magħmula minn ċittadini serji, li jħaddnu jew li kienu jħaddnu qabel marru jiltaqgħu mal-Mulej, devozzjoni kbira. Fost dawn insibu lil ħabib antik tagħna s-sur Gabriel Ghigo, devot veru, b'qalb taħraq, lejn il-glorjuża tagħna Santa Marija, Reġina tas-sema u l-art, maħtura Titular tal-Imqabba minn missirjietna.

Gabriel twieled fl-1980 u miet fit-8 ta' Diċembru 1993, fl-għomor ta' 85 sena. Kien wieħed minn ħames t'aħwa, kuġin tal-monsinjuri l-aħwa Ghigo. Is-Sur Gabriel, bħal ħafna partitarji oħra, dejjem ħaddem minn wara l-kwinti, bħal partitarji oħra li ħadmu personalment u anke finanzjarjament, b'tant sagrifiċċji li toffri l-ħajja tagħna. L-għan ewlieni tagħhom ikun li jaraw id-devozzjoni tikber dejjem iktar permezz tal-kbira Reġina tas-Sema u l-Art, Santa Marija.

Minn informazzjoni li għandna u li hija ftit xotta, insibu fost oħrajn li s-Sur Gabriel Ghigo ħadem ħafna ma' Ġużeppi Zammit, li kien jiġi minnu, biex jbiegħ lis-soċjetà il-biċċa art f'ta' Sapian u hekk il-post tan-nar jikber sostanzjalment. Għalkemm il-problema kienet ftit diffiċli pero il-medjazzjoni rnexxiet b'ċerta għaqal u prudenza, kif dejjem ħadem is-sur Gabriel Ghigo.

Pero kif għedna, is-Sur Gabriel Ghigo kien bniedem ta' prinċipju u kull opra tajba li jagħmel mingħajr daqq ta' trombi. Dejjem b'nofs daħka u dejjem lest biex jgħin b'xi parir tajjeb. Fejn jkun hemm bżonn dan juri bil-fatti li kien ħabib ta' veru, li tista' tafdah fir-rigward ta' ċertu problemi. Forsi proprju minħabba li kien daqstant bniedem li jaħdem fil-kwiet li r-riċerki huma xotti ħafna. U li sibna kienu bi ftit informazzjoni, dan għednieh ukoll jien u t-tifla tiegħu, is-Sinjorina Franġiska Ghigo.

Kull meta kont niltaqa' miegħu u flimkien niddiskutu xi problema li kienet tkun tal-preżent, kien jgħidli, "Ġiovann, tiħux deċiżjoni dak il-ħin, imma ħalli ftit taż-żmien jgħaddi biex wieħed jara x'se jiġri." Jiena kont nifhmu mill-ewwel, dik li bl-Ingliż ngħidulha Long Term Policy. Għax kull deċiżjoni fiha d-diffikultajiet tagħha u hawn jidher l-għaqal u l-prudenza tiegħu.

Bħal kull pajjiż ieħor l-Imqabba kellha jew għaddiet minn problemi serji, kemm bħala villaġġ antik bi storja; dawn il-fatti, kienu tant realtà, għall-antenati tagħna, li r-rikorrew lejn dik l-Omm ħanina li tat tweġiba għad-devozzjoni serja u qawwija. F'kull ħin jew filwaqt li talbu. Hekk tixhed l-istorja, li niesna għaddew minnha. Ħafna minn dawn l-istejjer huma ddokumentati bħal meta ġibna l-istatwa minn għand Xandru Farrugia miż-Żejtun sal-Imqabba; il-Konvoj ta' Santa Marija; l-Ikoni li kien hemm fis-sagristija l-qadima u tant grazzi oħrajn li tatna. Sa minn meta bdiet id-devozzjoni lejn Santa Marija, bl-ewwel inkwatru li kien hemm fil-kappella ta' Ħal Millieri u tant grazzji oħra li ma nafux bihom.

Ejjew lkoll nimitaw lil dawn l-antenati tagħna li mietu f'serenità u paċi kbira li kellhom f'qalbhom, tul ħajjithom, u li kien jizvugaw din l-imġabba fil-15 ta' Awwissu. B'ferħ u paċi kbira f'qalbhom u f'għaqda ta' partit magħqud, lejn l-Omm Ħanina Santa Marija, Patruna Tagħna għall-Eternità.



*Il-knisja parrokkjali tal-Imqabba dedikata lil Santa Marija qabel ma ġġarrfet il-koppla fl-1942 waqt attakk mill-għadu.*



*Il-Vara Titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba imnaqqxa fl-injam fl-1836 minn Mastru Xandru Farrugia.*


SCICLUNA FLORIST
Garden Centre
Specializes in:
Flower Arrangements for Weddings, Holy Communion etc.
Souvenirs for every occasion, Artificial Flower and Tulle,
Fresh Plants and Fruit Trees.
Bronja Street, Żurrieq
Tel: 2164 9621


Ta' Rita Lapsi View Bar & Restaurant
Offering authentic traditional cuisine, Ta' Rita Lapsi View serves breakfast, lunch and dinner, with a vast selection of wines to choose from. Whatever the time of day, patrons will be dining in style with an exceptional view of Ghar Lapsi and Filfla in a comfortable and relaxing atmosphere.
Opening times:
Winter: Lunch Tuesday to Friday
Summer: Lunch and Dinner Tuesday to Friday
Weekends open all year round.
Lapsi View Bar & Restaurant, Lapsi Road, 40, Siggiewi. Tel: 2164 0608/2168 0800 Mob: 7982 0098
www.taritalapsiview.com



*L-Esperjenza tal-barranin f'raħalna*

# Mil-lenti tal-Barrani

**Dennis u Floren Visser, koppja Olandiża li għandhom id-delizzju li jduru diversi spettakli Piroteknići madwar l-Ewropa. Dennis u Floren żaru l-ewwel darba pajjiżna fl-2013 proprju għall-Festa Titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba. Wara esperjenza mill-aqwa, huma baqgħu jżuru kull sena l-Festa fl-Imqabba.**

Festa Santa Marija Mqabba by Dennis and Florine Visser.

As Dutch fireworks fans we have been traveling all over Europe to see different firework shows, festivals and competitions. We have been to Belgium, France, Switzerland, Spain, and Italy.

In 2012 we heard about Malta and it's festas throughout the year. I (Dennis) started searching for information about when and where we could go, to visit some of the shows we had been watching on Youtube.

As I searched the internet, in 2013 I was approached by a young guy from Malta named Jason Borg. We started talking on Facebook about fireworks, and he told me he was involved with the fabrication and displaying of fireworks in his hometown Mqabba. Right in those first conversations I was invited to visit the feast of Mqabba in August by Jason and he also invited me to visit the fireworks factory. I was blown away by the friendly and welcoming talks I had to my first Maltese friend. Jason kept on helping me with all kinds of tips about where to stay, what times the fireworks would be fired on which days and all kinds of other things.

After some research we decided we had to go to Malta. We had to witness it all after all the videos we saw on Youtube. We saw all kinds of fireworks effects we had never seen before. We already heard Malta was the place with the best fireworks in Europe, but we never figured it would be this great!

August came and we flew to Malta on the 10th of August with some other Dutch fireworks lovers. Directly after we landed and we walked down the stairs of the plane we could hear the first Beraq shells going off in the distance. WE'VE LANDED IN HEAVEN!!, we told each other.



*Dennis Visser at the Feast of Santa Marija in Mqabba*

Since I have a Youtube channel myself, strictly to share all our visits to fireworks festivals, we got in contact with Jason really quick and 2 hours after landing we had checked in into our house and were standing at the firing field of St Mary's fireworks factory Mqabba. What an amazing experience this was for us.



*Floren Visser at the Feast of Santa Marija in Mqabba*

After our first fireworks we spoke to locals who saw we were foreigners and they helped us out with tips about restaurants, bars and guiding us to the very nicely decorated streets of Mqabba. We fell in love with Malta that first day.

At first we thought the Festa's were all about fireworks but during our first vacation in Malta we learned the Festa's are much much more than just fireworks. We saw the beautiful decorated streets, the club band, the amazing clubhouse and most of all the incredible hospitable people of Mqabba and the rest of Malta's inhabitants. We have been in love with the island and it's culture ever since.



*Dennis Visser with his Dutch friends shooting Ground Fireworks during the Feast of Santa Marija in Mqabba*

During our first stay we met all kinds of different people from the Mqabba festa like Mario Zammit, Jason Borg and his father, Aldo Urpani and his son Sharun and they were all equally nice and helpful. To us Dutch this was so amazing, we are not used to so much hospitality in our country.

This year (2016) we will visit Mqabba for St Mary's for the fourth time and Malta for the fifth. We love the place so much we try to visit it twice a year now. We are looking forward to seeing all our friends again and can't wait to see your fireworks again.



***Dennis Visser giving an interview to a Maltese TV Show about his views on the Maltese Feasts***



Inħeġġu lill-poplu Mqabbi sabiex jinġabar fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali għal Ħruġ il-Vara nhar id-9 ta' Awwissu, fis-7.00pm u f' nhar il-festa tal-Patruna tal-Imqabba, fis-7.15pm

# Nhar l-Għid tal-Assunta



**Kav. Carmel Bianchi**

Wisq għażiż il-ħmistax jum t'Awwissu
fi qlubna mnaqqax b'ittri mdehbin
jum sabiħ tat-tlugħ tiegħek fis-sema
mistenni, mill-Maltin u l-Għawdxin.

Inti ġawhra mill-ifjen Marija
persważ illi dan int tafu żgur
għax kull darba li ħdejk aħna nkunu
qalbna bl-hena w il-ferħ dlonk tfur.

Kemm-il darba dak ismek Marija
sew miċ-ċokon għallmuna ngħiduh
għax hu ħlejju bħal ward l' hemm fil-ġonna
bil-qalb tlissnu għax ħafna nħobbuh.

L-aqwa mara li qatt rat id-dinja
l-eqdes waħda fost nisa mwildin
żgur jixraqlek dan kollu Marija
għax int Omm Ġesù Ibnek Divin.

Int patruna mhux biss ta' raħalna
imma wkoll ta' dal-Gżejjer Maltin
għandna lilek żgur xejn ma jonqosna
bik Marija lkoll ħafna kburin.

Kif qatt nistgħu ninfirdu minn miegħek
inti dik l-omm li taqralna l-qlub
l-għaxqa tiegħek tarana madwarek
u tressaqna ħdejn Ibnek maħbub.

Ġensna għaqli, miegħek ankra t-tama
dejjem fittxek u fik sab il-kenn
għalih int, l-aqwa sur u fortizza
int Marija, għalina wisq tħenn.

Inti ddgħajjef ix-xemx u id-dawl tagħha
xejn fid-dinja ma jisbqok fil-ġmiel
l-ebda kewkba li tiddi fis-sema
ħdejk Marija żgur kollox jitbiel.

X'għaxqa fiha dil-knisja imżejna
b'damask tal-palma, ħamrani fin
gandlieri tal-fidda w fjuretti sbieħ
trieħi rrakkmati, b'ħjut imdehbin.

Ħallihom il-qniepen mill-kampnari
jħollu lsienhom f'dal-jum hekk sabiħ
biex ixandru dil-festa hekk kbira
lil qlubna thenni, bil-ferħ qatigħ.

Anke l-bnadar iperpru mal-arbli
f'dal-Jum tal-Assunta, għalenin
u mal-pavaljuni w bandalori
lkoll jiddandnu f'dan l-għid ferħanin.

Kemm briju toħloq il-banda tagħna
b'għadd ta' marċi b'sengħa miktubin
wisq allegrużi u jpaxxu l-widna
hemm tarana mal-banda mdawrin.

Ħares ftit lejn il-ġmiel ta' raħalna
kemm hu mżejjen apposta għalik
x'għaxqa fih b'din il-libsa tal-festa
dat-tiżjin ifakkarna biss fik.

Mbagħad xi ngħidu għal dawk il-murtali
serpentelli w sfejjer mixgħulin
jsebbħu tassew il-kaxxi nfernali
maħduma minn nies bravi mgħallmin.

Akkaniti minn fuq il-bjut tagħhom
wkoll jaħarqu l-musketterija
biex isellmu l-patruna ta' qalbhom
int il-kbira Santa Marija.

Insellmulek Sultana mfittxija
bi kliem mirqum kollu foħrija
int dik l-omm li mżejna b'tjubija
Viva Omm Alla, Santa Marija.

*Ħal Qormi*
Il-Ġimgħa 14.08.2015
Lejliet Santa Marija



# Sena Attivitajiet 2015/2016

22 u 23 ta' Awwissu 2015 – L-Għaqda Nar tal-Ajru u dik tan-Nar tal-Art itellgħu wirjiet piroteknići fl-okkażjoni tal-Festa ta' Stella Maris f'Tas Sliema.

30 ta' Awwissu 2015 – Wirja ta' Logħob tan-Nar mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna ta' Loretu ġewwa Għajnsielem, Għawdex.

22 ta' Settembru 2015 – Rappreżentanti tas-Soċjetà ltaqgħu mal-E.T. President ta' Malta s-Sinjura Marie-Louis Coleiro Preca bħala parti mill-proġett 'Qalb Żagħżugħa Festi Inklussivi.'

26 u 27 ta' Settembru 2015 – Is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat l-attività annwali dik li permezz tagħha wieħed isegwi l-Airshow minn fuq il-bejt tal-Każin.

2 ta' Ottubru 2015 – Ikla bejn il-Ħbieb organizzata mill-Għaqda Armar.

17 ta' Ottubru 2015 - FunDay organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ li nkludiet Car Wash u PlayStation Tournament.

23 ta' Ottubru 2015 - Is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat Pasta Night ġewwa Palazz Santa Marija.

24 ta' Ottubru 2015 - Il-Banda Re Ġorġ V tellgħat Programm Strumentali fl-okkażjoni ta' Ġieħ l-Imqabba organizzat mill-Kunsill Lokali.



*Kunċert fl-okkażjoni tal-Ftuħ tal-wirja La Semana Santa*

Il-Banda Re Ġorġ V ingħaqdet f'Mass Band mal-Banda l-oħra tal-Lokal waqt l-attività 'Biss bill-Ħila' imtella' mill-Kunsill Lokali.

30 ta' Ottubru 2015 - Il-Klabb Go Reds u Tfal tat-Titular organizzaw Trick or Treat fl-okkażjoni tal-Halloween.

31 ta' Ottubru 2015 - Halloween Costume Party li ġie organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ b'kollaborazzjoni mal-Bar Tenders.

7 ta' Novembru 2015 - Il-Kumitat Eżekuttiv organizza Ikla Buffett ġewwa MonteKristo Estates.

Is-Sezzjoni Żgħażagħ żammet l-appuntament annwali tagħha billi żaret lill-anzjani Mqabbin ġewwa r-residenza San Vinċenz de Paul.



*Ikla ġewwa Montekristo Estates mill-Kumitat Eżekuttiv*

Il-President u Segretarju kienu mistiedna jattendu riċeviment ad unur il-Maestà Tagħha Reġina Elizabetta II waqt iż-żjara tagħha f'Malta.

4 ta' Diċembru 2015 - Tnedija uffiċjali tal-King George V Youth Band waqt attività fi Smart City.

Bejn is-6 u 19 ta' Diċembru 2015 - Is-Sezzjoni Żgħażagħ organizzat Bażaar tal-Milied ġewwa Palazz Santa Marija.

Il-Fratellanza tas-Santissmu Sagrament ħadet sehem fil-Purċissjoni fl-okkażjoni tal-Festa tal-Immakulata Kunċizzjoni.

8 ta' Diċembru 2015 - PlayStation3 organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

Is-St Mary Mqabba Pool Teal organizzaw Pool Tournament.

13 ta' Diċembru 2015 – Il-King George V Youth Band għamlet id-debutt uffiċjali tagħha waqt il-Youth Village imtella' mill-Aġenzija Żgħażagħ.

Bejn it-18 u l-20 ta' Diċembru 2015 – Is-Sezzjoni Żgħażagħ tellgħat villaġġ tal-Milied: 'Milied Imdawwal' għat-tielet sena konsekuttiva.

20 ta' Diċembru 2015 – Il-Kumitat Eżekuttiv flimkien mal-Klabb Tfal tat-Titular organizzaaw Party tal-Milied għat-Tfal.

23 ta' Diċembru 2015 - Tqassim ta' Rigali fid-djar minn Santa Klaws, organizzata mis-Klabb Go Reds

24 ta' Dicembru 2015 – Is-Sezzjoni Żgħażagħ b'kollaborazzjoni mal-Klabb Go Reds organizzaw Breakfast with Santa, bil-qlieħ imur għall-Istrina.

24 ta' Dicembru 2015 – Christmas Eve Gathering li ġie organizzat mill-Bar Tenders.

27 ta' Diċembru 2015 - Il-Kumitat Eżekuttiv ħa ħsieb li jorganizza Riċeviment Annwali għas-Sezzjonijiet u Attivisti.

31 ta' Diċembru 2015 - Il-Bar Tenders organizzaw New Year's Eve Gala Dinner.

15 ta' Jannar 2016 - Soċjetà Santa Marija tikwalifika b'suċċess fis-Small Schemes Initiative, fejn il-proġett Arts and Culture through the lens jiġi minn ta' quddiem nett fost 56 proġett li parteċipaw f'din l-inizjattiva. Dan il-proġett ser ikun attwatt matul is-sena 2016 b'sensiela ta' workshops tal-fotografija u jiġi fi tmiemu permezz ta' exhibition tal-fotografija f'Ottubru 2016 fis-sede tas-Soċjetà.

22 ta' Jannar 2016 - Ikla bejn il-Ħbieb organizzata mill-Għaqda Armar.

5 ta' Frar 2016 - Is-Sezzjoni Żgħażagħ żammet l-appuntament annwali tagħha dak tas-Serata Karnivaleska ġewwa l-Iskola Primarja tal-Imqabba.

6 ta' Frar 2016 - Il-Klabb Tfal tat-Titular organizza Party tal-Karnival għat-Tfal ġewwa l-Palazz Santa Marija.

21 ta' Frar 2016 - Inżammet il-Laqgħa Ġenerali Annwali.

4 ta' Marzu 2016 - Ikla għall-Partarji organizzata mill-Kumitat Eżekuttiv.

12 ta' Marzu 2016 - Il-Banda Re Ġorġ V, b'kollaborazzjoni mal-Kumitat Eżekuttiv u Sezzjoni Żgħażagħ tellgħu Kunċert Mużikali u Rapreżentazzjoni tal-Passjoni fl-okkażjoni tal-Ftuħ tal-Wirja La Semana Santa de Espana fl-Imqabba.



*Rapreżentazzjoni tal-Passjoni*

Bejn it-12 u 26 ta' Marzu 2016 - Itellgħat l-10 edizzjoni tal-Wirja La Semana Santa de Espana fl-Imqabba mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

Żgħażagħ membri tas-Soċjetà jipparteċipaw fil-Purċissjoni tad-Duluri.

8 ta' Apriil 2016 - Pasta Night organizzata mill-Għaqda tan-Nar.

9 ta' April 2016 – PlayStation Tournament organizzat mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

16 ta' April 2016 - CarWash organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ.

2 ta' Mejju 2016 - Rappreżentanti tas-soċjetà jattendu għall-ftuħ uffiċjali tal-Meludia Roadshow ġewwa t-Teatru Manoel

6 ta' Mejju 2016 - Il-Klabb Go Reds organizza Weekend attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm li kien jinkludi Maratona ta' Liedna, Bażaar, CarWash, PlayStation Tournament u Tournament tal-Pool.

6 ta' Mejju 2016 - L-Għaqda Armar torganizza Ikla bejn il-Ħbieb.

7 ta' Mejju 2016 - Is-Soċjetà tkun parti mill-Meludia Roadshow fejn il-fundatur tal-Meludia jżur is-sede tas-Soċjetà.

12 ta' Mejju 2016 - Issir intervista mill-Kap Eżekuttiv tal-programm Meludia, lill-Viċi Segretarju, ġewwa s-Sala Marija Assunta

12 ta' Mejju 2016 - Jitħabbru r-riżultati tal-proġetti Creative Communities, fejn Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V kwalifikat b'suċċess bl-applikazzjoni tagħha għall-proġett Rakkont Ħaj li ser ikun qed iseħħ matul is-sena 2016/2017.

13 ta' Mejju 2016 - Il-Banda Re Ġorġ V tieħu sehem fil-Festa Komunità ġewwa Kulleġġ San Benedittu Ħal Kirkop.

27 ta' Mejju 2016 - Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija torganizza BBQ fuq il-bejt tal-Każin.

3 ta' Ġunju 2016 - S-Surmast tal-banda Re Ġorġ V flimkien ma' rappreżentanti tal-King George V Youth Band u rappreżentanti tal-kumitat eżekuttiv jagħmlu preżentazzjoni fuq il-mużika lit-tfal tal-primarja tal-Imqabba.

10 ta' Ġunju 2016 – Il-Banda Re Ġorġ V tipparteċipa waqt ċ-ċerimonja uffiċjali tal-iskema ta' fondi mill-Aġenzija Żgħażagħ fejn il-Banda Re Ġorġ V kienet waħda mill-benefiċjarji.

24 ta' Gunju 2016 – Is-Sezzjoni Żgħażagħ torganizza Pool Party.

26 ta' Gunju 2016 – L-Għaqda tan-Nar itella' wirja ta' Logħob tan-Nar fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Gwann il-Battista ġewwa x-Xewkija Għawdex.

6 ta' Lulju 2016 – Il-Fergħa Nisa torganizza ġurnata Għawdex fl-okkażjoni tal-Erbgħat ta' Santa Marija.

9 ta' Lulju 2016 – Il-Banda Re Ġorġ V tagħmel is-servizz annwali tagħha fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Ġuzepp ġewwa Ħal Kirkop.

15 ta' Lulju 2016 – L-Għaqda tan-Nar torganizza BBQ Grandjuz fil-Pjazza tal-Imqabba

17 ta' Lulju 2016 – Il-Kumitat Eżekuttiv jorganizza Blood Drive fl-Imqabba.

24 ta' Lulju 2016 – Il-Banda Re Ġorġ V tagħmel servizz annwali tagħha fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fiż-Żurrieq.

29-31 ta' Lulju 2016 – L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tal-Imqabba tellgħat wirjiet ta' Loghob tan-Nar fl-okkażjoni tal-Festa tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Balluta.









*L-indiċi tal-ewwel reġistru fl-Imqabba u r-reġistrazzjoni tal-ewwel magħmudija, żwieġ u mewt wara t-twaqqif tal-parroċċa taħt il-patroċinju ta' Santa Marija*

*Mill-istorja tal-parroċċa*

# L-Arkivju parrokkjali tal-Imqabba

**Lorenzo Zahra jfakkar il-vista pastorali li kienet saret fl-1908 mill-Isqof Pace**

Il-Knisja tal-ewwel insara diġà kienet iżomm tagħrif dwar dawk li kienu jissieħbu fit-twemmin u fit-tagħlim ta' Sidna Ġesù Kristu. Dan jidher sa mis-seklu IV meta ġewwa Ruma l-Papa Damasu (AD 366-384) kellu lil missieru jieħu ħsieb il-kotba ta' dawk iż-żminijiet. Fil-fatt l-arkivju tal-Knisja Rumana għadu sall-lum marbut mal-Bażilika ta' San Lorenzo in Damaso li tinsab mal-Kanċellerija tal-Vatikan li tinsab tul Corso Vittorio Emmanuele II. Fl-istorja tal-Arkivji tal-Knisja jissemma affresk antik ġewwa Ravenna li juri lil San Lawrenz jgħasses armarji ta' kotba li hu interpretat bħala l-protettur tal-arkivji u libreriji tal-knisja.

Hawn jien ser nagħti tagħrif mill-Vista Pastorali ta' Mons Isqof Pace biex nuri wkoll li f'kull Viżta pastorali isir eżami ta' dawn id-dokumenti li fihom ikunu miġbura dawk li jissieħbu fis-sagramenti tal-Magħmudija, tal-Griżma tal-Isqof, taż-żwiġijiet u wkoll tal-mewt. Hekk fil-parroċċi jinżamm tagħrif simili sa minn żminijiet il-bogħod.

Mill-Vista tal-Isqof Pace fl-1908 li saret fl-Imqabba fit-2 ta' Jannar nafu li l-Isqof ra b'għajnejh iż-żamma ta' dawn il-kotba u kkonferm li kienu jinżammu sewwa u bil-galbu. Din hija l-lista ta' dak li sab, u li għadna nsibu sal-lum fl-arkivju parrokkjali tagħna:

**Kotba dwar il-magħmudijiet**

| | |
|---|---|
| Vol I | 1599 – 1621 |
| Vol II | 1622 – 1677 |
| Vol III | 1677 – 1744 |
| Vol IV | 1744 – 1809 |
| Vol V | 1809 – 1835 |
| Vol VI | 1835 – 1870 |
| Vol VII | 1870 – 1900 |
| Vol VIII | 1900 – |



*Registri fl-Imqabba*

**Kotba tal-Konfermazzjoni**

| | |
|---|---|
| Vol I | 1618 – 1621 |
| Vol II | 1626 – 1675 |
| Vol III | 1679 – 1833 |
| Vol IV | 1834 – 1896 |
| Vol V | 1897 – |

**Kotba taż-Żwiġijiet**

| | |
|---|---|
| Vol I | 1599 – 1621 |
| Vol II | 1621 – 1675 |
| Vol III | 1675 – 1765 |
| Vol IV | 1765 – 1815 |
| Vol V | 1815 – 1882 |
| Vol VI | 1882 – |

**Kotba tal-Mejtin**

| | |
|---|---|
| Vol I | 1599 – 1621 |
| Vol II | 1621 – 1675 |
| Vol III | 1675 – 1765 |
| Vol IV | 1765 – 1815 |
| Vol V | 1815 – 1882 |

+ Uħud mir-reġistri li jisemmew fil-viżta pastorali tal-1908

Naturalment l-Isqof fil-Vista tiegħu jirreġistra wkoll ċertu karigi fil-Parroċċa. Hekk kien prokuratur tal-Veneranda Lampada Dun Lawrenz Zammit (li sar saċerdot fis-17 ta' Diċembru 1887), li nistgħu ngħidu li kien benefattur tal-knisja u l-ewwel storiku mill-Imqabba. L-inkarigat mil-legati kien Dun Salv Schembri (li sar saċerdot fis-17 ta' Diċembru 1864), benefattur kbir ieħor tal-parroċċa. Giovanni Battista Ghigo (li sar saċerdot fit-22 ta' Diċembru 1906) kien il-prokuratur tal-fratellanza tas-Sagrament, waqt li Pawlu Xuereb kien dak tal-Fratellanza tal-Kunċiżżjoni.Il-prokuratur tal-Kwaranturi kien Dun Nikol Xiberras (li sar saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1905),u dak tal-Via Sagra kien Dun Mikiel Zammit (li sar saċerdot fil-21 ta' Diċembru 1907). Il-porkura tal-kaxxa tal-erwieħ kien Dun Ġużepp Galea (li sar saċerdot fl-20 ta' Settembru 1871). Il-knejjes filjali wkoll kellhom il-prokuraturi tagħhom: San Mikiel u San Bażilju kien f'idejn Dun Ewgenio Mallia (li sar saċerdot fit-18 ta' Diċembru 1886), waqt li Dun Ġużepp Galea kellu f'idejh il-knisja ta' Santa Katerina.


**Referenza:**
A.A.M Vista Pastorali Mons Pace Vol 57



*L-istatwa ta' Santa Marija mnaqqxa fil-ġebla u li tinsab fil-Pjazza tal-knisja.*



*Knejjes u Festi ta' Santa Marija*

# Il-knisja u l-festa tal-Assunta f'Ħal Xluq

**Dr Sylvana Spiteri LL.D. tikteb dwar il-knisja ta' Ħal Xluq li tiċċelebra l-Festa tal-Assunta.**

Apparti li f'pajjiżna hawn ħdax-il knisja parrokkjali dedikati lil Santa Marija, hawn ukoll ħafna knejjes oħrajn dedikati lill-Assunta, uħud minnhom antiki ħafna u li jmorru lura sekli sħaħ. Fil-fatt, f'Malta, f'Għawdex u anke f'Kemmuna hawn madwar 30 knisja dedikati lil Santa Marija u wħud minnhom jinsabu fin-naħa tal-Lbiċ ta' Malta: f'Ħal Luqa, f'Bir Miftuħ, f'Ħal Safi, f'Bubaqra u fis-Siġġiewi.

**F'Ħal Xluq illum isaltan il-kwiet miksur biss bl-għana tal-għasafar u bl-inbiħ tal-klieb, imma Sibt u Ħadd fuq Santa Marija Ħal Xluq xorta għadu jilbes il-libsa tal-festa u jimtela bin-nies li flimkien jiċċelebraw il-festa tal-Assunta**

F'dan l-artiklu se nagħtu ħarsa lejn knisja pittoreska ħafna f'Ħal Xluq, limiti tas-Siġġiewi, fejn Ħadd fuq Santa Marija ssir festa tradizzjonali lill-Assunta.

**Raħal antik li fl-1514 kellu 37 dar**

Ħal Xluq kien raħal antik li flimkien ma' Ħal Kbir, Ħal Niklusi u Ħal Kdieri kienu jinsabu fil-kampanja ta' madwar is-Siġġiewi. Dawn kienu rħula żgħar fejn kienu joqogħdu l-bdiewa qrib l-għelieqi tagħhom. Fl-1514, jiġifieri ftit qabel il-miġja tal-Kavallieri, Ħal Xluq kellu 37 dar, kif jirriżulta minn ittra li r-Re Ferdinandu II (li kellu f'idejh ir-renju ta' Sqallija) bagħat lill-Ambaxxatur tiegħu f'Ruma f'dik is-sena.



*Il-knisja tar-raħal antik u ċkejken ta' Ħal Xluq dedikata lill-Assunta fejn is-Sibt u l-Ħadd 20 u 21 t'Awwissu ssir il-festa lil Santa Marija*

Maż-żmien il-mezzi tat-trasport żdiedu u t-twaqqif ta' parroċċi ġodda ħa l-popolazzjoni qrib il-knejjes parrokkjali. B'hekk, il-popolazzjoni ta' dawn l-irħula żgħar ġew assorbiti fir-raħal tas-Siġġiewi.

F'Ħal Xluq illum isaltan il-kwiet miksur biss bl-għana tal-għasafar u bl-inbiħ tal-klieb, imma Sibt u Ħadd fuq Santa Marija Ħal Xluq xorta għadu jilbes il-libsa tal-festa u jimtela bin-nies li flimkien jiċċelebraw il-festa tal-Assunta. F'dawn il-jumejn dan ir-raħal joffri minn kollox: ikel spiritwali u ikel materjali, logħob tan-nar, banda, tombla u dak kollu li jagħmel festa tradizzjonali qrib dawn il-knejjes żgħar ta' rħula qodma.

Għal Pawlu Aquilina, poeta mis-Siġġiewi, dan ir-raħal minn dejjem kellu seħer kbir, seħer li fissru fl-artiklu tiegħu "Is-Seħer ta' Ħal Xluq". Huwa jgħid li fi tfulitu, "ta' sikwit kont immur ferħan u bil-qalb mhux biss biex nieħu gost ta' tifel li kont imma wkoll biex immidd idi u ngħinhom f'ħidmiet ir-raba'... Dak iż-żmien, Ħal Xluq kien għalija l-ġenna tal-għasafar tal-bejt. Fis-siġar il-kbar, fl-irkejjen tat-twieqi jew rewwiħat tal-kmamar tar-raba' u dawk tal-knisja, ġewwa l-għonq tal-qanpiena... kienu jkunu miżgħuda bil-bejtiet tagħhom u bil-ħuxlief ħiereġ minnhom."

**'Knisja misterjuża, wensija u maħbuba" – tifkiriet tal-poeta Pawlu Aquilina**

Iżda fi kliemu stess, Pawlu Aquilina jgħid li, "s-seħer ta' moħħi u ta' qalbi kienet il-knisja ċkejkna u antika ta' Santa Marija, fil-qalba tar-raħal, misterjuża fid-dehra tagħha minn barra imma wensija u maħbuba fid-dehra tagħha minn ġewwa. Mibnija tħares lejn il-Lbiċ, sewwasew lejn it-triq li mis-Siġġiewi tieħu għall-Qrendi, biswit l-istatwa tal-Assunta li hemm f'din l-istess triq, din il-kappella hija l-qalb u l-qalba ta' dan ir-raħal antik fejn ħafna minn missirijietna twieldu, għexu u għammru, tgħammdu, iżżewġu u mietu – qalbhom u ħajjithom marbuta ma' Alla u mal-Qalb ta' Marija Santissima Mtellgħa s-Sema. Jekk ir-raba' jew l-għelieqi ta' Ħal Xluq kienu jogħġbuni u jiġbduni



*Il-knisja ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq minn ġewwa mżejna kif jixraq għall-festa tagħha*

għall-għelejjel u l-frott tagħhom, il-knisja kienet tiġbidni għall-ħlewwa li ddewwaqni f'ruħi fil-jiem tal-festa ta' Marija Assunta."

Fil-poeżija l-"Għanja Tiegħi lil Ħal Xluq", l-istess kittieb jgħanni:

"Imma l-isbaħ leħen ħlejju
illi l-ogħna ġieħ jagħtik
kien il-leħen ta' qanpiena
li ħassejtu jidwi fik,

li fis jiġbdek sa ma jressqek
ħdejn kappella ta' ġmiel kbir
li hu moħbi sew fiċ-ċokon
għax hu umli, għax hu fqir

minn kull żina ta' did-dinja,
minn kull frugħa jew ftaħir;
hu ġmiel Xebba li l-Kbir Alla
Bintu w Ommu riedha ssir!"

Dwar it-tifkiriet tiegħu tal-festa, insibuh jgħid: "Minn lejlet il-festa, kienu jibdew jarmaw l-imwejjed xi bejjiegħa, xi wħud minn barra mir-raħal, b'xi oġġetti jew ġugarelli għat-tfal bniet u subien... Tal-luminata, tal-ġelat u tal-pastizzi kienu jkunu hemm bi ħġarhom; dak iż-żmien dawn kienu jiswew xi sitt ħabbiet il-wieħed.

"Il-knisja kienet tkun imżejna mill-aħjar – minn barra bil-liedna ma' truf iċ-ċinta tal-bejt, mal-kampnar ċkejken ta' qanpiena waħda żgħira, u mal-bibien – dak prinċipali u dawk tal-ġnub. Minn ġewwa titlibbes id-damask tagħha, il-lampier u l-gandlieri tal-festa, bħalma huma wkoll it-trieħi u l-ventartali tal-artal ewlieni. Kienet tidher sabiħa u tilma bħal ġawhra. Iċ-ċinta tal-bejt kienet filgħaxija tinxtegħel bil-fjakkli u snin wara bdiet tinxtegħel bid-dawl elettriku.

"Fil-jum proprju tal-festa kien isir quddies filgħodu biss – dak iż-żmien ma kienx jitqaddes quddies filgħaxija. Waranofsinhar kien isir il-kant tal-vespri, ir-rużarju, il-prietka u l-benedizzjoni solenni bis-sagrament... Filgħodu fil-festa wara l-quddiesa kien jingħata l-kafè għal dawk li jkunu semgħu il-quddies u tqarbnu hemm, billi dak iż-żmien biex wieħed jitqarben ried ikun ilu sajjem minn kull ikel u xorb minn nofsillejl. Il-kafè kien jagħmlu s-sagristan tal-knisja – dak li kien jieħu ħsiebha s-sena kollha u li kien iżomm l-imfietaħ tagħha... Wara l-benedizzjoni kienet tieħu sehem il-Banda San Nikola u jittellgħu wkoll xi ftit murtali jew murtaletti, maħduma mid-dilettanti prinċipjanti biex jippruvaw ħilithom fis-sengħa piroteknika."



*L-istatwa tal-ġebel ta' Santa Marija li timmarka d-dħul għar-raħal qadim ta' Ħal Xluq fit-triq bejn il-Qrendi u s-Siġġiewi*

**Festa tipika ta' raħal żgħir nhar is-Sibt u l-Ħadd li ġejjin**

Dawn it-tifkiriet tal-festa kif mirquma f'dawn il-versi wkoll meħuda mill-"Għanja Tiegħi lil Ħal Xluq"

"X'riħa tfuħ mit-tempju tagħha
tfawwar f'jiem il-festi sbieħ
li jħejjulHa f'nofs Awwissu
biex jagħtuha l-ogħla ġieħ"

ta' kull sena jerġgħu jsiru realtà bil-ħidma tal-membri tal-Għaqda tan-Nar San Nikola li jieħdu ħsieb kemm l-aspett reliġjuż tal-festa kif ukoll dak soċjali. Sibt fuq Santa Marija, din is-sena fl-20 t'Awwissu, lejlet il-festa, fis-7.00pm issir quddiesa u mbagħad ikun hemm attività soċjali. F'jum il-festa, il-Ħadd 21 t'Awwissu, ikun hemm quddiesa fis-7.00am u mbagħad fis-6.30pm jingħad ir-rużarju u tiġi ċelebrata quddiesa oħra fis-7.00pm. Wara jkun hemm ikel, divertiment,

ħruq ta' murtali u nar tal-art kif ukoll tipparteċipa l-Banda San Nikola b'marċ brijuż.

**Restawr jerġa' jagħti ħajja u dinjità lill-knisja ta' Ħal Xluq**

Fuq il-bini tal-knisja ta' Ħal Xluq ma nafux ħafna, għalkemm il-karatteristiċi tiegħu juru li l-bini oriġinali ilu ħafna li sar. Nafu wkoll li għall-ħabta tal-1583, il-knisja kienet iġġarrfet jew ġarrbet ħsara kbira u kienet reġgħet inbniet.

Matul l-għaxar snin li għaddew, bejn l-2005 u x-xitwa li għaddiet, il-Fondazzjoni Patrimonju Siġġiewi għamlet restawr li kien meħtieġ ħafna fuq il-knisja ta' Ħal Xluq. Ir-restawr ma kienx biss fil-ġebla imma wkoll fuq orgni li għandu mijiet ta' snin u li kien iddeterjora kważi għalkollox.

Dan ir-restawr ikun qed jitgawda, naturalment, fil-festa ta' dan ir-raħal antik u ċkejken is-Sibt u l-Ħadd fuq l-Għid tal-Assunta.

Il-poeta Pawlu Aquilina għalaq "L-Għanja Tiegħi lil Ħal Xluq" b'din it-talba. It-talba tiegħu hija t-talba tagħna wkoll:

"W int, Marija, is-Sultana
Ta' Ħal Xluq mill-eqdem żmien,
Ibqa' żommna ġewwa Qalbek,
Dejjem tiegħek, kullimkien!"





*Tagħrif*

# Studju Soċjolingwistiku fuq ir-Reġistru tal-Piroteknika Maltija

**Carlston Grima jagħti ħarsa lejn l-istudju tiegħu fil-piroteknika Maltija.**

Dan l-istudju tal-Maġisteru fil-Malti laqqagħni ma' nies, illum ħbieb, li għandhom l-istess interess u jħarsu lejn il-piroteknika mill-istess perspettiva; dedikazzjoni u sagrifiċċju għax-xogħol tan-nar. Il-piroteknika hija sengħa ħajja mħaddma minn pirotekniċi żgħażagħ u anzjani b'mod volontarju, biex wara ħafna sagrifiċċju jsarrfuh fi prodott jew xogħol tan-nar li jiddistingwina minn kull pajjiż ieħor.

L-għan ta' dan l-istudju kien li nagħti ħarsa dettaljata lejn il-varjazzjonijiet li nsibu fil-piroteknika Maltija fil-kmamar tan-nar kollha ta' Malta u Għawdex kif ukoll li jinġabar il-kliem u l-espressjonijiet relatati mal-logħob tan-nar.

Użajt il-metodu tal-intervisti sabiex niġbor ir-riżultati meħtieġa, li wara ġew analizzati fid-dettall. Il-mod indirett, mibdi minn Jaberg u Jud, u r-riċerkatur li jużah ma jużax kliem li għandu x'jaqsam mal-varjanti li qed jipprova jislet, iżda li juri stampa jew jipponta lejn l-oġġett u jistaqsi mistoqsijiet bħal, "Din x'tgħidilha?"

**Dan kollu juri l-ħajja u r-rikkezza li fiha l-lingwa f'dawn il-gżejjer Maltin**

(Chambers u Trudgill 22) ħadem tajjeb ħafna mal-pirotekniċi u wieġbu mingħajr ebda diffikultà.

Għalkemm il-ġbir tal-informazzjoni wiċċ imb wiċċ jeħtieġ il-flus u l-ħin, naqbel ukoll ma' Frey u Oishi (1995) li kien l-aħjar mod ta' intervisti użat f'dan l-istudju. B'hekk meta l-parteċipanti ma fehmux xi ħaġa setgħu jistaqsuni faċilment. Barra minn hekk stajt nilħaq ukoll lil min ma jafx jikteb u jaqra, realtà li teżisti f'uħud mill-kmamar tan-nar Maltin. Dan juri li l-informazzjoni miġbura hija iktar valida u ta' min joqgħod fuqha. Il-fatt li jien għandi l-liċenzja piroteknika u li ħdimt f'kamra tan-nar għenni biex insib iktar koperazzjoni mill-pirotekniċi, ħloqt relazzjoni ta' ħbiberija mal-informanti b'edukazzjoni bħalma qal Fink (The Survey Handbook 97) u ksibt it-tweġibiet meħtieġa għal dan l-istudju.

L-analiżi tar-riżultati turi b'mod ċar li hemm differenza lessikali bejn il-kmamar tan-nar ta' Malta u Għawdex. Fil-fatt id-differenza tal-ġeografija hija



b'saħħitha u mifruxa sew f'pajjiżna, meta tqis li 65% tar-ritratti u l-vidjows juru varjazzjoni ġeografika ċara bejn is-sitt gruppi; Għawdex, in-naħa ta' fuq ta' Malta, il-Punent ta' Malta, ix-Xlokk ta' Malta, in-naħa t'isfel u ta' fuq tal-port. Bl-istess mod irriżulta fil-fattur tal-kamra u għalhekk nistgħu ngħidu li teżisti varjazzjoni lessikali bejn il-kmamar tal-istess raħal ukoll. Min-naħa l-oħra d-differenza tal-età mhix mifruxa ħafna, meta nqisu li 21% tat-termini juru varjazzjoni ċara bejn il-parteċipanti b'etajiet differenti.

Meta ħarist lejn il-varjazzjoni u l-glossarju, innutajt li t-taqsima tal-Elementi Kimiċi u tas-Sustanzi Kimiċi kienet l-inqas li ġiet affettwata, filwaqt li l-iktar tliet taqsimiet li ġew affettwati mill-varjazzjoni huma l-Proċess tal-logħob tan-nar, in-Nar tal-ajru u n-Nar tal-art. Dan għaliex l-ewwel żewġ taqsimiet għandhom kliem li huwa l-istess għal kulħadd minħabba t-teknikalità tagħhom, filwaqt li l-oħrajn juru li kull kamra għandha ħabta trabbi l-identità piroteknika tagħha u għalhekk ħarġu d-differenzi bejn il-kmamar u l-irħula. Dan kollu juri l-ħajja u r-rikkezza li fiha l-lingwa f'dawn il-gżejjer Maltin. Nemmen ukoll li l-varjazzjoni qiegħda dejjem tiżdied u titwessa' speċjalment bid-dħul ta' innovazzjonijiet fil-qasam tal-logħob tan-nar. Mill-glossarju pirotekniku joħorġu ħafna aspetti lessikali u grammatikali interessanti, fosthom xi plurali li ġeneralment ma ssibhomx fl-Istandard, il-kliem onomatopejku, il-proċessi metaforiċi bħax-xebh mal-annimali, mal-ġisem tal-bniedem u l-bqija. Joħorġu wkoll diversi termini li mhumiex reġistrati fid-dizzjunarju jew ma jingħatawx bit-tifsira assoċjata mal-logħob tan-nar.

B'dan l-istudju soċjolingwistiku, ippruvajt nuri li x-xogħol tan-nar ma jinħaraqx malajr u jispiċċa fix-xejn f'minuta, għax b'dan kollu se jkompli jikber u jissaħħaħ dan id-delizzju. Barra minn hekk, mill-perspettiva tal-lingwa, ġiet żviluppata mappa djalettali tal-qasam lessikali tal-logħob tan-nar billi, f'kuntrast ma' studji lessikali oħra li ġeneralment jiffukaw fuq ftit lokalitajiet, dan l-istudju jifrex l-analiżi lingwistika fuq skala ferm ikbar ta' 32 kamra tan-nar minn 20 lokalità f'Malta u Għawdex. Dan ix-xogħol se jkun utli wkoll għad-dizzjunarju Malti l-għaliex id-dizzjunarji preżenti huma sajmin ħafna mill-kliem u t-tifsiriet ta' din is-sengħa.

Għalkemm għandna glossarju ppubblikat ta' ftit iktar minn 1200 terminu marbut mal-logħob tan-nar, żgur illi baqa' iktar termini x'jinġabru. Ikun interessanti jekk 'il quddiem, wieħed ikompli jistudja u jistħarreġ din is-sengħa tal-logħob tan-nar speċjalment fil-qasam tat-traduzzjoni. Ikun tajjeb illi din is-sengħa tinfirex b'mod sħiħ mal-barranin, billi mhux biss ir-reġistru jibqa' jiġi aġġornat b'iktar kliem imma jiġi tradott għal lingwi oħra. B'hekk il-pirotekniċi u studjużi barranin ikunu iktar mgħarrfa bix-xogħol Malti biex din is-sengħa tiġi iktar apprezzata u mgħollija 'l fuq f'post fejn jixirqilha mhux biss mill-istess Maltin imma anke mill-barranin.

SOĊJETÀ SANTA MARIJA u BANDA RE ĠORĠ V
MQABBA
EST. 1910

Nirringrazzjaw lil kull min għoġbu jirreklama f'din il-pubblikazzjoni u nappellaw lil kulħadd sabiex jagħmel użu mill-prodotti u s-servizzi reklamati.

# Esperjenza fil-Vatikan

**Matthew Ghigo jaqsam mal-qarrejja tagħna l-esperjenza indimentikabbli li kellu għal darbtejn fil-Vatikan.**

Kull sena numru ta' abbatini Maltin u Għawdxin imorru Ruma biex jgħinu fil-liturġija fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Nista' ngħid li jien inħossni 'ffurtunat għaliex għext din l-esperjenza darbtejn u taħt it-tmexxija ta' żewġ papiet differenti, il-papa Benedittu XVI u l-papa Franġisku

L-ewwel darba li tlajt Ruma kien f'Awwissu tal-2011. Jien kont eċċitat ħafna għax qatt ma kont mort Ruma u kont ħerqan ukoll biex nagħmel din l-esperjenza. Dun Frans Bonniċi huwa saċerdot ddedikat, li qabel ma tlajna Ruma ħa ħsieb li jippreparana u jħejjijna ħalli meta naslu l-Bażilika nkunu nafu x'għadna nagħmlu fis-sagristija u fuq l-altari.

Meta wasalt Ruma bqajt impresjonat bil-kobor tal-Vatikan. Qatt ma kont nimmaġġina dak il-kobor. Il-ġurnata kienet tibda minn filgħodu kmieni, xħin konna nqumu konna noħorġu biex imorru fis-sagristija. Biex naslu ridna nitilgħu madwar 150 tarġa għax il-lift ma kinux iħalluna nużawh. Kif naslu fis-sagristija kulħadd kien jitqassam fuq xogħolu, min jixgħel l-artali, min ilibbes il-qassisin u min jipprepara l-kalċijiet. Wara kulħadd ikollu qassis biex jgħinu fil-quddiesa.



*Matthew Ghigo*

**Nistgħu ngħidu li ż-żewġ esperjenzi kienu memorabbli u li żgur ħa nibqa' ngħożż tul ħajti kollha**



*Matthew Ghigo flimkien mal-grupp ta' abbatini jiltaqgħu mal-Papa Franġisku ġewwa l-Vatikan*

Fit-tieni ġimgħa li konna Ruma, waslu l-ġenituri tagħna. Kont ferħan ħafna meta ltqajna magħhom fil-Vatikan. Flimkien mal-ġenituri tiegħi kienu ġew in-nanniet. Dakinhar dawwarthom mal-Vatikan u qagħad nispjegalhom x'konna nagħmlu bħalha abbatini. Waħda mill-isbaħ ġranet kien il-jum tal-vestizzjoni. Il-ġenituri u n-nanniet kienu lkoll preżenti. Fl-opinjoni tiegħi din kienet il-qofol taż-żjara tagħna f'Ruma. Il-vestizzjoni saret fis-27 ta' Awwissu 2011 f'Cappella del Coro ġewwa l-Bażilika ta' San Pietru. Iċ-ċelebrant kien l-isqof Vittorio Lanzani. Dakinhar ġiet imbierka u inatajt il-faxxa l-ħamra li għadni ngħożż sal-lum.

Il-Ħadd kienet tkun ġurnata mimlija daqs bajda għax konna nibdew minn filgħodu bil-quddiesa solenni, l-għasar u l-vespri. Il-ħarġiet kulturali ma naqsux matul il-mawra tagħna ġewwa Ruma. Matul il-ħin liberu tagħna aħna żorna Castel Sant'Anġlu, il-Bioparco, il-Kolossew, pjazez f'Ruma li huma verament sbieħ u diversi knejjes u monumenti. Santa Marija Maggiore hija waħda mill-knejjes li affaxinatni. Il-'Pantheon' huwa wkoll inkredibbli, kattidral tond, b'toqba kbira fis-saqaf. Il-veduta ta' Ruma stajt nara meta tlajt fuq il-kopla tal-Vatikan u anka minn fuq il-mużew ta' Vittorio Emmanuele. Morna wkoll postijiet barra minn Ruma, fosthom Castel Gandolfo, Subiaco u Assisi. Filgħaxijiet, ma kinitx tonqos xi logħba futbol. L-aktar ħaġa li kont nistenna kienet li morru għall-ġelat mingħand 'Ponte Antico'.

Meta tkun qed tieħu pjaċir il-ġranet malajr jgħaddu u reġgħat waslet dik il-ġurnata li nirritornaw Malta. Lura Malta jien bqajt nattendi għal-laqgħat li kien jagħmlilna Dun Frans. Kont sorpriż ħafna meta Dun Frans qalli li kellu f'moħħu biex nerġa' nitla Ruma

mal-abbatini. Din id-darba bħala ‘leader’, biex flimkien mas-seminarista u Dun Frans nieħdu ħsieb l-abbatini li kienu tilgħin għall-ewwel darba. Din l-esperjenza erġajt għamilta fl-2015. Nista’ ngħid li din id-darba kienet esperjenza isbaħ ghax kont ikbar u stajt napprezza aktar l-affarijiet, u kelli xorti li niltaqgħa mal-Papa Franġisku. L-unika dispjaċir li għandi hu linnanna Ġorġa ma kinitx miegħi.

Filgħodu xorta kont nagħmel ix-xogħol u s-servizz bħal abbatini l-oħrajn. Fil-21 ta’ Awwissu propju filfesta ta’ San Piju kienet waħda mill-isbaħ ġranet. Ħadd ma stenna lill-Papa Franġisku ġewwa l-Bażilika ta’San Pietru. Dakinhar il-papa niżel jitlob fuq l-artal ta’ San Piju. Xħin rana l-papa ġie jkellimna u ċċajta magħna. It-tieni laqgħa tagħna mal-papa kienet quddiem Santa Martha, il-post fejn joqgħod hu.

Hawnhekk huwa ħadilna b’idejna u qgħad jitkellem ftit magħna u kellna x-xorti li nieħdu ritratti ilkoll flimkien miegħu

Nistgħu ngħidu li ż-żewġ esperjenzi kienu memorabbli u li żgur ħa nibqa ngħożż tul ħajti kollha. Nixtieq inħeġġeġ lill-abbatini biex jagħmlu ħilithom biex ikollhom din l-opportunità li jgħixu din l-esperjenza.





*Il-marċ ta' nofsinhar tal-Festa Titulari ta' Santa Marija fis-snin ħamsin.*

*Anniversarju*



# Għoxrin sena www.santamarija.com

**Remenda Borg Grech f'isem il-Kummisjoni Web tfakkar il-bidu tat-twaqqif uffiċjali tal-website tas-soċjetà www.santamarija.com**

Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd u t-teknoloġija u l-informatika jibqgħu javanzaw b'rata mgħaġġla kostantament. Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V dejjem għarfet tavvanza maż-żminijiet u f'dan il-każ ukoll kienet l-ewwel Soċjetà Mużikali Maltija li ingħaqdet mad-dinja tal-internet. Kif kiteb s-Sur Antoine Sciberras, fil-Programm tal-festa 2006, dan kien pass importanti ħafna fejn esponejna lis-soċjetà tagħna u ersaqna viċin iktar lejn soċjetajiet barranin li għandhom interessi simili għal dawk tagħna u li permezz tal-presenza tagħna fuq l-internet setgħa jkun faċilitat l-kuntatt tagħna ma' dawn is-soċjetajiet u l-iskambji kollha li saru.

Matul iż-żminijiet, il-website baqgħet tiġi aġġornata kontinwament fejn ġew inklużi d-diversi unuri li s-soċjetà kisbet matul iż-żminijiet filwaqt li taġġorna b'mod kontinwu fuq l-attivitajiet u l-publikazzjonijiet li toħroġ is-soċjetà.

Kien is-Sur Mario Mifsud li kien il-moħħ wara l-bidu ta' din il-websajt, li twaqqfet permezz tiegħu u wkoll ta-Sur Antoine Sciberras. Wara, kienet is-Sa Louiselle Sciberras li ħadet ħsieb tamministra l-website fuq bażi regolari. Illum il-ġurnata, hija l-Kummissjoni Web li hija nkarigata minn din il-website uffiċjali tas-soċjetà tagħna.

Illum il-ġurnata ż-żminijiet inbiddlu ferm u fejn qabel il-websites kienu saru tassew importanti, u s-soċjetà tagħna kienet minn tal-bidu li għarfet dan u rrispondiet immedjatament, illum il-ġurnata il-medja soċjali saret bil-wisq iktar importanti anke minħabba l-element ta' interazzjoni li toffri mal-pubbliku inġenerali. Il-Kummisjoni Web ħadmet bis-sħiħ sabiex tibqa aġġornata maż-żminijiet u llum il-ġurnata, fuq bażi prattikament ta' kull ġimgħa, biex ma ngħidx kuljum, tħaddem bis-sħiħ il-mezzi soċjali tas-soċjetà bħal ma huma Facebook u Instagram, b'dan tal-aħħar



ikun introdott riċentament. B'hekk tkun qed tassigura li dak kollu li jkun qed iseħħ fis-soċjetà tagħna, kif ukoll fid-diversi sezzjonijiet tas-soċjeta, jasal għand il-pubbliku inġenerali b'mod immedjat u tkompli tkabbar l-udjenzi u s-segwaċi ta' din is-soċjetà tant għażiża għalina.

Dak li sar min ta' qabilna iżda irridu nibqgħu ngħożżuh u ma nistgħux nintilfu biss fil-mezzi tal-lum u ninjoraw min fejn bdejna. Kien propju għalhekk li l-Kummissjoni Web ħass il-bżonn li jevalwa l-użu tal-website u jkompli jaġġornaha sabiex kemm jista' jkun, sservi ta' dokumentarju ħaj tas-soċjeta. B'hekk, rajna li nżidu iktar l-element tal-Banda fil-website, fejn illum il-ġurnata wieħed faċilment isib l-innijiet tant popolari li huma tant marbutin mas-soċjetà u l-Banda tagħna. Rajna wkoll li nibqgħu naġġornaw lil pubbliku dwar dak li jkun qed iseħħ fis-soċjetà tagħna b'mod reali u immedjat.

Min qalbi nixtieq nirringrazzja lil sħabi tal-Kummisjoni Web, li bid-dedikazzjoni tagħhom nkunu nistgħu nżommu kuntatt dirett magħkom il-partitarji. Żgur ma hijiex xi ħaġa faċli li tkun daqshekk effiċjenti u reali hekk kif titlob id-dinja tal-informatika llum, meta kulħadd ikun impenjat fuq ix-xogħol u jew studji personali tiegħu, anke peress li t-tmexxija ta' dawn is-siti ssir biss fuq bażi volontarja. Iżda bl-għajnuna u d-determinazzjoni ta' sħabi naslu sabiex inkunu kemm jistgħa jkun viċin tagħkom, hekk kif xtaqu ta' qabilna u aħna b'determinazzjoni nimmiraw sabiex nilħqu dawn l-aspettativi.

Dan kollhu bi skop wieħed, skop li jgħaddu kemm jgħaddu snin, u jinbidlu kemm jinbidlu nies, jibqa ewlieni: dak li ngħollu dejjem isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u l-Patruna għażiża għalina ta' Santa Marija.



*Tlugħ tal-Qanpiena l-Kbira tal-Knisja Parrokjali tal-Imqabba fl-1932.*

# Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca 1928 – 2016

**Is-Sur Patrick Ghigo jsellem il-memorja tal-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Merċieċa li ħalla din id-dinja iktar kmieni matul din is-sena.**

Fil-ġurnata illi fiha ħa l-pussess ta' Arċisqof, fit-12 ta' Diċembru 1976, Ġuzeppi Mercieca għażel bħala motto tiegħu "Ilkoll Aħwa fi Kristu", li kienet il-missjoni li fdalu l-Papa, jiġifieri li jgħaqqad lill-poplu Malti u Għawdxi wara s-snin sittin, snin magħrufin l-aktar għal ġlied politiko-reliġjuż.

**Bijografija**

Ġużeppi Merċieċa twieled ir-Rabat Għawdex fil-11 ta' Novembru 1928. Ġej minn familja bil-laqam "Ta' Mewta" magħrufin l-aktar għall-għasir tal-inbid.

Studja fis-Seminarju ta' Għawdex u wara kompla l-istudji tiegħu fil-Collegia Capranica f'Ruma. Fit-8 ta' Marzu 1952 ġie ordnat saċerdot ġewwa raħal twelidu, sewwa sew fil-Bażilika ta' San Ġorġ. Huwa gradwa wkoll bħala avukat. L-Isqof t'Għawdex, Ġużeppi Pace xtaqu bħala s-suċċessur tiegħu.

Għal għaxar snin kien ir-rettur tas-Seminarju ta' Għawdex, sewwasew mill-1959 sal-1969. Wara ġie nnomminat Imħallef tas-Sacra Romana Rota u kien ukoll konsultur tal-Kongregazzjoni tas-Sagramenti u tal-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi.

Fis-27 ta' Lulju 1974, kien imsejjaħ lura Malta u ġie nnominat awżiljarju ta' Mons. Michael Gonzi. Fid-29 ta' Settembru tal-istess sena kien ordnat Isqof titulari ta' Gemelle fin-Numidja. Dak iż-żmien Ġużeppi Merċieċa ma tantx kien magħruf f'Malta. Il-konsagrazzjoni saret mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, Mons. Nikol Cauchi u Mons. Francesco Ricceri.

Wara sentejn Vigarju Ġenerali ġie nnominat Arċisqof ta' Malta, fid-29 ta' Novembru 1976. Meta Mercieca iltaqa' mal-Papa ta' dak iż-żmien, il-Papa Pawlu VI, dan innota li l-Isqof Malti ma kellux salib, u ordna lill-assistenti tiegħu jġibulu wieħed. Il-Papa dak il-ħin qallu "Salib forsi m'għandekx, imma salib xi ġġorr meta tkun Arċisqof ta' Malta se jkollok."



*Guzeppi Mercieca waqt żjara tiegħu fil-Festa Titulari ta' Santa Marija tal-Imqabba*

L-Isqof Mercieca ħa l-pussess bħala Arċisqof fit-12 ta' Diċembru 1976. Ġie f'konflitt ma' diversi gvernijiet u ffaċċja numru ta' problemi. Mercieca daħħal riformi fl-amministrazzjoni tal-Kurja fosthom li l-qassisin jibdew jitħallsu flok ma jiddependu mill-elemożina tal-quddies.

Fl-1972 l-Isqof Mercieca kien innominat konsultur tas-Sacra Romana Rota u imħallef fis-Segnatura Apostolica. Huwa stinka sabiex il-Knisja jkollha stazzjoni tar-radju, l-RTK li beda jiffunzjona fl-1992.

Il-ġurnata tat-2 ta' Diċembru, 2006 kienet l-aħħar ġurnata tiegħu bħala Arċisqof wara li l-Papa Benedittu VI ħatar lil Mons. Pawlu Cremona. Tliet snin qabel, fil-11 ta' Novembru 2003 l-istess Mercieca kien offra lill-qdusija tiegħu l-Papa r-riżenja tiegħu minn Arċisqof ta' Malta, skont kif titlob il-liġi tal-knisja dwar l-Isqfijiet Djoċesani li jilħqu l-età ta' 75 sena. Jingħad li kemm-il darba kien offrut it-titlu ta' Kardinal iżda hu ma aċċettahx.

Fl-2014 ħarġet il-Bijografija tal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca, "Ilkoll Ahwa fi Kristu", miktub minn Charles Buttigieg li għal bosta snin segwa mill-qrib il-ħidma pastorali ta' Mons. Ġużeppi Mercieca. Dan il-ktieb jiddeskrivi b'mod ċar u sempliċi l-viżjoni pastorali u d-direzzjoni tiegħu bħala mexxej tal-Knisja f'Malta.

Fl-istess żmien saħħet l-Arċisqof kienet ġa bdiet tmur lura u għal dik ir-raġuni ma setax jattendi għal pussess tal-Arċisqof Charles Scicluna fi Frar tal-2015. Fl-20 ta' Marzu 2016, ġie rrapurtat li kien jinsab f'qagħda kritika. L-għada 21 ta' Marzu 2016 tħabbret il-mewt tal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca għall-ħabta tas-7:20 ta' filgħodu fl-età ta' 87 sena. Ġew osservati 3 t'ijiem ta' luttu nazzjonali li matulhom il-katavru tal-Arċisqof Mercieca kien espost għall-pubbliku ġewwa l-Kon-Katidral ta' San Ġwann. Il-funeral sar nhar l-Erbgħa 23 ta'Marzu 2016 fl-istess Kon-Katidral ġewwa l-Belt Valletta u ndifen fil-Katidral ta' San Pawl l-Imdina.





# Il-Festa

**Simon Vella Gregory jitkeb dwar l-esperjenza tiegħu jaħdem fil-qrib ma' diversi soċjetajiet tal-festa.**

Meta qed nikteb dan l-artiklu, kien għadu l-bidu tas-Sajf, fil-bogħod qed nisma l-ħsejjes tal-murtali tal-festa ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbuġ, il-festa għadhom fil-bidu tas-sajf. Dan hu żmien li fih tibda tara l-entużjażmu ta' ħafna nies jerġa jieħu, tibda tara l-media soċjali timtela' b'*posts* dwar qaddisin partikolari, dwar il-kmamar tan-nar kemm tellgħu xogħol, dwar kemm sar armar ġdid u ħafna reklami ta' festi partikolari.

Huwa żmien sabiħ, żmien li jirrifletti enerġija li tikkuntrasta bil-kbir mas-sħana u t-telqa li jġib miegħu is-sajf Malti. Entużjażmu ta' wara sena xogħol, ħidma ma taqta' xejn u s-sagrifiċċji ta' tant xhur ta' maqfulin fl-imħażen jibdew jirriflettu ruħhom f'toroq armati, spettakli ta' kuluri fis-smewwiet, mużika brijuża u ċelebrazzjonijiet li nafu nagħmlu bħalhom aħna l-Maltin biss.

**Imma l-festi nbidlu?**

Il-festi issa ilhom magħna mijiet ta' snin. Raw l-oriġini tagħhom ferm qabel il-miġja tal-Kavallieri. Il-miġja tal-Kavallieri ta' San Ġwann iżda kienet strumentali biex żiedu l-briju u l-mod festeġjattiv kif dawn il-festi kienu jiġu ċċelebrati. Dak iż-żmien il-kavallieri kienu għadhom ġejjin minn Rodi.



*Pittur għaddej bil-ħidma tiegħu ta' pittura fuq id-drapp*

Fil-fatt il-Kavallieri sabu festi ċċelebrati b'mod mill-aktar umli, ftit li xejn festeġġjamenti barra. Il-Knisja kienet il-qofol ta' kollox. Il-foqra kienu ċ-ċentru u l-festa kienet tkun liż-żvog ta' dawn in-nies. Maż-żmien imma kollox inbidel. Il-poplu beda jiffoka aktar biex ikabbar il-festa ta' barra. Daħħal il-kunċett tal-baned, żied il-piroteknika u l-festa kompliet tiżżewwaq b'tant aspetti oħra li bdiet issir attrazzjoni. Minkejja dan kollu l-attenzjoni għall-festa tal-Knisja baqgħet hemm u komplejna nżejnu d-dar t'Alla b'mod mill-aktar artistiku.

Dawn it-tradizzjonijiet baqgħu jikbru matul is-snin u llum ninsabu fi stat fejn il-festi kibru ħafna u saru vettrina ta' dak kollu li kapaċi jagħmel il-poplu Malti u Għawdxi. Imma din l-arti, l-piroteknika u l-briju qed iwassluna biex inwarrbu l-knisja u l-festa reliġjuża? Ikollna nammettu li l-festi nbiddlu fid-dimensjoni tagħhom. Għalkemm il-knisja baqgħet iċ-ċentru ta' kull attività l-attendenzi qed jonqsu. Ir-raġunijiet huma varji, imma ma nistgħux inħallu l-festa titbiegħed mill-għan li għaliha qed issir.

Fil-knejjes ukoll minbarra d-devozzjoni u l-qima hemm ukoll immensità ta' affarijiet artistiċi, id-drapp, l-arkitettura, l-iskultura u l-mużika sagra fost oħrajn. Dan kollu hu patrimonju li rridu nibżgħu għalih. Nistgħu nqisu lilna nfusna ffortunati li għandna dan kollu, biżżejjed insemmu l-mużika operistika li nsibu fil-knejjes Maltin. Xogħlijiet li jimpressjonaw!

Nemmen li hemm bżonn sforz kollettiv biex il-festa tibqa' ħajja kollha kemm hi. Sforz biex dawk il-lati tal-festa li qed ibatu ntuhom mill-ġdid il-ħajja. Innislu l-istess imħabba li ta' qabilna kellhom għal dawn iċ-ċelebrazzjonijiet.

**Ta' kontribut siewi għall-ekonomija Maltija**

Il-festa ma rridux inħarsu lejha biss mil-lenti bħala vettrina. Hi attività li tagħti spinta lill-ekonomija tal-lokalità u mhux biss għaliex il-festi kollha matul is-sajf huma attività ekonomika qawwija li tħalli ammont ta' flus kemm fil-but tal-individwi imma fuq kollox



*Eluf ta' Maltin u Barranin jattendu jew jipparteċipaw fil-Festi tal-ibliet u rħula Maltin u Għawdxin*

tgħin mhux ftit biex ir-rota ekonomika tibqa' ddur. Hemm Katina sħiħa ta' servizzi li jgawdu bil-festa Maltija. Minn pubblikazzjoni sa dawk li jbiegħu l-ikel, minn importaturi sa dawk li jġibu t-turisti. Il-festi hi ta' kontribut kbir għall-ekonomija Maltija u għalhekk nemmen li l-istat għandu wkoll ikun ta' sostenn biex dawn il-festi jkompli jissaħħu biex ikomplu joffru servizz uniku għall-ekonomija Maltija.

**Il-volontarjat**

Jekk hemm aspett imprezzabbli fil-festa Maltija hu l-volontarjat. Żgħażagħ, nisa, irġiel u anzjani lkoll jagħtu s-sehem tagħhom bil-mod kif jistgħu biex il-festa tkun suċċess. Dan isir mingħajr ma jkun hemm ħlas għal dawn is-servizzi. Il-festa llum il-ġurnata nafu li tiswa eluf kbar biex tiġi organizzata imma tiġi tiswa ferm u ferm aktar li kieku l-volontarjat kellu jkun kwantifikat fi flus. Din il-ħidma hi imprezzabbli! Imma kemm għadu b'saħħtu dan il-fenomenu? Kulma jmur



*Pirotekniku jorbot il-blalen, wieħed mill-proċessi fil-ħidma tal-Logħob tan-Nar*

nisimgħu kemm il-ħajja qed issir mgħaġġla, ħadd ma jista' jlaħħaq, studju, xogħol u tant affarijiet li jżommulna ħajjitna okkupati il-ħin kollu. Sfortunatament dan l-istil ta' ħajja mhux iħallilna ħafna ħin għal xi żvog jew biex nagħtu ftit mill-ħin tagħna għal xogħol volontarju… imma fortunatament għad hawn nies li dan il-valur għadhom jgħożżuh b'mod partikolari fl-għaqdiet li huma marbutin mal-festa.

Jekk titkellem ma' xi anzjan, jew persuna mdaħħla fiż-żmien tgħidlek li l-volontarjat qed jonqos u dan bir-raġun. Pero rridu naraw il-perspettiva taż-żmien li fih qed ngħixu llum, u flok inħarsu lejn it-tazza nofsha vojta, għandna napprezzaw li minkejja d-diffikultajiet kollha li niltaqgħu magħhom illum il-ġurnata, ix-xogħol fil-festa jintlaħaq u kulma jmur qed naraw festa akbar minn oħra sena wara sena.

Għalhekk irridu napprezzaw dan kollu u forsi anke għandna naħsbu b'modi alternattivi kif nippremjaw ix-xogħol volontarju. Għandna nirrokonoxxu x-xogħol li jsir u napprezzaw dan il-valur b'mod partikolari fiż-żgħażagħ tagħna.

F'dawn il-ftit linji pruvajt nesprimi ħsibijiet li jgħaddu minn moħħna meta nsemmu l-kelma festa. Sfida għandna bil-bosta quddiemna biex inżommu din it-tradizzjoni ħajja, pero opportunitajiet għandna lkoll u għalhekk flok inħarsu lejn is-sitwazzjoni preżenti u nibku xortina, ejja lkoll flimkien inkomplu niġbdu ħabel wieħed u dak li hu tajjeb fil-festi Maltin inkomplu nkabbru u neliminaw dak li forsi jista' jmarrad il-festi tagħna.


Inkomplu nkabbru s-Soċjetà tagħna billi aktar żgħażagħ jingħaqdu magħna



# Jien Imqabbi

**Jonathan Mifsud jintervista lil Jonathan McLeish,
Skoċċiż li ilu joqgħod fir-raħal għażiż tagħna għal dawn l-aħħar erbatax-il sena.**

**How can you describe your childhood and your working career?**

I was born in a farm in the tiny village of Blackford in Scotland. We then went to live in Auchterarder and later on we moved to Perth in a home where my father was a major with the British Army. When I was 6 my father was stationed in Malta, and we stayed here for 4 years. In this period I attended the British Army primary school in St. Andrews. I lived a very happy childhood but at the age of 10 I was very sad to go back to Scotland. In my teen ages I used to be sent to Malta to spend the holidays here together with my father. At that age I won a gold medal at the Perth music festival in Scotland as a boy soprano voice singer and I started working up progressively into professional shows. Between the age of 12 and 14 I was awarded to take part in a show in Perth theatre. By the age of 15 my voice was gone and I trained a lot as a dancer. At the age of 17 I emigrated to Canada in Montreal for 5 years which was an extremely wonderful experience where there I was a dancer and an actor. I then went back in Scotland because work was getting very scarce for english speaking actors in Montreal since French actors were taking over. Then I got a job with a dance company for the reason of doing a european tour with it. After doing this european tour I was back in Scotland and one day in the local performing theater somebody took sick at a pantomime and within 2 hours notice I stepped in. From then on, I was in the theater and then on BBC television. I was with BBC for 30 years as a casting director and I cast the very first soap opera that is still showing today called "East Enders". I also had a really pure english accent which lead to a job in conducting a radio programme at the BBC. London was my home during that period of time until I moved to here in Mqabba. I never done any job except "Show Business".



*Jonathan McLeish*

**What was your reason to come and live in Malta and why you have chosen Mqabba in particular?**

I had Retired at the age of 52 and travelled around the world for a whole year to find the best place where to stay during my retirement. I was happy to retire even at a young age because I have done everything that I wanted to do. Since my mind was always thinking about Malta I came here for 4 months in January 2002 and I rented a flat in St. Julians and every day I went on a bus to visit a random village in this Southern area. One day I got on a bus to Qrendi and got off by mistake in Mqabba and while I was walking in the streets of Mqabba I found this house open which was undergoing some structural works, I walked in and talked with the workmen and I immediately got informed that the house was for sale. After checking the house I made my mind and bought it without going round the whole village. Getting off near the church from the bus was a taste of how I remembered old Malta. When the flat rent was over I went back to the UK and sold my flat. I prepared everything I owned and transferred it to here. When I arrived here and people used to see me walking down the street everybody would say hello although they didn't know me. I was the "il-barrani". I have been living in Mqabba for 14 years next September.

**What things you like in Mqabba people?**

I like the fairly openness and if there is an Mqabbi that doesn't like you, you will notice it. Everybody is willing to help, they ask questions whether I require any help, people come and deliver my shopping needs to the

house and take out my dog for the daily walking. What they do for me is that I don't feel like a foreigner in here. People have welcomed me and I am a part of this village. Another thing that I like is that people are really nice but you don't have to be in everybody's else's house and they just keep me as I am part of them.



**What you like the most about the culture of Mqabba?**

The main culture of Mqabba is its feasts. From when I first came here till about 5 years ago I used to love attending the local feasts. I think that the feasts tradition must continue. I like the concerts and I used to go to the by-pass to watch fireworks which are my favourite thing. Now the sound of the salute bomb gets me mad. I have a very good admiration for the youths. They are so devoted and they work tirelessly by putting up the flags and street decorations. I also admire the local clubs for the activities that they do during the whole year for fundraising. Easter is my favourite period of the year and since I became catholic only two and a half years ago, Easter now means more to me than it ever did.

I know people from both band clubs and nobody tells me that you must side with us. I get excited when I see you all putting up the street decorations which indicates that Summer has come.

**What do you like about Mqabba feasts?**

Mqabba feasts are a community and I believe that in the earlier years there used to be much more rivality between band clubs. Today everyone seems to respect what the other club is doing. Festa involves all ages from babies, children, youths, grown ups and elderly. These people live for the festa throughout the whole year, especially the fireworks guys. The feast is a very great thing. I like the part of the xalata where everyone gathers together the day after the feast to celebrate the success achieved and makes noise with carcades.

**What your friends say about Mqabba?**

Mqabba is like an old fashioned Malta used to be. I love the history part and I used to work with Din l-Art Ħelwa where I used to give lessons about Ħal-Millieri are chapels to students. My friends like the fact that when they are in the village everyone talks to them and says hello.

**What you like to do in your free time?**

I still do one morning at Safi school with the year 6 class students where I read down a book in English. I have introduced them to Charles Dickens and what I do is that I read in English and at the end of each chapter if there is a word or expression that they have never heard before or didn't understand then we discuss it. I like to read books in English and even in Maltese and when I have a word in Maltese that I do not understand I have a Maltese to English dictionary by my side so that I can look for it. I like to go to shop in Valletta and cinema in Valletta, swim in Pretty Bay. I go everywhere by bus because I have never driven.

**What is your experience living in Mqabba?**

I do care passionately about this village because it is a beautiful village. When once I was given an award by the Local council in the speech I said "Jiena Mqabbi" because this is how I really feel. It is literally my home and I can't think of living anywhere else.



# Il-Gidma li Fejqitni

**Saviour Bianchi**

Fil-bluha ta' żgħożiti
bla skrupli d-dinja qlibt
xalar, sokor u żina
ma niftakarx kemm dnibt.

Il-ħajja bdiet tidħakli
beda ġej kollox żewġ
nilgħab il-flus u nirbaħ
ħa jħabbat jibqa' l-mewġ.

Bdejt insellef bl-użura
ta' ħamsa nżomm mija
il-bwiet malajr ħaxxinthom
bla ebda tbatija.

Karozza waħda f'waħda
kemm tfanfart waqt li rkibt
waħda isbaħ mill-oħra
ma nafx kemm *logbook* bdilt.

Nisa kelli bir-radam
jekk ridt, waħd' għal kuljum
minn xi marda ta' żmienna
kont ġejt naqa' w inqum.

Darba waqt passiġġata
kelb fuqi jiġri tar
bin-nejba laħmi nifed
bla ħsieb spiċċajt l-isptar.

U għal f'kemm ili ngħidlek
kelli nkun operat
bil-punti raqqaw għonqi
għal jiem rikoverat.

Għalxejn ridtha ta' buli
"sta bene" w galantom
l-isptar ħallewni waħdi
ħadd minnhom ma mpurtahom.

Pazjent ħdejja inewwaħ
kull ħin jokrob bl-uġigħ
jitlob għal dik is-siegħa
ħdejn Alla jmur jistrieħ.

Bil-magni mdawwrin miegħu
x-xena f'moħħi baqgħet
santa li kellu f'idu
maġenbi din waqgħet.

Qomt niġri minn ġos-sodda
nirtogħod ħa naqa' fl-art
intbaħt li kien ħalliena
is-santa tiegħu ġbart.

Bdejt ngħajjat għall-għajnuna
mifxul, impressjonat
dar-raġel li tant bata
kemm miet irrassenjat.

Għalkemm ħafna imkemmxa
u f'biċċiet mitwija
fis-santa rajt lix-xbieha
ta' Santa Marija.

U fiha sibt dit-talba
għal min fejqan irid
jinbidel bħal dak l-ilma
u jsir l-aqwa inbid.

U l-pazjent li kien ħdejja
ma tantx damu jkeffnuh
ġabrulu kulma kellu
u ġol-friża ħaduh.

Għaddew il-ġranet tiegħi
u ħriġt jien mill-isptar
għidt 'l ommi u 'l missieri
b'dak kollu li kien sar.

Dis-sena qed infakkru
il-Ġublew tal-Ħniena
itlobha lil Marija
tressqek għall-indiema.

U meta l-ġarra tiegħek
timtela' b'dan l-inbid
Marija tkun wasslitek
biex teħles mill-irbit.

Int x'int u x'għamilt f'ħajtek
Alla jaħfer, jinsieh
bħal ibnu jħaddnek miegħu
kull vojt f'qalbek jimlieh.

Mel' approfitta ruħek
fil-ħajja qatt mhu tard
Marija l-pont li jgħaqqad
Kristu jfejjaq kull mard.

Il-gidma ħadtha b'grazzja
laqqgħatni ma' pazjent
bidlitli d-direzzjoni
illum aktar kuntent.

*8 ta' Diċembru 2015*
Festa Immakulata Kunċizzjoni
Bidu Sena Ġubilari tal-Ħniena



*Talent Imqabbi*

# Carl Matthew Camilleri

**Remenda Borg Grech, f'isem il-bord editorjali, tintervista lil Carl Matthew Camilleri, bandist tal-post li qed jagħmel suċċess fl-aspett mużikali.**

Lil Carl Matthew ilni nafu min mindu konna għadna zgħar nitgħallmu l-banda flimkien. Minn dejjem kien bandist li jipprometi, tfajjel pjuttost mistħi iżda zgur li ta kumpanija tajba u team player tajjeb ħafna. Illum il-ġurnata Carl Matthew huwa miżżeweġ lil Eleonor Cassar, kantanta stabilita fil-gżejjer Maltin. Il-familja tagħhom kompliet tissebaħ bit-twelid ta' Krista Maraya fis-7 ta' Lulju ta' din is-sena. Min qalbna nifirħu lil Carl Matthew u l'Eleanor għal dan il-wild ġdid.



*Carl u Eleonor waqt l-attivitajiet tal-Festa Titulari ta' Santa Marija*

Meta titkellem ma' Carl Matthew, ma jistgħax il-kliem ma jdurx fuq il-mużika. Carl jistqarr li l-istrumenti tal-perkussjoni jħallu effett fuq bosta nies u hekk jgħid li ġara fuqu. Kien jattendi l-lezzjonijiet il-każin regolarment; però, meta beda jdoqq it-tanbur tqanqal interess u nibtet fih kurżità li ma ħallietu qatt iħares lura, anzi dak l-interess għadu sal-lum jinkuraġġih biex ikompli jitgħallem affarijiet ġodda.

Carl Matthew ħareġ idoqq l-ewwel darba mal-banda Re Ġorġ V fis-sena 1994, jiġifieri ta' tlettax-il sena, u llum li għandu ħamsa u tletin sena jistqarr li din l-imħabba għadha b'saħħitha sew u jispera li tibqa' hekk għaż-żmien li ġej.

Carl Matthew jistqarr li mhux dejjem kien ikollu l-entużjażmu neċessarju biex imur għal-lezzjoni u biex jipprattika u jistudja d-dar. Fi kliem Carl, "Ta' tifel li kont għamilt żmien anki niskarta l-lezzjoni u minflok ngħaddi xi siegħa l-bandli l-Ħadd filgħodu! L- interess vera beda jiġi żvillupat meta s-Surmast Mro Anthony Camilleri saqsieni jekk ridtx nipprova ndoqq id-drums. Mid-dehra l-intuwizzjoni tiegħu kienet eżatta għax induna li t-teorija ma kinetx qiegħda tinżilli għasel dak iż-żmien. Nistqarr li min dik il-ġurnata sal-lum għadni dejjem nixtieq nitghallem iktar fuq l-istrumenti varji tal-perkussjoni u fuq il-mużika inġenerali."

Huwa kompla jistqarr li il-Banda Re Ġorġ V tatu l-pedament neċessarju biex ikun jista' jimraħ f`din l-arti. Biżżejjed ngħidu li l-fatt li kapaċi jaqra l-mużika huwa grazzi għat-tagħlim li rċieva mill-każin, li fetaħlu diversi bibien u opportunitajiet ta' kunċerti varji u laqqgħatu ma' bosta artisti bravi kemm Maltin u anki barranin.

Permezz ta' din l-ispazju, Carl wera x-xewqa li jirringrazzja lis-Surmast Camilleri u l-kumitat ta' dak iż-żmien li mhux biss indunaw bl-interess u l-potenzjal min-naħa tiegħu imma emmnu fih u għamluha possibbli li huwa jkompli jitħarreġ fuq l-istrument. Carl Matthew jkompli li "Dan apparti l-esperjenza sabiħa tal-1996, meta mal-banda kont tlajt l-Italja sentejn biss wara li ħriġt indoqq. Tajjeb ngħid li wara dik il mawra l-każin iddeċieda li jixtri d-drum kit u dik kienet ta' għajnuna kbira għalija bħala bandist."

Carl Matthew ikompli "Kif kien jgħid tajjeb il-mibki iżda żgur qatt minsi s-Sur Leonard Farrugia, il-banda għandha tkun is-sinsla tas-Soċejtà u għandha tkun mibnija madwar element Imqabbi. Naqbel bis-sħiħ ma' dan il-ħsieb u napprezza li grazzi għal nies bħal Nardu li is-Soċjetà tatni l-pedament u l-opportunitajiet biex illum nista nħares lura b`sodisfazzjon."

Huwa jkompli billi jitkellem fuq is-Surmast preżenti David Agius li kompla jemmen fih ukoll u grazzi għalih li beda jdoqq ma' diversi baned f'pajjiżna. Carl Matthew japprezza immens li bis-saħħa tas-Surmast Agius beda jsir jaf bosta mużiċisti u surmastrijiet ta' baned oħra li kellu x-xorti jaħdem magħhom u jieħu sehem f`diversi programmi strumentali, apparti li tela' kemm-il darba għal mawriet ta' baned Maltin barra minn xtutna. Grazzi għal dawn l-esperjenzi kien involut f'diversi brassbands u għadu sallum idoqq regolarment mal-Versatile Brass.

Carl Matthew jiftakar li "F'dawk iż-żminijiet ukoll kont parti minn Rock Band ma' ħbieb tiegħi tal-iskola sekondarja, li wkoll kienet importanti ħafna biex jien





*Carl Matthew waqt l-akkademja mużikali li ttelgħet fil-Knisja Parrokjali tal-Imqabba fl-okkażżjoni tal-175 mill-miġja tal-istatwa Titulari ta' Santa Marija*

nipprattika, nistudja u nieħu esperjenzi diversi fil-mużika. Għamilna żmien twil niltaqgħu kull ġimgħa d-dar tagħna u minn hawn grazzi kbira lil ommi u missieri tas-sapport u tal-paċenzja li kienu jieħdu bija."

Huwa jkompli li meta l każin kien xtara d-drum kit, kien s-Surmast Anthony Camilleri li kien xtralu l-ewwel ktieb komplut bil-cassette li għadu jgħożżu sallum. "Minn hemm bdejt nimraħ fuq dan l-istrument b'ritmi bażiċi li kienu importanti biex niżviluupa l-koordinament neċessarju. Bdejt nieħu wkoll lezzjonijiet privati għand Mr Benedict Galea li kienu siewja immens biex nibda nifhem it-teknika u ritmi aktar avvanzati" ikompli jgħid Carl Matthew.

Għoxrin sena ilu ma kienx hawn aċċess ghall-materjal online li hawn illum u beda jixtri kotba u materjal viżiv ieħor li għadu juza sallum għall-istudji tiegħu. Madanakollu llum issib kwantità ta' eżerċizzji, lezzjonijiet ma' mużiċisti barranin, kotba u materjal ieħor li joffru ħafna ideat fuq xiex ikompli jistudja. Stqarr li ikun jixtieq li kuljum nsib ftit ħin; però, dan mhux dejjem possibbli bl-impenji l-oħra tal-ħajja.

Carl Matthew jiftakar li "L-ewwel kunċert importanti tiegħi kien meta l-banda taghna daqqet gewwa s-sala Sir Temi Zammit fl-Università ta' Malta. Niftakar li dan kien l-ewwel kunċert tal Banda Re Ġorġ V taħt it-tmexxija tas-surmast attwali Mro David Agius. Min hawn nirringrazzjah għax għalkemm jien kont daqsxejn ta' tifel u qatt ma kont għadni daqqejt bid-drum kit quddiem udjenza, wera fiduċja fija u ħallieni ndoqq il-partijiet kollha. Ta' min jgħid li għal dan il-kunċert il-



***Photo: Lasma Vitolina Photography***

banda kienet sa żżanżan id-drum kit, li f'dak iż-żmien beda jigi introdott minn diversi baned Maltin, u allura l-banda kellha il-possibilità li teżegwixxi mużika aktar moderna min dik tradizzjonali u klassika. Niftakar li r-rogħda li kelli f'saqajja dakinhar kienet xi ħaġa li ma ninsa qatt!

Carl Matthew jispjega li kellu x-xorti li jaħdem ma' ħafna artisti u mużiċisti matul is-snin u jixtieq li jibqa' jkollu dawn l-opportunitajiet 'il quddiem. Fost dawk li ħallew marka mużikali fuqu, xtaq li jsemmi ftit esperjenzi għal qalbu:



***Photo: Mark Cassar Photography***

"Taħt id-direzzjoni ta' Kevin Abela li sirt nafu mill-banda San Mikiel f'Ħaż- Żabbar, u li nista' ngħid segwa l-mixja mużikali tiegħi kunċert wara ieħor, daqqejt sitt edizzjonijiet tal-kuncert *Movie Spectacular*. L-ewwel edizzjoni kienet mal-Pure Brass Quintet u l-edizzjonijiet suċċessivi mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta. Kienet esperjenza indeskrivibbli u intensa kull darba biex ittella' kuncert ta' livell għoli f'gimgħa biss ma' mużiċisti bravissimi li jfittxu l-perfezzjoni tal-ħoss fl-eżekuzzjonijiet tagħhom. Ma' Kevin Abela u diretturi oħra bħal Mro Paul Abela ħdimt ukoll f'diversi musicals u pantomimi.

Reuben Zahra huwa kompożitur bravissimu u mal-

grupp tiegħu Nafra daqqejt kem-il darba u anki tlajna diversi festivals barra minn Malta. Siltiet tradizzjonali Maltin b'arranġament originali kontemporanju jiffurmaw r-repertorju impenjattiv ta' dan il-grupp.

Kelli wkoll ix-xorti li naħdem mal-Animae Gospel Choir, partikolarment f'żewġ kunċerti kbar li tellgħu fl-2012 u fl-2015. Nista' ngħid li f'esperjenzi bħal dawn titgħallem ħafna meta taħdem ma' artisti professjonali li jaħdmu b'dedikazzjoni u determinazzjoni kbira.

Ma' Paul Borg, li huwa l-fundatur tal-brassband Versatile Brass, tgħallimt mhux ftit fil-muzika. Ma' din il-big band ilni ndoqq mill-2005, u grazzi għal din l-opportunità li bdejt nistudja u ndoqq strumenti tal-perkussjoni oħra apparti d-drum kit, kif ukoll strumenti elettroniċi. Dan għamilni mużiċist versatili u kompla jiftaħli bibien ġodda ma' bosta bands u proġetti oħra.



Wieħed mill-aħħar proġetti li ħdimt fih kien TACT fejn ma' Franco Tartaglia, kitarrist prolifiku, irrekordjajt album b'siltiet oriġinali fuq stil ċinematiku. F'dan l-album strumentali, *Brushworks*, użajt diversi strumenti tal-perkussjoni biex noħolqu r-ritmi u l-kuluri meħtieġa għal kull biċċa mużika. Għall-ewwel darba f'Malta meta ġie mniedi dan ix-xogħol kien preżentat fuq sistema ta' sound 5D li kompliet tagħti esperjenza unika lill-udjenza preżenti.

Carl jispjega s-sodisfazzjoni li jħoss meta jipparteċipa f'kunċerti bħal dawn. "Bla dubju ta' xejn il-mument kif jispiċċa xi kunċert impenjattiv tħoss it-tensjoni li jkollok tinbidel f'sodisfazzjon li kont parti minnu u li eżegwejt il-parti tiegħek tajjeb. Kunċerti tal-ogħla livell mal-Orkestra Filarmonika ta' Malta, ANIMAE Gospel Choir u Versatile Brass fost l-oħrajn bla dubju jħallu sodisfazzjon kbir anki minħabba l-fatt innifsu li tkun ħdimt ma' nies professjonali f'din l-industrja."

Huwa jżid: "Fl-industrija tad-divertiment, is-sodisfazzjon jiġi meta tara lin-nies jieħdu gost bil-mużika li tkun qed iddoqq. Hija xi ħaġa li lili personalment ittini aktar enerġija u grinta biex inkompli ndoqq u nimxi aktar 'il quddiem."

Meta mistoqsi fuq il-pjanijiet tiegħu għal futur huwa qal li: "Apparti li sempliciment nkompli ndoqq, nixtieq nkompli nimraħ fil-produzzjoni ta' muċika oriġinali fi ħdan diversi proġetti. Hemm ħafna fejn wieħed jista' jesperimenta f'din id-dinja tal-mużika bl-akbar xkiel ħafna drabi jkun il-ħin li għandu ħabta jkun limitat ħafna!

Fi tmiem tad-diskursata tagħna ma stajtx ma nsaqsix lil Carl sabiex jagħti l-messaġġ tiegħu. Huwa spjega li il-baned Maltin ilhom snin joffru dan is-servizz ta' tagħlim lis-soċjetà tagħna bla ħlas, però b'dedikazzjoni kbira. Tant hu hekk li mill-baned ħarġu ħafna mużiċisti bravi li saħansitra ħadu il-mużika bħala professjoni tagħhom. Huwa żid "Nissuġġerilhom li ż-żmien li jkollhom f'idejhom meta jkunu għadhom żgħar jużawh tajjeb għax aktar ma tikber aktar jibda jonqos il-ħin li tkun tista' tiddedika għal kwalunkwe delizzju jew passjoni. Ir-riżultati jiġu b'impenn u anki b'sagrifiċċju minn affarijiet oħra. Bħal kull ħaġa oħra fil-ħajja biex tieħu gost biha u tagħtik sodisfazzjon trid tkun qed tagħmilha għal qalbek u għalxejn aktar.

Filwaqt li nirringrazzaw lil Carl Matthew talli sab il-ħin sabiex nagħmlu din l-intervista, f'isem Soċjeta Santa Marija u Banda Re Ġorġ V nixtiequlu kull suċċess kemm fil-ħajja mużikali kif ukoll fil-ħajja tiegħu personali u nirringrazzjawh għas-snin twal ta' ħidma li ta' u għadu jgħati lill-Banda Re Ġorġ V.

*Il-Lingwa Maltija*

# Il-qaddisin tal-bandalora



**minn Rita Saliba**

Ħadd ma kien jagħrafhom lil Marija u lil Sunta meta kienu żgħar. Twieldu tewmin, waħda kwarta qabel l-oħra. Marija kienet tgħid li kienet hi li twieldet l-ewwel, filwaqt li Sunta kienet tmeriha u tgħidilha li ħadd ma seta' jgħid għax mindu twieldu kienu fula maqsuma.

Iż-żewġt ibniet kont tarahom dejjem flimkien, lebsin l-istess, b'xagħarhom miġbur f'żewġ malji u b'difrejhom imgerrmin qishom bil-pizzi. L-iskola ma kontx tissogra ddendel kusek ma' xi waħda minnhom għax la waħda u lanqas l-oħra qatt dehret waħedha. Jgħidu li kienu jinqalgħu għax-xogħol tal-idejn u għall-ħjata. Bosta nisa kienu jiġu minn barra r-raħal biex iġarrbu xi libsa. Iżda hekk kif kien jidħol is-sajf u toqrob il-festa tal-Għid tal-Assunta, kienu jwarrbu x-xogħol tan-nies u jmiddu għonqhom għax-xogħol tal-ħjata tal-bandieri u l-bandalori. Il-klijenti kien ikollhom jistennew sakemm tgħaddi l-festa biex iżanżnu l-libsa l-ġdida.

Sakemm kienu għadhom taħt l-istess saqaf, iż-żewġ tfajliet kienu qishom ħobża u sikkina. Iżda meta Pawlu mir-raħal t'isfel fettillu jitħajjar għal Marija, it-tewmin saru qishom kelb u qattus. Sunta erħilha tmeri kulma tgħid Marija u Marija tmaqdar kulma tagħmel oħtha. Wara xi sentejn anke Sunta sabet ġuvni bil-għaqal. Twanny kien minn tagħna u malajr inġieb ma' Pawlu ta' Marija. U ż-żewġ xebbiet reġgħu għamlu paċi. It-tewmin iżżewġu, kellhom żewġ pari oħra tewmin u għexu kuntenti f'familthom fir-raħal żgħir fejn trabbew, qalb it-tradizzjonijiet u d-drawwiet li tant kienu jgħożżu.

Imma x-xitan m'għandux ħalib u xorta jagħmel il-ġbejniet. Il-gwaj inqala' meta kienet qed toqrob il-festa ta' Santa Marija. Xi żgħażagħ mill-każin tal-banda marru jħabbtu għand Marija u talbuha biex tħitilhom bandalora. Riedu jżanżnu waħda għall-festa. Hemm bżonn iżejnu aktar mis-sena l-oħra, ikomplu juru ħilithom bħala l-aqwa fit-tiżjin. Offrewlha li tuża s-sala tas-Soċjetà biex tkun tista' toqgħod tħit hemmhekk mingħajr ma taqla' ħmieġ ġo darha. Marija ħassitha onorata ferm u ma qalitx le. Id-disinn sar minn pittur żagħżugħ li għad isir magħruf għat-talenti kbar li għandu. U hi kienet se tħit waħda mill-bandalori tal-festa, tagħti sehemha fit-twettiq ta' din il-biċċa xogħol tal-arti. Telqet kull biċċa xogħol minn idejha u ħarbet tiġri lejn is-sede tas-Soċjetà biex tmidd għonqha għax-xogħol. M'għandniex xi ngħidu, malli saret taf oħtha Sunta, telqet tiġri għal ħdejha. Qaltilha li hi l-festa kienet tħobbha daqsha jew aktar, u kien aħjar li ttiha daqqa t'id fit-tfassil għax kif jgħidu, qis mitt darba u aqta' darba.

Tassew li Sunta kienet tqis darba biss. Kienet tinqala' l-aktar biex tkejjel u tfassal. Iżda Marija qaltilha li l-bandalori m'għadhomx jitfasslu u jinħietu bħalma kienu jsiru dari. U li issa m'hemmx bżonnha. Xtaqet tħit il-bandalora mill-bidu sal-aħħar mingħajr ma jkollha lil oħtha ma' djulha. Iż-żewġ nisa reġgħu qabdu jilletikaw. Sunta tgħid lill-oħtha li jekk ma tħallix f'idejha, kienu se jgħajruhom bil-bandalori mxattrin u Marija tgħajjar lil Sunta li kienet mikula bil-għira għax ma kinux qalu lilha biex tħitha. Damu jilletikaw bla ma sar l-ebda tfassil u Joey tal-bottegin kellu jkeċċihom 'il barra biex ikun jista' jagħlaq. Iżda Marija kienet ftiehmet baxx baxx miegħu biex hekk kif twassal lil Sunta sa darha, tgħaddi s'għandu għaċ-ċwievet biex tibda taħdem bi kwietha fis-satra tal-lejl fuq il-bandalora. L-ingrandiment kien diġà mmarkat fuq id-drapp isfar li kellu jitqiegħed bil-galbu fuq id-drapp aħmar imfassal apposta. Bdiet tqiegħed id-drapp l-isfar fuq l-aħmar u qattgħet lejl ixxellel. Xħin kien qed jisbaħ, tfiet, sakkret, u marret trodd lura ċ-ċwievet. L-għada filgħaxija reġgħet għamlet l-istess. Ħalliet il-lejl jidħol, marret għand Joey għaċ-ċwievet u telgħet fis-sala forsi taħdem fuqha. B'għaġeb kbir tagħha, sabet it-tixlil kollu lest, inħiet id-drapp u sar l-isfrundar tad-drapp isfar. Il-biċċiet tad-drapp żejda maqtugħin kienu għadhom mal-art. Telgħetilha fawra. Dik il-mingħula t'oħtha ġiet tkompli minflokha, sfidatha! Telqet tiġri għal għand oħtha u mn'Alla kien hemm Twanny jipprova jikkalmahom għax kienu jiġu fl-idejn u jniżżlu isimhom fl-istorja tal-ikbar ġlieda li qatt ra dar-raħal bejn żewġ tewmin.

Pawlu ta' Marija ma damx ma ġie fuq il-post. L-aħbar li ż-żewġt aħwa kienu qed jitqatlu waslitlu l-garaxx fejn kien qed jaħdem. Twanny rnexxielu jikkalma s-sitwazzjoni. U wara li ħalla ż-żewġt aħwa jibku bikja u jgħajru lil xulxin, beda jgħid lil Marija li Sunta riedet tgħinha u ħadd ma kien se jinduna li l-bandalora ma

kinitx ħititha hi. Mur għidilhom li l-ġirien kollha kienu semgħu x'ġara! Pawlu kompla ma' Twanny u ċanfar lil Marija li kien messha tistħi taħseb ħażin f'oħtha. Ma riedx iħassar festa u s-soltu kien jixrob flixkun jew tnejn birra ma' Twanny hekk kif jibdew jgħinu fl-armar tat-toroq. Marija kienet isserraħ rasha tara 'l żewġha ħiereġ ma' Twanny. Ma kinitx toqgħod teqridlu biex jinġabar kmieni.

Il-paċi reġgħet saltnet bejn iż-żewġ familji. Il-pittura lesta tpoġġiet u ġiet inkullata fuq id-drapp l-aħmar fil-preżenza tat-tewmin. Id-drapp l-isfar ġie inkullat fuq il-pittura u wara li sar l-isfumar, Marija ħalliet lil Sunta tkompli tħit il-ġmiemen. Kif tlestiet il-bandalora kienet l-għaxqa tad-dilettanti tal-armar. Iż-żgħażagħ ħabrieka u akkaniti tellgħuha fit-toroq lesta għall-okkażjoni. Marija mliet żaqqha bil-kumplimenti sbieħ li qalgħet. Kemm faħħruha.

Kemm qalulha li kienet ħajjata kapaċi u kemm ġiet sabiħa l-bandalora bis-saħħa tagħha. Sunta wkoll kienet kuntenta għaliha u kultant bdiet titfa' botta li l-ġmiemen komplew qalgħuha lil din il-biċċa opra tal-arti. Iż-żewġt aħwa qattgħu l-festa sħiħa għaddejjin minn taħt il-bandalora, jistagħġbu bil-ħila tal-pittur żagħżugħ u kif ħadem f'armonija ma' kull pont ħjata. Il-pittura ta' Sant'Anna mal-Madonna fit-tfulija tagħha kienet kapolavur mill-aqwa.

F'xi ħin Sunta dehret imħassba.

"Marija... qed tara sew?" qalet Sunta lil oħtha hi u tifli l-bandalora, "donnu l-pittur pinġa wiċċi u għamlu wiċċ il-Madonna... u wiċċek għamlu ta' Sant'Anna!"

Marija xejn ma ħadet gost b'dal-kumment. Kif kellha l-wiċċ ixxebbahha max-xwejħa Sant'Anna din oħtha, Sunta. Tatha daqqa t'għajn kerha u dlonk irrispondietha, "u int fejn taf jekk għamilx wiċċek wiċċ Sant'Anna u wiċċi għamlux wiċċ il-Madonna?"

U mn'Alla reġa' kien Twanny li sikkithom għax kienu jagħmlu festa sħiħa jilletikaw u joffendu 'l xulxin bit-tikmix li ma jidhirx!

# Il-Ħmistax t'Awwissu

**Joseph Bonnici**

Fil-ħmistax t'Awwissu tasal il-festa,
dik li titfakkar 'l Assunta Marija;
din tidħol għal kulħadd dejjem tkun lesta,
għax mara ta' barka, b'ħafna mogħdrija.

B'fidi, ħafna nies, tama jaraw fiha,
għalhekk iċċelebrata f'Malta kollha;
fejn hawn ukoll, l-Imqabbin kburin biha;
u jagħtu qima lilha bl-akbar folla.

Kull sena, ħerqana, dawn ifaħħruha,
għax din hi patruna speċjali tagħhom;
għalhekk żgur jistennew biex ifakkruha,
meta jafu li fil-gwaj hemm tkun magħhom.

Din ħelset lil Malta minn kiefra gwerra,
u timla b'xita ta' grazzji li tferra'.

*05-05-2016*

# L-"Ave Marijiet" lill-Madonna



**Joe Chetcuti, Preżentatur tal-Programm "Marċi u Bandalori" fuq Radju 101 lokali jikteb dwar id-devozzjoni lejn Ommna Marija**

Din id-devozzjoni antika fil-Knisja Kattolika tista' tgħid li bdiet fil-Medju Evu u kienu bdewha l-Franġiskani. Sant'Antnin ta' Padova kien jirrakkomanda din il-prattika, infatti waħda Soru Benedittina, Santa Matilda (1241-1298) kellha rivelazzjoni privata mill-Verġni Marija fejn qaltilha li dawn it-tliet "Ave Marijiet" jonoraw lit-Tliet Persuni tat-Trinità Qaddisa. Il-Madonna qalet:

**"Lil dik ir-ruħ imbierka li tipprattika bil-qalb id-devozzjoni tat-tliet 'Ave Marijiet' jien inkun ħdejha u nimlieha bil-konsolazzjoni tas-Sema"**

"**L-ewwel 'Ave Marija'** tingħad ad unur ta' Alla l-Missier li tant għamel miegħi ħwejjeġ kbar. Tani s-setgħa fis-sema u fuq l-art. Fil-punt tal-mewt jien nuża din is-setgħa li tani Alla biex tirbaħ l-għedewwa ta' ruħek.

**It-tieni 'Ave Marija'** tingħad ad unur tal-Iben t'Alla u ibni mlieni bl-għerf tas-sema. Fil-punt tal-mewt jien nagħtik minn dan l-għerf li jneħħilek id-dubji, l-injoranza u l-erruri.

**It-tielet 'Ave Marija'** tkun ad unur ta' Alla Spirtu s-Santu li mlieli ruħi bil-ħlewwa, bil-ħniena u bl-imħabba. Waqt il-punt tal-mewt jien inbiddel l-imrar ta' min ikun se jħalli d-dinja bi ħlewwa u konsolazzjoni tas-Sema."

Santa Geltrude (1256-1301) wkoll kellha rivelazzjoni mill-Verġni Mbierka dwar it-tliet "Ave Marijiet". Qaltilha: "Lil dik ir-ruħ imbierka li tipprattika bil-qalb id-devozzjoni tat-tliet 'Ave Marijiet' jien inkun ħdejha u nimlieha bil-konsolazzjoni tas-Sema". Mela l-prattika tar-reċta tat-tliet "Ave Marijiet" tassigura s-salvazzjoni u hija sinjal ċar ta' predestinazzjoni.

Il-Qaddis San Leonardu ta' Port Mawrizju qal hekk: "Nirreċtaw it-tliet 'Ave Marijiet' kemm filgħodu kif ukoll filgħaxija. Filgħodu sabiex il-Madonna tagħtina grazzja li ma nagħmlux dnub matul il-jum u filgħaxija sabiex tagħtina l-grazzja li ma nidinbux matul il-lejl".

Qaddis ieħor li xerred bil-kbir ir-reċta tat-tliet "Ave Marijiet" kien San Alfonz Liguori, Duttur tal-Knisja li għex mill-1697 sal-1787. Huwa kien jgħid lill-ġenituri sabiex idarru lil uliedhom jgħidu tliet "Ave Marijiet" filgħodu u filgħaxija. Dan San Alfonz kien iħobb jgħid: "Devot fidil tal-Madonna ma jintilifx, isalva żgur". San Alfonz kien iħobb jagħti bħala penitenza lil dawk li kienu jmorru jqerru għandu r-reċta tat-tliet "Ave Marijiet" u anke jirrakkomanda li wieħed m'għandux iħalli barra tul il-bqija ta' ħajtu l-prattika tat-tliet "Ave Marijiet".

Il-Qaddisa li semmejna qabel Santa Geltrude tgħid li kellha rivelazzjoni mis-Sema waqt li kienet qed tkanta l-"Ave Marija" fl-għodwa tal-festa tal-Lunzjata. Hija qalet li kienet rat il-Missier forma ta' raġel avvanzat fl-età, rat l-Iben ta' Alla (raġel żagħżugħ) u l-Ispirtu s-Santu (taħt forma ta' ħamiema) u minn dawn il-persuni ħarġu tliet raġġi qawwijin ta' dawl u ppenetraw il-Qalb tal-Verġni Mbierka. Wara din il-penetrazzjoni, Santa Geltrude semgħet vuċi li qalet: "Wara l-Qawwa u l-Omnipotenza tal-Missier, l-Għerf tal-Iben ta' Alla u l-Ħniena tal-Ispirtu s-Santu, xejn ma jilħaq il-Qawwa, l-Għerf u l-Ħniena kbira tal-Verġni Marija".

Il-Papa Benedittu XV ried ukoll ikattar din id-devozzjoni fost l-Insara. Diġà kienet teżisti l-Konfraternità tat-tliet "Ave Marijiet", imma dan il-Papa għoġbu jgħolli l-Konfraternità u jagħmilha "Arċikonfraternità". Il-Papa Benedittu ta wkoll bosta indulġenzi prezzjużi lil din l-Arċikonfraternità u anke Papiet oħra li ġew wara Benedittu XV żiedu l-indulġenzi. Il-Papa Ljun XIII żied l-indulġenza ta' 200 jum kull darba li jingħadu t-tliet "Ave Marijiet" u 300 jum lil membri tal-Arċikonfraternità. Il-Papa Ljun X ta l-Benedizzjoni Appostolika tiegħu lil din l-Għaqda.

Mela la nafu li l-Madonna stess talbet il-prattika ta' din id-devozzjoni, l-ebda Nisrani konvint mir-reliġjon tiegħu kattolika m'għandu jonqos milli jgħid it-tliet "Ave Marijiet" għall-anqas darba kuljum, l-aħjar f'darbtejn, darba mal-qawmien u darba qabel l-irqad tal-lejl.

Id-devozzjoni tat-tliet "Ave Marijiet" ittaffi l-inkwiet kbir li ġġib magħha l-mewt. Anzi skont ir-rivelazzjoni lil Santa Matilda nsibu miktub hekk: "Filwaqt illi Matilda kienet qed titlob lill-Glorjuża Verġni Marija biex ikollha mewta tajba, il-Madonna dehritilha u qaltilha 'Ċertament ngħinek waqt il-mewt. Imma jien nixtieq illi inti ma tħallix barra t-tliet 'Ave Marijiet' kuljum".

Ejjew ilkoll kemm aħna nagħmlu fehma li

m'għandna nonqsu qatt u qatt u ngħidu tliet "Ave Marijiet". Jekk jista' jkun ngħiduhom darbtejn kuljum, filgħodu u filgħaxija, u taraw xi privileġġi kbar hemm marbuta ma' din id-devozzjoni.

*Il-Kumitat Eżekuttiv*
*fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*
*jifraħ lis-Sur Joe Chetcuti*
*f'għeluq il-15-il sena xandir tal-programm*
*"Marċi u Bandalori" fuq stazzjon tar-radju lokali*

# Lil Marija Assunta, Patruna tal-Imqabbin

Carmelo Caruana

Ma' dħul in-nies devoti jżuru t-tempju
B'dedika lil Assunta mit-twemmin
B'ħġarhom jidħlu jqimu f'jiem il-festa
Għax dawn bil-wisq devoti, Imqabbin.

Xamm ta' nċens ifuħ li jimla l-knisja.
Bil-wisq bukketti ta' fjuri qrib l-artal,
Mal-ġnub tal-vara sagra ta' Maria.
U fil-passaġġi jinfdu lejn l-idwar.

Mhux Imqabbin biss fil-misraħ tilmaħ
Jiġu wkoll turisti ta' kull żmien.
Għax f'din il-gżira ksibna din il-fama.
Sa nkomplu ngħożżu f'daqqa dan l-għarfien.

U bid-damask imżejjen f'kull faċċata
Ileqq fid-dwal u armat għall-okkażjoni,
Fis-satra għal funzjoni tal-fidili
Sa tintemm b'prima ħrara din l-orazzjoni.

Jibdew it-tridijiet bis-soltu prietka
B'diskors tal-widna, imqanqal u studjat
Għal dawk peżenti l-ippakkjaw il-maqdes.
Bil-grazzja u l-fidi illuminat.

Tinħass il-klima kwieta f'dan ir-raħal
F'dawn l-irħula spissi qrib xulxin.
F'jiem il-festa tagħna jiġġudikawna
Għax b'dan il-mod magħrufa, aħna Mqabbin.

F'serħan il-qalb mhux faċli tibqa' sikta
Bil-ħames posti rużarju ta' kull jum.
Xi wħud jimmeditaw wisq kurunelli
Bi ħġarhom joffru żvog ma' tmiem il-jum.

Fil-wiċċ li joktor dan joffri tbissima
Tintlemaħ ħienja u kibja f'wisq uċuħ.
Ferrex fuqna dik il-barka tiegħek.
Fi tlugħ fis-sema postok dritt merfugħ.

*Reliġjon*

# Il-qalb Marjana ta' San Ġwann Marija Vianney



**Patri Mario Attard OFM Cap jikteb dwar San Ġwann Marija Vianney u l-imħabba li kellu lejn Ommna Marija**

Min minna ma semax bil-magħruf Kurat ta' Ars? Jiġifieri l-qaddis Patrun tagħna s-saċerdoti, San Ġwann Marija Vianney, li twieled fit-8 ta' Mejju 1786 u miet fl-4 t'Awwissu 1859? Minħabba l-attwalità tiegħu ikun għaqli jekk naraw ftit l-imħabba kbira li dan il-qaddis kellu għal Ommna Marija.

"Il-Verġni Imbierka hija s-sentiment l-aktar qadim tiegħi. Tabilħaqq, ħabbejtha qabel sirt nafha"

Biżżejjed wieħed jagħti titwila lejn xi sentenzi sbieħ li ħarġu mill-qalb Marjana tiegħu. Fihom wieħed malajr jintebaħ bil-qalb taħraq u tbaqbaq li kellu tħabbat ġo fih għall-Verġni Imqaddsa Marija. Għal din l-għażiża Ommna San Ġwann Marija Vianney kien iħobb jgħid: "Li taqdi lis-Sultana tas-Sema tfisser li diġà qed issaltan hemm. U li tgħix taħt l-ordnijiet tagħhom huwa ħafna aktar milli li tmexxi". F'sentenza oħra San Ġwann jgħid: "Huwa biss wara l-Aħħar Ġudizzju li Marija tistrieħ. Minn issa sa dak iż-żmien għandha x'tagħmel ħafna ma' uliedha". Il-Kurat t'Ars għandu parir tassew ħelu għall-mara miżżewġa Nisranija. Isimgħu x'jgħidilhom lin-Nisa miżżewġin: "Mara Nisranija! Segwi l-passi tal-ideal tal-femminilità, il-Verġni Marija, fil-ferħ u fin-niket. Hi se tkun l-avvukata tiegħek quddiem it-tron ta' Binha". Mhux biss imma dan il-Kappillan qaddis, daqstant għatxan għas-salvazzjoni tal-erwieħ, wasal biex qal: "Ġesù Kristu, wara li tana dak kollu li seta' jagħtina, jiġifieri l-merti tat-tbatija u l-mewt ħarxa tiegħu; wara li tana l-ġisem u d-demm adorabbli tiegħu biex ikun l-ikel u x-xorb ta' ruħna, ried ukoll li jagħtina l-aktar ħaġa prezzjuża li kellu, li kienet il-qaddisa Ommu". U biex ikompli aktar iħeġġiġna għal Marija San Ġwann Vianney qalilna: "Meta jdejna jmissu l-ħxejjex aromatiċi huma jgħaddu l-fwieħa lil dak li jmissu. Ejjew nagħmlu talbna jgħaddi mill-idejn il-Verġni Imbierka. Hi se tfewwaħhom".

L-imħabba ta' San Ġwann Marija Vianney lejn Marija kienet imħabba friska u baqgħet dejjem żgħażugħa. Mhux l-ewwel darba li studjużi u ammiraturi ta' dan il-qaddis kbir ikkwotaw frażi li issawwar ix-xeħta bikrija ta' imħabbet il-Kurat lejn Ommna tas-Sema. "Il-Verġni Imbierka hija s-sentiment l-aktar qadim tiegħi. Tabilħaqq, ħabbejtha qabel sirt nafha". Anki jekk tfulitu qattagħha fil-qalba tat-tempesta revoluzzjonarja Franċiża dan bl-ebda mod ma fixkel jew dgħajjef it-tfulija mgħarrqa fil-fidi Nisranija li fiha l-Kurat ġie mrobbi. Il-Verġni Marija kellha post importanti u ċentrali f'ħajtu. Huma ħafna l-episodji minn ħajtu li juru kemm qalbu kienet misruqa minn imħabbtu lejn Marija. Għal ħajtu kollha l-Kurat t'Ars ikkultiva qima kbira lejn l-istatwi u l-istampi tal-Verġni Marija. Fin-nisġa tal-istorja ta' tfulitu jeżiżtu rappreżentazzjonijiet li tant kien iħobb. Huwa interessanti f'dan ir-rigward dak li kitbet, mingħajr xi pretensjoni letterarja, Katerina Lassagne, li kienet tassew spalla soda għall-ministeru pastorali tal-Kurat t'Ars. Lassagne tirrakkonta: "Meta kien imur fl-għelieqi biex jieħu ħsieb il-merħla ta' missieru kienet l-għaxqa tiegħu jifforma mit-tafal statwi żgħar tal-Verġni Marija u tal-qaddisin. Oħtu qaltli li kien għamel statwa tal-Verġni Imbierka li tant kemm kienet għoġbietu li nixxifha fil-forn u wara kien iħarisha b'imħabba kbira f'daru". It-twajba Katerina Lassagne qalet ukoll: "Aktar tard tawh statwa ċkejkna tal-Verġni Imbierka. Hu kien kuntent ħafna biha. Qatt ma ħallieha waħedha la bin-nhar u lanqas billejl."

Il-kittieba kollha ta' ħajtu baqgħu jikkonservaw dan l-episodju ħelu. Darba minnhom it-tifel Ġwann Vianney qala' statwa ġdida li kienet forsi isbaħ minn dik li kellu qabel. It-tifel kien jużaha b'mod li wieħed ma kienx jistenna. Minħabba li ried jieħu sehem fix-xogħol tal-għelieqi fil-kumpanija ta' ħuħ li kien akbar minnu Ġwann Vianney ma setgħax isib stimolu aktar aħjar biex iħeġġeġ il-ħerqa tiegħu għajr li jwaddab quddiemu x-xbieha tal-Verġni. Kien jiġborha u jwaddabha u jerġa' jwaddabha mill-ġdid waqt li kien jimxi lejha. B'hekk kien jitgħaxxaq fl-intimità ma' Marija. Dakinhar filgħaxija huwa qal lil ommu: "Ħa jkollkom fiduċja fil-Verġni Imbierka. Jiena sejjaħtilha l-jum kollu. Hija għenietni ħafna illum. Stajt insegwi lil ħija u ma jien għajjien xejn".

L-imħabba ta' Ġwann Marija lejn il-Madonna intweriet b'modi oħra wkoll. Ħabibu, Andrè Provins, ħafna żmien wara, seta' jirrapporta imħabbet l-Kurat ta' Ars lejn Marija fil-proċess tal-beatifikazzjoni tiegħu. "Meta kien jisma' is-siegħa tal-arloġġ parrokkjali iddoqq kien idawwar wiċċu lejn is-sema u kien

jitlob *Sliem għalik Marija*. Kien puntwali ħafna biex iħeġġiġna nitolbu l-*Angelus*".

Għalkemm dawn mhumiex biss ħlief dettalji tat-tfulija madankollu juru biċ-ċar l-imħabba kbira għal Marija li l-Kurat wera tul ħajtu kollha u li, b'diversi modi, ipprova jgħaddiha lill-parruċċani tiegħu. Fit-triq diffiċli li mexa fis-saċerdozju tiegħu San Ġwann Marija Vianney ġie mgħejjun mill-Verġni Imbierka. Biżżejjed insemmu l-episodju tal-ħarba tiegħu mill-kitba ta' bilfors fl-eżerċtu ta' Napuljun. F'din il-ġrajja ta' qsim il-qalb San Ġwann Vianney qatt ma seta' jsib il-paċi meħtieġa f'qalbu sakemm baqa' ingaġġat biex jieħu sehem fil-gwerra kontra Spanja. Il-ħsieb li b'hekk isir kompliċi mal-persekutur tal-Papa Piju VII, kompliċi mal-bniedem li kontrieħ kienet se tfaqqa' l-iskomunika, jiġifieri Napuljun Bonaparti, ma ħalliehx kwiet.

Kien għalhekk li Katerina Lassagne kitbet hekk dwar il-qaddis Kurat: "Din il-gwerra kienet tabilħaqq ġusta? Ma nafx. Smajtu jgħid li kien inkwetat ħafna l-għaliex ma kienx jaf kif kien se jġib ruħu". U waqt li kien f'dak l-istat fejn ma kienx jaf fejn se jaqbad jagħti rasu Ġwann Vianney inxteħet f'riġlejn il-Verġni Imbierka. Mela inxteħet għand ir-refuġju naturali tiegħu. Ħa l-kuruna f'idejh u talabha b'qalbu kollha u b'fiduċja liema bħalha". Lil Katerina Lassagne l-Kurat ta' Ars qalilha: "[Mingħajr dik il-kuruna] qatt ma stajt forsi ngħid iva b'daqshekk ħeġġa". Wara li ħalla t-triq ħejja ruħu biex qasam l-għalqa u wasal fil-bosk. Wara li sab lilu nnifsu għajjien ħalla l-ixkora u ntelaq f'idejn Alla l-Ħanin taħt il-ħarsien tal-Verġni Imbierka. It-talb tiegħu ġie mismugħ. Il-Provvidenza bagħtitlu raġel li ma kienx jafu minn dan Adam. Dan ir-raġel ħa t-toqol tiegħu u qallu: "Ejja miegħi". Kulħadd jaf kif issuktat l-istorja. Bħala seminarista fis-seminarju ta' Verrières Ġwann ma kienx magħruf għas-suċċessi akkademiċi brillanti tiegħu. Madankollu baqa' mfakkar għall-ħniena u, fuq kollox, għall-imħabba kbira tiegħu għall-Verġni Mbierka.

Katerina Lassagne tissokta tirrakkonta: "Iddikjara ruħu ilsir devot l-għaliex issieħeb mal-Jasar Qaddis ta' Marija. Kien wieħed mill-aktar seminaristi mħeġġa u fidili lejn Marija. Kien jilbes l-iskapular tar-Rużarju mqaddes u kien imkabbar li kien iġorr fuqu l-katina tal-Jasar Qaddis".

Dan il-povru seminarista, li laqqmuh bħala *debilissimus* u *debilior* fis-seminarju ta' Sant Irinew ta' Lyon, ma kellu lil ħadd biex jaqbeż għalih għajr difensur li kien għalkollox perseveranti fid-difiża tiegħu ta' Ġwann Vianney. Dan ma kien ħadd għajr l-imgħallem tiegħu, l-Abbati Balley, li kien ukoll il-kappillan ta' Ecully. Dan is-saċerdot tal-għaġeb kien awtorità fid-djoċeżi u daħal responsabbli hu għas-seminarista Vianney. Kien hu li seħħlu jikkonvinċi lill-Vigarju Ġenerali, M. Corion, permezz ta' din it-taħdita ċkejkna li għaddiet bejniethom. "Iż-żgħażugħ Vianney huwa spiritwali? Jaf jitlob sewwa r-rużarju? Iħobb lill-Verġni Marija? Hu mudell ta' qdusija?" Għal dawn il-mistoqsijiet minn Monsinjur Corion Balley wieġbu iva. "Tajjeb. Nilqgħu. Il-grazzja ta' Alla tagħmel il-bqija".

Meta ġiet ordnat saċerdot u wara bħala viċi kappillan f'Ecully, Ġwann Marija kien iqis lilu nnifsu, f'kull ċirkustanza, bħala l-maħbub imħeġġeġ bl-imħabba għal Marija. Ħafna qabel it-tħabbira tad-domma tat-Tnissil Mingħajr Tebgħa ta' Marija Ġwann Marija Vianney kien difensur prim u bi tħeġġiġ uniku għall-privileġġ li Marija Verġni ġiet imnissla mingħajr ħtija tad-dnub.

L-abbati Toccanier fakkru hekk lill-Kurat t'Ars: "Kien jikkopja talb f'ġieħ l-Immakulata Kunċizzjoni u kien iqassamhom fil-parroċċa." Minn naħa tiegħu Ġwann Marija Chanay ippreċiża hekk: "Flimkien ma' M.Balley Ġwanni Vianney kiteb ir-rużarju tal-Immakulata Kunċizzjoni li għadu jiġi mitlub filgħaxijiet f'Ars. Huwa innifsu, bil-għan li jikseb safa perfett tal-qalb, kien marbut ma' vot li kien imnebbaħ mill-imħabba Marjana tiegħu. Kien jitlob darba kuljum ir-*Reġina Caeli* u sitt darbiet kuljum it-talba: *Ikun imfaħħar it-twelid Mingħajr ħtija u l-aktar qaddis tal-Beata Verġni Marija, Omm Alla. Għal dejjem. Amen*."

Nagħmlu tajjeb jekk nisimgħu lil Ġwann Marija Vianney innifsu jfissrilna mħabbtu għal Marija Ommna f'din il-kitba li ġġib bħala titlu *Il-grazzji kollha qiegħdin f'idejn il-Verġni Imbierka*.

"Il-Verġni imbierka tiġi spiss mqabbla ma' omm. Fir-realtà hija tmur ħafna lil hinn mill-aqwa ommijiet. Fil-fatt, l-aqwa waħda mill-ommijiet, minn żmien għal żmien, tikkastiga lil binha li jagħtiha xi dispjaċir. U temmen li tagħmel l-aħjar ħaġa. Minflok il-Verġni Imbierka ma iġġibx ruħha b'dan il-mod. Hija tant twajba li dejjem titrattana b'imħabba.

Il-qalb tagħha ta' Omm hi biss imħabba u ħniena. Ix-xewqa waħdanija tagħha hija dik li tarana ferħanin. U biżżejjed li nirrikorru lejha biex inkunu mismugħa.

L-Iben għandu l-ġustizzja tiegħu. L-Omm m'għandhiex għajr l-imħabba tagħha. Il-Mulej ħabbna sal-punt li miet għalina. Madankollu, fil-Qalb tal-Mulej tagħna, issaltan il-ġustizzja. Din hija waħda mill-kwalitajiet ta' Alla. Fil-Qalb tal-Verġni Imbierka teżiżti biss il-ħniena ... Immaġinaw l-Iben, li hu lest biex jikkastiga l-midneb. Marija tmur biex tgħinu, iżżomm ix-xabla u titlob il-ħniena għall-midneb imsejken: 'Ommi,' jgħidilha l-Mulej tagħna, 'ma nista' nirrifjutalek xejn. Jekk l-infern ifettillu jindem int taqla' l-ħniena għalih'.

Il-Verġni Imbierka tagħmel il-parti ta' medjatriċi bejn Binha u aħna. Minkejja l-fatt li aħna midinbin hija mimlija ħniena u kompassjoni għalina. L-Iben li sewa tant dmugħ għall-omm mhuwiex forsi dak li qiegħed tant għal qalbha? Tabib fl-isptar m'għandux forsi attenzjoni akbar għall-morda l-aktar gravi?

Meta nitħaddtu dwar il-ħwejjeġ ta' din l-art, dwar il-kummerċ, il-politika ... ngħejjew malajr. Iżda meta nitħaddtu dwar il-Verġni Imbierka hemm, bħal dejjem, xi ħaġa ġdida. Il-qaddisin kollha kellhom imħabba kbira għall-Verġni Imbierka. L-ebda grazzja ma tiġi

mis-sema mingħajr ma tgħaddi minn idejha. Ma tidħol fl-ebda dar jekk qabel ma titkellimx mal-purtinar. Sewwa! Il-Verġni Imbierka hija l-purtinara tas-sema. Naħseb li fl-aħħar taż-żminijiet il-Verġni Imbierka tista' fl-aħħar nett, tgawdi ftit mistrieħ. Imma sakemm id-dinja tibqa' teżiżti kulħadd jiġbidha 'l hemm u 'l hawn... Il-Verġni Imbierka hija bħal omm li għandha bosta ulied. Hija kontinwament okkupata biex tmur għand dak u għand l-ieħor.

**Il-grazzji kollha qiegħdin f'idejn il-Verġni Imbierka**

Meta tkun tixtieq toffri xi ħaġa lil xi persuna importanti wieħed jippreżenta l-oġġett li l-persuna tkun tixtieq li jkollha. B'hekk din it-turija ta' rispett dik il-persuna se tapprezzaha ħafna aktar. L-istess mod iseħħ lit-talbiet tagħna. Meta jiġu ippreżentati lill-Verġni Imbierka għandhom valur għalkollox differenti. L-għaliex il-Verġni Imbierka hija l-unika ħlejqa li qatt ma offendiet lill-Mulej.

Meta jdejna ikunu missew il-pjanti aromatiċi huma jispiċċaw jimlew bil-fwieħa dak kollu li jmissu. Ejjew ngħaddu t-talb tagħna minn idejn il-Verġni Imbierka u hija tfewwaħhom".

Din hija l-persuna ħajja u tant għażiża, ħelwa u qaddisa ta' Marija għall-Kurat t'Ars, San Ġwann Marija Vianney. U din hija wkoll il-persuna wisq maħbuba ta' Marija mhux biss tagħna l-Maltin imma fuq kollox tagħna l-Imqabbin!

*Marija, fwieħa ta' Kristu Sultan, fewwaħli talbi bil-preżenza, bit-talb u bit-tħaddina tiegħek minn qalbek ma' qalbek. Amen!*



*San Ġwann Marija Vianney.*

# Napprezzaw l-istorja

**Giovanni Farrugia jikteb dwar l-iżvilupp tal-mediċina u kif il-metodi tal-lum setgħu jagħmlu verament differenza fil-passat, f'diversi ċirkustanzi. L-istorja tkun apprezzata ħafna, meta fiha ndaħħlu ċertu studji tal-mediċina.**

Ħalli nispjegaw fil-qosor kif meta nkunu qed nistudjaw paragrafu storiku, niflu ftit u naraw jekk tidħolx fih xi kwalità ta' intervent mediku li fil-preżent nirreferu għalih bħala *Medical Study*.

Nieħdu bħala eżempju meta waqgħet il-koppla tal-knisja fl-1942 bil-bombi tal-Ġermaniżi. Xena li jiena rajt mill-bidu sal-aħħar. Waħda mill-bombi kienet ġiet fil-pjazza u fi Triq id-Duluri, ftit passi 'l bogħod. Din il-bomba ħalliet anzjana, kważi mejta, bil-qawwa tal-blast. Ġrejna lejn ix-xena, sibna l-bieba maqlugħa, barra minn postha u lil Katarin sibnieha bit-trajbu tal-bizzilla nifisha maqtugħ. Marru għat-tabib Muscat però sakemm ġie laħqet mietet. Kieku din l-istorja kienet tiġri llum, li għandna apparat mediku apposta li jerġa' jgħin fil-kontroll tan-nifs filwaqt li tiġi kkalmata l-pazjenta, kieku… tgħid… konnha nsalvawha.



Bini mġarraf fil-Gwerra fil-Pjazza tal-Imqabba.

Ġibt hawnhekk eżempju żgħir, biex infisser x'tagħlima nistgħu nieħdu mill-paragrafi storiċi li nkunu qed naqraw jew se niktbu. U kieku konnha aħna dak il-ħin hemmhekk, x'għajnuna medika stajna nagħtuha. Għal din ir-raġuni li wieħed tajjeb jistudja ċerti interventi mediċi li jistgħu jingħataw meta jiltaqa' magħhom. Għax kif jgħid il-proverbju Ingliż "History repeats itself".

Meta wieħed jaqra xi paragrafu storiku u li minn daqqiet fih jissemmew personaġġi f'mumenti mhux daqshekk pjaċevoli, u naħsbu, għax hekk fiha l-istorja, u ma nqisux li minn daqqiet jiġri li l-eredi tal-ġenerazzjoni preżenti tiġi urtata. U hekk nagħmlu d-deni flok il-ġid. Għalhekk hu tajjeb li bi ftit attenzjoni niktbu l-istorja ta' pajjiżna, storja rikka u b'ħafna tagħlim, biex wieħed jevita l-iżbalji tal-passat, kemm min-naħa tal-amministrazzjoni u kemm min-naħa tal-partiti, hi x'inhi l-kawża ta' xi problema, biex nagħmlu l-ġid lill-poplu tagħna. Għax biżżejjed qed ngħixu f'inkwiet li qed toffri l-ħajja mgħaġġla, mela ejja nħallu l-iskeletri tal-għeżież tagħna ċ-ċimiterju bl-istejjer li jġibu magħhom.

Il-prudenza u l-etika huma sbieħ. Però l-imħabba u s-serenità ta' bejnietna huma ferm aqwa minnhom għax iġibu l-għaqda u l-paċi bejnietna.

# Xogħlijiet li saru fil-Knisja Parrokkjali tal-Imqabba wara t-Tieni Gwerra Dinjija

Mario Fenech



Kienu bosta dawk il-knejjes tagħna li ġarrbu ħsarat kbar bil-bombi tal-għadu waqt li kienet għaddejja t-Tieni Gwerra Dinjija. Intilfu bosta xogħlijiet ta' artisti kbar filwaqt li oħrajn kellhom jiġu restawrati mill-ħsarat li kellhom.

Meta ntlaqtet il-knisja Parrokkjali tal-Imqabba ġġarraf il-kappellun tal-Kurċifiss u miegħu niżlet ukoll il-koppla.

Wara li ntemmet it-Tieni Gwerra ġie mibdi x-xogħol tat-tiswija tal-ħsarat li kellha l-knisja. Hekk kif tlesta x-xogħol tal-bini mil-ġdid tal-parti tal-Knisja Parrokkjali nhar il-Ħamis, 9 ta' April 1942, beda x-xogħol biex dawk l-opri li kienu ntilfu għalkollox isiru mill-ġdid.

Il-Knisja nfetħet mill-ġdid fis-7 ta' April 1947 u f'perjodu ta' ftit snin saru dawk l-opri li kien hemm bżonn li jsiru biex il-knisja Parrokkjali tingħata lura dik id-dinjità li tixirqilha.

L-artist Aldo Micallef Grimaud pinġa mill-ġdid tlieta mil-Lunetti ta' taħt il-koppla peress li dawk li kien hemm qabel tal-artist Filippo Venuti kienu ntilfu bil-gwerra. Dawn huma San Mattew, San Mark u San Gwann. Dik ta' San Luqa li għamel l-artist Venuti fis-sena 1905 ma ntilfitx meta waqgħet il-koppla.

Fil-kappellun tal-Kurċifiss li wkoll kien iġġarraf bil-bombi tal-għadu meta tlesta mil-bini beda jiġi dekorat mill-ġdid. Il-kwadru ta' fuq tal-artal sar mill-artist Envin Cremona, filwaqt li dak fuq l-artal tal-Immakulata Kunċizzjoni sar mill-artist Taljan Cleto Luzzi.



*Il-Knisja mġarrfa bl-attakki tad-9 ta' April 1942*



*Artal armat għall-festa ta' San Innoċenzju*

Kwadru Importanti f’dan il-kappellun huwa dak li hemm fuq il-kwadru tal-artal tal-Kurċifiss. Dan sar mill-artist Rafel Bonnici Cali u jfakkar li kien hemm knisja ddedikata lit-tħabbira tal-Anġlu lil Marija fir-raħal li kienet għadha wieqfa sas-sena 1575. Dan l-artist pinġa wkoll meta ntlaqtet il-knisja bil-bombi.

Kien hemm numru kbir ta’ Opri Sagri oħrajn li kellhom isiru mill-ġdid għaliex li kien hemm qabel intilfu għalkollox. Fost dawn kien hemm il-korp Sant ta’ San Innoċenzju Martri li sa qabel il-gwerra kienet issirlu Festa kbira tant li kien jintrama fuq l-artal maġġur. Baqa minnu biss xi fdalijiet. Fortunatament l-Istatwa Titulari ta’ Santa Marija għadha titgawda għalkemm fuq il-pedestall tagħha hemm parti żgħira li għada sal-lum xhieda ta’ dak li seħħ fir-raħal tal-Imqabba matul it-Tieni Gwerra Dinjija.

Il-Festa t-tajba lil kulħadd.



*Il-Knisja minn ġewwa*

## Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tħeġġeġ lill-partitarji kollha jieħdu sehem fil-marċi tal-festa, filwaqt li jobdu l-istruzzjonijiet mogħtija lilhom mill-membri tal-kumitat

# Rendikont tal-Festa ta' Santa Marija 2015



## Dħul

| | |
|---|---|
| Envelopes u donazzjonijiet* | €3,592.00 |
| Kaxxa quddiem il-vara | €192.91 |
| Ħruġ vara min-niċċa | €772.00 |
| Ġabra Ħadd qabel il-festa | €520.00 |
| Ġabra 15 ta' Awwissu | €989.50 |
| Dħul vara fil-knisja | €549.00 |
| Donazzjoni għall-fjuri | €100.00 |
| **Total** | **€6,715.41** |

* fost dawn kien hemm:

Donazzjoni ta' €500

Donazzjoni ta' €200

2 Donazzjonijiet ta' €100

2 Donazzjonijiet ta' €70

## Ħruġ

| | |
|---|---|
| Orkestra | €2,200.00 |
| Fjuri | €160.00 |
| Daqq ta' qniepen | €350.00 |
| Servizzi saċerdoti | €515.00 |
| Kappisti | €150.00 |
| Dawl tal-koppla | €962.00 |
| Dawl tal-faċċata | €1,400.00 |
| Abbatini | €60.00 |
| Żbilanċ mis-sena 2014 | €260.00 |
| **Total** | **€ 6,057.00** |

| | |
|---|---|
| **Bilanċ** | € 658.41 |

# Min irreklama f'din il-pubblikazzjoni




3M Take Away ............................34
4MJ Autoparts ............................128
ATCS ............................ inside front
A. Ferriggi
Importers & Distributors ............30
A&A Stone & Interiors ................22
Aida Hall ......................................95
Albert Abela Woodworks ............174
Albion Vrt Station .......................142
Alessio's Old Cottage .................190
All N' 1 ........................................170
Andre Vassallo Ltd .......................20
ArtiĠenjali… ta' Skutu ................60
AtoZ Electronics ..........................34
Attard Bros ..................................150
B&G Hardware Store .................136
Beauty Lab ...................................44
Bibas ..........................................140
Bimbi Baby Shop ..........................70
Blue Creek Restaurant ...............146
BOV ............................................56
Brian & James Green ...................86
Briffa Landscaping .......................28
Browns .........................................40
C&G Hardware Store ...................20
Callus Garden Centre .................134
Carabott Jewellers ........................94
Cassar Florist ...............................82
Charlie It-Tirxa ..........................166
Cheyenne
Auto Mechanic Garage ............174
CME Finishes .............................134
Coca Cola ...................................102
Coleiro Fish Shop .......................128
Computer Bargains ....................162
Ctronics ......................................148
D. Spiral .....................................124
Daily Needs ..................................18
David's Bakery .............................98
Dee's Pizzeria & Takeaway ........196
Demsweet Garage ........................44
DES ............................................180
Di Rocco Trading Limited ............12
Dolceria Croce Bonaci .................42
E. Theuma & Company Ltd ........156
Easygas Malta Ltd .......................200
Ecabs ..........................................144
Eighty Eight Automotive .............90
El Patron ....................................118
Elbros ...........................................14
Elmo Insurance ..........................141
Fajsu ..........................................206
Fantasy Flowers ...........................31
Farell Ironmongery .......................12
FGP Ltd ......................................166
Firetech ......................................152
Frame Maker ..............................212
Fresh & Clean ..............................86
G. Camilleri Petrol Station ..........106
Garby and Tidy ..........................102
Gasan Mamo Insurance ................46
Gold Lady Jewellery .....................26
Golden Point Discount Store ........54
Horace Enterprises Ltd ..............155
iShine .........................................176
Ivan's Garage .............................148
J. Cutajar ......................................28
Jade Jewellers ...............................40
Jerry's Silencer Repairs ..................6
JMA Aluminium Works ................66
John's Butcher ............................106
Jolly .............................................22
Joseph &
Julian Farrugia (Tal-Bazzi) ......156
Julio & Charlie Sacco ................154
Kristianne Stationery ....................10
La Principessa
Dolceria/Pastizzeria ................212
Lezzjonijiet tal-ECDL u Computer
Studies (O Level) .......................47
Lilian Camilleri ............................28
Lorraine Zammit ..........................30
Lorraine's Beauty Clinic ...............96
LUX Nails ..................................132
Magri Butcher Shop ......................88
Mallia Petrol Station Ltd ...............84
Mario Calleja ...............................60
Mark Portelli (Avukat) ..................26
Mathematics Private Tuition .........92
Maypole .....................................120
Mażini
Autoparts & Accessories ..........170
McSims ......................................114
Metalco Ltd ................................144
Michael Bezzina .........................154
Mifsud Lifting Services .............136
Mobiltech VRT Station .................92
Movie Land ................................173
Nenu The Artisan Baker .............120
Nick's Agriculture ........................70
Nimrod Garage ...........................132
Patrick Cellars Ltd ........................80
Pet Care .....................................106
Pineapple ...................................104
Piscopo .........................................78
Polidano Group ............................32
Portelli & Brincat .........................56
Reborn Bar .................................124
Remissa Sports Bar ....................140
Reno Farrugia Funeral Service ...194
Roderick Cachia ...........................64
Ruben's Garage ............................94
Saviour Camilleri .........................78
Scicluna Florist Garden Centre ...224
Seabreeze Hotel ...........................84
Shoe Lane ....................................96
ShoeShine Footwear ...................176
Sierra Stationery & Book Shop ...116
Silvio's .......................................194
Simon Zammit ...........................102
Skip Hire ...................................158
St Peter's Ironmongery .................18
St. Paul's Dental Clinic .................66
Stefan Zrinzo Azzopardi ..............48
Step In .......................................118
Super S Ironmongery ...................96
Ta' Balal
Petrol Service Station .............132
Ta' Frida Pet & Garden ..................8
Ta' Rita Lapsi View Bar &
Restaurant ...............................224
Ta' Victor Restaurant ....................88
Tahabel Ltd ................................206
Take Off .......................................30
Tar-Robba Recycling Centre Ltd ....4
Teddies Childcare Centre ...........128
The Convenience Shop ................24
The Core Beauty Clinic ..............158
The Fruit Shop ...............................6
The Healthy Pantry Food Shop .....90
Toni Bezzina ................................54
Tower Ironmongery .....................94
Trocadero Pastizzeria &
Confectionery ..........................212
Unistyler Hair Salon .....................78
Venmar Limited .........................162
Vierge Hair Salon .......................154
Viper Garage ..............................190
Viri's Take Away ..........................64
Visage Sound Limited ..................24
Xelini Crane and Skip Hire .........195
Xuereb
Installations Ltd .......... inside back
Zahra Construction Blocks ...........87



*Il-Vara Titulari ta' Santa Marija terġa' lura fl-Imqabba wara restawr li sarilha fl-1966.*

SUPPLY
& INSTALLATION
OF ALL KINDS OF
SOFFITS
& GYPSUM BOARDS



# Mineral Fibre Soffits



Demountable
Partitions



Bulkheads
and all kind of ceilings

Gypsum
Partitions



Xuereb Installations Ltd.

Tal-Hlas Road, Qormi
T: 21 495 799 - 21 495 972 - 21 495 836 - 21 495 792 - F: 21 495 834
E-mail: xil@xuerebinstall.com Website: www.xuerebinstall.com

Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
Palazz Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba
www.santamarija.com santamarija @santamarija